Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►C1 REGOLAMENT (KE) Nru 1907/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 2006

dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE) ◄

(ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1354/2007 tal-15 ta' Novembru 2007	L 304	1	22.11.2007
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 987/2008 tat-8 ta' Ottubru 2008	L 268	14	9.10.2008
►M3	Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 16 ta' Diċembru 2008	L 353	1	31.12.2008
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 134/2009 tas-16 ta' Frar 2009	L 46	3	17.2.2009
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 552/2009 tat-22 ta' Ġunju 2009	L 164	7	26.6.2009
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 276/2010 tal-31 ta' Marzu 2010	L 86	7	1.4.2010
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 453/2010 tal-20 ta' Mejju 2010	L 133	1	31.5.2010
►M8	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 143/2011 tas-17 ta' Frar 2011	L 44	2	18.2.2011
►M9	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 207/2011 tat-2 ta' Marzu 2011	L 58	27	3.3.2011
►M10	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 252/2011 tal-15 ta' Marzu 2011	L 69	3	16.3.2011
►M11	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 253/2011 tal-15 ta' Marzu 2011	L 69	7	16.3.2011
►M12	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 366/2011 tal-14 ta' April 2011	L 101	12	15.4.2011
►M13	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 494/2011 tal-20 ta' Mejju 2011	L 134	2	21.5.2011
►M14	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 109/2012 tad-9 ta' Frar 2012	L 37	1	10.2.2012
►M15	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 125/2012 tal-14 ta' Frar 2012	L 41	1	15.2.2012
►M16	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 412/2012 tal-15 ta' Mejju 2012	L 128	1	16.5.2012
►M17	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 835/2012 tat-18 ta' Settembru 2012	L 252	1	19.9.2012
►M18	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 836/2012 tat-18 ta' Settembru 2012	L 252	4	19.9.2012
►M19	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 847/2012 tad-19 ta' Settembru 2012	L 253	1	20.9.2012
►M20	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 848/2012 tad-19 ta' Settembru 2012	L 253	5	20.9.2012
►M21	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 126/2013 tat-13 ta' Frar 2013	L 43	24	14.2.2013
►M22	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 348/2013 tas-17 ta' April 2013	L 108	1	18.4.2013

►**M23**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
►**M24**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013	L 328	69	7.12.2013
►**M25**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 301/2014 tal-25 ta' Marzu 2014	L 90	1	26.3.2014
►**M26**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2014 tas-27 ta' Marzu 2014	L 93	24	28.3.2014
►**M27**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 474/2014 tat-8 ta' Mejju 2014	L 136	19	9.5.2014
►**M28**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 895/2014 tal-14 ta' Awwissu 2014	L 244	6	19.8.2014
►**M29**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/282 tal-20 ta' Frar 2015	L 50	1	21.2.2015
►**M30**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/326 tat-2 ta' Marzu 2015	L 58	43	3.3.2015
►**M31**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/628 tat-22 ta' April 2015	L 104	2	23.4.2015
►**M32**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830 tat-28 ta' Mejju 2015	L 132	8	29.5.2015
►**M33**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1494 tal-4 ta' Settembru 2015	L 233	2	5.9.2015
►**M34**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/26 tat-13 ta' Jannar 2016	L 9	1	14.1.2016
►**M35**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/217 tas-16 ta' Frar 2016	L 40	5	17.2.2016
►**M36**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/863 tal-31 ta' Mejju 2016	L 144	27	1.6.2016
►**M37**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1005 tat-22 ta' Ġunju 2016	L 165	4	23.6.2016
►**M38**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1017 tat-23 ta' Ġunju 2016	L 166	1	24.6.2016
►**M39**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1688 tal-20 ta' Settembru 2016	L 255	14	21.9.2016
►**M40**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2235 tat-12 ta' Diċembru 2016	L 337	3	13.12.2016
►**M41**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/227 tad-9 ta' Frar 2017	L 35	6	10.2.2017
►**M42**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/706 tad-19 ta' April 2017	L 104	8	20.4.2017
►**M43**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/999 tat-13 ta' Ġunju 2017	L 150	7	14.6.2017
►**M44**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1000 tat-13 ta' Ġunju 2017	L 150	14	14.6.2017
►**M45**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1510 tat-30 ta' Awwissu 2017	L 224	110	31.8.2017
►**M46**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/35 tal-10 ta' Jannar 2018	L 6	45	11.1.2018
►**M47**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/588 tat-18 ta' April 2018	L 99	3	19.4.2018
►**M48**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/589 tat-18 ta' April 2018	L 99	7	19.4.2018
►**M49**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/675 tat-2 ta' Mejju 2018	L 114	4	4.5.2018
►**M50**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1513 tal-10 ta' Ottubru 2018	L 256	1	12.10.2018
►**M51**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1881 tat-3 ta' Diċembru 2018	L 308	1	4.12.2018
►**M52**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/2005 tas-17 ta' Diċembru 2018	L 322	14	18.12.2018
►**M53**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/957 tal-11 ta' Ġunju 2019	L 154	37	12.6.2019
►**M54**	Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019	L 186	1	11.7.2019
►**M55**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1691 tad-9 ta' Ottubru 2019	L 259	9	10.10.2019
►**M56**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/171 tas-6 ta' Frar 2020	L 35	1	7.2.2020
►**M57**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/507 tas-7 ta' April 2020	L 110	1	8.4.2020
►**M58**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/878 tat-18 ta' Ġunju 2020	L 203	28	26.6.2020
►**M59**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/1149 tat-3 ta' Awwissu 2020	L 252	24	4.8.2020
►**M60**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2081 tal-14 ta' Diċembru 2020	L 423	6	15.12.2020
►**M61**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2096 tal-15 ta' Diċembru 2020	L 425	3	16.12.2020
►**M62**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/2160 tat-18 ta' Diċembru 2020	L 431	38	21.12.2020

►**M63**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/57 tal-25 ta' Jannar 2021	L 24	19	26.1.2021
►**M64**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/979 tas-17 ta' Ġunju 2021	L 216	121	18.6.2021
►**M65**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1199 tal-20 ta' Lulju 2021	L 259	1	21.7.2021
►**M66**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1297 tal-4 ta' Awwissu 2021	L 282	29	5.8.2021
►**M67**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/2030 tad-19 ta' Novembru 2021	L 415	16	22.11.2021
►**M68**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/2045 tat-23 ta' Novembru 2021	L 418	6	24.11.2021

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 136, 29.5.2007, p. 3 (1907/2006)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 141, 31.5.2008, p. 22 (1907/2006)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 36, 5.2.2009, p. 84 (1907/2006)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 49, 24.2.2011, p. 52 (143/2011)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 136, 24.5.2011, p. 105 (494/2011)
►**C6** Emendi, Ġ.U. L 331, 18.11.2014, p. 41 (552/2009)
►**C7** Emendi, Ġ.U. L 102, 23.4.2018, p. 99 (2018/589)
►**C8** Emendi, Ġ.U. L 249, 4.10.2018, p. 18 (2017/227)
►**C9** Emendi, Ġ.U. L 141, 5.5.2020, p. 37 (2020/171)

▼B
▼C1

REGOLAMENT (KE) Nru 1907/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 2006

dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

WERREJ

TITOLU 1	KWISTJONIJIET ĠENERALI
Kapitolu 1	Għan, kamp ta' applikazzjoni u applikazzjoni
Kapitolu 2	Definizzjonijiet u dispożizzjoni ġenerali
TITOLU II	REĠISTRAZZJONI TA' SUSTANZI
Kapitolu 1	Obbligu ġenerali tar-reġistrazzjoni u rekwiżiti ta' l-informazzjoni
Kapitolu 2	Sustanzi meqjusa bħala reġistrati
Kapitolu 3	L-obbligu tar-reġistrazzjoni, u r-rekwiżiti ta' l-informazzjoni għal ċerti tipi ta' sustanzi intermedji
Kapitolu 4	Dispożizzjonijiet komuni għar-reġistrazzjonijiet kollha
Kapitolu 5	Dispożizzjonijiet transizzjonali applikabbli għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali u għal sustanzi notifikati
TITOLU III	Il-KONDIVIŻJONI TA' DATA U L-EVITAR TA' TTESTJAR BLA BŻONN
Kapitolu 1	Objettivi u regoli ġenerali
Kapitolu 2	Regoli għal sustanzi li ma jkunux ta' introduzzjoni gradwali u għal reġistranti ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li ma rreġistrawx minn qabel
Kapitolu 3	Regoli għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali
TITOLU IV	INFORMAZZJONI FIL-KATINA TAL-PROVVISTA
TITOLU V	UTENTI DOWNSTREAM
TITOLU VI	VALUTAZZJONI
Kapitolu 1	Valutazzjoni tad-dossier
Kapitolu 2	Valutazzjoni tas-sustanza
Kapitolu 3	Valutazzjoni ta' sustanzi intermedji
Kapitolu 4	Dispożizzjonijiet komuni

▼C1

TITOLU VII	AWTORIZZAZZJONI
Kapitolu 1	Ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni
Kapitolu 2	L-għoti ta' awtorizzazzjonijiet
Kapitolu 3	Awtorizzazzjonijiet fil-katina tal-provvista
TITOLU VIII	RESTRIZZJONIJIET TAL-MANIFATTURA, TAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TA' L-UŻU TA' ĊERTI SUSTANZI U ►M3 TAĦLITIET ◄ PERIKOLUŻI
Kapitolu 1	Kwistjonijiet ġenerali
Kapitolu 2	Il-proċess tar-restrizzjonijiet
TITOLI IX	ĦLASIJIET U SPEJJEŻ
TITOLU X	L-Aġenzija
TITOLU XII	INFORMAZZJONI
TITOLU XIII	AWTORITAJIET KOMPETENTI
TITOLU XIV	INFURZAR
TITOLU XV	DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI U FINALI
ANNESS I	**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-VALUTAZZJONI TA' SUSTANZI U GĦALL-PREPARAZZJONI TA' RAPPORTI DWAR IS-SIGURTÀ KIMIKA**
ANNESS II	**REKWIŻITI GĦAT-TFASSIL TAL-ISKEDI TAD-DEJTA DWAR IS-SIKUREZZA**
ANNESS III	**KRITERJI GĦAL SUSTANZI REĠISTRATI FI KWANTITAJIET BEJN 1 U 10 TUNNELLATI METRIĊI**
ANNESS IV	**EŻENZJONIJIET MILL-OBBLIGU TA' REĠISTRAZZJONI SKOND L-ARTIKOLU 2(7)(a)**
ANNESS V	**EŻENZJONIJIET MILL-OBBLIGU TA' REĠISTRAZZJONI SKOND L-ARTIKOLU 2(7)(b)**
ANNESS VI	**REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10**
ANNESS VII	**REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' TUNNELLATA METRIKA JEW AKTAR**
ANNESS VIII	**REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD ADDIZZJONALI GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' 10 TUNNELLATI METRIĊI JEW AKTAR**

▼C1

ANNESS IX **REKWIŻITI ADDIZZJONALI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' 100 TUNNELLATA METRIKA JEW AKTAR**

ANNESS X **REKWIŻITI ADDIZZJONALI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' 1 000 TUNNELLATA METRIKA JEW AKTAR**

ANNESS XI **REGOLI ĠENERALI GĦALL-ADATTAMENT TAR-REĠIM TA' TTESTJAR STANDARD PREVIST FL-ANNESSI VII SA X**

ANNESS XII **DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI GĦAL UTENTI "DOWNSTREAM" GĦALL-VALUTAZZJONI TA' SUSTANZI U GĦALL-PREPARAZZJONI TA' RAPPORTI TA' SIGURTÀ KIMIKA**

ANNESS XIII **KRITERJI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TA' SUSTANZI PERSISTENTI, BIJOAKKUMULATTIVI U TOSSIĊI, U SUSTANZI PERSISTENTI ĦAFNA U BIJOAKKUMULATTIVI ĦAFNA**

ANNESS XIV **LISTA TA' SUSTANZI SUĠĠETTI GĦAL AWTORIZZ-AZZJONI**

ANNESS XV **DOSSIERS**

ANNESS XVI **ANALIŻI SOĊJO-EKONOMIKA**

ANNESS XVII **RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-MANIFATTURA, IT-TQEGĦID FIS-SUQ U L-UŻU TA' ĊERTI SUSTANZI, TAĦLITIET U OĠĠETTI PERIKOLUŻI**

▼C1

TITOLU I

KWISTJONIJIET ĠENERALI

KAPITOLU 1

Għan, kamp ta' applikazzjoni u applikazzjoni

Artikolu 1

Għan u Kamp ta' Applikazzjoni

1. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent, inkluża l-promozzjoni ta' metodi alternattivi għall-istima ta' perikli ta' sustanzi, kif ukoll il-moviment liberu tas-sustanzi fis-suq intern filwaqt li tittejjeb il-kompetittività u l-innovazzjoni.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar sustanzi u ►**M3** taħlitiet ◄ fis-sens ta' l-Artikolu 3. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-manifattura, għat-tqegħid fis-suq jew għall-użu ta' tali sustanzi waħedhom, f' ►**M3** taħlitiet ◄ jew f'oġġetti u għat-tqegħid fis-suq ta' ►**M3** taħlitiet ◄.

3. Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq il-prinċipju li hija r-responsabbiltà tal-manifatturi, ta' l-importaturi u ta' l-utenti "downstream" li jiżguraw li huma jimmanifatturaw, iqiegħdu fis-suq, jew jużaw tali sustanzi li ma jolqtux b'mod ħażin is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Id-dispożizzjonijiet tiegħu huma msejsa fuq il-prinċipju tal-prekawzjoni.

Artikolu 2

Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

(a) sustanzi radjuattivi taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti ([1]);

(b) sustanzi waħedhom, f' ►**M3** taħlita ◄ jew f'oġġett, li jkunu suġġetti għal sorveljanza doganali, sakemm ma jkunu sottoposti għal ebda trattament jew proċessar, u li jkunu f'ħażna temporanja, jew f'żona ħielsa jew maħżen ħieles bl-iskop ta' l-esportazzjoni mill-ġdid, jew fi transitu;

(ċ) sustanzi intermedji mhux iżolati;

(d) it-trasport ta' sustanzi perikoluż u sustanzi perikoluż f' ►**M3** taħlitiet ◄ perikoluż permezz tal-ferrovija, fit-triq, f'passaġġi fuq l-ima interni, bil-baħar jew bl-ajru.

2. L-iskart kif definit fid-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), mhuwiex sustanza, ►**M3** taħlita ◄ jew oġġett fis-sens ta' l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

▼C1

3. L-Istati Membru jistgħu jippermettu eżenzjonijiet minn dan ir-Regolament f'każijiet speċifiċi għal ċerti sustanzi, waħedhom, f' ►M3 taħlita ◄ jew f'oġġett, fejn dan ikun meħtieġ fl-interessi tad-difiża.

4. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal dawn li ġejjin:

(a) il-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-post tax-xogħol u l-ambjent, inklużi d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis ([2]), id-Direttiva 98/24/KE, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma ([3]) u d-Direttiva 2004/37/KE

(b) id-Direttiva 76/768/KEE fir-rigward ta' l-ittestjar li jinvolvi annimali vertebrati fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

5. Id-dispożizzjonijiet tat-Titoli II, V, VI u VII ma għandhomx japplikaw meta s-sustanza tintuża:

(a) fi prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem jew għall-użu veterinarju fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, tad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunita' rigward il-prodotti mediċinali veterinarji ([4]) u d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([5]);

(b) f'ikel jew f'għalf skond ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 inkluż l-użu:

(i) bħala additiv fi prodotti ta' l-ikel fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-additivi ma' l-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([6]);

([1]) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).
([3]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).
([4]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/28/KE (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 58).
([5]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).
([6]) Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

▼C1

(ii) bħala sustanza li tagħti t-togħma fi prodotti ta' l-ikel fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taħwir għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel u mal-materjali mis-sors għall-produzzjoni tagħhom ([1]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE tat-23 ta' Frar 1999 li taddotta reġistru ta' sustanzi tat-taħwir wżati ġewwa jew fuq oġġetti ta' l-ikel imfassal f'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(iii) bħala addittiv f'għalf fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf ta' l-annimali ([3]);

(iv) fin-nutrizzjoni ta' l-annimali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 li tikkonċerna ċerti prodotti wżati fin-nutrizzjoni ta' l-annimali ([4]).

6. Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV ma għandhomx japplikaw għal ►**M3** taħlitiet ◄ li ġejjin fl-istat lest, maħsub għall-utent finali:

(a) prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem jew għall-użu veterinarju, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 u tad-Direttiva 2001/82/KE u kif definit fid-Direttiva 2001/83/KE;

(b) prodotti kosmetiċi kif definiti fid-Direttiva 76/768/KEE;

(ċ) apparati mediċi li huma invażivi jew użati f'kuntatt fiżiku dirett mal-ġisem tal-bniedem sa fejn miżuri Komunitarji jkunu jistabbilixxu dispożizzjonijiet għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi u ►**M3** taħlitiet ◄ perikoluży li jiżguraw l-istess livell ta' għoti u protezzjoni ta' informazzjoni bħad-Direttiva 1999/45/KE;

(d) ikel jew prodotti ta' l-għalf konformi mar-Regolament (KE) Nru 178/2002 inkluż l-użu:

(i) bħala addittiv fi prodotti ta' l-ikel fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/107/KEE;

(ii) bħala sustanza li tagħti t-togħma fi prodotti ta' l-ikel fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 88/388/KEE u d-Deċiżjoni 1999/217/KE;

(iii) bħala addittiv f'għalf fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003;

(iv) fin-nutrizzjoni ta' l-annimali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 82/471/KEE.

([1]) ĠU L 184, 15.7.1988, p. 61. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 84, 27.3.1999, p. 1. Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2006/252/KE (ĠU L 91, 29.3.2006, p. 48).

([3]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Regolament kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

([4]) ĠU L 213, 21.7.1982, p. 8. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/116/KE (ĠU L 379, 24.12.2004, p. 81).

▼C1

7. Li ġejjin għandhom jiġu eżentati mit-Titoli II, V u VI:

(a) sustanzi inklużi fl-Anness IV, billi hemm magħrufa informazzjoni suffiċjenti dwar dawn is-sustanzi sabiex ikunu kunsidrati bħala sustanzi li jikkawżaw riskju minimu minħabba l-proprjetajiet intrinsiċi tagħhom;

(b) sustanzi koperti mill-Anness V, billi r-reġistrazzjoni hija meqjusa bħala mhux adegwata jew mhux meħtieġa għal dawn is-sustanzi u l-eżenzjoni tagħhom minn dawn it-Titoli ma tippreġudikax l-għanijiet ta' dan ir-Regolament;

(ċ) sustanzi waħedhom jew f' ►M3 taħlitiet ◄, reġistrati skond it-Titolu II, esportati mill-Komunità minn attur fil-katina tal-provvista u importati mill-ġdid fil-Komunità mill-istess attur jew attur ieħor fl-istess katina tal-provvista li juri li:

(i) is-sustanza li qiegħda tiġi importata mill-ġdid tkun l-istess bħas-sustanza esportata;

(ii) huwa ġie provdut bl-informazzjoni skond l-Artikoli 31 jew 32 dwar is-sustanza esportata.

(d) sustanzi, waħedhom, f' ►M3 taħlitiet ◄ jew f'oġġetti, li ġew reġistrati skond it-Titolu II u li huma rkuprati fil-Komunità jekk:

(i) is-sustanza li tirriżulta mill-proċess ta' rkupru tkun l-istess bħas-sustanza li ġiet reġistrata skond it-Titolu II; u

(ii) l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikoli 31 jew 32 relatata mas-sustanza li ġiet reġistrata skond it-Titolu II tkun disponibbli lill-istabbiliment li jwettaq l-irkupru.

8. Is-sustanzi intermedji iżolati fuq il-post u s-sustanzi intermedji iżolati trasportati għandhom jiġu eżentati:

(a) mill-Kapitolu 1 tat-Titolu II, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 8 u 9; u

(b) mit-Titolu VII.

9. Id-dispożizzjonijiet tat-Titoli II u VI ma għandhomx japplikaw għall-polimeri.

KAPITOLU 2

Definizzjonijiet u dispożizzjoni ġenerali

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1. sustanza: tfisser element kimiku u l-komposti tiegħu fl-istat naturali jew miksub bi kwalunkwe proċess ta' manifattura, inkluż kwalunkwe addittiv meħtieġ sabiex jippriżerva l-istabbiltà tiegħu u kwalunkwe impurità li tiġi mill-proċess użat, iżda eskluż kwalunkwe solvent li jista' jiġi separat mingħajr ma tkun milquta l-istabbiltà tas-sustanza jew tinbidel il-kompożizzjoni tagħha;

2. ►M3 taħlita ◄: tfisser taħlita jew soluzzjoni komposta minn żewġ sustanzi jew aktar;

▼C1

3. oġġett: tfisser prodott li waqt il-produzzjoni jingħata forma, wiċċ jew disinn speċjali li jiddeterminaw il-funzjoni tiegħu sa grad akbar milli tagħmel il-kompożizzjoni kimika tiegħu;

4. produttur ta' oġġett: tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipproduċi jew timmonta oġġett fi ħdan il-Komunità;

5. polimeru: tfisser sustanza li tikkonsisti minn molekuli karatterizzati minn sekwenza ta' tip wieħed jew aktar ta' unitajiet monomeriċi. Tali molekuli għandhom ikollhom firxa ta' piżijiet molekulari fejn id-differenzi fil-piż molekulari jkun attribwibbli primarjament għad-differenzi fin-numru ta' unitajiet monomeriċi. Polimeru jkun fih dan li ġej:

   (a) maġġoranza ta' piż sempliċi ta' molekuli li jkun fih ta' l-anqas tliet unitajiet monomeriċi li jkunu marbuta b'mod kovalenti ma' ta' l-anqas unità monomerika oħra jew sustanza reattiva oħra;

   (b) anqas minn maġġoranza sempliċi ta' piż ta' molekuli ta' l-istess piż molekulari.

   Fil-kuntest ta' din id-definizzjoni 'unità monomerika' tfisser il-forma li ġiet suġġetta għal reazzjoni ta' sustanza monomerika f'polimeru;

6. monomeru: tfisser sustanza li kapaċi tifforma rabtiet kovalenti ma' sekwenza ta' molekuli simili jew dissimili taħt il-kondizzjonijiet tar-reazzjoni relevanti tal-formazzjoni tal-polimeri użati għall-proċess partikolari;

7. reġistrant: tfisser il-manifattur jew l-importatur ta' sustanza jew il-produttur jew l-importatur ta' oġġett li jippreżenta reġistrazzjoni għal sustanza;

8. manifattura: tfisser il-produzzjoni jew l-estrazzjoni ta' sustanzi fl-istat naturali;

9. manifattur: tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li timmanifattura xi sustanza fil-Komunità;

10. importazzjoni: tfisser l-introduzzjoni fiżika fit-territorju doganali tal-Komunità;

11. importatur: tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li tkun responabbli għall-importazzjoni;

12. tqegħid fis-suq: tfisser li tipprovdi jew li tagħmel disponibbli lil terzi, kemm bi ħlas jew mingħajr ħlas. L-importazzjoni għandha titqies bħala tqegħid fis-suq;

13. utent “downstream”: tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità, minbarra l-manifattur jew l-importatur, li juża sustanza, kemm waħidha jew f' ►**M3** taħlita ◄, fl-attivitajiet industrijali jew professjonali tiegħu. Id-distributur jew il-konsumatur mhumiex utenti downstream. Re-importatur eżentat skond l-Artikolu 2(7)(ċ) għandu jitqies bħala utent downstream;

14. distributur: tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità, inkluż bejjiegħ bl-imnut, li jaħżen u jqiegħed fis-suq sustanza, waħidha jew f' ►**M3** taħlita ◄, għal terzi biss;

▼C1

15. sustanza intermedja: tfisser sustanza li tkun manifatturata għal u kkonsmata fi jew użata għal proċessar kimiku sabiex tinbidel f'sustanza oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ sintesi):

(a) sustanza intermedja mhux iżolata tfisser sustanza intermedja li matul sintesi ma titneħħiex intenzjonalment (ħlief għall-kampjunament) mill-apparat li fih issir is-sintesi. Dan l-apparat jinkludi r-reċipjent tar-reazzjoni, l-apparat anċillari tiegħu, u kwalunkwe apparat li minnu jgħaddu s-sustanza jew sustanzi matul proċess ta' fluss kontinwu jew ta' lottijiet kif ukoll is-sistema tal-pajpijiet għat-trasferiment minn reċipjent għal ieħor għall-iskop ta' l-istadju li jmiss tar-reazzjoni, iżda jeskludi t-tankijiet jew ir-reċipjenti l-oħrajn li fihom jinħażnu s-sustanzi wara l-manifattura;

(b) sustanza intermedja iżolata fuq il-post tfisser sustanza intermedja li ma tissodisfax il-kriterji ta' sustanza intermedja mhux iżolata u fejn il-manifattura tas-sustanza intermedja u s-sintesi ta' sustanza jew sustanzi oħra minn dik is-sustanza intermedja ssir fl-istess post, operata minn entità ġuridika waħda jew aktar;

(ċ) sustanza intermedja iżolata trasportata tfisser sustanza intermedja li ma tissodisfax il-kriterji ta' sustanza intermedja mhux iżolata u trasportata bejn jew provduta lil postijiet oħra;

16. post: tfisser lok uniku fejn, jekk ikun hemm aktar minn manifattur wieħed ta' sustanza jew sustanzi, ikunu kondiviżi ċerti infrastruttura u faċilitajiet;

17. atturi: fil-katina tal-provvista tfisser il-manifatturi u/jew l-importaturi u/jew l-utenti "downstream" kollha f'katina ta' provvista;

18. aġenzija: tfisser l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi kif stabbilita minn dan ir-Regolament;

19. awtorità: kompetenti tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet jew il-korpi stabbiliti mill-Istati Membri sabiex iwettqu l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament;

20. sustanza ta' introduzzjoni gradwali: tfisser sustanza li tissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) tkun elenkata fl-Inventarju Ewropew ta' sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti (EINECS);

▼M23

(b) ienet manifatturata fil-Komunità, jew fil-pajjiżi li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 1995, fl-1 ta' Mejju 2004, fl-1 ta' Jannar 2007 jew fl-1 ta' Lulju 2013, iżda mhux imqiegħda fis-suq mill-manifattur jew mill-importatur, mill-inqas darba fil-15-il sena qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sakemm il-manifattur jew l-importatur ikollu prova ddokumentata ta' dan;

▼**M23**

(c) qiegħdet fis-suq fil-Komunità, jew fil-pajjiżi li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 1995, fl-1 ta' Mejju 2004, fl-1 ta' Jannar 2007 jew fl-1 ta' Lulju 2013, mill-manifattur jew mill-importatur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kienet meqjusa bħala nnotifikata skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 67/548/KEE fil-verżjoni tal-Artikolu 8(1) li tirriżulta mill-emenda effettwata mid-Direttiva 79/831/KEE, iżda ma tissodisfax id-definizzjoni ta' polimeru kif stipulata f'dan ir-Regolament, sakemm il-manifattur jew l-importatur ikollu prova ddokumentata ta' dan, inkluża prova li s-sustanza tqiegħdet fis-suq minn kwalunkwe manifattur jew importatur bejn it-18 ta' Settembru 1981 u l-31 ta' Ottubru 1993 inkluż;

▼**C1**

21. sustanza notifikata: tfisser sustanza li għaliha tkun ġiet preżentata notifika u li tkun tista' titqiegħed fis-suq skond id-Direttiva 67/548/KEE;

22. riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi: tfisser kwalunkwe żvilupp xjentifiku relatat l-iżvilupp ta' prodott, ma' l-iżvilupp ulterjuri ta' sustanza, waħidha, f' ►**M3** taħlitiet ◄ jew f'oġġetti li fil-kors tiegħu jintużaw provi pilota ta' l-impjant jew tal-produzzjoni sabiex jiġi żviluppat il-proċess tal-produzzjoni u/jew sabiex jiġu ttestjati l-oqsma ta' l-applikazzjoni tas-sustanza;

23. riċerka u żvilupp xjentifiċi: tfisser kwalunkwe sperimentazzjoni xjentifika, analiżi jew riċerka kimika li ssir taħt kondizzjonijiet kontrollati f'volum ta' anqas minn tunnellata metrika fis-sena;

24. użu: tfisser kwalunkwe proċessar, formulazzjoni, konsum, ħażna, żamma, trattament, mili f'kontenituri, trasferiment minn kontenitur għall-ieħor, taħlit, produzzjoni ta' oġġett jew kwalunkwe utilizzazzjoni oħra;

25. użu tar-reġistrant stess: tfisser użu industrijali jew professjonali mir-reġistrant;

26. użu identifikat: tfisser l-użu ta' sustanza waħidha jew f' ►**M3** taħlita ◄, jew użu ta' ►**M3** taħlita ◄, maħsub minn attur fil-katina tal-provvista, inkluż l-użu minnu stess, jew li ġie mgħarraf lilu bil-miktub minn utent "downstream" immedjat;

27. rapport sħiħ ta' studju: tfisser deskrizzjoni sħiħa u komprensiva ta' l-attività mwettqa sabiex tiġi ġġenerata l-informazzjoni. Dan ikopri d-dokument xjentifiku sħiħ kif pubblikat fil-letteratura li tiddeskrivi l-istudju li sar jew ir-rapport sħiħ, preparat mill-entità ta' l-ittestjar, li jiddeskrivi l-istudju li sar;

28. sommarju robust ta' l-istudju: tfisser sommarju dettaljat ta' l-objettivi, tal-metodi, tar-riżultati u tal-konklużjonijiet ta' rapport sħiħ ta' studju li jagħti informazzjoni suffiċjenti sabiex issir valutazzjoni indipendenti ta' l-istudju li jimminimizza l-bżonn ta' konsultazzjoni tar-rapport sħiħ ta' l-istudju;

29. sommarju ta' l-istudju: tfisser sommarju ta' l-objettivi, tal-metodi, tar-riżultati u tal-konklużjonijiet ta' rapport sħiħ ta' l-istudju, li jipprovdi informazzjoni suffiċjenti sabiex issir valutazzjoni tar-relevanza ta' l-istudju;

▼C1

30. fis-sena: tfisser f'kull sena kalendarja, ħlief jekk jiġi indikat mod ieħor. Għal sustanzi introdotti gradwalment li jkunu ġew importati jew manifatturati għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi, il-kwantitajiet fis-sena għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-produzzjoni medja jew tal-volum ta' importazzjonijiet għat-tliet snin kalendarji preċedenti;

31. restrizzjoni: tfisser kwalunkwe kondizzjoni għal jew projbizzjoni tal-manifattura, l-użu jew it-tqegħid fis-suq;

32. fornitur: ta' sustanza jew ►M3 taħlita ◄ tfisser kwalunkwe manifattur, importatur, utent "downstream" jew distributur li jqiegħed fis-suq sustanza, waħidha jew f' ►M3 taħlita ◄, jew ►M3 taħlita ◄;

33. fornitur ta' oġġett: tfisser kwalunkwe produttur jew importatur ta' oġġett, distributur jew attur ieħor fil-katina ta' forniment li jqiegħdu oġġett fis-suq;

34. riċevitur ta' sustanza jew ta' ►M3 taħlita ◄: tfisser utent "downstream" jew distributur li jiġi fornut b'sustanza jew ►M3 taħlita ◄;

35. riċevitur ta' oġġett: tfisser utent industrijali jew professjonali jew distributur li jiġi fornut b'oġġett iżda ma jinkludix il-konsumaturi;

36. SME: tfisser intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ([1]);

37. xenarju ta' espożizzjoni: tfisser il-grupp ta' kondizzjonijiet, inklużi kondizzjonijiet operattivi u miżuri ta' l-immaniġġar tar-riskji, li jiddeskrivu kif is-sustanza tiġi manifatturata jew użata matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha u kif il-manifattur jew l-importatur jikkontrolla, jew jirrakkomanda lill-utenti "downstream" sabiex jikkontrollaw, l-espożizzjoni għall-bniedem u l-ambjent. Dawn ix-xenarji ta' espożizzjoni jistgħu jkopru proċess jew użu speċifiku wieħed jew diversi proċessi jew użi kif meħtieġ;

38. kategorija ta' użu u ta' espożizzjoni: tfisser xenarju ta' espożizzjoni li jkopri firxa wiesgħa ta' proċessi jew użi, fejn il-proċessi jew użi jkunu komunikati, bħala minimu, f'termini ta' deskrizzjoni ġenerali qasira dwar l-użu;

39. sustanzi li jinsabu fin-natura: tfisser sustanza li teżisti bħala tali b'mod naturali, mhux proċessata jew proċessata biss b'mezzi manwali, mekkaniċi jew gravitazzjonali, bit-taħlil fl-ilma, bil-flotazzjoni, bl-estrazzjoni bl-ilma, bid-distillazzjoni bil-fwar jew billi tissaħħan biss sabiex jitneħħa l-ilma, jew li tiġi estratta mill-arja bi kwalunkwe mezz;

40. sustanza mhux modifikata b'mod kimiku: tfisser sustanza li l-istruttura kimika tagħha tibqa' mhux mibdula, anke jekk tkun għaddiet minn proċess jew trattament kimiku, jew trasformazzjoni mineraloġika fiżika, per eżempju sabiex jitneħħew l-impuritajiet;

([1]) ĠU L 124, 20.5.2003 p. 36.

▼C1

41. liga: tfisser materjal metalliku, omoġenju fuq skala makroskopika, li jikkonsisti f'żewġ elementi jew aktar magħqudin b'tali mod li ma jistgħux jiġu sseparati malajr b'mezzi mekkaniċi.

Artikolu 4

Dispożizzjoni ġenerali

Kwalunkwe manifattur, importatur, jew fejn relevanti utent downstream, jista', waqt li jżomm responsabbiltà sħiħa għall-konformità ma' l-obbligi tiegħu taħt dan ir-Regolament, jaħtar terz bħala rappreżentant tiegħu għall-proċedimenti kollha taħt l-Artikolu 11, l-Artikolu 19, it-Titolu III u l-Artikolu 51 li jinvolvu diskussjonijiet ma' manifatturi, importaturi, jew fejn relevanti utenti downstream. F'dawn il-każijiet, l-identità ta' manifattur jew importatur jew utent "downstream" li jkun ħatar rappreżentant ma għandhiex normalment tiġi żvelata mill-Aġenzija lil manifatturi, importaturi, jew fejn relevanti utenti "downstream" oħrajn.

TITOLU II

REĠISTRAZZJONI TA' SUSTANZI

KAPITOLU 1

Obbligu ġenerali ta' reġistrazzjoni u rekwiżiti ta' l-informazzjoni

Artikolu 5

Ebda data, ebda suq

Suġġett għall-Artikoli 6, 7, 21 u 23, is-sustanzi waħedhom, fi ►M3 taħlitiet ◄ jew f'oġġetti ma għandhomx jiġu manifatturati fil-Komunità jew imqegħdin fis-suq sakemm ma jkunux ġew reġistrati skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan it-Titolu fejn dan ikun meħtieġ.

Artikolu 6

Obbligu ġenerali sabiex ikunu reġistrati sustanzi waħedhom jew f' ►M3 taħlitiet ◄

1. Ħlief fejn dan ir-Regolament jgħid mod ieħor, kull manifattur jew importatur ta' sustanza, waħidha jew f' ►M3 taħlita ◄ wieħed jew aktar, fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika jew aktar kull sena għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija.

2. Għall-monomeri li jintużaw bħala sustanzi intermedji iżolati fuq il-post jew sustanzi intermedji iżolati trasportati, l-Artikoli 17 u18 ma għandhomx japplikaw.

3. Kull manifattur jew importatur ta' polimeru għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija għas-sustanza jew sustanzi monomeriċi jew kwalunkwe sustanza oħra, li ma jkunux diġà ġew reġistrati minn attur 'il fuq fil-katina tal-provvista, jekk ikunu sodisfatti iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-polimeru fih 2 % piż b'piż (w/w) jew aktar ta' tali sustanza jew sustanzi monomeriċi jew sustanzi oħra fil-forma ta' unitajiet monomeriċi u sustanza jew sustanzi kimikament marbuta;

▼C1

(b) il-kwantità totali ta' tali sustanza jew sustanzi monomeriċi jew sustanzi oħra tikkostitwixxi tunnellata metrika jew aktar kull sena.

4. Il-preżentazzjoni għal reġistrazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas meħtieġ skond it-Titolu IX.

Artikolu 7

Reġistrazzjoni u notifika ta' sustanzi f'oġġetti

1. Kull produttur jew importatur ta' oġġetti għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija għal kull sustanza li jkun hemm f'dawk l-oġġetti, jekk ikunu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sustanza tkun preżenti f'dawk l-oġġetti fi kwantitajiet li jikkostitwixxu total ta' aktar minn tunnellata metrika kull produttur jew importatur kull sena;

(b) is-sustanza tkun intiża li tiġi rilaxxata taħt kondizzjonijiet ta' l-użu li jkunu normalment jew raġonevolment prevedibbli.

Il-preżentazzjoni għal reġistrazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas meħtieġ skond it-Titolu IX.

2. Kull produttur jew importatur ta' oġġetti għandu jinnotifika lill-Aġenzija, skond il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, jekk sustanza tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 57 u tkun identifikata skond l-Artikolu 59(1), jekk ikunu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sustanza tkun preżenti f'dawk l-oġġetti fi kwantitajiet li jikkostitwixxu total ta' aktar minn tunnellata metrika kull produttur jew importatur kull sena;

(b) is-sustanza tkun preżenti f'dawk l-oġġetti f'konċentrazzjoni ta' aktar minn 0,1 % piż b'piż (w/w).

3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika fejn il-produttur jew importatur jista' jeskludi l-espożizzjoni għall-bnedmin jew għall-ambjent taħt kondizzjonijiet ta' l-użu li jkunu normalment jew raġonevolment prevedibbli inkluż ir-rimi. F'dawn il-każijiet, il-produttur jew importatur għandu jipprovdi istruzzjonijiet adatti lir-riċevitur ta' l-oġġett.

4. L-informazzjoni li trid tiġi notifikata għandha tinkludi dan li ġej:

(a) l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-produttur jew l-importatur kif speċifikat fit-Taqsima 1 ta' l-Anness VI, bl-eċċezzjoni tas-siti tagħhom stess ta' l-użu;

(b) in-numru jew numri ta' reġistrazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(1), jekk disponibbli;

(ċ) l-identità tas-sustanza kif speċifikat fit-Taqsimiet 2.1 sa 2.3.4 ta' l-Anness VI;

(d) il-klassifikazzjoni tas-sustanza jew sustanzi kif speċifikat fit-Taqsimiet 4.1 u 4.2 ta' l-Anness VI;

(e) deskrizzjoni fil-qosor ta' l-użu/i tas-sustanza jew sustanzi fl-oġġett kif speċifikat fit-Taqsima 3.5 ta' l-Anness VI u ta' l-użi ta' l-oġġett jew oġġetti;

(f) il-limiti tat-tunnellaġġ tas-sustanza jew sustanzi, bħal tunnellata metrika waħda sa għaxar tunnellati metriċi, għaxar tunnellati metriċi sa mitt tunnellata metrika, et cetera.

▼C1

5. L-Aġenzija tista' tieħu deċiżjonijiet li jesiġu li l-produtturi jew l-importaturi ta' oġġetti jippreżentaw reġistrazzjoni, skond dan it-Titolu, għal kwalunkwe sustanza f'dawk l-oġġetti, jekk ikunu sodisfatti il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-sustanza tkun preżenti f'dawk l-oġġetti fi kwantitajiet li jikkostitwixxu total ta' aktar minn tunnellata metrika kull produttur jew importatur kull sena;

(b) l-Aġenzija ikollha raġuni sabiex tissuspetta li:

(i) is-sustanza tkun rilaxxata mill-oġġetti, u

(ii) ir-rilaxx tas-sustanza mill-oġġetti jirrappreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;

(ċ) is-sustanza ma tkunx suġġetta għall-paragrafu 1.

Il-preżentazzjoni għal reġistrazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas meħtieġ skond it-Titolu IX.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 ma għandhomx japplikaw għal sustanzi li diġà ġew reġistrati għal dak l-użu.

7. Mill-1 ta' Ġunju 2011 il-paragrafi 2, 3 u 4 għandhom japplikaw sitt xhur wara li sustanza tiġi identifikata skond l-Artikolu 59(1).

8. Kwalunkwe miżura għall-implementazzjoni tal-paragrafi 1 sa 7 għandha tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(3).

Artikolu 8

Rappreżentant uniku ta' manifattur mhux Komunitarju

1. Persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra l-Komunità li timmanifattura xi sustanza waħidha, f' ►**M3** taħlitiet ◄ jew f'oġġetti, li tiffurmula ►**M3** taħlita ◄ jew tipproduċi oġġett li jiġi importat fil-Komunità tista' bi ftehim reċiproku taħtar persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità sabiex twettaq, bħala l-uniku rappreżentant tagħha, l-obbligi imposti fuq l-importaturi taħt dan it-Titolu.

2. Ir-rappreżentant għandu jikkonforma wkoll ma' l-obbligi l-oħrajn kollha ta' l-importaturi taħt dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, huwa għandu jkollu esperjenza suffiċjenti fit-trattament prattiku ta' sustanzi u ta' l-informazzjoni relatata magħhom u, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36, għandu jżomm disponibbli, u aġġornata, informazzjoni dwar il-kwantitajiet importati u l-klijenti li lilhom ikun sar bejgħ, kif ukoll informazzjoni dwar il-provvista ta' l-aħħar aġġornament ta' l-iskeda ta' data ta' sigurtà imsemmija fl-Artikolu 31.

3. Jekk rappreżentant jiġi maħtur skond il-paragrafi 1 u 2, il-manifattur mhux Komunitarju għandu javża lill-importatur jew importaturi fl-istess katina ta' provvista bil-ħatra. Dawn l-importaturi għandhom jitqiesu bħala utenti “downstream” għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

▼C1

Artikolu 9

Eżenzjoni mill-obbligu ġenerali ta' reġistrazzjoni għar-riċerka u żvilup orjentati lejn prodotti u proċessi (PPORD)

1. L-Artikoli 5, 6, 7, 17, 18 u 21 ma għandhomx japplikaw għal perjodu ta' ħames snin għal sustanza manifatturata fil-Komunità jew importata għall-finijiet ta' riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi minn manifattur jew importatur jew produttur ta' oġġetti, waħdu jew f'koperazzjoni ma' klijenti elenkati u fi kwantità li tkun limitata għall-fini tar-riċerka u ta' l-iżvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, il-manifattur jew l-importatur jew il-produttur ta' oġġetti għandu javża lill-Aġenzija bl-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità tal-manifattur jew ta' l-importatur jew tal-produttur ta' oġġetti kif speċifikat fit-Taqsima 1 ta' l-Anness VI;

(b) l-identità tas-sustanza, kif speċifikat fit-Taqsima 2 ta' l-Anness VI;

(ċ) il-klassifikazzjoni tas-sustanza, kif speċifikat fit-Taqsima 4 ta' l-Anness VI, jekk hemm;

(d) il-kwantità stmata kif speċifikat fit-Taqsima 3.1 ta' l-Anness VI;

(e) il-lista ta' klijenti msemmija fil-paragrafu 1, inkluż l-ismijiet u l-indirizzi tagħhom.

In-notifika għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas meħtieġ skond it-Titolu IX.

Il-perjodu stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jibda mal-wasla tan-notifika għand l-Aġenzija.

3. L-Aġenzija għandha tivverifika l-kompletezza ta' l-informazzjoni provduta min-notifikatur u għandu japplika l-Artikolu 20(2) adattat kif meħtieġ. L-Aġenzija għandha tassenja numru lin-notifika u data tan-notifika, li għandha tkun id-data tar-riċevuta tan-notifika għand l-Aġenzija, u għandha minnufih tibgħat dak in-numru u d-data lill-manifattur, jew lill-importatur, jew lill-produttur ta' oġġetti, konċernat. L-Aġenzija għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat jew Stati Membri konċernati.

4. L-Aġenzija tista' tiddeċiedi li timponi kondizzjonijiet bl-iskop li tiżgura li s-sustanza jew it- ►**M3** taħlita ◄ jew l-oġġett li fih tkun inkorporata s-sustanza jiġu trattati biss mill-persunal tal-klijenti elenkati, imsemmija fil-paragrafu 2(e) f'kondizzjonijiet raġonevolment kontrollati, skond ir-rekwiżiti tal-leġislazzjoni għall-protezzjoni tal-ħaddiema u ta' l-ambjent, u ma jkunux disponibbli għall-pubbliku ġenerali f'ebda waqt la waħidhom, lanqas f' ►**M3** taħlita ◄ jew oġġett, u li l-kwantitajiet li jifdal jinġabru mill-ġdid sabiex jintremew wara l-perjodu ta' l-eżenzjoni.

F'tali każijiet, l-Aġenzija tista' titlob lin-notifikatur jipprovdi informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa.

5. Fin-nuqqas ta' xi indikazzjoni għall-kuntrarju, il-manifattur jew l-importatur tas-sustanza jew il-produttur jew l-importatur ta' oġġetti jista' jimmanifattura jew jimporta s-sustanza jew jipproduċi jew jimporta l-oġġetti mhux qabel ġimagħtejn wara n-notifika.

▼C1

6. Il-manifattur jew l-importatur jew il-produttur ta' oġġetti għandu jikkonforma ma' kwalunkwe kondizzjoni imposta mill-Aġenzija skond il-paragrafu 4.

7. L-Aġenzija tista' tiddeċiedi li testendi l-perjodu ta' l-eżenzjoni ta' ħames snin b'perjodu massimu ieħor ta' ħames snin jew fil-każ ta' sustanzi li jkollhom jintużaw esklussivament fl-iżvilupp ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem jew għall-użu veterinarju, jew għal sustanzi li ma jitqiegħdux fis-suq, għal perjodu massimu ieħor ta' għaxar snin, fuq talba jekk il-manifattur jew l-importatur il-produttur ta' oġġetti jista' juri li tali estensjoni tkun ġustifikata mill-programm ta' riċerka u ta' żvilupp.

8. L-Aġenzija għandha minnufih tikkomunika kwalunkwe abbozz ta' deċiżjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru li fih isir il-manifattura, l-importazzjoni, il-produzzjoni jew ir-riċerka orjentata lejn prodotti u proċessi.

Meta tieħu d-deċiżjonijiet previsti fil-paragrafi 4 u 7, l-Aġenzija għandha tieħu kont ta' kwalunkwe kumment li jkun sar minn tali awtoritajiet kompetenti.

9. L-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati għandhom dejjem iżommu bħala kunfidenzjali l-informazzjoni preżentata skond il-paragrafi 1 sa 8.

10. Jista' jitressaq appell, skond l-Artikoli 91, 92 u 93, mid-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija skond il-paragrafi 4 u 7 ta' d, an l-Artikolu.

Artikolu 10

Informazzjoni li għandha tiġi preżentata għall-finijiet ġenerali ta' reġistrazzjoni

Reġistrazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 6 jew mill-Artikolu 7(1) jew (5) għandha tinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) dossier tekniku li jinkludi:

(i) l-identità tal-manifattur(i) jew importatur(i) kif speċifikat fit-Taqsima 1 ta' l-Anness IV;

(ii) l-identità tas-sustanza kif speċifikat fit-Taqsima 2 ta' l-Anness IV;

(iii) informazzjoni dwar il-manifattura u l-użu(i) tas-sustanza kif speċifikat fit-Taqsima 3 ta' l-Anness VI; din l-informazzjoni għandha tirrapreżenta l-użu jew użi identifikati kollha mir-reġistrant. Din l-informazzjoni tista' tinkludi, jekk ir-reġistrant iqis dan ikun xieraq, il-kategoriji relevanti ta' użu u espożizzjoni;

(iv) il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tas-sustanza kif speċifikat fit-Taqsima 4 ta' l-Anness VI;

(v) gwida dwar l-użu sikur tas-sustanza kif speċifikat fit-Taqsima 5 ta' l-Anness VI;

(vi) sommarji ta' studju ta' l-informazzjoni derivata mill-applikazzjoni ta' l-Annessi V sa XI;

(vii) sommarji robusti ta' studju ta' l-informazzjoni derivata mill-applikazzjoni ta' l-Annessi V sa XI, jekk meħtieġa taħt l-Anness I;

▼C1

(viii) indikazzjoni ta' liema informazzjoni preżentata taħt (iii), (iv), (vi), (vii) jew taħt is-subparagrafu (b) ġiet riveduta minn assessur magħżul mill-manifattur jew l-importatur u li jkollu l-esperjenza adegwata;

(ix) proposti għall-ittestjar fejn elenkati fl-Annessi IX u X;

(x) għal sustanzi fi kwantitajiet ta' minn 1 sa 10 tunnellati metriċi, informazzjoni dwar l-espożizzjoni kif speċifikat fit-Taqsima 6 ta' l-Anness IV;

(xi) talba dwar liema informazzjoni fl-Artikolu 119(2) il-manifattur jew l-importatur iqis li ma għandhiex tkun disponibbli fuq l-Internet skond l-Artikolu 77(2)(e), inkluża ġustifikazzjoni dwar ir-raġuni għaliex il-pubblikazzjoni tista' tkun ta' ħsara għall-interessi kummerċjali tiegħu jew ta' kwalunkwe parti oħra konċernata.

Ħlief fil-każijiet koperti mill-Artikolu 25(3), mill-Artikolu 27(6) jew mill-Artikolu 30(3), ir-reġistrant għandu jkollu pussess leġittimu ta' jew ikollu permess sabiex jirriferi għar-rapport sħiħ ta' l-istudju, imqassar taħt (vi) u (vii) għall-iskop ta' reġistrazzjoni.

(b) rapport ta' sigurtà kimika meta meħtieġ taħt l-Artikolu 14, fil-format speċifikat fl-Anness I. It-Taqsimiet relevanti ta' dan ir-rapport jistgħu jinkludu, jekk meqjus xieraq mir-reġistrant, il-kategoriji relevanti ta' użu u espożizzjoni.

Artikolu 11

Preżentazzjoni konġunta ta' data minn reġistranti multipli

1. Meta sustanza tkun intiża li tkun manifatturata fil-Komunità minn manifattur wieħed jew aktar u/jew importata minn importatur wieħed jew aktar, u/jew tkun suġġetta għar-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 7, għandu japplika dan li ġej.

Suġġett għall-paragrafu 3, l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10(a)(iv), (vi), (vii) u (ix), u kwalunkwe indikazzjoni relevanti taħt l-Artikolu 10(a)(viii) għandha l-ewwel tiġi preżentata mir-reġistrant wieħed li jaġixxi bil-ftehim tar-reġistrant(i) l-ieħor/l-oħrajn li jagħtu l-kunsens tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-reġistrant prinċipali").

Kull reġistrant għandu sussegwentement jippreżenta separatament l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10(a)(i), (ii), (iii) u (x), u kull dikjarazzjoni relevanti taħt l-Artikolu 10(a)(viii).

Ir-reġistranti jistgħu jiddeċiedu huma stess jekk jippreżentawx l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10(a)(v) u (b) u kwalunkwe indikazzjoni relevanti taħt l-Artikolu 10(a)(viii) separatament jew jekk għandux ikun manifattur jew importatur wieħed li jippreżenta din l-informazzjoni għan-nom ta' l-oħrajn.

2. Kull reġistrant jeħtieġ li jikkonforma biss mal-paragrafu 1 fir-rigward tal-punti ta' informazzjoni speċifikati fl-Artikolu 10(a)(iv), (vi), (vii) u (ix) li huma meħtieġa għall-finijiet ta' reġistrazzjoni fil-limiti tat-tunnellaġġ tiegħu skond l-Artikolu 12.

▼C1

3. Reġistrant jista' jippreżenta separatament l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(a)(iv), (vi), (vii) jew (ix) jekk:

(a) tkun spiża sproporzjonata għalih li jippreżenta din l-informazzjoni b'mod konġunt; jew

(b) il-preżentazzjoni konġunta ta' l-informazzjoni twassal għal żvelar ta' informazzjoni li huwa jikkonsidra kummerċjalment sensittiva u li aktarx tikkawżalu ħsara kummerċjali sostanzjali; jew

(ċ) huwa ma jaqbilx mar-reġistrant prinċipali dwar l-għażla ta' din l-informazzjoni.

Jekk ikunu japplikaw il-punti (a), (b) jew (ċ), ir-reġistrant għandu jippreżenta flimkien mad-dossier, spjegazzjoni għaliex l-ispejjeż ikunu sproporzjonati, għaliex l-iżvelar ta' l-informazzjoni aktarx kien se jwassal għal ħsara kummerċjali sostanzjali jew in-natura tan-nuqqas ta' ftehim, skond il-każ.

4. Il-preżentazzjoni għal reġistrazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas meħtieġ skond it-Titolu IX.

Artikolu 12

Informazzjoni li għandha tiġi preżentata skond it-tunnellaġġ

1. Id-dossier tekniku msemmi fl-Artikolu 10(a) għandu jinkludi taħt il-punti (vi) u (vii) ta' dik id-dispożizzjoni l-informazzjoni kollha fiżikokimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika li tkun relevanti u disponibbli għar-reġistrant u bħala minimu dan li ġej:

(a) l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VII għal sustanzi li m'humiex ta' introduzzjoni gradwali, u għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li jissodisfaw wieħed mill-kriterji jew it-tnejn speċifikati fl-Anness III, manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika waħda jew aktar fis-sena għal kull manifattur jew importatur;

(b) l-informazzjoni dwar il-proprjetajiet fiżikokimiċi speċifikati fl-Anness VII, Taqsima 7 għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika jew aktar fis-sena għal kull manifattur jew importatur li ma jissodisfaw l-ebda kriterju speċifikat fl-Anness III;

(ċ) l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi VII u VIII għal sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 10 tunnellati metriċi jew aktar kull sena għal kull manifattur jew importatur;

(d) l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi VII u VIII u l-proposti dwar ittestjar għall-għoti ta' l-informazzjoni speċifikata fl-Anness X għal sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 100 tunnellata metrika jew aktar kull sena kull manifattur jew importatur;

(e) l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi VII u VIII u l-proposti dwar ittestjar għall-għoti ta' l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi IX u X għal sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 1 000 tunnellata metrika jew aktar kull sena għal kull manifattur jew importatur.

▼C1

2. Malli l-kwantità ta' sustanza għal kull manifattur jew importatur li tkun diġà ġiet reġistrata tilħaq il-limitu operattiv ta' tunnellaġġ li jkun imiss, il-manifattur jew l-importatur għandu jinforma immedjatament lill-Aġenzija dwar l-informazzjoni addizzjonali li huwa jkun jeħtieġ taħt il-paragrafu 1. L-Artikolu 26(3) u (4), għandu japplika adattat skond il-bżonn.

3. Dan l-Artikolu għandu japplika għal produtturi ta' oġġetti u adattat kif meħtieġ.

Artikolu 13

Rekwiżiti ġenerali għall-ġenerazzjoni ta' informazzjon dwar il-proprjetajiet intrinsiċi ta' sustanzi

1. Minbarra b'testijiet, l-informazzjoni dwar il-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanzi tista' tiġi ġenerata permezz ta' mezzi oħra, sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness XI. B'mod partikolari għat-tossiċità fir-rigward tal-bniedem, għandha tkun ġenerata informazzjoni kull meta jkun possibbli permezz ta' mezzi diversi minn testijiet fuq l-annimali vertebrati, permezz ta' l-użu ta' metodi alternattivi, pereżempju metodi in vitro, jew ta' mudelli tar-relazzjoni struttura-attività kwalitattiva jew kwantitattiva jew minn informazzjoni minn sustanzi relatati strutturalment (raggruppament jew read-across), sakemm ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet disposti fl-Anness XI. L-ittestjar skond l-Anness VIII, Taqsima 8.6 u 8.7, l-Anness IX u l-Anness X jista' jiġi ommess fejn dan ikun ġustifikat permezz ta' informazzjoni dwar l-espożizzjoni u miżuri implementati ta' l-immaniġġar tar-riskji kif speċifikat fl-Anness XI, Taqsima 3.

2. Dawn il-metodi għandhom ikunu riveduti u mtejba regolarment bil-għan li jitnaqqas l-ittestjar fuq l-annimali vertebrati u jitnaqqas in-numru ta' annimali involuti. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati relevanti, għandha, mill-aktar fis, tagħmel proposta, jekk ikun il-każ, sabiex jiġi emendat ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar metodi ta' ttestjar adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(4), u l-Annessi ta' dan ir-Regolament, jekk relevanti, sabiex jiġi sostitwit, imnaqqas jew perfezzjonat l-ittestjar fuq l-annimali. L-emendi għal dak ir-Regolament tal-Kummissjoni għandhom jiġu adottati skond il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 3 u l-emendi għall-Annessi ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 131.

3. Fejn ikunu meħtieġa testijiet fuq sustanzi sabiex tiġi ġenerata informazzjoni dwar il-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanzi, dawn għandhom isiru skond il-metodi tat-test disposti f'Regolament tal-Kummissjoni jew skond metodi ta' ttestjar oħra internazzjonali rikonoxxuti bħala adegwati mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija. Il-Kummissjoni għandha tadotta dak ir-Regolament, imfassal sabiex jemenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissuplimentah, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(4).

L-informazzjoni dwar il-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanzi tista' tiġi ġenerata skond il-metodi tat-testijiet oħrajn sakemm ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet disposti fl-Anness XI.

▼C1

4. It-testijiet u l-analiżi ekotossikoloġiċi u tossikoloġiċi għandhom isiru b'konformità mal-prinċipji tal-prattika tajba fil-laboratorju previsti fid-Direttiva 2004/10/KEE jew ma' standards internazzjonali oħrajn rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Kumissjoni jew mill-Aġenzija u mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 86/609/KEE, jekk applikabbli.

5. Jekk sustanza tkun diġà ġiet reġistrata, reġistrant ġdid għandu jkollu d-dritt li jagħmel referenza għall-istudji sommarji jew l-istudji sommarji robusti, għall-istess sustanza preżentata preċedentement, sakemm huwa jkun jista' juri li s-sustanza li huwa issa jkun qiegħed jirreġistra tkun l-istess bħal dik li reġistrata qabel, inkluż il-grad tal-purità u n-natura ta' l-impuritajiet, u li r-reġistrant jew reġistranti preċedenti taw permess sabiex issir referenza għar-rapporti sħaħ ta' studju għall-iskop tar-reġistrazzjoni.

Reġistrant ġdid ma għandux jagħmel referenza għal tali studji sabiex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fit-Taqsima 2 ta' l-Anness VI.

Artikolu 14

Ir-rapport ta' sigurtà kimika u l-obbligi ta' l-applikazzjoni u r-rakkomandazjoni ta' miżuri tat-tnaqqis tar-riskji

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/24/KE, għandha ssir valutazzjoni tas-sigurtà kimika u jitlesta rapport ta' sigurtà kimika għas-sustanzi kollha suġġetti għar-reġistrazzjoni skond dan il-Kapitolu jekk ir-reġistrant jimmanifattura jew jimporta tali sustanzi fi kwantitajiet ta' 10 tunnellati metriċi jew aktar kull sena għal kull reġistrant.

Ir-rapport ta' sigurtà kimika għandu jiġbor il-valutazzjoni tas-sigurtà kimika li għandha ssir skond il-paragrafi 2 sa 7 u ma' l-Anness 1 għal kull sustanza waħidha jew f' ►**M3** taħlita ◄ jew f'oġġett jew grupp ta' sustanzi.

▼M3

2. Valutazzjoni tas-sigurtà kimika skond il-paragrafu 1 m'hemmx għalfejn titwettaq għal sustanza li hija preżenti fi tħejjija jekk il-konċentrazzjoni tas-sustanza fittħejjija hija inqas minn

(a) il-valur ta' limitu msemmi fl-Artikolu 11, il-paragrafu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008,

(f) 0,1 % piż b'piż (w/w), jekk is-sustanza tilħaq il-kriterji fl-Anness XIII għal dan ir-Regolament.

▼C1

3. Il-valutazzjoni tas-sigurtà kimika ta' sustanza għandha tinkludi dawn l-istadji li ġejjin:

(a) stima tal-periklu għas-saħħa tal-bniedem;

(b) stima tal-periklu fiżikokimiku;

(ċ) stima tal-periklu għall-ambjent;

(d) stima tal-persistenza, bijo-akkumulazzjoni u tossiċità (PBT) u tal-persistenza għolja u bijo-akkumulazzjoni għolja (vPvB).

▼M3

4. Jekk, b'riżultat tat-twettiq tal-passi (a) sa (d) tal-paragrafu 3, ir-reġistrant jikkonkludi li s-sustanza tissodisfa l-kriterji għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet jew il-kategoriji ta' periklu li ġejjin imniżżla fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008:

(a) klassijiet ta' periklu 2.1 sa 2.4, 2.6 u 2.7, 2.8 tipi A u B, 2.9, 2.10, 2.12, 2.13 kategoriji 1 u 2, 2.14 kategoriji 1 u 2, 2.15 tipi A sa F;

(b) klassijiet ta' periklu 3.1 sa 3.6, 3.7 effetti negattivi fuq il-funzjonament sesswali u l-fertilità jew fuq l-iżvilupp, 3.8 effetti oħra barra effetti narkotiċi, 3.9 u 3.10;

(ċ) klassi ta' periklu 4.1;

(d) klassi ta' periklu 5.1,

jew hija valutata li hija PBT jew vPvB, il-valutazzjoni tas-sigurtà kimika għandha tinkludi l-passi addizzjonali li ġejjin:

▼C1

(a) stima ta' l-espożizzjoni li tinkludi l-ġenerazzjoni ta' xenarju jew xenarji ta' espożizzjoni (jew l-identifikazzjoni ta' kategoriji relevanti ta' użu u espożizzjoni jekk ikun il-każ) u stima ta' l-espożizzjoni;

(b) karatterizzazzjoni tar-riskji.

Ix-xenarji ta' espożizzjoni (fejn ikun il-każ, il-kategoriji ta' l-użu u ta' espożizzjoni), l-istima ta' espożizzjoni u l-karatterizzazzjoni tar-riskji għandhom jindirizzaw l-użi kollha identifikati mir-reġistrant.

5. Ir-rapport ta' sigurtà kimika ma għandux bżonn jikkonsidra r-riskji għas-saħħa tal-bniedem minn dawn it-tipi ta' użu finali li ġejjin:

(a) użu f'materjali f'kuntatt ma' l-ikel li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) 1935/2004 tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel [1];

(b) fi prodotti kosmetiċi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 76/768/KEE [2].

6. Kull reġistrant għandu jidentifika u japplika l-miżuri adatti sabiex jikkontrolla adegwatament ir-riskji identifikati fil-valutazzjoni tas-sigurtà kimika, u fejn ikun adatt, jirrakkomandahom fl-iskeda ta' data ta' sigurtà li huwa jipprovdi skond l-Artikolu 31.

[1] ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.
[2] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169.

▼C1

7. Kull reġistrant mitlub li jagħmel valutazzjoni tas-sigurtà kimika għandu jżomm ir-rapport ta' sigurtà kimika disponibbli u aġġornat.

KAPITOLU 2

Sustanzi meqjusa bħala reġistrati

Artikolu 15

Sustanzi fi protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali

1. Is-sustanzi attivi u ko-formulanti manifatturati jew importati għall-użu fi prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti biss u inklużi fl-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]) jew fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 ([2]), fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 703/2001 ([3]), fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1490/2002 ([4]), jew fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/565/KE ([5]) u għal kwalunkwe sustanza li għaliha tkun ittieħdet Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-kompletezza tad-dossier skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/414/KEE għandhom jitqiesu bħala reġistrati u r-reġistrazzjoni bħala kompletata għall-manifattura jew importazzjoni għall-użu bħala prodott ta' protezzjoni tal-pjanti u għaldaqstant bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitoli 1 u 5 ta' dan it-Titolu.

2. Is-sustanzi attivi manifatturati jew importati għall-użu fi prodotti bijoċidali biss u inklużi fl-Annessi I, IA jew IB mad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([6]) jew fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003 ([7]) dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE, sad-data tad-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE, għandhom jitqiesu bħala reġistrati u r-reġistrazzjoni

([1]) Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1). Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/136/KE (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 42).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' l-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li jittratta dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2266/2000 (ĠU L 259, 13.10.2000, p. 27).

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 703/2001 tas-6 ta' April 2001 li jistabbilixxi s-sustanzi attivi ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti fit-tieni stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jirrivedi l-lista ta' l-Istati Membri magħżula bħala rapporteurs għal dawk is-sustanzi (ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6).

([4]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1490/2002 ta' l-14 ta' Awwissu 2002 li jwaqqaf regoli oħra għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta' xogħol li jissemma fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1744/2004 (ĠU L 311, 8.10.2004, p. 23).

([5]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/565/KE tal-25 ta' Lulju 2003 li testendi l-perjodu previst fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 192, 31.7.2003, p. 40).

([6]) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/140/KE (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 78).

([7]) ĠU L 307, 24.11.2003, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1048/2005 (ĠU L 355, 15.12.2006, p. 63).

▼C1

bħala kompletata għall-manifattura jew importazzjoni għall-użu fi prodott bijoċidali u għalhekk bħala konformi mar-rekwiżiti tal-Kapitoli 1 u 5 ta' dan it-Titolu.

Artikolu 16

Dmirijiet tal-Kummissjoni, ta' l-Aġenzija u tar-reġistranti ta' sustanz meqjusa bħala reġistrati

1. Il-Kummissjoni jew il-korp Komunitarju relevanti għandu jagħmel disponibbli lill-Aġenzija l-informazzjoni ekwivalenti għal dik meħtieġa mill-Artikolu 10 għal sustanzi meqjusa bħala reġistrati skond l-Artikolu 15. L-Aġenzija għandha tinkludi din l-informazzjoni jew referenza għaliha fid-databases tagħha u tinnotifika lill-Awtoritajiet kompetenti b'dan sa l-1 ta' Diċembru 2008.

2. L-Artikoli 21, 22, 25 sa 28 ma għandhomx japplikaw għall-użi ta' sustanzi meqjusa bħala reġistrati skond l-Artikolu 15.

KAPITOLU 3

L-obbligu ta' reġistrazzjoni, u r-rekwiżiti ta' l-informazzjoni għal ċerti tipi ta' sustanzi intermedji

Artikolu 17

Reġistrazzjoni ta' sustanzi intermedji iżolati fuq il-post

1. Kull manifattur ta' sustanza intermedja iżolata fuq il-post fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika jew aktar kull sena għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija għas-sustanza intermedja iżolata fuq il-post.

2. Ir-reġistrazzjoni għal sustanza intermedja iżolata fuq il-post għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja, sal-punt li l-manifattur ikun jista jippreżentaha mingħajr ebda ttestjar ieħor:

(a) l-identità tal-manifattur kif speċifikat fit-Taqsima 1 ta' l-Anness VI;

(b) l-identità tas-sustanza intermedja kif speċifikat fit-Taqsimiet 2.1 sa 2.3.4 ta' l-Anness VI;

(ċ) il-klassifikazzjoni tas-sustanza intermedja kif speċifikat fit-Taqsima 4 ta' l-Anness VI;

(d) kwalunkwe informazzjoni eżistenti disponibbli dwar il-proprjetajiet fiżikokimiċi, relatati mas-saħħa tal-bniedem jew ambjentali tas-sustanza intermedja. Fejn ikun disponibbli rapport sħiħ ta' l-istudju, għandu jiġi preżentat sommarju ta' l-istudju;

(e) deskrizzjoni ġenerali qasira dwar l-użu, kif speċifikat fit-Taqsima 3.5 ta' l-Anness VI;

(f) dettalji tal-miżuri applikati ta' l-immaniġġar tar-riskji.

▼C1

Ħlief fil-każijiet koperti mill-Artikolu 25(3), mill-Artikolu 27(6) jew mill-Artikolu 30(3), ir-reġistrant għandu jkollu pussess leġittimu ta' jew ikollu permess sabiex jirriferi għar-rapport sħiħ ta' l-istudju imqassar taħt (d) għall-iskop ta' reġistrazzjoni.

Ir-reġistrazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas meħtieġ skond it-Titolu XI.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika biss għal sustanzi intermedji iżolati fuq il-post jekk il-manifattur jikkonferma li s-sustanza tiġi manifatturata u użata biss taħt kondizzjonijiet strettament kontrollati billi tinżamm rigorożament kontenuta b'mezzi tekniċi matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħha. Għandhom jintużaw teknoloġiji proċedurali u ta' kontroll sabiex tiġi minimizzata l-emissjoni u kwalunkwe espożizzjoni li tirriżulta.

Jekk dawn il-kondizzjonijiet ma jkunux sodisfatti, ir-reġistrazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10.

Artikolu 18

Reġistrazzjoni ta' sustanzi intermedji iżolati trasportati

1. Kull manifattur jew importatur ta' sustanza intermedja iżolata trasportata fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika jew aktar kull sena għandu jippreżenta reġistrazzjoni lill-Aġenzija għas-sustanza intermedja iżolata trasportata.

2. Ir-reġistrazzjoni għal sustanza intermedja iżolata trasportata għandha tinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) l-identità tal-manifattur jew l-importatur kif speċifikat fit-Taqsima 1 ta' l-Anness VI;

(b) l-identità tas-sustanza intermedja kif speċifikat fit-Taqsimiet 2.1 sa 2.3.4 ta' l-Anness VI;

(ċ) il-klassifikazzjoni tas-sustanza intermedja kif speċifikat fit-Taqsima 4 ta' l-Anness VI;

(d) kwalunkwe informazzjoni eżistenti disponibbli dwar il-proprjetajiet fiżikokimiċi, relatati mas-saħħa tal-bniedem jew ambjentali tas-sustanza kimika. Fejn ikun disponibbli rapport sħiħ ta' l-istudju, għandu jiġi preżentat sommarju ta' l-istudju;

(e) deskrizzjoni ġenerali qasira dwar l-użu, kif speċifikat fit-Taqsima 3.5 ta' l-Anness VI;

(f) informazzjoni dwar il-miżuri ta' l-immaniġġar tar-riskji applikati u rakkomandati lill-utent skond il-paragrafu 4.

Ħlief fil-każijiet koperti mill-Artikolu 25(3), mill-Artikolu 27(6) jew mill-Artikolu 30(3), ir-reġistrant għandu jkollu pussess leġittimu ta' jew ikollu permess sabiex jirriferi għar-rapport sħiħ ta' l-istudju imqassar taħt (d) għall-iskop ta' reġistrazzjoni.

▼C1

Ir-reġistrazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas meħtieġ skond it-Titolu XI.

3. Ir-reġistrazzjoni għal sustanza intermedja iżolata trasportata fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata metrika kull sena għal kull manifattur jew importatur għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness VII flimkien ma' l-informazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu 2.

Għall-ġenerazzjoni ta' din l-informazzjoni, għandu japplika l-Artikolu 13.

4. Il-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw biss għal sustanzi intermedji iżolati trasportati jekk il-manifattur jew l-importatur jikkonferma huwa stess jew jiddikjara li jkun irċieva konferma mill-utent li s-sintesi ta' sustanza oħra jew sustanzi oħrajn minn dik intermedja sseħħ f'siti oħrajn taħt il-kondizzjonijiet strettament kontrollati li ġejjin:

(a) is-sustanza tinżamm rigorożament kontenuta b'mezzi tekniċi matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħha inklużi l-manifattura, il-purifikazzjoni, it-tindif u l-manutenzjoni ta' tagħmir, il-kampjunament, l-analiżi, it-tagħbija u l-ħatt ta' apparat jew bastimenti, ir-rimi ta' skart jew il-purifikazzjoni u l-ħażna;

(b) għandhom jintużaw teknoloġiji proċedurali u ta' kontroll sabiex jiġu minimizzati l-emissjoni u kwalunkwe espożizzjoni li tirriżulta;

(ċ) ikun biss persunal imħarreġ sew u awtorizzat li jimmaniġġa s-sustanza;

(d) fil-każ ta' xogħlijiet ta' tindif u ta' manutenzjoni, jiġu applikati proċeduri speċjali bħal tindif u ħasil qabel il-ftuħ u d-dħul fis-sistema;

(e) f'każ ta' xi inċident u fejn jinħoloq l-iskart, jintużaw teknoloġiji proċedurali u/jew ta' kontroll sabiex jiġu minimizzati l-emissjonijiet u l-espożizzjoni li tirriżulta matul proċeduri ta' purifikazzjoni jew tindif u manutenzjoni;

(f) il-proċeduri ta' maniġġar ta' sustanzi huma dokumentati tajjeb u sorveljati b'mod strett mill-operatur tas-sit.

Jekk il-kondizzjonijiet disposti fl-ewwel subparagrafu ma jkunux sodisfatti, ir-reġistrazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10.

Artikolu 19

Il-preżentazzjoni konġunta ta' data dwar sustanzi intermedji iżolati minn reġistranti multipli

1. Meta sustanza intermedja iżolata fuq il-post jew sustanza intermedja iżolata trasportata tkun intiża sabiex tiġi manifatturata fil-Komunità minn manifattur wieħed jew aktar u/jew importata minn importatur wieħed jew aktar, għandu japplika dan li ġej.

▼C1

Suġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 17(2) (ċ) u (d) u fl-Artikolu 18(2) (ċ) u (d) għandha l-ewwel tiġi preżentata minn manifattur wieħed jew importatur li jaġixxi bil-ftehim ta' manifatturi jew importaturi oħrajn li jagħtu l-kunsens tagħhom ("ir-reġistrant prinċipali").

Kull reġistrant għandu sussegwentement jippreżenta separatament l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 17(2)(a) (b) (e) u (f) u l-Artikolu 18(2)(a) (b), (e) u (f).

2. Manifattur jew importatur jista' jippreżenta separatament l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2)(ċ) or (d) and 18(2)(ċ) jew (d) jekk:

(a) tkun tinvolvi spiża sproporzjonata għalih jekk jippreżentaha konġuntament; jew

(b) il-preżentazzjoni konġunta ta' l-informazzjoni twassal għal żvelar ta' informazzjoni li huwa jikkonsidra sensittiva kummerċjalment u li aktarx tikkawżalu ħsara kummerċjali sostanzjali; jew

(ċ) huwa ma jaqbilx mar-reġistrant prinċipali dwar l-għażla ta' din l-informazzjoni.

Jekk il-paragrafi (a), (b) jew (ċ) japplikaw, il-manifattur jew l-importatur għandu jippreżenta flimkien mad-dossier, spjegazzjoni għaliex l-ispejjeż ikunu sproporzjonati, għaliex l-iżvelar ta' l-informazzjoni aktarx kienet se jwassal għal ħsara kummerċjali sostanzjali, jew in-natura tan-nuqqas ta' ftehim, skond il-każ.

3. Il-preżentazzjoni għal reġistrazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-ħlas meħtieġ skond it-Titolu IX.

KAPITOLU 4

Dispożizzjonijiet komuni għar-reġistrazzjonijiet kollha

Artikolu 20

Dmirijiet ta' l-Aġenzija

1. L-Aġenzija għandha tassenja numru ta' preżentazzjoni lil kull reġistrazzjoni, li għandu jintuża għall-korrispondenza kollha rigward ir-reġistrazzjoni sakemm ir-reġistrazzjoni titqies li tkun kompletata, u data ta' preżentazzjoni, li għandha tkun id-data tar-riċevuta tar-reġistrazzjoni għand l-Aġenzija.

2. L-Aġenzija għandha twettaq kontroll tal-kompletezza ta' kull reġistrazzjoni sabiex tiżgura li l-elementi kollha meħtieġa taħt l-Artikoli 10 u 12 jew taħt l-Artikoli 17 u 18, kif ukoll il-ħlas għar-reġistrazzoni msemmi fl-Artikolu 6(4), fl-Artikolu 7(1) u (5), fl-Artikolu 17(2) jew fl-Artikolu 18(2), ġew provduti. Il-kontroll tal-kompletezza ma għandux jinkludi valutazzjoni tal-kwalità jew adegwatezza ta' kwalunkwe data jew ġustifikazzjoni mogħtija.

L-Aġenzija għandha twettaq il-kontroll tal-kompletezza fi żmien 3 gimgħat mid-data tal-preżentazzjoni, jew fi żmien 3 xhur mill-iskadenza tat-terminu perentorju relevanti ta' l-Artikolu 23, fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali u preżentati matul il-perjodu ta' xahrejn immedjatament qabel dik l-iskadenza.

▼C1

Jekk ir-reġistrazzjoni ma tkunx kompleta, l-Aġenzija għandha tavża lir-reġistrant, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' 3 ġimgħat jew ta' 3 xhur imsemmi fit-tieni subparagrafu, rigward liema informazzjoni oħra tkun meħtieġa sabiex ir-reġistrazzjoni titlesta, filwaqt li tistabbilixxi terminu perentorju raġonevoli għal dan. Ir-reġistrant għandu jlesti r-reġistrazzjoni tiegħu u jibgħatha lill-Aġenzija fit-terminu perentorju stabbilit. L-Aġenzija għandha tikkonferma d-data tal-preżentazzjoni ulterjuri ta' l-informazzjoni lir-reġistrant. L-Aġenzija għandha twettaq kontroll tal-kompletezza ulterjuri, filwaqt li tikkonsidra l-informazzjoni ulterjuri li tkun ingħatat.

L-Aġenzija għandha tiċħad ir-reġistrazzjoni jekk ir-reġistrant jonqos li jlesti r-reġistrazzjoni fit-terminu perentorju stabbilit. Il-ħlas għar-reġistrazzjoni ma jiġix rimburżat f'dawn il-każijiet.

3. Ladarba r-reġistrazzjoni tkun kompletata, l-Aġenzija għandha tassenja numru ta' reġistrazzjoni lis-sustanza konċernata u data ta' reġistrazzjoni, li għandha tkun l-istess bħad-data tal-preżentazzjoni. L-Aġenzija għandha, mingħajr dewmien, tibgħat in-numru tar-reġistrazzjoni u d-data tar-reġistrazzjoni lir-reġistrant konċernat. In-numru tar-reġistrazzjoni għandu jintuża fil-korrispondenza sussegwenti kollha li tirrigwarda r-reġistrazzjoni.

4. L-Aġenzija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru relevanti fi żmien 30 jum mid-data tal-preżentazzjoni, li l-informazzjoni li ġejja tkun disponibbli fid-database ta' l-Aġenzija:

(a) id-dossier tar-reġistrazzjoni flimkien man-numru tal-preżentazzjoni jew tar-reġistrazzjoni,

(b) id-data tal-preżentazzjoni jew tar-reġistrazzjoni,

(ċ) ir-riżultat tal-kontroll ta' kompletezza u

(d) kwalunkwe talba għal aktar informazzjoni u t-terminu perentorju stabbilit skond it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2.

L-Istat Membru relevanti għandu jkun l-Istat Membru li fih issir il-manifattura jew fejn ikun stabbilit l-importatur.

Jekk il-manifattur ikollu siti ta' produzzjoni f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru relevanti għandu jkun dak li fih ikun stabbilit l-uffiċċju prinċipali tal-manifattur. Għandhom ukoll jiġu notifikati l-Istati Membri l-oħrajn fejn ikunu stabbiliti s-siti ta' produzzjoni.

L-Aġenzija għandha tinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat jew Stati Membri relevanti meta kwalunwke informazzjoni ulterjuri preżentata mir-reġistrant tkun disponibbli fid-database ta' l-Aġenzija.

5. Jista' jitressaq appell, skond l-Artikoli 90, 91 u 92, mid-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

6. Meta tiġi preżentata informazzjoni addizzjonali, għal sustanza partikolari, lill-Aġenzija minn reġistrant ġdid, l-Aġenzija għandha tinnotifika lir-reġistranti eżistenti li din l-informazzjoni tkun disponibbli fid-database għall-finijiet ta' l-Artikolu 22.

▼C1

Artikolu 21

Il-manifattura u l-importazzjoni ta' sustanzi

1. Reġistrant jista' jibda jew ikompli l-manifattura jew l-importazzjoni ta' sustanza, jew il-produzzjoni jew l-importazzjoni ta' oġġett, jekk ma jkunx hemm indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija skond l-Artikolu 20(2) fi żmien 3 ġimgħat wara d-data tal-preżentazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27(8).

Fil-każ ta' reġistrazzjonijiet ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali, tali reġistrant jista' jkompli bil-manifattura jew l-importazzjoni tas-sustanza, jew bil-produzzjoni jew l-importazzjoni ta' oġġett, jekk ma jkun hemm ebda indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija skond l-Artikolu 20(2) fit-tliet ġimgħat wara d-data tal-preżentazzjoni jew jekk preżentata fil-perjodu ta' xahrejn qabel l-iskadenza tat-terminu perentorju relevanti ta' l-Artikolu 23, jekk ma jkun hemm ebda indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija skond l-Artikolu 20(2) fit-tliet xhur minn dik l-iskadenza, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27(8).

Fil-każ ta' aġġornament ta' reġistrazzjoni skond l-Artikolu 22 reġistrant jista' jkompli l-manifattura jew l-importazzjoni tas-sustanza, jew il-produzzjoni jew importazzjoni ta' l-oġġett jekk ma jkunx hemm indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija skond l-Artikolu 20(2) fit-3 ġimgħat wara d-data ta' l-aġġornament, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27(8).

2. Jekk l-Aġenzija tkun avżat lir-reġistrant li huwa meħtieġ jippreżenta informazzjoni ulterjuri skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 20(2), ir-reġistrant jista' jibda l-manifattura jew l-importazzjoni ta' sustanza, jew il-produzzjoni jew l-importazzjoni ta' oġġett, jekk ma jkunx hemm indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija, fit-tliet ġimgħat wara li l-Aġenzija tirċievi l-informazzjoni ulterjuri meħtieġa sabiex titlesta r-reġistrazzjoni tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27(8).

3. Jekk reġistrant ewlieni jippreżenta xi partijiet tar-reġistrazzjoni għan-nom ta' wieħed jew iżjed reġistranti oħra, kif previst fl-Artikoli 11 jew 19, kwalunkwe wieħed minn dawk ir-reġistranti l-oħrajn jista' jimmanifattura jew jimporta s-sustanza jew jipproduċi jew jimporta l-oġġetti biss wara li jiskadi l-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu u sakemm ma jkunx hemm indikazzjoni għall-kuntrarju mill-Aġenzija fir-rigward tar-reġistrazzjoni tar-reġistrant ewlieni li jaġixxi għan-nom ta' oħrajn u fir-rigward tar-reġistrazzjoni tiegħu stess.

Artikolu 22

Obbligi ulterjuri tar-reġistranti

1. Wara r-reġistrazzjoni, reġistrant għandu jkun responsabbli, bl-inizjattiva tiegħu stess, mill-aġġornament tar-reġistrazzjoni tiegħu mingħajr dewmien żejjed bl-informazzjoni relevanti ġdida u mill-preżentazzjoni tagħha lill-Aġenzija fil-każijiet li ġejjin:

(a) kwalunkwe bidla fl-istat tiegħu, bħala manifattur, importatur jew produttur ta' oġġetti, jew fl-identità tiegħu, bħall-isem jew l-indirizz tiegħu;

(b) kwalunkwe bidla fil-kompożizzjoni tas-sustanza kif mogħtija fit-Taqsima 2 ta' l-Anness VI;

▼C1

(ċ) bidliet fil-kwantitajiet annwali jew totali manifatturati jew importati minnu jew fil-kwantitajiet ta' sustanzi preżenti f'oġġetti prodotti jew importati minnu jekk dawn jirriżultaw f'bidla fil-limiti tat-tunnellaġġ, inkluż il-waqfien tal-manifattura jew l-importazzjoni;

(d) użi ġodda identifikati u użi ġodda li ngħata parir kontrihom kif imsemmi fit-Taqsima 3.7 ta' l-Anness IV li għalihom tiġi manifatturata jew importata s-sustanza;

(e) informazzjoni ġdida dwar ir-riskji tas-sustanza għas-saħħa tal-bniedem u/jew għall-ambjent li huwa jista' raġonevolment ikun sar jaf dwarhom li twassal għal bidliet fl-iskeda ta' data ta' sigurtà jew fir-rapport ta' sigurtà kimika;

(f) kwalunkwe bidla fil-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tas-sustanza;

(g) kwalunkwe aġġornament jew emenda tar-rapport ta' sigurtà kimika jew tat-Taqsima 5 ta' l-Anness VI;

(h) fejn ir-reġistrant jidentifika l-ħtieġa li jwettaq test elenkat fl-Anness IX jew fl-Anness X, fejn f'dan il-każ ikollha tiġi żviluppata proposta ta' ttestjar;

(i) kwalunkwe bidla fl-aċċess mogħti għall-informazzjoni fir-reġistrazzjoni.

L-Aġenzija għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru relevanti.

2. Reġistrant għandu jippreżenta lill-Aġenzija aġġornament tar-reġistrazzjoni li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa mid-deċiżjoni li tkun saret skond l-Artikoli 40, 41 jew 46 jew b'kont meħud ta' deċiżjoni li tkun saret skond l-Artikoli 60 u 73, fit-terminu perentorju speċifikat f'dik id-deċiżjoni. L-Aġenzija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru relevanti li l-informazzjoni tkun disponibbli fid-database tagħha.

3. L-Aġenzija għandha twettaq kontroll tal-kompletezza skond l-Artikolu 20(2) l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' kull reġistrazzjoni aġġornata. F'każijiet fejn l-aġġornament ikun konformi ma' l-Artikolu 12(2) u mal-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-Artikolu l-Aġenzija għandha tivverifika l-kompletezza ta' l-informazzjoni mogħtija mir-reġistrant u għandu japplika l-Artikolu 20(2) adattat kif meħtieġ.

4. F'każijiet koperti mill-Artikoli 11 jew 19, kull reġistrant għandu jibgħat separatament l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-Artikolu.

5. Aġġornament għandu jkun akkumpanjat mill-parti relevanti tal-ħlas meħtieġ skond it-Titolu IX.

▼C1

KAPITOLU 5

Dispożizzjonijiet transizzjonali applikabbli għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali u għal sustanzi notifikati

Artikolu 23

Dispożizzjonijiet speċifiċi għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali

1. L-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 17, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 21 ma għandhomx japplikaw sa l-1 ta' Diċembru 2010 għas-sustanzi li ġejjin:

(a) sustanzi ta' introduzzjoni gradwali klassifikati bħala karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni, tal-Kategorija 1 jew 2, skond id-Direttiva 67/548/KEE u manifatturati fil-Komunità jew importati, fi kwantitajiet li jilħqu tunnellata metrika jew aktar fis-sena kull manifattur jew kull importatur, mill-inqas darba wara l-1 ta' Ġunju 2007;

(b) sustanzi ta' introduzzjoni gradwali klassifikati bħala tossiċi ħafna għall-organiżmi akkwatiċi li jistgħu jikkaġunaw effetti ħżiena għal perjodu twil fl-ambjent akkwatiku (R50/53) skond id-Direttiva 67/548/KEE, u manifatturati fil-Komunità jew importati fi kwantitajiet li jilħqu l-100 tunnellata metrika jew aktar fis-sena kull manifattur jew kull importatur, mill-inqas darba wara l-1 ta' Ġunju 2007;

(ċ) sustanzi ta' introduzzjoni gradwali manifatturati fil-Komunità jew importati, fi kwantitajiet li jilħqu 1 000 tunnellata metrika jew aktar fis-sena kull manifattur jew kull importatur, mill-inqas darba wara l-1 ta' Ġunju 2007.

2. L-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 17, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 21 ma għandhomx japplikaw sa l-1 ta' Ġunju 2013 għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali manifatturati fil-Komunità jew importati, fi kwantitajiet li jilħqu 100 tunnellata metrika jew aktar fis-sena kull manifattur jew kull importatur, mill-inqas darba wara l-1 ta' Ġunju 2007.

3. L-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 17, l-Artikolu 18 u l-Artikolu 21 ma għandomx japplikaw sa l-1 ta' Ġunju 2018 għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali manifatturati fil-Komunità jew importati, fi kwantitajiet li jilħqu tunnellata metrika jew aktar fis-sena kull manifattur jew kull importatur, mill-inqas darba wara l-1 ta' Ġunju 2007.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 3, tista' tiġi preżentata reġistrazzjoni fi kwalunkwe żmien qabel l-iskadenza relevanti.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal sustanzi reġistrati taħt l-Artikolu 7 adattat kif meħtieġ.

Artikolu 24

Sustanzi notifikati

1. Notifika skond id-Direttiva 67/548/KEE għandha titqies bħala reġistrazzjoni għall-finijiet ta' dan it-Titolu u l-Aġenzija għandha tassenja numru ta' reġistrazzjoni sa l-1 ta' Diċembru 2008.

▼C1

2. Jekk il-kwantità ta' sustanza notifikata manifatturata jew importata kull manifattur jew kull importatur tilħaq il-limitu operattiv li jmiss ta' tunnellaġġ skond l-Artikolu 12, l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa li tikkorrispondi għal dak il-limitu ta' tunnellaġġ, kif ukoll għal-limiti operattivi ta' tunnellaġġ aktar baxxi kollha, għandha tingħata skond l-Artikoli 10 u 12, sakemm ma tkunx diġà ġiet preżentata konformement ma' dawk l-Artikoli.

TITOLU III

IL-KONDIVIŻJONI TA' DATA U L-EVITAR TA' TTESTJAR BLA BŻONN

KAPITOLU 1

Objettivi u regoli ġenerali

Artikolu 25

Objettivi u regoli ġenerali

1. Sabiex ikun evitat l-ittestjar fuq l-annimali, l-ittestjar fuq annimali vertebrati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandu jsir biss meta ma jkunx hemm għażla oħra. Ikun meħtieġ ukoll li jittieħdu miżuri li jillimitaw id-duplikazzjoni ta' testijiet oħra.

2. Il-kondiviżjoni u l-preżentazzjoni konġunta ta' informazzjoni skond dan ir-Regolament għandhom jirrigwardaw data teknika u b'mod partikolari informazzjoni dwar il-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanzi. Ir-reġistranti għandhom jibqgħu lura milli jiskambjaw informazzjoni dwar l-operat tagħhom fis-suq, b'mod partikolari fir-rigward ta' kapaċitajiet produttivi, ta' produzzjoni jew ta' volumi ta' bejgħ, ta' volumi ta' importazzjoni jew ta' ishma tas-suq.

3. Kwalunkwe sommarju ta' studju jew sommarju robust ta' studju preżentat fil-kuntest ta' reġistrazzjoni taħt dan ir-Regolament mill-inqas 12-il sena qabel jista' jintuża għall-finijiet tar-reġistrazzjoni minn manifattur jew importatur ieħor.

KAPITOLU 2

Regoli għal sustanzi li ma jkunux ta' introduzzjoni gradwali u għal reġistranti ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li ma rreġistrawx minn qabel

Artikolu 26

Obbligu ta' riċerka qabel ir-reġistrazzjoni

1. Kull reġistrant potenzjali ta' sustanza li ma tkunx ta' introduzzjoni gradwali, jew kull reġistrant potenzjali ta' sustanza ta' introduzzjoni gradwali li ma għamilx pre-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 28 għandu jsaqsi l-Aġenzija jekk diġà ġietx preżentata reġistrazzjoni għall-istess sustanza. Huwa għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja kollha lill-Aġenzija ma' din id-domanda:

(a) l-identità tiegħu kif speċifikat fit-Taqsima 1 ta' l-Anness VI, bl-eċċezzjoni tas-siti ta' użu;

▼C1

(b) l-identità tas-sustanza, kif speċifikat fit-Taqsima 2 ta' l-Anness VI;

(ċ) liema rekwiżiti ta' informazzjoni jitolbu studji ġodda li jinvolvu annimali vertebrati li jkollhom jitwettqu minnu;

(d) liema rekwiżiti ta' informazzjoni jitolbu studji ġodda oħrajn li jkollhom jitwettqu minnu.

2. Jekk l-istess sustanza ma tkunx ġiet reġistrata qabel, l-Aġenzija għandha tavża lir-reġistrant potenzjali dwar dan.

3. Jekk l-istess sustanza tkun ġiet reġistrata anqas minn 12-il sena qabel, l-Aġenzija għandha tavża lir-reġistrant potenzjali mingħajr dewmien bl-ismijiet u l-indirizzi tar-reġistrant jew reġistranti preċedenti u bis-sommarji relevanti ta' studju jew bis-sommarji robusti ta' studju, skond kif ikun il-każ, li diġà ġew preżentati minnhom.

L-istudji li jinvolvu annimali vertebrati ma għandhomx jiġu ripetuti.

Fl-istess waqt l-Aġenzija għandha tavża lir-reġistranti preċedenti bl-isem u l-indirizz tar-reġistrant potenzjali. L-istudji disponibbli għandhom jiġu kondiviżi mar-reġistrant potenzjali skond l-Artikolu 27.

4. Jekk bosta reġistranti potenzjali jkunu staqsew dwar l-istess sustanza, l-Aġenzija għandha tinforma lir-reġistranti potenzjali kollha mingħajr dewmien bl-isem u bl-indirizz tar-reġistranti potenzjali l-oħrajn.

Artikolu 27

Il-kondiviżjoni ta' data eżistenti fil-każ ta' sustanzi reġistrati

1. Fejn sustanza tkun ġiet reġistrata anqas minn 12-il sena qabel kif imsemmi fl-Artikolu 26(3), ir-reġistrant potenzjali:

(a) għandu, f'każ ta' informazzjoni li tinvolvi testijiet fuq annimali vertebrati, u

(b) jista', f'każ ta' informazzjoni li ma tinvolvix testijiet fuq annimali vertebrati,

jitlob mingħand ir-reġistrant jew reġistranti preċedenti l-informazzjoni li jeħtieġ fir-rigward ta' l-Artikolu 10(a)(vi) i (vii) sabiex jirreġistra.

2. Meta ssir talba għal informazzjoni skond il-paragrafu 1, ir-reġistrant jew reġistranti potenzjali u dawk preċedenti kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jilħqu ftehim dwar il-kondiviżjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa mir-reġistrant jew reġistranti potenzjali fir-rigward ta' l-Artikolu 10(a)(vi) u (vii). Tali ftehim jista' jiġi sostitwit bil-preżentazzjoni tal-kwistjoni lil bord ta' arbitraġġ u bl-aċċettazzjoni tad-deċiżjoni ta' l-arbitraġġ.

▼C1

3. Ir-reġistrant preċedenti u r-reġistrant jew reġistranti potenzjali għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li l-ispejjeż tal-kondiviżjoni ta' l-informazzjoni jiġu determinati b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju. Dan jista' jiġi faċilitat billi tiġi segwita gwida dwar il-qsim ta' spejjeż ibbażata fuq dawk il-prinċipji u li tiġi adottata mill-Aġenzija skond l-Artikolu 77(2)(g). Ir-reġistranti huma meħtieġa biss li jaqsmu l-ispejjeż ta' l-informazzjoni li huma jkunu meħtieġa jippreżentaw sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom ta' reġistrazzjoni.

4. Mal-ftehim dwar il-kondiviżjoni ta' l-informazzjoni, ir-reġistrant preċedenti għandu jqieġhed għad-dispożizzjoni tar-reġistrant il-ġdid l-informazzjoni miftiehma u għandu jagħti permess lir-reġistrant il-ġdid sabiex jirriferi għar-rapport sħiħ ta' studju tar-reġistrant preċedenti.

5. Jekk ma jintlaħaqx tali ftehim, ir-reġistrant jew reġistranti potenzjali għandhom javżaw lill-Aġenzija u lir-reġistrant jew reġistranti preċedenti dwar dan mhux inqas minn xahar wara li jirċievu, mill-Aġenzija, l-isem u l-indirizz tar-reġistrant jew reġistranti preċedenti.

6. Fi żmien xahar minn meta tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, l-Aġenzija għandha tagħti lir-reġistrant potenzjali l-permess li jirriferi għall-informazzjoni mitluba minnu fid-dossier tar-reġistrazzjoni tiegħu, suġġett għall-kondizzjoni li r-reġistrant potenzjali jipprovdi, fuq talba mill-Aġenzija, prova li ħallas lir-reġistrant(i) preċedenti għal dik l-informazzjoni sehem mill-ispiża involuta. Ir-reġistrant(i) preċedenti għandu jkollu dritt li jitlob mir-reġistrant potenzjali sehem proporzjonali ta' l-ispiża magħmula minnu. Il-kalkolu tas-sehem proporzjonali jista' jkun faċilitat mill-gwida adottata mill-Aġenzija skond l-Artikolu 77(2)(g). Sakemm jagħmel disponibbli r-rapport sħiħ ta' studju lir-reġistrant potenzjali, ir-reġistrant jew reġistranti preċedenti għandhom ikollhom dritt jeżiġu mir-reġistrant potenzjali sehem ugwali ta' l-ispejjeż li jagħmel, li għandu jkun infurzabbli fil-qrati nazzjonali.

7. Jista' jitressaq appell, skond l-Artikoli 91, 92 u 93, mid-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija skond il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

8. Il-perjodu ta' stennija tar-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 21(1) għar-reġistrant il-ġdid għandu jiġi estiż b'perjodu ta' erba' xhur, jekk ir-reġistrant preċedenti jitlob dan.

KAPITOLU 3

Regoli għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali

Artikolu 28

L-obbligu ta' pre-reġistrazzjoni għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali

1. Sabiex igawdi mir-reġim transizzjonali previst fl-Artikolu 23 kull reġistrant potenzjali ta' sustanza ta' introduzzjoni gradwali fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika jew aktar fis-sena, anke mingħajr intermedji ta' limitazzjoni, għandu jippreżenta l-informazzjoni kollha li ġejja lill-Aġenzija:

(a) l-isem tas-sustanza kif speċifikat fit-Taqsima 2 ta' l-Anness VI, inklużi in-numri tagħha ta' l-EINECS u tal-CAS jew, jekk mhux disponibbli, kwalunkwe kodiċi ta' identità ieħor;

▼C1

(b) ismu u l-indirizz tiegħu u l-isem tal-persuna ta' kuntatt u, fejn xieraq, l-isem u l-indirizz tal-persuna li tirrappreżentah skond l-Artikolu 4 kif speċifikat fit-Taqsima 1 ta' l-Anness VI;

(ċ) id-data ta' skadenza tat-terminu perentorju previst għar-reġistrazzjoni **u l-** medda ta' tunnellaġġ;

(d) l-isem jew ismijiet tas-sustanza jew sustanzi kif speċifikati fit-Taqsima 2 ta' l-Anness VI, inkluż in-numri tagħhom ta' l-EINECS u tal-CAS jew, jekk mhux disponibbli, kwalunkwe kodiċi ieħor ta' identifikazzjoni, li għalihom tkun relevanti l-informazzjoni disponibbli għall-applikazzjoni tat-Taqsimiet 1.3 u 1.5 ta' l-Anness XI.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi preżentata f'perjodu ta' żmien li jibda Fl-1 ta' Ġunju 2008 u jispiċċa fl-1 ta' Diċembru 2008.

3. Ir-reġistranti li ma jippreżentawx l-informazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-Artikolu 23.

4. L-Aġenzija għandha, sa l-1 ta' Jannar 2009, tippubblika fil-website tagħha lista tas-sustanzi msemmija fil-paragrafi 1(a) u (d). Dik il-lista għandha tinkludi biss l-ismijiet tas-sustanzi, inklużi n-numri ta' l-EINECs u tal-CAS, jekk ikunu disponibbli, u kodiċi oħrajn ta' identità u l-ewwel skadenza ta' reġistrazzjoni prevista.

5. Wara l-pubblikazzjoni tal-lista, utent “downstream” ta' sustanza li ma tidherx fil-lista jista' jinnotifika l-Aġenzija bl-interess tiegħu fis-sustanza, bid-dettalji ta' kuntatt tiegħu u bid-dettalji tal-fornitur attwali tiegħu. L-Aġenzija għandha tippubblika fuq il-website tagħha l-isem tas-sustanza u, meta mitluba, tagħti d-dettalji ta' l-utent “downstream” lil reġistrant potenzjali.

6. Reġistranti potenzjali li jimmanifatturaw jew jimportaw għall-ewwel darba sustanza ta' introduzzjoni gradwali fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika jew aktar fis-sena jew jużaw għall-ewwel darba sustanza ta' introduzzjoni gradwali fil-kuntest ta' produzzjoni ta' oġġetti jew jimportaw għall-ewwel darba oġġett li jkollu fih sustanza ta' introduzzjoni gradwali li jkun jeħtieġ reġistrazzjoni, wara l-1 ta' Diċembru 2008, għandhom ikollhom id-dritt jibbenefikaw mill-Artikolu 23 bil-kondizzjoni li jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Aġenzija fi żmien sitt xhur mill-ewwel manifattura, importazzjoni jew użu tas-sustanza fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika jew aktar fis-sena u mhux aktar tard minn tnax-il xahar qabel l-skadenza tat-terminu perentorju relevanti fl-Artikolu 23.

7. Il-manifatturi jew l-importaturi ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali fi kwantitajiet ta' inqas minn tunnellata metrika fis-sena li jidhru fil-lista pubblikata mill-Aġenzija skond il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll l-utenti “downstream” ta' dawk is-sustanzi u terzi li jkollhom informazzjoni dwar dawk is-sustanzi, jistgħu jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew kwalunkwe informazzjoni relevanti oħra lill-Aġenzija għal dawk is-sustanzi, bil-ħsieb li tkun parti mill-forum ta' skambju ta' informazzjoni dwar sustanzi kif imsemmi fl-Artikolu 29.

▼C1

Artikolu 29

Fora ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar Sustanzi

1. Ir-reġistranti potenzjali, l-utenti “downstream” u l-partijiet terzi kollha li jkunu ppreżentaw informazzjoni lill-Aġenzija skond l-Artikolu 28, jew li l-informazzjoni tagħhom tkun miżmuma mill-Aġenzija skond l-Artikolu 15, għall-istess sustanza ta' introduzzjoni gradwali, jew reġistranti li ppreżentaw reġistrazzjoni għal dik is-sustanza ta' introduzzjoni gradwali qabel l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 23(3) għandhom ikunu parteċipanti f'forum ta' skambju ta' informazzjoni dwar sustanza (SIEF).

2. L-għan ta' kull SIEF għandu jkun li:

(a) jiffaċilita għal skopijiet ta' reġistrazzjoni, l-iskambju ta' l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10(a) (vi) u (vii) bejn reġistranti potenzjali, u b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' studji; u

(b) jintlaħaq ftehim bejn reġistranti potenzjali dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar fejn hemm differenza fil-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tas-sustanza.

3. Il-parteċipanti fi SIEF għandhom jipprovdu lill-parteċipanti l-oħrajn bi istudji eżistenti, jagħtu risposta għal talbiet minn parteċipanti oħrajn għal informazzjoni, kollettivament jidentifikaw il-ħtiġijiet għal aktar studji għall-finijiet tal-paragrafu 2(a) u jirranġaw sabiex tali studji jitwettqu. Kull SIEF għandu jiffunzjona sa l-1 ta' Ġunju 2018.

Artikolu 30

Kondiviżjoni ta' data li tinvolvi testijiet

1. Qabel ma jsir l-ittestjar sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' informazzjoni għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, parteċipant ta' SIEF għandu jara jekk huwiex disponibbli studju relevanti billi jikkomunika fis-SIEF tiegħu. Jekk ikun hemm disponibbli fis-SIEF studju relevanti li jinvolvi l-annimali vertebrati, parteċipant ta' dak is-SIEF għandu jitlob dak l-istudju. Jekk ikun hemm disponibbli fis-SIEF studju relevanti li ma jinvolvix l-annimali vertebrati, parteċipant tas-SIEF jista' jitlob dak l-istudju.

Fi żmien xahar mit-talba, il-proprjetarju ta' l-istudju għandu jagħti prova ta' l-ispiża tiegħu lill-parteċipant jew parteċipanti li jitolbuha. Il-parteċipant jew parteċipanti u l-proprjetarju għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li l-ispejjeż tal-kondiviżjoni ta' l-informazzjoni jiġu determinati b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju. Dan jista' jiġi faċilitat billi tiġi segwita gwida dwar il-qsim ta' spejjeż ibbażata fuq dawk il-prinċipji u li tiġi adottata mill-Aġenzija skond l-Artikolu 77(2)(g). Jekk ma jistgħux jilħqu tali ftehim, l-ispiża għandha tinqasam b'mod ugwali. Il-proprjetarju għandu jagħti permess sabiex ikun jista' jsir riferiment għar-rapport sħiħ ta' l-istudju għall-iskop tar-reġistrazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievi l-ħlas. Ir-reġistranti huma meħtieġa biss li jaqsmu l-ispejjeż ta' l-informazzjoni li huma meħtieġa jippreżentaw sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom ta' reġistrazzjoni.

▼C1

2. Jekk studju relevanti li jinvolvi testijiet ma jkunx disponibbli fi ħdan is-SIEF, għandu jsir biss studju wieħed għal kull rekwiżit ta' informazzjoni fi ħdan kull SIEF minn wieħed mill-parteċipanti li jaġixxi għan-nom ta' l-oħrajn. Huma għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli sabiex jilħqu ftehim f'terminu perentorju stabbilit mill-Aġenzija dwar min għandu jmexxi t-test għan-nom tal-parteċipanti l-oħrajn u jippreżenta sommarju ta' studju jew sommarju robust ta' studju lill-Aġenzija. Jekk ma jintlaħaq ebda ftehim, l-Aġenzija għandha tispeċifika liema reġistrant jew utent "downstream" għandu jwettaq it-test. Il-parteċipanti kollha tas-SIEF li jitolbu studju għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' l-elaborazzjoni ta' l-istudju b'sehem li jikkorrispondi għan-numru ta' reġistranti potenzjali li jipparteċipaw. Dawk il-parteċipanti li ma jwettqux l-istudju huma stess għandhom ikollhom id-dritt li jirċievu r-rapport sħiħ ta' l-istudju fi żmien ġimagħtejn wara li jsir il-ħlas lill-parteċipant li wettaq l-istudju.

3. Jekk sid ta' studju kif imsemmi fil-paragrafu 1 li jinvolvi ttestjar fuq annimali vertebrati jirrifjuta li jipprovdi lill-parteċipant jew parteċipanti oħrajn il-prova ta' l-ispiża ta' dak l-istudju jew l-istudju nnifsu, huwa għandu jkun prekluż milli jipproċedi bir-reġistrazzjoni sakemm jipprovdi l-informazzjoni lill-parteċipant jew parteċipanti oħrajn. Il-parteċipant jew parteċipanti oħrajn għandhom jipproċedu bir-reġistrazzjoni mingħajr ma jissodisfaw ir-rekwiżit relevanti ta' l-informazzjoni, filwaqt li jispjegaw ir-raġuni għal dan fid-dossier ta' reġistrazzjoni. L-istudju ma għandux jiġi ripetut sakemm fi żmien 12-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni tal-parteċipant jew parteċipanti oħrajn, il-proprjetarju ta' din l-informazzjoni ma jkunx tahulhom u l-Aġenzija tiddeċiedi li t-test għandu jiġi ripetut minnhom. Madankollu, jekk reġistrazzjoni li fiha din l-informazzjoni tkun diġà ġiet preżentata minn reġistrant ieħor, l-Aġenzija għandha tagħti lill-parteċipant jew parteċipanti oħrajn il-permess sabiex jirriferu għall-informazzjoni fid-dossier jew dossiers tar-reġistrazzjoni tiegħu. Ir-reġistrant l-ieħor għandu jkollu dritt jeżiġi mill-parteċipant jew parteċipanti oħrajn sehem ugwali fl-ispejjeż, sakemm jagħmel ir-rapport sħiħ ta' studju disponibbli lill-parteċipant jew parteċipanti oħrajn, li għandu jkun infurzabbli fil-qrati nazzjonali.

4. Jekk il-proprjetarju ta' studju kif imsemmi fil-paragrafu 1 li ma jinvolvix ittestjar fuq annimali vertebrati jirrifjuta li jipprovdi l-prova ta' l-ispiża ta' dak l-istudju jew l-istudju nnifsu lil parteċipant jew parteċipanti oħrajn, il-parteċipanti oħrajn tas-SIEF għandhom jipproċedu bir-reġistrazzjoni bħallikieku ma kien disponibbli ebda studju relevanti fis-SIEF.

5. Jista' jitressaq appell, skond l-Artikoli 91, 92 u 93, mid-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija skond il-paragrafi 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu.

6. Il-proprjetarju ta' l-istudju li jkun irrifjuta li jipprovdi prova ta' l-ispiża jew l-istudju nniffsu, kif imsemmi fil-paragrafu 3 jew 4 ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi penalizzat skond l-Artikolu 126.

TITOLU IV

INFORMAZZJONI FIL-KATINA TAL-PROVVISTA

Artikolu 31

Rekwiżiti għal skedi ta' data ta' sigurtà

1. Il-fornitur ta' sustanza jew ►M3 taħlita ◄ għandu jipprovdi lir-riċevitur ta' sustanza jew ►M3 taħlita ◄ skeda ta' data ta' sigurtà li tkun imfassla skond l-Anness II:

▼M3

(a) fejn sustanza jew taħlita tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikoluża skond ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008; jew

▼C1

(b) fejn sustanza tkun persistenti, bijo-akkumulattiva u tossika jew persistenti ħafna u bijo-akkumulattiva ħafna skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII; jew

Penali għan-nuqqas ta' konformità

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet dwar il-penali li japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn ikunu implementati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2008 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti fir-rigward tagħhom.

Artikolu 127

Rapport

Ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 117(1) għandu, fir-rigward ta' infurzar, jinkludi r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet uffiċjali, is-sorveljanza li tkun saret, il-penali previsti u l-miżuri l-oħrajn li ttieħdu skond l-Artikoli 125 u 126 matul il-perjodu preċedenti rapportat. Il-kwistjonijiet komuni li jridu jiġu koperti fir-rapporti għandhom jiġu miftiehma mill-Forum. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawn ir-rapporti disponibbli lill-Aġenzija u lill-Forum.

TITOLU XV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI U FINALI

Artikolu 128

Moviment liberu

1. Suġġett għall-paragrafu 2, l-Istati Membri m'għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu l-manifattura, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanza, waħidha, f' ►M3 taħlita ◄ jew f'oġġett, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li tikkonforma ma' dan ir-Regolament u, fejn ikun il-każ, ma' l-atti Komunitarji adottati fl-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Xejn f'dan ir-Regolament m'għandu jimpedixxi l-Istati Membri milli jżommu jew jistabbilixxu regoli nazzjonali sabiex jipproteġu lill-ħaddiema, lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent li japplikaw fil-każijiet fejn dan ir-Regolament ma jarmonizzax ir-rekwiżiti dwar il-manifattura, t-tqegħid fis-suq jew l-użu.

▼C1

Artikolu 129

Dispożizzjoni ta' salvagwardja

1. Fejn Stat Membru jkollu raġunijiet ġustifikabbli sabiex jemmen li tkun essenzjali azzjoni urġenti sabiex tipproteġi s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fir-rigward ta' sustanza, waħidha, f' ►M3 taħlita ◄ jew f'oġġett, anke jekk tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dan jista' jieħu l-miżuri provviżorji adegwati. L-Istat Membru għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan, waqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u jippreżenta l-informazzjoni xjentifika jew teknika li fuqha l-miżura provviżorja tkun ibbażata

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(3) fi żmien 60 jum minn meta tirċievi l-informazzjoni mill-Istat Membru. Id-deċizjoni għandha:

(a) tawtorizza l-miżura provviżorja għal perjodu ta' żmien definit fid-deċiżjoni; jew

(b) titlob lill-Istat Membru li jħassar il-mizura provviżorja.

3. Jekk, f'każ ta' deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2(a), il-miżura provviżorja meħuda mill-Istat Membru tikkonsisti f'restrizzjoni tat-tqegħid fis-suq jew ta' l-użu ta' sustanza, l-Istat Membru konċernat għandu jibda l-proċedura Komunitarja ta' restrizzjoni billi jippreżenta lill-Aġenzija dossier, konformement ma' l-Anness XV, fi żmien 3 xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

4. F'każ ta' deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2(b), il-Kummissjoni għandha tqis jekk dan ir-Regolament ikollux bżonn jiġi adattat.

Artikolu 130

Dikjarazzjoni tar-raġunijiet għad-deċiżjonijiet

L-awtoritajiet kompetenti, l-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet kollha li huma jieħdu taħt dan ir-Regolament.

Artikolu 131

Emendi għall-Annessi

L-Annessi jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(3a).

Artikolu 132

Leġislazzjoni implementattiva

Il-miżuri neċessarji sabiex jingħataw effikaċement effett id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(3).

Artikolu 133

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼C1

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu previst fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun 3 xhur

4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa 4, u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

5. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 134

Preparazzjoni għat-twaqqif ta' l-Aġenzija

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-appoġġ meħtieġ għat-twaqqif ta' l-Aġenzija.

2. Għal dak il-għan, sa meta id-Direttur Esekuttiv jibda jaqdi dmirijietu konsegwentement għall-ħatra tiegħu mill-Bord ta' Tmexxija ta' l-Aġenzija skond l-Artikolu 83, il-Kummissjoni, f'isem l-Aġenzija, u bl-użu tal-budget provdut għal din ta' l-aħħar, tista'

(a) taħtar persunal, inkluża persuna li għandha twettaq il-funzjonijiet amministrattivi tad-Direttur Esekuttiv fuq bażi interim; u

(b) tikkonkludi kuntratti oħra.

Artikolu 135

Miżuri transizzjonali dwar sustanzi notifikati

1. It-talbiet lin-notifikanti sabiex jipprovdu aktar informazzjoni lill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 67/548/KEE, għandhom jiġu kunsidrati bħala deċiżjonijiet adottati konformement ma' l-Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament.

2. It-talbiet lin-notifikanti sabiex jipprovdu aktar informazzjoni lill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 67/548/KEE, għandhom jiġu kunsidrati bħala deċiżjonijiet adottati konformement ma' l-Artikolu 52 ta' dan ir-Regolament.

Tali sustanza għandha tkun meqjusa bħala inkluża fil-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju konformement ma' l-Artikolu 44(2) ta' dan ir-Regolament u għandha tkun meqjusa bħala magħżula konformement ma' l-Artikolu 45(2) ta' dan ir-Regolament mill-Istat Membru li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun talbet aktar informazzjoni konformement ma' l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 67/548/KEE.

Artikolu 136

Miżuri transizzjonali dwar sustanzi eżistenti

1. It-talbiet lil manifatturi u lil importaturi sabiex jippreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni magħmula minn Regolament tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93, għandhom jiġu kunsidrati bħala deċiżjonijiet adottati konformement ma' l-Artikolu 52 ta' dan ir-Regolament.

▼C1

L-awtorità kompetenti għas-sustanza għandha tkun l-awtorita' kompetenti mill-Istat Membru identifikat bħala rapporteur konformement ma' l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 u għandha twettaq il-kompiti ta' l-Artikolu 46(3) u l-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament.

2. It-talbiet lil manifatturi u lil importaturi sabiex jippreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni magħmula mir-Regolament tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93, għandhom jiġu kunsidrati bħala deċiżjonijiet adottati konformement ma' l-Artikolu 52 ta' dan ir-Regolament. L-Aġenzija għandha tidentifika l-awtorità kompetenti għas-sustanza sabiex twettaq il-kompiti ta' l-Artikolu 46(3) u l-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament.

3. Stat Membru li r-rapporteur tiegħu ma ressaqx sa l-1 ta' Ġunju 2008 l-istima tar-riskji u, fejn xieraq, l-istrateġija sabiex jiġu limitati r-riskji, konformement ma' l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KEE) Nru 793/9, għandu:

(a) jiddokumenta l-informazzjoni dwar perikli u riskji konformement ma' l-Anness XV, Parti B ta' dan ir-Regolament;

(b) japplika l-Artikolu 69(4) ta' dan ir-Regolament abbażi ta' l-informazzjoni msemmija fil-punt (a); u

(ċ) jipprepara dokumentazzjoni ta' kif huwa jikkonsidra li kwakunkwe riskju ieħor identifikat jeħtieġ jiġi indirizzat minn azzjoni minbarra l-emendament ta' l-Anness XVII ta' dan ir-Regolament.

L-informazzjoni msemmija hawn fuq għandha tiġi preżentata lill-Aġenzija sa l-1 ta' Diċembru 2008.

Artikolu 137

Miżuri transizzjonali dwar restrizzjonijiet

1. Sa l-1 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tipprepara abbozz ta' emenda għall-Anness XVII konformement ma' xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe stima tar-riskji u strateġija rakkomandata sabiex jiġu limitati r-riskji li ġew adottati fil-livell Komunitarju konformement ma' l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 sa fejn dan jinkludi proposti għal restrizzjonijiet konformement mat-Titolu VIII ta' dan ir-Regolament iżda li dwarhom ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni taħt id-Direttiva 76/769/KEE.

(b) kwalunkwe proposta li tkun ġiet preżentata lill-istituzzjonijiet relevanti, iżda li ma tkunx għadha ġiet adottata, dwar l-introduzzjoni jew l-emendament ta' restrizzjonijiet skond id-Direttiva 76/769/KEE.

2. Sa l-1 ta' Ġunju 2010, kwalunkwe dossier imsemmi fl-Artikolu 129(3) għandu jiġi preżentat lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha, fejn meħtieġ, tipprepara abbozz ta' emenda għall-Anness XVII.

3. Kwalunkwe emenda għar-restrizzjonijiet adottata skond id-Direttiva 76/769/KEE mill-1 ta' Ġunju 2007 għandha tiġi inkorporata fl-Anness XVII b'effett mill-1 ta' Ġunju 2009.

▼C1

Artikolu 138

Reviżjoni

1. Sa l-1 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni bie tivvaluta jekk testendix jew le l-applikazzjoni ta' l-obbligu li titwettaq valutazzjoni tas-sigurtà kimika u li din tiġi dokumentata fir-rapport ta' sigurtà kimika għas-sustanzi mhux koperti minn dan l-obbligu għaliex ma jkunux suġġetti għar-reġistrazzjoni jew suġġetti għar-reġistrazzjoni iżda manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' anqas minn 10 tunnellati metriċi kull sena. ►M3 Madankollu, għas-sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni fil-klassijiet ta' periklu karċinoġeniċità, mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali jew tossiċità riproduttiva, kategorija 1A jew 1B, skond ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, ir-reviżjoni għandha titwettaq sa l-1 ta' Ġunju 2014. ◄ Meta tagħmel ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-fatturi kollha relevanti, inklużi:

(a) l-ispiża għall-manifatturi u l-importaturi sabiex ifasslu r-rapporti dwar is-sigurtà kimika;

(b) id-distribuzzjoni ta' l-ispejjeż bejn atturi fil-katina ta' provvista u l-utenti downstream;

(ċ) il-benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

Abbażi ta' din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tista', jekk ikun il-każ, tippreżenta proposti leġiżlattivi sabiex testendi dan l-obbligu.

2. Il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti leġiżlattivi hekk kif jista' jiġi stabbilit mod prattikabbli u effikaċi, għall-ispejjeż magħmula, sabiex jintgħażlu polimeri għar-reġistrazzjoni abbażi ta' kriterji teknikament u xjentifikament validi, u wara li jiġi pubblikat rapport dwar dan li ġej:

(a) ir-riskji kawżati mill-polimeri b'paragun ma' sustanzi oħra;

(b) il-ħtieġa, jekk ikun hemm, tar-reġistrazzjoni ta' ċerti tipi ta' polimeri, filwaqt li jittieħed kont tal-kompettività u ta' l-innovazzjoni, fuq naħa waħda, u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent, fuq in-naħa l-oħra.

3. Ir-rapport, imsemmi fl-Artikolu 117(3), dwar l-esperjenza miksuba mill-funzjonament ta' dan ir-Regolament, għandu jinkludi reviżjoni tar-rekwiżiti dwar ir-reġistrazzjoni ta' sustanzi manifatturati jew importati biss fi kwantitajiet li jibdew minn tunnellata metrikaw waħda iżda li jkunu anqas minn 10 tunnellati metriċi kull sena kull manifattur jew importatur. Abbażi ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti leġiżlattivi sabiex timmodifika r-rekwiżiti ta' informazzjoni għal sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' tunnellata metrika waħda jew aktar sa 10 tunnellati metriċi kull sena kull manifattur jew importatur, filwaqt li jittieħed kont ta' l-aħħar żviluppi, pereżempju fir-rigward ta' ttestjar alternattiv u tar-relazzjonijiet (kwantitattivi) bejn attività u struttura ((Q)SARs).

4. Il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni ta' l-Annessi I, IV u V sa 1 ta' Ġunju 2008, bil-ħsieb li tipproponi emendi għalihom, jekk ikun opportun, konformement mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 131.

5. Il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni ta' l-Anness XIII sa l-1 ta' Diċembru 2008, sabiex tivvaluta l-adegwatezza tal-kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanzi li jkunu persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi, jew li jkunu persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna, bil-ħsieb li tipproponi emendi għalih, jekk ikun il-każ, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(4).

▼C1

6. Sa l-1 ta' Ġunju 2012, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni sabiex tqis jekk għandhiex temenda jew le l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħrajn relevanti tal-Kommunità. Fuq il-bażi ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tista', jekk ikun il-każ, tippreżenta proposta leġiżlattiva.

7. Sa l-1 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni sabiex tqis jekk għandhiex testendi jew le, b'kont meħud ta' l-aħħar żviluppi fil-konoxxenza xjentifika, il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 60(3) għal sustanzi identifikati taħt l-Artikolu 57(f) bħala sustanzi li għandhom proprjetajiet li jikkawżaw l-inabilitazzjoni endokrinali. Fuq il-bażi ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tista', jekk ikun il-każ, tippreżenta proposta leġiżlattiva.

8. Sa l-1 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni sabiex tqis jekk għandhiex testendi jew le l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 33 sabiex ikopri sustanzi perikoluż, b'kont meħud ta' l-esperjenza prattika fl-implimentazzjoni ta' dak l-Artikolu. Fuq il-bażi ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tista', jekk ikun il-każ, tippreżenta proposta leġiżlattiva għall-estensjoni ta' dak l-obbligu.

9. Konformement ma' l-objettiv tal-promozzjoni ta' ittestjar li ma jsirx fuq l-annimali u tas-sostituzzjoni, tnaqqis u l-perfezzjonament ta' l-ittestjar fuq l-annimali meħtieġ taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrivedi r-rekwiżiti għall-ittestjar taħt it-Taqsima 8.7 ta' l-Anness VIII sa l-1 ta' Ġunju 2019. Fuq il-bażi ta' din ir-reviżjoni, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u ta' l-ambjent, il-Kummissjoni tista' tipproponi emenda skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 133(4).

Artikolu 139

Taħsir

Id-Direttiva 91/155/KEE hija b'dan imħassra.

Id-Direttivi 93/105/KEE u 200/21/KE u r-Regolamenti (KEE) Nru 793/93 u (KE) Nru 1488/94 għandhom ikunu mħassra b'effett mill-1 ta' Ġunju 2008.

Id-Direttiva 93/67/KEE għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Awwissu 2008.

Id-Direttiva 76/769/KEE għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Ġunju 2009.

Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 140

Emendament tad-Direttiva 1999/45/KE

L-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/45/EC huwa b'dan imħassar.

Artikolu 141

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007.

2. It-Titoli II, III, V, VI, VII, XI u XII kif ukoll l-Artikolu 128 u 136 għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2008.

3. L-Artikolu 135 għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2008.

4. It-Titolu VIII u l-Anness XVII għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼C1

LISTA TA' ANNESSI

ANNESS I	DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-VALUTAZZJONI TA' SUSTANZIU GĦALL-PREPARAZZJONI TA' RAPPORTI DWAR IS-SIGURTÀ KIMIKA
ANNESS II	REKWIŻITI GĦAT-TFASSIL TAL-ISKEDI TAD-DEJTA DWAR IS-SIKUREZZA
ANNESS III	KRITERJI GĦAL SUSTANZI REĠISTRATI FI KWANTITAJIET BEJN 1 U 10 TUNNELLATI METRIĊI
ANNESS IV	EŻENZJONIJIET MILL-OBBLIGU TA' REĠISTRAZZJONI SKOND L-ARTIKOLU 2(7)(a)
ANNESS V	EŻENZJONIJIET MILL-OBBLIGU TA' REĠISTRAZZJONI SKOND L-ARTIKOLU 2(7)(b)
ANNESS VI	REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10
ANNESS VII	REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' TUNNELLATA METRIKA JEW AKTAR
ANNESS VIII	REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' 10 TUNNELLATI METRIĊI JEW AKTAR
ANNESS IX	REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' 100 TUNNELLATA METRIKA JEW AKTAR
ANNESS X	REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' 1 000 TUNNELLATA METRIKA JEW AKTAR
ANNESS XI	REGOLI ĠENERALI GĦALL-ADATTAMENT TAR-REĠIM TA' TTESTJAR STANDARD PREVIST FL-ANNESSI VII SA X
ANNESS XII	DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI GĦAL UTENTI "DOWNSTREAM" GĦALL-VALUTAZZJONI TA' SUSTANZI U GĦALL-PREPARAZZJONI TA' RAPPORTI TA' SIGURTÀ KIMIKA
ANNESS XIII	KRITERJI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TA' SUSTANZI PERSISTENTI, BIJOAKKUMULATTIVI U TOSSIĊI, U SUSTANZI PERSISTENTI ĦAFNA U BIJOAKKUMULATTIVI ĦAFNA
ANNESS XIV	LISTA TA' SUSTANZI SUĠĠETTI GĦAL AWTORIZZAZZJONI
ANNESS XV	DOSSIERS
ANNESS XVI	ANALIŻI SOĊJO-EKONOMIKA
ANNESS XVII	RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-MANIFATTURA, IT-TQEGĦID FIS-SUQ U L-UŻU TA' ĊERTI SUSTANZI, TAĦLITIET U OĠĠETTI PERIKOLUŻI

▼C1

ANNESS I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-VALUTAZZJONI TA' SUSTANZIU GĦALL-PREPARAZZJONI TA' RAPPORTI DWAR IS-SIGURTÀ KIMIKA

0. INTRODUZZJONI

▼M51

0.1. Il-fini ta' dan l-Anness huwa li jistabbilixxi kif il-manifatturi u l-importaturi għandhom jivvalutaw u jiddokumentaw li r-riskji li joħorġu mis-sustanza li huma jimmanifatturaw jew jimportaw ikunu kontrollati b'mod adegwat waqt il-manifattura u l-użu jew użi tagħhom u li persuni oħrajn iżjed 'l isfel fil-katina tal-provvista jistgħu jikkontrollaw dawn ir-riskji b'mod adegwat. Ir-rapport dwar is-sigurtà kimika għandu jindika wkoll jekk hemmx nanoforom differenti ta' sustanzi kif ikkaratterizzati fl-Anness VI li huma manifatturati u importati, u fil-każ li iva, għandu jiddeskrivi liema huma, b'ġustifikazzjoni xierqa għal kull rekwiżit ta' informazzjoni li jiddeskrivi meta u kif l-informazzjoni dwar xi forma minnhom tintuża bħala dimostrazzjoni tas-sigurtà ta' forom oħra. Ir-rekwiżiti speċifiċi għan-nanoform ta' sustanza f'dan l-Anness japplikaw għan-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni, mingħajr ħsara għar-rekwiżiti applikabbli għal forom oħra tal-istess sustanza. Dan l-Anness għandu japplika wkoll, adattat kif meħtieġ, għal produtturi u importaturi ta' oġġetti meħtieġa sabiex issir valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika bħala parti minn reġistrazzjoni.

▼C1

0.2. Il-valutazzjoni ta' sigurtà kimika għandha tiġi preparata minn persuna, jew iżjed, kompetenti li jkollhom esperjenza adegwata u li rċevew taħriġ xieraq, inkluż taħriġ ta' aġġornament.

▼M51

0.3. Il-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika ta' manifattur għandha tindirizza l-manifattura ta' sustanza u l-użi identifikati kollha. Il-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika ta' importatur għandha tindirizza l-użi identifikati kollha. Il-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika għandha tikkonsidra l-użu tas-sustanza waħidha (inkluż kwalunkwe impurità u addittiv ewlenin), f'taħlita u f'oġġett, kif definit mill-użi identifikati. Il-valutazzjoni għandha tqis l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza li tirriżulta mill-manifattura u l-użi identifikati. Il-valutazzjoni għandha tindirizza n-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni. Il-ġustifikazzjonijiet u l-konklużjonijiet li tasal għalihom il-valutazzjoni għandhom ikunu rilevanti għal dawn in-nanoforom. Il-valutazzjoni dwar is-sikurezza kimika għandha tkun ibbażata fuq tqabbil tal-effetti avversi potenzjali ta' sustanza bl-esponiment magħruf jew raġonevolment previst tal-bniedem u/jew tal-ambjent ma' dik is-sustanza waqt li jitqiesu miżuri rakkomandati ta' maniġġar tar-riskji u ta' kundizzjonijiet operattivi.

0.4. Is-sustanzi li probabbilment ikollhom il-proprjetajiet fiżikokimiċi, tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi tagħhom simili jew isegwu proċess regolari bħala riżultat ta' similarità strutturali jistgħu jiġu kkunsidrati bħala grupp, jew "kategorija" ta' sustanzi. Jekk il-manifattur jew l-importatur jikkunsidra li l-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika mwettqa għal sustanza waħda tkun suffiċjenti sabiex tivvaluta u tiddokumenta li r-riskji minn sustanza oħra jew minn grupp jew "kategorija" ta' sustanzi adegwatament kontrollati, huwa jista' juża dik il-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika għas-sustanzi l-oħra jew għal grupp jew "kategorija" ta' sustanzi. Il-manifattur jew l-importatur għandu jipprovdi ġustifikazzjoni għal dan. Fejn sustanza waħda jew aktar minnhom jeżistu f'nanoforma waħda jew iktar, u d-dejta minn forma minnhom tintuża għad-demostrazzjoni tal-użu sigur ta' forom oħra, skont ir-regoli ġenerali stipulati fl-Anness XI, għandha tingħata ġustifikazzjoni xjentifika dwar kif, bl-applikazzjoni tar-regoli għar-raggruppament u r-readacross, id-dejta minn test speċifiku jew tagħrif ieħor (eż. metodi, riżultati jew konklużjonijiet) tkun tista' tintuża għall-forom l-oħra tas-sustanza. Japplikaw kunsiderazzjonijiet simili għax-xenarji ta' esponiment u għall-miżuri tal-immaniġġar tar-riskji.

▼C1

0.5. Il-valutazzjoni ta' sigurtà kimika għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni dwar is-sustanza miżmuma fid-dossier tekniku u fuq informazzjoni oħra disponibbli u relevanti. Il-manifatturi jew importaturi li jippreżentaw proposta għall-ittestjar skond l-Annessi IX u X għandhom jirreġistraw dan taħt l-intestatura relevanti tar-rapport ta' sigurtà kimika. L-informazzjoni disponibbli minn valutazzjonijiet imwettqa taħt programmi internazzjonali u nazzjonali oħra għandha tiġi inkluża. Fejn disponibbli u xieraq, il-valutazzjoni mwettqa taħt il-leġislazzjoni Komunitarja (eż. valutazzjonijiet ta' riskju mwettqa taħt ir-Regolament (KEE) 793/93) għandha tittieħed in konsiderazzjoni fl-iżvilupp tar-rapport ta' sigurtà kimika u tiġi rilfessa fih. Id-devjazzjonijiet minn tali valutazzjonijiet għandhom jiġu ġustifikati.

Għalhekk l-informazzjoni li trid tiġi kunsidrata tinkludi informazzjoni relatata mal-perikli tas-sustanza, ma' l-espożizzjoni mill-manifattura jew mill-importazzjoni, ma' l-użi identifikati tas-sustanza, mill-kondizzjonijiet operattivi u mill-miżuri ta' maniġġar tar-riskji applikati jew rakkomandati għal utenti “downstream” li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni.

Konformement ma' l-Anness XI, Taqsima 3, f'ċerti każi, jista' ma jkunx neċessarju li tiġi ġġenerata informazzjoni nieqsa, għaliex jistgħu jkunu wkoll suffiċjenti miżuri ta' maniġġar tar-riskji u kondizzjonijiet operattivi li huma neċessarji sabiex jikkontrollaw riskju karaterizzat sew sabiex jkkontrollaw riskji potenzjali oħra, li ma jkollhomx bżonn jiġu karatterizzati preċiżament.

▼M51

Jekk il-manifattur jew l-importatur jikkunsidra li tkun meħtieġa informazzjoni ulterjuri sabiex jiġi prodott r-rapport dwar is-sigurtà kimika tiegħu, u li din l-informazzjoni tista' tiġi miksuba biss billi jsiru testijiet skont l-Anness IX jew X, huwa għandu jippreżenta proposta għal strateġija ta' ttestjar, li fiha jispjega għaliex iqis li informazzjoni ulterjuri tkun meħtieġa, u għandu jirreġistra dan fir-rapport dwar is-sigurtà kimika taħt l-intestatura x-xierqa. Fejn jitqies meħtieġ, il-proposta għal strateġija ta' ttestjar tista' tolqot diversi studji li jindirizzaw rispettivament forom differenti tal-istess sustanza għall-istess rekwiżit ta' informazzjoni. Waqt li jistenna r-riżultati tal-ittestjar ulterjuri, għandu jirreġistra fir-rapport tiegħu dwar is-sigurtà kimika, u jinkludi fix-xenarju ta' esponiment żviluppat, il-miżuri provviżorji tal-immaniġġar tar-riskji li jkun stabbilixxa u dawk li jirrakkomanda għal utenti downstream intiżi biex jimmaniġġaw ir-riskji li qed jiġu esplorati. Ix-xenarji ta' esponiment u l-miżuri interim tal-immaniġġar tar-riskji rakkomandati għandhom jindirizzaw inanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni.

▼M10

0.6. Passi f'valutazzjoni tas-sigurtà kimika

0.6.1. Valutazzjoni tas-sigurtà kimika mwettqa minn manifattur jew importatur għal sustanza għandha tinkludi l-istadji 1 sa 4 li ġejjin skont it-taqsimiet rispettivi ta' dan l-Anness:

1. Valutazzjoni tal-periklu għas-saħħa tal-bniedem.

2. Valutazzjoni tal-periklu għas-saħħa tal-bniedem ikkawżat mill-proprjetajiet fiżikokimiċi.

3. Valutazzjoni tal-periklu għall-ambjent.

4. Valutazzjoni PBT u vPvB.

0.6.2. Fil-każijiet imsemmijin fil-punti 0.6.3, il-valutazzjoni tas-sigurtà kimika għandha tinkludi wkoll il-passi 5 u 6 li jmiss skont it-Taqsimiet 5 u 6 ta' dan l-Anness.

5. Valutazzjoni tal-esponiment

5.1. Il-ħolqien ta' xenarju(i) ta' esponiment (jew l-identifikazzjoni ta' kategoriji tal-użu u l-esponiment rilevanti jekk xieraq).

5.2. Stima tal-esponiment.

▼M10

6. Karatterizzazzjoni tar-riskji

▼M51

0.6.3. Fejn bħala riżultat tal-passi minn 1 sa 4 il-manifattur jew l-importatur jikkonkludi li s-sustanza jew, fejn applikabbli, in-nanoforom tagħha, jissodisfaw il-kriterji ta' xi waħda mill-klassijiet jew kategoriji ta' perikli li ġejjin, stipulati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jew ikunu vvalutati bħala PBT jew vPvB, il-valutazzjoni tas-sigurtà kimika għandha tinkludi wkoll l-istadji 5 u 6 skont it-taqsimiet 5 u 6 ta' dan l-Anness:

(a) klassijiet ta' periklu 2.1 sa 2.4, 2.6 u 2.7, 2.8 tipi A u B, 2.9, 2.10, 2.12, 2.13 kategoriji 1 u 2, 2.14 kategoriji 1 u 2, 2.15 tipi A sa F;

(b) klassijiet ta' periklu 3.1 sa 3.6, 3.7 effetti negattivi fuq il-funzjonament sesswali u l-fertilità jew fuq l-iżvilupp, 3.8 effetti oħra barra effetti narkotiċi, 3.9 u 3.10;

(c) klassi ta' periklu 4.1;

(d) klassi ta' periklu 5.1.

▼M10

0.6.4. Għandu jiġi ppreżentat sommarju tal-informazzjoni kollha rilevanti indirizzata fil-punti hawn fuq, taħt l-intestatura rilevanti tar-Rapport tas-Sigurtà Kimika (Taqsima 7).

▼C1

0.7. L-element ewlieni tal-parti ta' espożizzjoni tar-rapport ta' sigurtà kimika tkun id-deskrizzjoni tax-xenarju(i) ta' espożizzjoni implementati għall-produzzjoni mill-manifattur, l-użu mill-manifattur jew mill-importatur, u dawk rakkomandati mill-manifattur jew l-importatur sabiex jiġu implementati għall-użu(i) identifikati.

Xenarju ta' espożizzjoni huwa sett ta' kondizzjonijiet li jiddeskrivu kif is-sustanza tiġi manifatturata jew użata matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha u kif il-manifattur jew l-importatur jikkontrolla, jew jirrakkomanda utenti "downstream" sabiex jikkontrollaw, l-espożizzjoni tal-bnedmin u ta' l-ambjent. Dawn is-settijiet ta' kondizzjonijiet fihom deskrizzjoni tal-miżuri ta' maniġġar tar-riskji kif ukoll tal-kondizzjonijiet operattivi li l-manifattur jew l-importatur implementa jew jirrakkomanda li jiġu implementati minn utenti downstream.

Jekk is-sustanza titqiegħed fis-suq, ix-xenarju(i) ta' espożizzjoni relevanti, inklużi l-miżuri ta' maniġġar tar-riskji u l-kondizzjonijiet operattivi għandhom jiġu inklużi fl-anness ma' l-iskeda ta' data ta' sigurtà konformement ma' l-Anness II.

0.8. Il-livell ta' dettall meħtieġ fid-deskrizzjoni ta' xenarju ta' espożizzjoni ivarja sostanzjalment minn każ għal każ, skond l-użu ta' sustanza, il-propjetajiet tagħha ta' periklu u l-ammont ta' informazzjoni disponibbli għall-manifattur u l-importatur. Ix-xenarji ta' espożizzjoni jistgħu jiddeskrivu l-miżuri adegwati ta' maniġġar tar-riskji għal bosta proċessi individwali jew użi ta' sustanza. Ix-xenarju ta' espożizzjoni jista' għalhekk ikopri firxa kbira ta' proċessi jew użi. Ix-xenarji ta' espożizzjoni li jkopru firxa wiesgħa ta' proċessi jew użi jistgħu jiġu msemmija bħala Kategoriji ta' Espożizzjoni. Aċċenn ulterjuri għax-Xenarju ta' Espożizzjoni fl-Anness u fl-Anness II jinkludi l-Kategoriji ta' Espożizzjoni jekk dawn ikunu żviluppati.

0.9. Fejn ma tkunx neċessarja l-informazzjoni skond l-Anness XI, dan il-fatt għandu jiġi dikjarat taħt l-intestatura xierqa tar-rapport ta' sigurtà kimika u għandha ssir referenza għall-ġustifikazzjoni fid-dossier tekniku. Il-fatt li ma jkunx hemm bżonn informazzjoni għandu jiġi dikjarat ukoll fl-iskeda ta' data ta' sigurtà.

0.10. Fir-rigward ta' effetti partikolari, bħar-riduzzjoni ta' l-ożon, bħal potenzjal ta' ħolqien ta' l-ożon fotokemikali, bħal riħa qawwija u tniggiż, li għalihom ma jkunux prattikabbli l-proċeduri stabbiliti fit-Taqsimiet 1 sa 6, ir-riskji assoċjati ma' tali effetti għandhom jiġu stmati fuq bażi ta' każ b'każ u l-manifattur jew l-importatur għandu jinkludi deskrizzjoni sħiħa u ġustifikazzjoni ta' tali stimi fir-rapport ta' sigurtà kimika f'sommarju fl-iskeda ta' data ta' sigurtà.

▼C1

0.11. Meta ssir stima tar-riskji ta' l-użu ta' sustanza jew aktar inkorporati f' ►M3 taħlita ◄ speċjali (per eżempju fil-ligi), għandu jittieħed kont talmod li bih is-sustanzi kostitwenti ikunu marbuta fil-matriċi kimika.

▼M51

0.11a. Fejn il-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika tkopri n-nanoforom, għandha titqies metrika xierqa għall-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tar-riżultati fl-istadji 1-6 tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika skont il-punti 0.6.1 u 0.6.2, bil-ġustifikazzjoni mdaħħla fir-rapport dwar is-sigurtà kimika u sintetizzata fl-iskeda tad-dejta dwar is-sikurezza. Hija preferibbli preżentazzjoni metrika multipla, li tinkludi informazzjoni metrika dwar il-massa. Fejn possibbli, għandu jiġi indikat metodu għall-konverżjoni reċiproka.

▼C1

0.12. Fejn il-metodoloġija deskritta f'dan l-Anness ma tkunx adegwata, għandhom jiġu spjegati u ġustifikati fir-rapport ta' sigurtà kimika dettalji ta' metodoloġija alternattiva użata.

0.13. Il-Parti A tar-rapport ta' sigurtà kimika għandha tinkludi dikjarazzjoni li l-miżuri ta' maniġġar ta' riskji indikati fix-xenarji relevanti ta' espożizzjoni għall-użu(i) tal-manifattur jew l-importatur ikunu implementati mill-manifattur jew mill-importatur u li dawk ix-xenarji ta' espożizzjoni għall-użi identifikati ikunu komunikati lid-distributuri u utenti “downstream” fl-iskedi ta' data ta' sigurtà.

1. STIMA TAL-PERIKLU GĦAS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM

1.0. **Introduzzjoni**

▼M10

1.0.1. L-għanijiet tal-valutazzjoni tal-periklu fuq is-saħħa tal-bniedem għandhom ikunu li tiġi determinata l-klassifikazzjoni ta' sustanza skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008; u li tiddeduċi livelli ta' esponiment għas-sustanza li l-bniedem ma għandux ikun espost għalihom. Dan il-livell ta' esponiment hu magħruf bħala l-Livell Derivat ta' Bla Effett (DNEL).

1.0.2. Il-valutazzjoni tal-periklu fuq is-saħħa tal-bniedem għandha tqis il-profil tossikokinetiku (jiġifieri assorbiment, metaboliżmu, distribuzzjoni u eliminazzjoni) tas-sustanza u l-gruppi ta' effetti li ġejjin:

(1) effetti akuti bħal pereżempju tossiċità akuta, irritazzjoni u korrožività,

(2) sensitizzazzjoni,

(3) tossiċità b'doża ripetuta u

(4) l-effetti CMR (karċinoġeniċità, mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali u tossiċità għar-riproduzzjoni).

Ibbażati fuq l-informazzjoni kollha disponibbli, għandhom jiġu kkunsidrati effetti oħra meta dan ikun meħtieġ.

▼C1

1.0.3. L-istima ta' periklu għandha tinkludi l-erba' stadji li ġejjin:

Stadju 1: Valutazzjoni ta' informazzjoni mhux ġenerata mill-bniedem

Stadju 2: Valutazzjoni ta' informazzjoni ġenerata mill-bniedem

Stadju 3: Klassifikazzjoni u Tikkettar

Stadju 4: Derivazzjoni ta' DNELs

▼M51

Il-valutazzjoni għandha tindirizza n-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni.

▼C1

1.0.4. L-ewwel tliet stadji għandhom isiru għal kull effett li għalih l-informazzjoni tkun disponibbli u għandhom jiġu reġistrati fit-Taqsima relevanti tar-Rapport tas-Sigurtà Kimika u fejn meħtieġ u skond l-Artikolu 31, f'sommarju fl-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà taħt l-intestaturi 2 u 11.

▼C1

1.0.5. Għal kwalunkwe effett li għalih ma jkun hemm l-ebda informazzjoni relevanti disponibbli, it-Taqsima relevanti għandha tinkludi s-sentenza "Din l-informazzjoni mhijiex disponibbli". Il-ġustifikazzjoni, inkluża referenza għal kwalunkwe tfittxija mwettqa fil-letteratura, għandha tkun inkluża fid-dossier tekniku.

1.0.6. L-istadju 4 ta' l-istima tal-periklu għas-saħħa tal-bniedem għandu jitwettaq billi jiġu integrati r-riżultati mill-ewwel tliet stadji u għandu jiġi inkluż taħt l-intestatura relevanti tar-Rapport tas-Sigurtà Kimika u mqassar fl-iskeda ta' data ta' sigurtà taħt l-intestatura 8.1.

1.1. **Stadju 1: Valutazzjoni ta' informazzjoni mhux ġenerata mill-bniedem**

1.1.1. Il-valutazzjoni ta' informazzjoni mhux ġenerata mill-bniedem għandha tinkludi:

— l-identifikazzjoni tal-periklu għall-effett ibbażat fuq l-informazzjoni kollha disponibbli mhux ġenerata mill-bniedem;

— id-determinazzjoni tar-relazzjoni bejn id-doża kwantitattiva (konċentrazzjoni) u r-rispons (effett).

1.1.2. Meta ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn id-doża kwantitattiva (konċentrazzjoni) u r-rispons (effett), allura dan għandu jkun ġustifikat u għandha tiġi inkluża analiżi semi-kwantitattiva jew kwalitattiva. Per eżempju, għal effetti akuti mhuwiex ġeneralment possibbli li tiġi stabbilita relazzjoni bejn id-doża kwantitattiva (konċentrazzjoni) u r-rispons (effett) abbażi tar-riżultati ta' test magħmul skond il-metodi ta' test stabbiliti f'Regolament tal-Kummissjoni kif speċifikat fl-Artikolu 13(2). F'tali każijiet jkun suffiċjenti li jiġi determinat jekk u għal liema grad is-sustanza jkollha kapaċità inerenti li tikkawża l-effett.

▼M10

1.1.3. L-informazzjoni kollha li mhijiex relatata mal-bniedem użata sabiex tivvaluta effett partikolari fuq il-bniedem u sabiex tistabbilixxi r-relazzjoni bejn id-doża (konċentrazzjoni) u r-rispons (effett), għandha tiġi ppreżentata fil-qosor, jekk hu possibbli fil-forma ta' tabella jew tabelli, waqt li tiddistingwi bejn *in vitro*, *in vivo* u informazzjoni oħra. Ir-riżultati rilevanti li joħorġu mit-testijiet (eż., ATE, LD50, NO(A)EL jew LO(A)EL) u l-kundizzjonijiet tat-test (eż., it-tul tat-test, il-proċess amministrattiv) u informazzjoni rilevanti oħra għandhom jiġu ppreżentati f'unitajiet ta' kejl rikonoxxuti internazzjonalment għal dak l-effett.

▼C1

1.1.4. Jekk ikun disponibbli studju wieħed allura għandu jiġi preparat sommarju robust għal dak l-istudju. Jekk ikun hemm bosta studji li jindirizzaw l-istess effett, allura, b'kont meħud tal-varjazzjonijiet (eż. kondotta, adegwatezza, relevanza ta' speċijiet ta' test, kwalità ta' riżultati eċċ.), normalment l-istudju jew studji li jagħtu lok għall-akbar tħassib għandhom jiġu użati sabiex jistabbilixxu d-DNELs u għandu jiġi preparat sommarju robust ta' studju għal dak l-istudju jew studji u inkluż bħala parti mid-dossier tekniku. Ikunu meħtieġa sommarji robusti tad-data ewlenija kollha fl-istima tal-periklu. Jekk l-istudju jew studji li jwasslu għall-akbar tħassib ma jkunux użati, dan għandu jkun ġustifikat bi sħiħ u inklużi bħala parti mid-dossier tekniku, mhux biss għall-istudju li jkun qed jiġi użat iżda wkoll għall-istudji kollha li juru tħassib akbar mill-istudju li jkun qed jiġi użat. Huwa importanti, irrispettiv minn jekk il-perikli ġewx identifikati jew le, jittieħed kont tal-validità ta' l-istudju.

1.2. **Stadju 2: Valutazzjoni ta' informazzjoni ġenerata mill-bniedem**

Jekk l-ebda informazzjoni ġenerata mill-bniedem ma tkun disponibbli, din il-parti għandha tinkludi d-dikjarazzjoni "L-ebda informazzjoni ġenerata mill-bniedem bniedem m'hija disponibbli". Madankollu, jekk tkun disponibbli informazzjoni ġenerata mill-bniedem, din għandha tiġi preżentata, possibbilment fil-forma ta' tabella.

▼C1

1.3. **Stadju 3: Klassifikazzjoni u Tikkettar**

▼M10

1.3.1. Il-klassifikazzjoni xierqa żviluppata skont il-kriterji fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għandha tiġi ppreżentata u ġġustifikata. Meta jkun applikabbli, il-limiti tal-Konċentrazzjoni Speċifika, li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u l-Artikoli 4 sa 7 tad-Direttiva Nru 1999/45/KE għandhom jiġu ppreżentati u, jekk ma jkunux inklużi fil-Parti 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, ikunu ġġustifikati.

▼M51

Il-valutazzjoni għandha tinkludi dejjem dikjarazzjoni dwar jekk is-sustanza, jew fejn applikabbli, in-nanoforom tagħha jissodisfawx jew le l-kriterji mogħtija fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għall-klassifikazzjoni fil-klassi ta' periklu ta' karċinoġeniċità kategorija 1 A jew 1B, fil-klassi ta' periklu ta' mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali kategorija 1 A jew 1B, jew fil-klassi ta' periklu ta' tossiċità riproduttiva kategorija 1 A jew 1B.

1.3.2. Jekk l-informazzjoni tkun inadegwata sabiex jiġi deċiż jekk sustanza, jew fejn applikabbli, in-nanoforom tagħha għandhomx jiġu klassifikati taħt klassi jew kategorija partikolari tal-periklu, ir-reġistranti għandhom jindikaw u jiġġustifikaw l-azzjoni jew id-deċiżjoni li jkunu ħadu bħala riżultat.

▼C1

1.4. **Stadju 4: L-identifikazzjoni ta' DNELs**

1.4.1. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' l-istadji 1 u 2, għandhom jiġu stabbiliti DNEL jew DNELs għas-sustanza, li jirriflettu r-rotta jew rotot probabbli, it-tul ta' żmien u l-frekwenza ta' espożizzjoni. ►M10 Għal xi klassijiet tal-periklu, speċjalment ta' mutaġeniċità fiċ-ċelloli ġerminali u karċinoġeniċità, l-informazzjoni disponibbli ma tistax tippermetti li jiġi stabbilit limitu tossikoloġiku, u għalhekk DNEL. ◄ Jekk ikun ġustifikat bix-xenarju jew xenarji ta' espożizzjoni, DNEL wieħed jista' jkun suffiċjenti. Madankollu, b'kont meħud ta' l-informazzjoni disponibbli u tax-xenarju jew xenarji ta' espożizzjoni fit-Taqsima 9 tar-Rapport ta' Sigurtà Kimika jista' jkun neċessarju li jiġu identifikati DNELs differenti għal kull popolazzjoni umana relevanti (eż., ħaddiema, konsumaturi u persuni li jistgħu jkunu suġġetti għall-espożizzjoni indirettament permezz ta' l-ambjent) u possibbilment għal ċerti sub-popolazzjonijiet vulnerabbli (eż., tfal, nisa tqal) u għal rotot differenti ta' espożizzjoni. Għandha tingħata ġustifikazzjoni sħiħa li tispeċifika, inter alia, l-għażla ta' l-informazzjoni użata, ir-rotta ta' espożizzjoni (orali, dermali u inalatorja) u t-tul ta' żmien u l-frekwenza ta' l-espożizzjoni għas-sustanza li għaliha d-DNEL ikun validu. Jekk ikun probabbli li tinħoloq iżjed minn rotta waħda ta' espożizzjoni, allura għandu jiġi stabbilit DNEL għal kull rotta ta' espożizzjoni u għall-espożizzjoni mir-rotot kollha kkombinati. Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit id-DNEL, għandu jittieħed kont, inter alia, tal-fatturi li ġejjin:

(a) l-inċertezza li tirriżulta, fost fatturi oħra, mill-varjabbiltà fl-informazzjoni esperimentali u minn varjazzjoni ta' intra- u inter-speċijiet;

(b) in-natura u s-severità ta' l-effett;

(ċ) is-sensittività tas-(sub-)popolazzjoni umana li għaliha tapplika l-informazzjoni dwar l-espożizzjoni kwantitattiva u/jew kwalitattiva.

1.4.2. Jekk ma jkunx possibbli li jiġi identifikat DNEL, dan għandu jiġi dikjarat b'mod ċar u ġustifikat bis-sħiħ.

2. STIMA TAL-PERIKLU FIŻIKOKIMIKU

▼M10

2.1. L-għan tal-valutazzjoni tal-periklu kkawżat mill-proprjetajiet fiżikokimiċi għandu jkun li tiġi determinata l-klassifikazzjoni ta' sustanza skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

▼M10

2.2. Bħala minimu, għandhom jiġu vvalutati l-effetti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem kkawżati mill-proprjetajiet fiżikokimiċi li ġejjin:

— splussività,

— fjammabbiltà,

— potenzjal ossidizzanti.

▼M51

Jekk l-informazzjoni tkun inadegwata sabiex jiġi deċiż jekk sustanza, jew fejn applikabbli, in-nanoforom tagħha għandhomx jiġu klassifikati taħt klassi jew kategorija partikolari tal-periklu, ir-reġistrant għandu jindika u jiġġustifika l-azzjoni jew id-deċiżjoni li jkun ħa bħala riżultat.

▼C1

2.3. L-istima ta' kull effett għandha tiġi preżentata taħt l-intestatura relevanti tar-Rapport ta' Sigurtà Kimika (Taqsima 7) u fejn meħtieġ u konformement ma' l-Artikolu 31, f'sommarju fl-iskeda ta' data ta' sigurtà taħt l-intestaturi 2 u 9.

2.4. Għal kull proprjetà fiżikokimika, il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-kapaċità inerenti tas-sustanza li tikkawża l-effett li jirriżulta mill-manifattura u l-użi identifikati.

▼M10

2.5. Il-klassifikazzjoni xierqa żviluppata skont il-kriterji fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għandha tiġi ppreżentata u ġġustifikata.

▼C1

3. STIMA TAL-PERIKLU AMBJENTALI

3.0. **Introduzzjoni**

▼M10

3.0.1. L-għan tal-valutazzjoni tal-periklu għall-ambjent għandu jkun li tiġi determinata l-klassifikazzjoni ta' sustanza skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u li tiġi identifikata l-konċentrazzjoni tas-sustanza li taħtha ma jkunux mistennija li jseħħu effetti avversi fl-isfera ambjentali konċernata. Din il-konċentrazzjoni hija magħrufa bħala l-Konċentrazzjoni ta' Bla Effett Previst (PNEC).

▼C1

3.0.2. L-istima tal-periklu ambjentali għandha tikkonsidra l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, li jinkludu l-kompartimenti (1) akkwatiku (inkluż is-sediment), (3) terrestri u (3) atmosferiku, inklużi l-effetti potenzjali li jistgħu jseħħu (4) permezz ta' l-akkumulazzjoni fil-katina ta' l-ikel. Barra minn hekk, l-effetti potenzjali fuq (5) l-attività mikrobijoloġika ta' sistemi ta' trattament ta' drenaġġ għandha tiġi kunsidrata. L-istima ta' l-effetti fuq kull waħda minn dawn il-ħames sferi ambjentali għandha tiġi preżentata taħt l-intestatura relevanti tar-Rapport ta' Sigurtà Kimika (Taqsima 7) u fejn meħtieġ u skond l-Artikolu 31, f'sommarju fl-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà taħt l-intestaturi 2 u 12. ►M51 Il-valutazzjoni għandha tindirizza n-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni. ◄

3.0.3. Għal kwalunkwe sfera ambjentali, li għaliha ma jkun hemm l-ebda informazzjoni relevanti disponibbli, it-Taqsima relevanti tar-rapport ta' sigurtà kimika għandha tinkludi s-sentenza "Din l-informazzjoni mhijiex disponibbli". Il-ġustifikazzjoni, inkluża referenza għal kwalunkwe tfittxija mwettqa fil-letteratura, għandha tkun inkluża fid-dossier tekniku. Għal kwalunkwe sfera li għaliha l-informazzjoni tkun disponibbli, iżda fejn il-manifattur jew l-importatur jemmen li ma jkunx neċessarju li ssir stima tal-periklu, il-manifattur jew l-importatur għandu jippreżenta ġustifikazzjoni b'referenza għall-informazzjoni pertinenti taħt l-intestatura relevanti tar-Rapport ta' Sigurtà Kimika (Taqsima 7) u fejn meħtieġ u skond l-Artikolu 31, f'sommarju fl-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà taħt l-intestatura 12.

▼C1

3.0.4. L-istima tal-periklu għandha tinkludi t-tliet stadji li ġejjin, li għandhom ikunu identifikati b'mod ċar bħala tali fir-Rapport ta' Sigurtà Kimika.

Stadju 1: Valutazzjoni ta' l-informazzjoni

Stadju 2: Klassifikazzjoni u Tikkettar

Stadju 3: Derivazzjoni tal-PNEC

3.1. **Stadju 1: Valutazzjoni ta' l-informazzjoni**

3.1.1. Il-valutazzjoni ta' l-informazzjoni kollha disponibbli għandha tinkludi:

— l-identifikazzjoni tal-periklu bbażata fuq l-informazzjoni kollha disponibbli;

— id-determinazzjoni tar-relazzjoni bejn id-doża kwantitattiva (konċentrazzjoni) u r-rispons (effett).

3.1.2. Meta mhux possibbli li tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn id-doża kwantitattiva (konċentrazzjoni) u r-rispons (effett), allura dan għandu jkun ġustifikat u għandha tiġi inkluża analiżi semi-kwantitattiva jew kwalitattiva.

3.1.3. L-informazzjoni kollha użata sabiex jiġu stmati l-effetti fi sfera ambjentali speċifika għandha tiġi preżentata fil-qosor, jekk possibbli fil-forma ta' tabella jew tabelli. Ir-riżultati relevanti tat-test (eż., LD50 jew NOEC) u l-kondizzjonijiet tat-test (eż., it-tul tat-test, ir-rotta ta' amministrazzjoni) u informazzjoni relevanti oħra għandha tiġi preżentata, f'unitajiet ta' kejl rikonoxxuti internazzjonalment għal dak l-effett.

3.1.4. L-informazzjoni kollha użata sabiex jiġu stmati l-konsegwenzi ambjentali tas-sustanza għandha tiġi preżentata fil-qosor, jekk possibbli fil-forma ta' tabella jew tabelli. Ir-riżultati relevanti tat-test u l-kondizzjonijiet tat-test u informazzjoni relevanti oħra għandhom jiġu preżentati, f'unitajiet rikonoxxuti internazzjonalment għal dak l-effett.

3.1.5. Jekk ikun disponibbli studju wieħed għandu jiġi preparat sommarju robust għal dak l-istudju. Fejn ikun hemm iżjed minn studju wieħed li jindirizza l-istess effett, l-istudju jew studji li jagħtu lok għall-akbar ħassib għandhom jintużaw sabiex tingħibed konklużjoni u għandu jiġi preparat sommarju robust ta' studju għal dak l-istudju jew studji u jiġi inkluż bħala parti mid-dossier tekniku. Is-sommarji robusti tad-data ewlenija kollha jkunu meħtieġa fl-istima tal-periklu. Jekk l-istudju jew studji li jagħtu lok għall-akbar ħassib ma jiġux użati, dan għandu jkun ġustifikat bi sħiħ u inkluži bħala parti mid-dossier tekniku, mhux biss għall-istudju li jkun użat iżda wkoll għall-istudji kollha li juru ħassib ikbar mill-istudju li jkun użat. Għal sustanzi fejn l-istudji kollha disponibbli ma jindikaw l-ebda periklu, għandha ssir valutazzjoni ġenerali tal-validità ta' l-istudji kollha.

3.2. **Stadju 2: Klassifikazzjoni u Tikkettar**

▼M51

3.2.1. Il-klassifikazzjoni xierqa żviluppata skont il-kriterji fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għandha tiġi ppreżentata u ġġustifikata. Kwalunkwe fattur M li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għandu jiġi ppreżentat u, jekk dan ma jkunx inkluż fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, għandu jiġi ġġustifikat.

Il-preżentazzjoni u l-ġustifikazzjoni japplikaw għan-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni.

3.2.2. Jekk l-informazzjoni tkun inadegwata sabiex jiġi deċiż jekk sustanza, jew fejn applikabbli, in-nanoforom tagħha għandhomx jiġu kklassifikati għal klassi jew kategorija partikolari tal-periklu, ir-reġistrant għandu jindika u jiġġustifika l-azzjoni jew d-deċiżjoni li jkun ħa bħala riżultat.

▼C1

3.3. **Stadju 3: Identifikazzjoni tal-PNEC**

3.3.1. Ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli, għandha tiġi stabbilita l-PNEC għal kull sfera ambjentali. Il-PNEC tista' tiġi kalkolata bl-applikazzjoni ta' fattur adatt ta' valutazzjoni lill-valuri ta' effett (eż. LC50 jew NOEC). Fattur ta' valutazzjoni jesprimi d-differenza bejn il-valuri ta' effetti derivati għal numru limitat ta' speċi mit-testijiet tal-laboratorji u l-PNEC għall-isfera ambjentali ([1]).

3.3.2. Jekk ma jkunx possibbli li tiġi derivata l-PNEC, allura dan għandu jiġi dikjarat b'mod ċar u ġustifikat bi sħiħ.

4. STIMA PBT U vPvB

4.0. **Introduzzjoni**

4.0.1. L-objettiv ta' l-istima PBT u vPvB għandu jkun id-determinazzjoni jekk is-sustanza tissodisfax il-kriterji mogħtija fl-Anness XIII u jekk iva, il-karatterizzazzjoni ta' l-emissjonijiet potenzjali tas-sustanza. Ma jistgħux jiġu mwettqa stima tal-periklu skond it-Taqsimiet 1 u 3 ta' dan l-Anness li jindirizza l-effetti kollha fuq perjodu twil u l-istima ta' espożizzjoni fuq perjodu twil tal-bnedmin u ta' l-ambjent konformement mat-Taqsima 5 (Stima ta' espożizzjoni), stadju 2 (Stima ta' Espożizzjoni), bi kredibbiltà suffiċjenti għal sustanzi li jissodisfaw il-kriterji PBT u vPvB fl-Anness XIII. Għalhekk, tkun meħtieġa stima PBT u vPvB separata.

▼M51

4.0.2. L-istima PBT u vPvB għandha tinkludi ż-żewġ stadji li ġejjin, li għandhom ikunu identifikati b'mod ċar bħala tali fil-Parti B, taqsima 8 tar-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika. Il-valutazzjoni għandha tindirizza n-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni:

Pass 1: Tqabbil mal-Kriterji

Pass 2: Karatterizzazzjoni tal-Emissjonijiet

L-istima għandha tiġi wkoll sintetizzata fl-Iskeda tad-Dejta dwar is-Sikurezza taħt l-intestatura 12.

▼M10

4.1. **Pass nru 1: Tqabbil mal-kriterju**

Din il-parti tal-valutazzjoni PBT u vPvB għandha tinkludi t-tqabbil tal-informazzjoni disponibbli mal-kriterji mogħtija fit-Taqsima 1 tal-Anness XIII u dikjarazzjoni dwar jekk is-sustanza tissodisfax il-kriterji jew le. Il-valutazzjoni għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet stipulati fil-parti introduttorja tal-Anness XIII kif ukoll fit-Taqsimiet 2 u 3 ta' dak l-Anness.

▼M51

4.2. **Pass Nru 2: Karatterizzazzjoni tal-Emissjonijiet**

Jekk is-sustanza tissodisfa l-kriterji jew titqies daqslikieku hija PBT jew vPvB fid-dossier tar-reġistrazzjoni, għandha ssir karatterizzazzjoni tal-emissjonijiet li tkun tinkludi l-partijiet rilevanti tal-istima tal-esponiment kif deskritt fit-taqsima 5. B'mod partikulari, għandha tinkludi stima tal-ammonti tas-sustanza rilaxxata lejn il-kompartamenti ambjentali differenti matul l-attivitajiet kollha li jwettaq il-manifattur jew l-importatur u l-użi kollha identifikati, kif ukoll identifikazzjoni tar-rotot li aktarx permezz tagħhom il-bniedem u l-ambjent ikunu esposti għas-sustanza. L-istima għandha tindirizza n-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni.

([1]) B'mod ġenerali, iżjed id-data tkun estensiva u iżjed it-tul ta' żmien tat-testijiet, iżgħar ikunu l-grad ta' inċertezza u d-daqs tal-fattur ta' valutazzjoni. Fattur ta' valutazzjoni ta' 1 000 huwa tipikament applikat għall-iżjed baxx mit-tliet valuri L(E)C50 fuq perjodu qasir derivati minn speċi li jirrappreżentaw livelli trofiċi differenti u fattur ta' 10 għall-iżjed baxx mit-tliet valuri NOEC fuq perjodu fit-tul derivati minn speċi li jirrappreżentaw livelli trofiċi differenti.

▼C1

5. STIMA TA' ESPOŻIZZJONI

5.0. **Introduzzjoni**

▼M51

L-għan tal-istima tal-esponiment għandu jkun li ssir stima kwantitattiva jew kwalitattiva tad-doża/konċentrazzjoni tas-sustanza li għaliha l-bniedem u l-ambjent ikunu jew jistgħu jkunu esposti. L-istima għandha tikkunsidra l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza li tirriżulta mill-manifattura u użi identifikati, u għandha tkopri kwalunkwe esponiment li jista' jkun relatat mal-perikli identifikati fit-taqsimiet 1 sa 4. Il-valutazzjoni għandha tindirizza n-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni. L-istima tal-esponiment għandha tikkonsisti miż-żewġ stadji li ġejjin, li għandhom jiġu identifikati b'mod ċar fir-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika:

▼C1

Stadju 1: Il-ġenerazzjoni ta' xenarju jew xenarji ta' espożizzjoni jew l-identifikazzjoni ta' kategoriji relevanti ta' użu u espożizzjoni

Stadju 2: Stima ta' Espożizzjoni.

Fejn meħtieġ u skond l-Artikolu 31, ix-xenarju ta' espożizzjoni għandu jkun ukoll inkluż f'anness ma' l-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà.

5.1. **Stadju 1: Żvilupp ta' xenarji ta' espożizzjoni**

5.1.1. Għandhom jiġu ġenerati xenarji ta' espożizzjoni kif deskritt fit-Taqsimijiet 0.7 u 0.8. Ix-xenarji ta' espożizzjoni huma l-qalba tal-proċess għat-twettiq ta' valutazzjoni ta' sigurta' kimika. Il-proċess ta' valutazzjoni ta' sigurtà kimika jista' jkun iterattiv. L-ewwel valutazzjoni tkun ibbażata fuq l-informazzjoni minima meħtieġa u dik kollha disponnibli dwar il-periklu u fuq l-istima ta' espożizzjoni li tikkorrispondi mal-presunzjonijiet inizjali dwar il-kondizzjonijiet operattivi u l-miżuri ta' maniġġar tar-riskji (xenarju ta' espożizzjoni inizjali). Jekk il-presunzjonijiet inizjali jwasslu għal karatterizzazzjoni ta' riskju li tindika li r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mhumiex kontrollati b'mod adegwat, ikun meħtieġ li jitwettaq proċess iterattiv bl-emendament ta' fattur jew ta' numru ta' fatturi fl-istima tal-periklu jew ta' espożizzjoni bil-għan li jintwera kontroll adegwat. Ir-rifinitura ta' l-istima tal-periklu tista' tkun teħtieġ ġenerazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali dwar il-periklu. Ir-rifinitura ta' stima ta' espożizzjoni tista' tinvolvi l-alterazzjoni adegwata tal-kondizzjonijiet operattivi jew ta' miżuri ta' mmaniġġar tar-riskji fix-xenarju ta' espożizzjoni jew stima aktar preċiża ta' espożizzjoni. Ix-xenarju ta' espożizzjoni, li jirriżulta mill-iterazzjoni finali (xenarju finali ta' espożizzjoni), għandu jiġi inkluż fir-Rapport tas-Sigurtà Kimika u mehmuż ma' l-iskeda ta' data ta' sigurtà skond l-Artikolu 31.

Ix-xenarju ta' espożizzjoni finali għandu jiġu preżentat taħt l-intestatura relevanti tar-rapport ta' sigurtà kimika u inkluż f'anness ma' l-iskeda ta' data ta' sigurtà, bl-użu ta' titolu qasir adatt li jagħti deskrizzjoni ġenerali qasira ta' l-użu, konsistenti ma' dawk mogħtija fl-Anness VI Taqsima 3.5. Ix-xenarji ta' espożizzjoni għandhom ikopru kwalunkwe manifattura fil-Komunità u l-użi identifikati kollha.

B'mod partikolari, xenarju ta' espożizzjoni jinkludi, fejn relevanti, deskrizzjoni ta':

Kondizzjonijiet operattivi

— il-proċessi involuti, inkluża l-forma fiżika li fiha s-sustanza tiġi manifatturata, proċessata u/jew użata;

— l-attivitajiet ta' ħaddiema relatati mal-proċessi u d-durata u l-frekwenza ta' l-espożizzjoni tagħhom għas-sustanza;

▼C1

— l-attivitajiet ta' konsumaturi u d-durata u l-frekwenza ta' l-espożizzjoni għas-sustanza;

— it-tul ta' żmien u l-frekwenza ta' emissjonijiet tas-sustanza għal kompartimenti ambjentali differenti u s-sistemi ta' trattament ta' drenaġġ u d-dilwizzjoni fil-kompartiment ambjentali riċeventi.

Miżuri ta' maniġġar tar-riskji

— il-miżuri ta' maniġġar tar-riskji sabiex titnaqqas jew tiġi evitata l-espożizzjoni diretta u indiretta għas-sustanza tal-bnedmin (inklużi ħaddiema u konsumaturi) u tal-kompartimenti ambjentali differenti.

— il-miżuri ta' ġestjoni ta' l-iskart sabiex titnaqqas u tiġi evitata espożizzjoni tal-bnedmin u ta' l-ambjent għas-sustanza matul il-produzzjoni ta' l-iskart, ir-rimi u/jew ir-reċiklaġġ.

5.1.2. Fejn manifattur, importatur jew utent “downstream” japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal użu speċifiku, għandhom jiġu żviluppati xenarji ta' espożizzjoni biss għal dak l-użu u l-istadji taċ-ċiklu tal-ħajja sussegwenti.

5.2. **Stadju 2: Stima ta' espożizzjoni**

5.2.1. L-espożizzjoni għandha tiġi stmata għal kull xenarju ta' espożizzjoni żviluppat u għandha tiġi preżentata taħt l-intestatura relevanti tar-rapport ta' sigurtà kimika u fejn meħtieġ u skond l-Artikolu 31, f'sommarju f'anness ma' l-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà. L-istima ta' espożizzjoni tinkludi tliet elementi: (1) stima ta' emissjoni; (2) stima tad-destin kimiku u tal-passaġġi kimiċi; u (3) stima ta' livelli ta' espożizzjoni.

5.2.2. L-istima ta' emissjoni għandha tikkonsidra l-emissjonijiet matul il-partijiet kollha relevanti fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza li jirriżultaw mill-manifattura ta' kull wieħed mill-użi identifikati. L-istadji taċ-ċiklu tal-ħajja li jirriżultaw mill-manifattura tas-sustanza jkopru, fejn relevanti, l-istadju ta' l-iskart. L-istadji taċ-ċiklu tal-ħajja li jirriżultaw mill-użi identifikati jkopru, fejn relevanti, il-ħajja ta' servizz ta' oġġetti u l-istadju ta' l-iskart. L-istima ta' emissjoni għandha ssir taħt il-presunzjoni li l-miżuri ta' maniġġar tar-riskju u kondizzjonijiet operattivi deskritti fix-xenarju ta' espożizzjoni ġew implementati. ►**M51** Fejn ir-reġistrazzjoni tkopri n-nanoforom, l-istima tal-emissjonijiet għal dawn, fejn rilevanti, għandha tqis sitwazzjonijiet fejn huma ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness XI, taqsima 3.2, punt (c). ◄

▼M51

5.2.3. Għandha ssir karatterizzazzjoni ta' proċessi possibbli ta' degradazzjoni, trasformazzjoni jew reazzjoni, u għandha ssir ukoll stima tad-distribuzzjoni u d-destin ambjentali.

Fejn ir-reġistrazzjoni tkopri n-nanoforom, għandha tiġi inkluża karatterizzazzjoni tar-rata ta' taħlil, tal-aggregazzjoni tal-partikoli, tal-agglomerazzjoni u tal-bidliet fil-kimika tas-superfiċje tal-partikoli.

▼C1

5.2.4. Għandha ssir stima tal-livelli ta' espożizzjoni għall-popolazzjonijiet umani kollha (ħaddiema, konsumaturi u bnedmin li jistgħu jkunu suġġetti għal espożizzjoni indiretta permezz ta' l-ambjent) u għall-isferi ambjentali li għalihom l-espożizzjoni għas-sustanza tkun magħrufa jew raġonevolment prevista. Kull rotta relevanti ta' espożizzjoni tal-bniedem (inalatorja, orali, dermali jew kombinati permezz tar-rotot u sorsi kollha relevanti ta' espożizzjoni) għandha tiġi indirizzata. Tali stimi għandhom jieħdu kont ta' varjazzjonijiet spazjali u temporali fil-karatteristiċi ta' l-espożizzjoni. B'mod partikolari, l-istima ta' espożizzjoni għandha tieħu kont ta':

— data ta' espożizzjoni rappreżentattiva, imkejla adegwatament,

▼C1

— kwalunkwe impurità u addittiv ewlenin fis-sustanza,

— il-kwantità li fiha s-sustanza tkun prodotta u/jew importata,

— il-kwantità għal kull użu identifikat,

— il-maniġġar tar-riskji implementat jew rakkommandat, inkluż il-grad ta' konteniment,

— it-tul ta' żmien u l-frekwenza ta' espożizzjoni skond il-kondizzjonijiet operattivi,

— l-attivitajiet ta' ħaddiema relatati mal-proċessi u t-tul ta' żmien u l-frekwenza ta' l-espożizzjoni tagħhom għas-sustanza,

— l-attivitajiet ta' konsumaturi u t-tul ta' żmien u l-frekwenza ta' l-espożizzjoni għas-sustanza,

— it-tul ta' żmien u l-frekwenza ta' emissjonijiet tas-sustanza għal kompartimenti ambjentali differenti u d-dilwizzjoni fil-kompartiment ambjentali riċeventi,

— il-proprjetajiet fiżikokimiċi tas-sustanza,

— prodotti ta' trasformazzjoni u/jew degradazzjoni,

— ir-rotot probabbli ta' espożizzjoni tal-bnedmin u l-potenzjal ta' assorbiment mill-bnedmin,

— il-passaġġi probabbli lejn l-ambjent u d-distribuzzjoni u degradazzjoni u/jew trasformazzjoni ambjentali (ara wkoll it-Taqsima 3, Stadju 1),

— l-iskala (ġeografika) ta' espożizzjoni,

— ir-rilaxx jew il-migrazzjoni, dipendenti mill-matriċi, tas-sustanza.

5.2.5 Fejn tkun disponibbli data rappreżentattiva ta' espożizzjoni mkejla adegwatament, għandha tingħata lilha konsiderazzjoni speċjali meta ssir l-istima ta' espożizzjoni. Jistgħu jiġu wżati mudelli adegwati għall-istima tal-livelli ta' espożizzjoni. Tista' tiġi kunsidrata wkoll data relevanti ta' monitoraġġ minn sustanzi b'linji analogi ta' użu u ta' espożizzjoni jew bi proprjetajiet analogi.

6. KARATTERIZZAZZJONI TAR-RISKJI

6.1. Il-karatterizzazzjoni tar-riskji għandha titwettaq għal kull xenarju ta' espożizzjoni u għandha tiġi preżentata taħt l-intestatura relevanti fir-Rapport ta' Sigurtà Kimika.

6.2. Il-karatterizzazzjoni tar-riskji għandha tikkonsidra l-popolazzjonijiet talbniedem (esposti bħal ħaddiema, konsumaturi jew indirettament permezz ta' l-ambjent u jekk relevanti kombinazzjoni tagħhom) u l-isferi ambjentali li għalihom l-espożizzjoni għas-sustanza tkun magħrufa jew raġonevolment prevista, taħt il-presunzjoni li l-immaniġġar tar-riskji deskritt fix-xenarji ta' espożizzjoni fit-Taqsima preċedenti ġew implementanti. Barra minn hekk, ir-riskju ambjentali ġenerali kawżat mis-sustanza għandu jiġi rivedut billi jiġu integrati r-riżultati għar-rilaxxi, emissjonijiet u telf ġenerali mis-sorsi kollha lill-kompartimenti ambjentali kollha.

6.3. Il-karatterizzazzjoni tar-riskji tikkonsisti fi:

— tqabbil ta' l-espożizzjoni ta' kull popolazzjoni umana magħrufa li tkun jew li probabbli tkun esposta mad-DNEL adegwat;

— tqabbil tal-konċentrazzjonijiet ambjentali previsti f'kull sfera ambjentali mal-PNECs; u

— stima tal-probabbiltà u s-severità ta' avveniment li jseħħ minħabba l-proprjetajiet fiżikokimiċi tas-sustanza.

▼C1

6.4. Għal kwalunkwe xenarju ta' espożizzjoni, ir-riskju għall-bnedmin u għall-ambjent jista' jiġi kunsidrat bħala kontrollat b'mod adegwat, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza li tirriżulta mill-manifattura jew mill-użi identifikati, jekk:

— il-livelli ta' espożizzjoni stmati fit-Taqsima 6.2 ma jaqbżux id-DNEL jew il-PNEC adegwati, kif determinat fit-Taqsimiet 1 u 3, rispettivament, u;

— il-probabbiltà u s-severità ta' avveniment li jseħħ minħabba l-proprjetajiet fiżikokimiċi tas-sustanza kif determinat fit-Taqsima 2 ikunu negliġibbli.

6.5. Għal dawk l-effetti fuq il-bnedmin u dawk l-isferi ambjentali li għalihom ma kienx possibbli li jiġu determinati DNEL jew PNEC, għandha titwettaq stima kwalitattiva tal-probabbiltà li jiġu evitati effetti meta jiġi implementat ix-xenarju ta' espożizzjoni.

Għal sustanzi li jissodisfaw il-kriterji PBT u vPvB, il-manifattur jew l-importatur għandu juża l-informazzjoni kif miksuba fit-Taqsima 5, Stadju 2 waqt li jimplementa fuq is-sit tiegħu, u jirrakkomanda lil utenti downstream, miżuri ta' maniġġar tar-riskji li jimminimizzaw l-espożizzjonijiet u l-emissjonijiet għal bnedmin u l-ambjent, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza li tirriżulta mill-manifattura jew użi identifikati.

7. FORMAT TAR-RAPPORT TA' SIGURTÀ KIMIKA

Ir-Rapport ta' Sigurtà Kimika għandu jinkludi l-intestaturi li ġejjin:

FORMAT TAR-RAPPORT TA' SIGURTÀ KIMIKA
PARTI A
1. SOMMARJU TA' MIŻURI TA' MANIĠĠAR TAR-RISKJI
2. DIKJARAZZJONI LI L-MIŻURI TA' MANIĠĠAR TAR-RISKJI HUMA IMPLEMENTATI
3. DIKJARAZZJONI LI ĠEW KOMUNIKATI MIŻURI TA' MANIĠĠAR TAR-RISKJI
PARTI B
1. IDENTITÀ TAS-SUSTANZA U L-PROPRJETAJIET FIŻIĊI U KIMIĊI
2. MANIFATTURA U UŻI
2.1. Manifattura
2.2. Użi identifikati
2.3. Użi li aħjar ma jsirux
3. KLASSIFIKAZZJONI U TIKKETTAR
4. PROPRJETAJIET TAD-DESTIN AMBJENTALI
4.1. Degradazzjoni
4.2. Distribuzzjoni ambjentali
4.3. Bijo-akkumulazzjoni
4.4. Avvelenament Sekondarju

▼C1

FORMAT TAR-RAPPORT TA' SIGURTÀ KIMIKA

5. STIMA TAL-PERIKLU GĦAS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM

5.1. Tossikinetiċi (assorbiment, metaboliżmu, distribuzzjoni u eliminazzjoni)

5.2. Tossiċità akuta

5.3. Irritazzjoni

▼M10

_____

▼C1

5.4. Korrużività

5.5. Sensitizzazzjoni

▼M10

_____

▼C1

5.6. Tossiċità ta' doži ripetuti

▼M10

5.7. Mutaġeniċità fiċ-ċelloli ġerminali

▼C1

5.8. Karċinoġeniċità

5.9. Tossiċità għar-riproduzzjoni

▼M10

_____

▼C1

5.10. Effetti oħra

5.11. Derivazzjoni tad-DNEL(s)

6. STIMA TAL-PERIKLI GĦAS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM TAL-PROPRJETAJIET FIŻIKOKIMIĊI

6.1. Splussività

6.2. Fjammabbiltà

6.3. Potenzjal ossidizzanti

7. STIMA TAL-PERIKLI GĦALL-AMBJENT

7.1. Kompartiment Akkwatiku (inkluż is-sediment)

7.2. Kompartiment Terrestri

7.3. Kompartiment Atmosferiku

7.4. Attività Mikrobijoloġika f'Sistemi ta' Trattament tad-Drenaġġ

8. STIMA PBT U vPvB

9. STIMA TA' L-ESPOŻIZZJONI

9.1. [Titolu ta' Xenarju ta' Espożizzjoni 1]

9.1.1. Xenarju ta' Espożizzjoni

9.1.2. Estimazzjoni ta' l-Espożizzjoni

▼C1

FORMAT TAR-RAPPORT TA' SIGURTÀ KIMIKA

9.2. [Titolu ta' Xenarju ta' Espożizzjoni 2]

9.2.1. Xenarju ta' Espożizzjoni

9.2.2. Estimazzjoni ta' l-Espożizzjoni

[eċċ.]

10. KARATTERIZZAZZJONI TAR-RISKJI

10.1. [Titolu ta' Xenarju ta' Espożizzjoni 1]

10.1.1. Saħħa tal-Bniedem

10.1.1.1. Ħaddiema

10.1.1.2. Konsumaturi

10.1.1.3. Espożizzjoni indiretta għall-bnedmin mill-ambjent

10.1.2. Ambjent

10.1.2.1. Kompartiment Akkwatiku (inkluż is-Sediment)

10.1.2.2. Kompartiment Terrestri

10.1.2.3. Kompartiment Atmosferiku

10.1.2.4. Attività Mikrobijoloġika f'Sistemi ta' Trattament tad-Drenaġġ

10.2. [Titolu ta' Xenarju ta' Espożizzjoni 2]

10.2.1. Saħħa tal-Bniedem

10.2.1.1. Ħaddiema

10.2.1.2. Konsumaturi

10.2.1.3. Espożizzjoni indiretta għall-bnedmin mill-ambjent

10.2.2. Ambjent

10.2.2.1. Kompartiment Akkwatiku (inkluż is-Sediment)

10.2.2.2. Kompartiment Terrestri

10.2.2.3. Kompartiment Atmosferiku

10.2.2.4. Attività Mikrobijoloġika f'Sistemi ta' Trattament tad-Drenaġġ

[eċċ.]

10.x. Espożizzjoni ġenerali (kombinata għas-sorsi kollha relevanti ta' emissjonijiet/rilaxx)

10.x.1. Saħħa tal-bniedem (kombinata għar-rotot kollha ta' espożizzjoni)

10.x.1.1

10.x.2. Ambjent (kombinat għas-sorsi kollha ta' emissjoni)

10.x.2.1

▼M58

ANNESS II

REKWIŻITI GĦALL-KOMPILAZZJ-ONI TAL-ISKEDI TA' *DATA* TA' SIGURTÀ

PARTI A

0.1. **Introduzzjoni**

0.1.1. Dan l-Anness jistipula r-rekwiżiti li l-fornitur għandu jilħaq għall-kompilazzjoni ta' skeda ta' *data* ta' sigurtà li tingħata għal sustanza jew għal taħlita skont l-Artikolu 31.

0.1.2. L-informazzjoni dwar is-sustanzi mogħtija fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni fir-reġistrazzjoni u fir-rapport ta' sigurtà kimika, meta dan ikun meħtieġ. Fil-każ li jitlesta rapport ta' sigurtà kimika, ix-xenarju(i) rilevanti tal-esponiment għandhom jitqiegħdu f'anness tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

0.1.3. F'kull taqsima rilevanti, l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha ssemmi jekk tkoprix nanoforom differenti u liema minnhom, u għandha torbot l-informazzjoni tas-sikurezza rilevanti ma' kull waħda minn dawk in-nanoforom. Kif previst fl-Anness VI, it-terminu "nanoforma" f'dan l-Anness jirreferi għal nanoforma jew għal sett ta' nanoforom simili.

0.2. **Rekwiżiti ġenerali għat-tfassil ta' skeda ta' *data* ta' sigurtà**

0.2.1. L-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tippermetti li l-utenti jieħdu l-miżuri meħtieġa relatati mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-bniedem, u mal-ħarsien tal-ambjent. Min jimla l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandu jagħti kas li skeda ta' *data* ta' sigurtà trid tgħarraf lil min jaqraha bil-perikli ta' sustanza jew ta' taħlita u trid tagħti informazzjoni dwar il-ħażna, il-ġestjoni u r-rimi bla periklu tas-sustanza jew tat-taħlita.

0.2.2. L-informazzjoni mogħtija fl-iskedi ta' *data* ta' sigurtà għandha wkoll tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 98/24/KE. B'mod partikolari, mill-iskeda ta' *data* ta' sigurtà, min iħaddem għandu jkun jista' jiddetermina jekk fuq il-post tax-xogħol hemmx xi aġenti kimiċi perikoluż, u jkun jista' jistma kwalunkwe riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema meta dawn jintużaw.

0.2.3. L-informazzjoni fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tkun miktuba b'mod ċar u konċiż. L-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha titħejja minn persuna kompetenti li tqis ir-rekwiżiti u l-għarfien speċifiċi tal-utenti indirizzati, sa fejn dawn ikunu magħrufa. Il-forniturі ta' sustanzi u ta' taħlitiet għandhom jiżguraw li dawn il-persuni kompetenti jkunu ħadu taħriġ xieraq, inkluż taħriġ ta' aġġornament.

0.2.4. Il-lingwaġġ użat fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandu jkun sempliċi, ċar u preċiż, b'mod li jevita l-lingwaġġ speċjalizzat, l-akronimi u t-taqsiriet. Ma għandhomx jintużaw dikjarazzjonijiet bħal "jista' jkun perikoluż", "mingħajr effetti fuq is-saħħa", "bla periklu fil-biċċa l-kbira tal-kundizzjonijiet ta' użu" jew "bla periklu" jew xi dikjarazzjoni oħra li tindika li s-sustanza jew it-taħlita mhix perikoluża jew xi dikjarazzjoni oħra li tkun inkonsistenti mal-klassifikazzjoni ta' dik is-sustanza jew ta' dik it-taħlita.

0.2.5. Id-data tal-kumpilazzjoni tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tinkiteb fl-ewwel paġna. Meta skeda ta' *data* ta' sigurtà tkun ġiet riveduta u l-verżjoni l-ġdida u riveduta tingħata lill-benefiċjarji, il-bidliet għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-benefiċjarji għat-Taqsima 16 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà, sakemm dawn ma jkunux ġew indikati

▼M58

band'oħra. Għall-iskedi ta' *data* ta' sigurtà riveduti, fl-ewwel paġna għandha tidher id-data tal-kumpilazzjoni identifikata bħala "Reviżjoni: (id-data)", flimkien ma' indikazzjoni waħda jew aktar dwar liema verżjoni hija sostitwita, pereżempju n-numru tal-verżjoni, in-numru tar-reviżjoni, jew id-data ta' sostituzzjoni.

0.3. **Format tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà**

0.3.1. L-iskeda ta' *data* ta' sigurtà ma għandhiex tul fiss. It-tul tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandu jkun proporzjonat mal-periklu tas-sustanza jew tat-taħlita u mal-informazzjoni disponibbli.

0.3.2. Il-paġni kollha ta' skeda ta' *data* ta' sigurtà, inkluż kull anness, għandhom ikunu numerati u għandu jkollhom indikazzjoni tat-tul tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà (pereżempju "paġna 1 minn 3") jew indikazzjoni dwar jekk hemmx paġna wara (pereżempju "Ikompli fil-paġna li ġejja" jew "Tmiem l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà").

0.4. **Kontenut tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà**

L-informazzjoni meħtieġa skont dan l-Anness għandha tiġi inkluża fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà, meta applikabbli u disponibbli, fis-subtaqsimiet rilevanti stipulati fil-Parti B. L-iskeda ta' *data* ta' sigurtà ma għandux ikollha subtaqsimiet vojta.

0.5. **Rekwiżiti oħra ta' informazzjoni**

Minħabba l-firxa wiesgħa ta' proprjetajiet tas-sustanzi u tat-taħlitiet, f'xi każijiet jista' jkun meħtieġ li tiġi inkluża informazzjoni rilevanti addizzjonali u disponibbli fis-subtaqsimiet rilevanti.

L-informazzjoni addizzjonali ta' sigurtà u dwar l-ambjent hija meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-baħħara u ta' ħaddiema oħra tat-trasport bl-ingrossa ta' oġġetti perikoluži bil-baħar jew fuq passaġġi tal-ilma interni jew fuq bastimenti tat-tankijiet permezz tal-passaġġi tal-ilma interni soġġetti għar-regolamenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) jew għal regolamenti nazzjonali. Is-subtaqsima 14.7 tirrakkomanda l-inklużjoni ta' informazzjoni bażika dwar il-klassifikazzjoni meta dawn it-tipi ta' merkanzija jkunu trasportati bl-ingrossa skont l-istrumenti rilevanti tal-OMI. Barra minn hekk, il-bastimenti li jġorru ż-żejt jew il-fjuwil taż-żejt, kif definit fl-Anness I tal-MARPOL ([1]), jew il-fjuwil taż-żejt għar-riforniment tal-bastimenti, huma meħtieġa li qabel ma jgħabbu jkollhom "skeda ta' *data* ta' sigurtà tal-materjali" skont ir-riżoluzzjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza Marittima (l-MSC) tal-OMI "Recommendations for Material Safety Data Sheets (MSDS) for MARPOL Annex I Oil Cargo and Oil Fuel" (MSC.286(86)). Għalhekk, sabiex ikun hemm skeda ta' *data* ta' sigurtà unika u armonizzata għall-użu marittimu kif ukoll għal dak mhux marittimu, meta jkun xieraq jistgħu jiddaħħlu fl-iskedi ta' *data* ta' sigurtà d-dispożizzjonijiet addizzjonali tar-Riżoluzzjoni MSC.286(86) għat-trasport marittimu tal-merkanziji u ż-żjut tal-fjuwil marini tal-Anness I tal-MARPOL.

0.6. **Unitajiet**

Għandhom jintużaw l-unitajiet ta' kejl kif stipulat fid-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE ([2]).

([1]) Marpol — Edizzjoni konsolidata 2006, Londra, IMO 2007, ISBN 978-92-801-4216-7.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl u dwar l-irrevokar tad-Direttiva 71/354/KEE (ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40).

▼M58

0.7. **Każijiet speċjali**

L-iskedi ta' *data* ta' sigurtà għandhom ikunu meħtieġa wkoll għall-każijiet speċjali elenkati fil-paragrafu 1.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 li għalihom hemm derogi tat-tikkettar.

1. ***TAQSIMA 1: Identifikazzjoni tas-sustanza/tat-taħlita u tal-kumpanija/tal-impriża***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tippreskrivi l-mod kif għandha tiġi identifikata s-sustanza jew it-taħlita u l-mod kif l-użi rilevanti identifikati, l-isem tal-fornitur tas-sustanza jew tat-taħlita u l-informazzjoni bid-dettalji tal-kuntatt tal-fornitur tas-sustanza jew tat-taħlita inkluż kuntatt ta' emerġenza għandhom jingħataw fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

1.1. **Identifikatur tal-prodott**

Fil-każ ta' sustanza, l-identifikatur tal-prodott għandu jingħata skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, filwaqt li fil-każ ta' taħlita dan għandu jingħata skont l-Artikolu 18(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, kif stipulat fit-tikketta bl-ilsna uffiċjali tal-Istati Membri fejn is-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq, sakemm l-Istati Membri konċernati ma jistipulawx mod ieħor.

Għas-sustanzi soġġetti għar-reġistrazzjoni, l-identifikatur tal-prodott għandu jkun konsistenti ma' dak provdut fir-reġistrazzjoni u għandu jiġi indikat ukoll in-numru tar-reġistrazzjoni assenjat skont l-Artikolu 20(3) ta' dan ir-Regolament. Jistgħu jingħataw identifikaturi addizzjonali wkoll jekk ma jkunux intużaw fir-reġistrazzjoni.

Mingħajr ma jintlaqtu l-obbligi tal-utenti downstream stipulati fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament, fornitur li huwa distributur jew utent downstream jista' jħalli barra dik il-parti tan-numru tar-reġistrazzjoni li tirreferi għar-reġistrant individwali ta' sottomissjoni konġunta, bil-kundizzjoni li:

(a) dan il-fornitur jerfa' r-responsabilità li jagħti n-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ malli jintalab għal skopijiet ta' infurzar jew, jekk in-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ ma jkunx disponibbli għalih, li jibgħat it-talba lill-fornitur tiegħu skont il-punt (b); u

(b) dan il-fornitur jipprovdi n-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ lill-awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-infurzar ("l-awtorità tal-infurzar") fi żmien sebat (7) ijiem malli jintalab, jew direttament mingħand l-awtorità tal-infurzar inkella mingħand id-destinatarju tiegħu, jew jekk in-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ mhuwiex disponibbli għalih, dan il-fornitur għandu jgħaddi t-talba lill-fornitur tiegħu fi żmien sebat (7) ijiem minn meta tasallu t-talba u fl-istess waqt jinforma lill-awtorità tal-infurzar b'dan.

Tista' tingħata skeda ta' *data* ta' sigurtà waħda li tkun tkopri aktar minn sustanza jew taħlita waħda diment li l-informazzjoni f'dik l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-Anness għal kull waħda minn dawk is-sustanzi jew taħlitiet.

Meta forom differenti ta' sustanza jkunu koperti minn skeda ta' *data* ta' sigurtà waħda, għandha tiġi inkluża l-informazzjoni rilevanti li tindika b'mod ċar liema informazzjoni hija relatata ma' liema forma. Inkella tista' titħejja skeda ta' *data* ta' sigurtà separata għal kull forma jew għal kull grupp ta' forom.

▼M58

Meta l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà tkun tappartjeni għal nanoforma waħda jew iktar, jew għal sustanzi li jinkludu n-nanoforom, dan għandu jiġi indikat billi tintuża l-kelma "nanoforma".

Mezzi oħra ta' identifikazzjoni

Jistgħu jingħataw ismijiet jew sinonimi oħra li s-sustanza jew it-taħlita tkun tikkettata bihom jew tkun magħrufa l-aktar bihom.

Meta taħlita jkollha identifikatur uniku tal-formula (UFI) skont it-Taqsima 5 tal-Parti A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u dak l-identifikatur uniku tal-formula huwa indikat fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà, f'dak il-każ il-UFI għandu jingħata f'din is-subtaqsima.

1.2. **Użi rilevanti identifikati tas-sustanza jew tat-taħlita u użi mhux rakkomandati**

Mill-inqas għandha tiġi indikata deskrizzjoni qasira tal-użi identifikati (pereżempju t-tindif tal-art, jew l-użu industrijali fil-produzzjoni tal-polimeri, jew l-użu professjonali fl-aġenti tat-tindif) li huma pertinenti għar-riċevitur(i) tas-sustanza jew tat-taħlita.

Meta jkun japplika, għandhom jiġu dikjarati l-użi li l-fornitur iwissi kontrihom u r-raġunijiet għaliex iwissi kontrihom. Din mhemmx għal-fejn tkun lista eżawrjenti.

Meta jkun meħtieġ rapport ta' sigurtà kimika, l-informazzjoni f'din is-subtaqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tkun konsistenti mal-użi identifikati fir-rapport ta' sigurtà kimika u x-xenarji tal-esponiment mir-rapport ta' sigurtà kimika stipulat fl-anness tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

1.3. **Dettalji tal-fornitur tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà**

Il-fornitur tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandu jiġi identifikat, kemm jekk huwa l-manifattur, l-importatur, l-uniku rappreżentant, l-utent downstream jew id-distributur. Għandhom jingħataw ukoll l-indirizz sħiħ u n-numru tat-telefown tal-fornitur kif ukoll l-indirizz elettroniku ta' persuna kompetenti responsabbli mill-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

Barra minn hekk, jekk il-fornitur ma jkunx jinsab fl-Istat Membru fejn is-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq u dan ikun innomina persuna responsabbli għal dak l-Istat Membru, għandhom jingħataw l-indirizz sħiħ u n-numru tat-telefown ta' dik il-persuna responsabbli.

Meta jkun inħatar rappreżentant uniku, jistgħu jingħataw ukoll id-dettalji tal-manifattur jew tal-formulatur li mhuwiex fl-Unjoni.

Għar-reġistranti, l-informazzjoni dwar il-fornitur tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà u, jekk tkun ipprovduta, dwar il-fornitur tas-sustanza jew tat-taħlita, għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni dwar l-identità tal-manifattur, tal-importatur jew tal-uniku rappreżentant mogħtija fir-reġistrazzjoni.

1.4. **Numru tat-telefown ta' emerġenza**

Għandhom jingħataw referenzi għas-servizzi ta' informazzjoni ta' emerġenza. Jekk ikun hemm korp konsultattiv uffiċjali fl-Istat Membru fejn is-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq (dan jista' jkun il-korp responsabbli li jirċievi informazzjoni relatata mas-saħħa kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008), għandu jingħata n-numru tat-telefown tiegħu u dan għandu jkun biżżejjed. Jekk id-disponibilità ta' servizzi bħal dawn tkun limitata għal xi raġunijiet, bħas-sigħat tal-operat, jew jekk ikun hemm limiti fuq tipi speċifiċi ta' informazzjoni mogħtija, dan għandu jiġi dikjarat b'mod ċar.

▼M58

2. *TAQSIMA 2: Identifikazzjoni tar-riskji*

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà tiddeskrivi l-perikli tas-sustanza jew tat-taħlita u l-informazzjoni xierqa ta' twissija assoċjata ma' dawk il-perikli.

2.1. **Klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita**

Għandha tingħata l-klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita li tirriżulta meta jiġu applikati l-kriterji tal-klassifikazzjoni li hemm fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Meta l-fornitur ikun innotifika l-informazzjoni fir-rigward tas-sustanza għall-inventarju tal-klassifikazzjoni u tat-tikkettar skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jew ikun ta l-informazzjoni bħala parti minn reġistrazzjoni skont dan ir-Regolament, il-klassifikazzjoni mogħtija fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tkun l-istess bħall-klassifikazzjoni mogħtija f'dik in-notifika jew f'dik ir-reġistrazzjoni.

Jekk it-taħlita ma tkunx tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar.

L-informazzjoni dwar is-sustanzi fit-taħlita hija mogħtija fis-subtaqsima 3.2.

Jekk il-klassifikazzjoni, inkluż id-dikjarazzjonijiet tal-periklu, ma tkunx inkitbet b'mod sħiħ, għandha ssir referenza għat-Taqsima 16, fejn għandu jingħata t-test sħiħ ta' kull klassifikazzjoni, inkluż kull dikjarazzjoni tal-periklu.

Għandhom jiġu elenkati l-aktar effetti fiżiċi, sanitarji u ambjentali avversi importanti skont it-Taqsimiet 9 sa 12 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà, b'tali mod li min ma jkunx espert fil-qasam xorta jkun jista' jidentifika l-perikli tas-sustanza jew tat-taħlita.

2.2. **Elementi fuq it-tikketta**

Abbażi tal-klassifikazzjoni, tal-inqas l-elementi li ġejjin għandhom jidhru fuq it-tikketta skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008: pittogramma(i) tal-perikli, kelma/kliem ta' sinjal, dikjarazzjoni(jiet) tal-periklu u dikjarazzjoni(jiet) ta' prekawzjoni. Riproduzzjoni grafika tal-pittogramma sħiħa tal-perikli bl-iswed fuq l-abjad jew riproduzzjoni grafika tas-simbolu biss jistgħu jiġu sostitwiti bil-pittogramma bil-kulur prevista fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

L-elementi applikabbli fuq it-tikketta għandhom jingħataw skont l-Artikolu 25(1) sa (6) u mal-Artikolu 32(6) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

2.3. **Perikli oħrajn**

Għandha tingħata informazzjoni dwar jekk is-sustanza tissodisfax il-kriterji bħala persistenti, bijoakkumulattiva u tossika jew persistenti ħafna u bijoakkumulattiva ħafna skont l-Anness XIII, dwar jekk is-sustanza ġietx inkluża fil-lista stabbilità skont l-Artikolu 59(1) billi jkollha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali, u dwar jekk is-sustanza hijiex identifikata bħala sustanza li għandha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2100 ([1]) jew fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 ([2]). Għal taħlita, għandha tingħata l-informazzjoni għal kull tali sustanza li jkun hemm fit-taħlita f'konċentrazzjoni ugwali jew akbar minn 0,1 % skont il-piż.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2100 tal-4 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 301, 17.11.2017, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 tad-19 ta' April 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 billi jistabbilixxi l-kriterji xjentifiċi biex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (ĠU L 101, 20.4.2018, p. 33).

▼M58

Għandha tingħata informazzjoni dwar perikli oħra li ma jirriżultawx fil-klassifikazzjoni iżda li jistgħu jikkontribwixxu għall-perikli globali tas-sustanza jew tat-taħlita, bħalma huma l-formazzjoni ta' elementi li jniġġsu l-arja waqt it-twebbis jew l-ipproċessar, il-ħolqien ta' trab, proprjetajiet splussivi li ma jissodisfawx il-kriterji tal-klassifikazzjoni tal-parti 2, it-Taqsima 2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, perikli ta' splużjoni tat-trab, transensitizzazzjoni, soffokazzjoni, iffriżar, potenza elevata tar-riħa jew tat-togħma, jew effetti ambjentali bħal perikli għall-organizmi li jgħixu fil-ħamrija, jew il-potenzjal ta' ħolqien ta' ożonu fotokimiku. Id-dikjarazzjoni "Jekk tixxerred, tista' tifforma taħlita ta' trab splussiv fl-arja" hija xierqa fil-każ ta' periklu ta' splużjoni tat-trab.

3. ***TAQSIMA 3: Kompożizzjoni/informazzjoni dwar l-ingredjenti***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tiddeskrivi l-identità kimika tal-ingredjenti tas-sustanza jew tat-taħlita, inkluż l-impuritajiet u l-addittivi ta' stabilità kif stipulat hawn taħt. Għandha tiġi indikata informazzjoni tas-sikurezza xierqa u disponibbli dwar il-kimika tas-superfiċje.

3.1. **Sustanzi**

L-identità kimika tal-kostitwent ewlieni tas-sustanza għandha tingħata billi tal-inqas jingħata l-identifikatur tal-prodott jew wieħed mill-mezzi l-oħra ta' identifikazzjoni mogħtija fis-subtaqsima 1.1.

Għandha tingħata l-identità kimika ta' kwalunkwe impurità, addittiv ta' stabbilizzazzjoni jew kostitwent individwali ieħor minbarra l-kostitwent ewlieni, li dan stess huwa klassifikat u li jikkontribwixxi għall-klassifikazzjoni tas-sustanzi kif ġej:

(a) l-identifikatur tal-prodott skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(b) fil-każ li l-identifikatur tal-prodott ma jkunx disponibbli, wieħed mill-ismijiet l-oħra (l-isem tas-soltu, l-isem kummerċjali, taqsira) jew in-numri ta' identifikazzjoni.

Il-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku, il-fattur-M u l-istima tat-tossiċità akuta għas-sustanzi inklużi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jew determinati skont l-Anness I ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu indikati, jekk ikunu disponibbli.

Jekk is-sustanza tkun reġistrata u tkopri nanoforma, għandhom jiġu indikati l-karatteristiċi tal-partikuli li jispeċifikaw in-nanoforma, kif deskritt fl-Anness VI.

Jekk is-sustanza ma tkunx reġistrata, iżda l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà tkun tkopri n-nanoforom, li l-karatteristiċi tal-partikuli tagħhom ikollhom impatt fuq is-sikurezza tas-sustanza, dawk il-karatteristiċi għandhom jiġu indikati.

Il-fornituri tas-sustanzi jistgħu jagħżlu li jelenkaw ukoll il-kostitwenti kollha, inkluż dawk mhux klassifikati.

Din is-subtaqsima tista' tintuża wkoll biex tagħti informazzjoni dwar sustanzi multikostitwenti.

3.2. **Taħlitiet**

Għandhom jingħataw l-identifikatur tal-prodott, il-konċentrazzjoni jew il-firxiet ta' konċentrazzjoni tal-inqas għas-sustanzi kollha msemmija fil-punti 3.2.1 jew 3.2.2. Il-fornituri tat-taħlitiet jistgħu jagħżlu li minbarra dawn, jelenkaw is-sustanzi kollha fit-taħlita, inkluż is-sustanzi li ma jikkonformawx mal-kriterji għall-klassifikazzjoni. L-informazzjoni għandha tippermetti li d-destinatarju jidentifika faċilment il-perikli tas-sustanzi fit-taħlita. Il-perikli tat-taħlita stess għandhom jingħataw fit-Taqsima 2.

▼**M58**

Il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi f'taħlita għandhom jiġu deskritti b'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

(a) il-perċentwali eżatti f'ordni dekrexxenti skont il-massa jew il-volum, jekk dan ikun possibbli teknikament;

(b) il-firxiet tal-perċentwali f'ordni dekrexxenti skont il-massa jew il-volum, jekk dan ikun possibbli teknikament.

Meta tintuża firxa ta' perċentwali, jekk l-effetti tat-taħlita fit-totalità tagħha ma jkunux disponibbli, il-perikli għas-saħħa u għall-ambjent għandhom jiddeskrivu l-effetti tal-ogħla konċentrazzjonijiet ta' kull ingredjent.

Jekk l-effetti tat-taħlita fit-totalità tagħha jkunu disponibbli, il-klassifikazzjoni determinata minn din l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fit-Taqsima 2.

Meta l-użu ta' isem kimiku alternattiv ikun permess skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, dak l-isem jista' jintuża.

3.2.1. Għal taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, is-sustanzi li ġejjin (ara wkoll it-Tabella 1.1) għandhom jiġu indikati, flimkien mal-konċentrazzjoni jew mal-firxa tal-konċentrazzjoni tagħhom fit-taħlita:

(a) is-sustanzi li jippreżentaw periklu għas-saħħa jew għall-ambjent fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jekk dawn ikunu preżenti f'konċentrazzjonijiet ugwali jew akbar mill-inqas wieħed fost xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-valuri ta' limitu ġeneriċi stipulati fit-Tabella 1.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(ii) il-limiti ġeneriċi ta' konċentrazzjoni mogħtija fil-partijiet 3 sa 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1272/2008, filwaqt li jitqiesu l-konċentrazzjonijiet speċifikati fin-noti għal ċerti tabelli fil-parti 3 b'rabta mal-obbligu li meta tintalab, trid issir disponibbli skeda ta' *data* ta' sigurtà għat-taħlita, u għall-periklu mill-aspirazzjoni (it-Taqsima 3.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008) ≥ 1 %;

(iii) il-limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi mogħtija fil-parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(iv) jekk ikun ingħata fattur M (fattur multiplikanti) fil-parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-valur ta' limitu ġeneriku fit-Tabella 1.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, aġġustat bl-użu tal-kalkolu stabbilit fit-Taqsima 4.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament;

(v) il-limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi mogħtija lill-inventarju tal-klassifikazzjoni u tat-tikkettar stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(vi) wieħed minn għaxra tal-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku għal sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda jew sensitizzatur respiratorju b'limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku;

(vii) il-limiti ta' konċentrazzjoni stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(viii) jekk ikun ingħata fattur M lill-inventarju tal-klassifikazzjoni u tat-tikkettar stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-valur ta' limitu ġeneriku fit-Tabella 1.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, aġġustat bl-użu tal-kalkolu stipulat fit-Taqsima 4.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

▼**M58**

(b) is-sustanzi li għalihom ikun hemm limiti tal-Unjoni tal-esponiment fuq il-post tax-xogħol, li ma jkunux diġà inklużi fil-punt (a);

(c) bil-kundizzjoni li l-konċentrazzjoni ta' sustanza individwali tkun 0,1 % jew aktar, is-sustanzi li jissodisfaw xi wieħed mill-kriterji li ġejjin:

— is-sustanzi li huma persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi jew persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII,

— is-sustanzi inklużi fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 59(1) għal raġunijiet għajr il-perikli msemmija fil-punt (a) ta' din is-subtaqsima bħal proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali,

— is-sustanzi identifikati li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/2100 jew fir-Regolament (UE) 2018/605.

Tabella 1.1

Lista tal-klassijiet tal-periklu, tal-kategoriji tal-periklu u tal-limiti ta' konċentrazzjoni li għalihom sustanza għandha tiġi elenkata bħala sustanza f'taħlita tas-subtaqsima 3.2.1

Klassi u kategorija tal-periklu	Limitu ta' konċentrazzjoni (%)
Tossiċità akuta, il-kategorija 1, 2 u 3	≥ 0,1
Tossiċità akuta, il-kategorija 4	≥ 1
Korrużjoni/irritazzjoni tal-ġilda, il-kategorija 1, il-kategoriji 1 A, 1B, 1C u l-kategorija 2	≥ 1
Ħsara serja lill-għajnejn/irritazzjoni tal-għajnejn, il-kategorija 1 u 2	≥ 1
Sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1 jew tal-kategorija 1B	≥ 0,1
Sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1 A	≥ 0,01
Sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1 jew tal-kategorija 1B	≥ 0,1
Sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1 A	≥ 0,01
Mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali tal-kategoriji 1 A u1B	≥ 0,1
Mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali tal-kategorija 2	≥ 1
Karċinoġeniċità tal-kategoriji 1 A, 1B u 2	≥ 0,1
Tossiċità riproduttiva tal-kategorija 1 A, 1B, 2 u effetti fuq jew permezz tat-treddigħ	≥ 0,1

▼**M58**

Klassi u kategorija tal-periklu	Limitu ta' konċentrazzjoni (%)
Tossicità speċifika għall-organi fil-mira (STOT) — esponiment ta' darba tal-kategoriji 1, 2 u 3	≥ 1
Tossicità speċifika għall-organi fil-mira (STOT) — esponiment ripetut tal-kategoriji 1 u 2	≥ 1
Tossiċità mill-aspirazzjoni	≥ 1
Perikoluża għall-ambjent akkwatiku — Akuta, il-kategorija 1	≥ 0,1
Perikoluża għall-ambjent akkwatiku — Kronika, il-kategorija 1	≥ 0,1
Perikoluża għall-ambjent akkwatiku — Kronika, il-kategoriji 2, 3 u 4	≥ 1
Perikoluża għas-saff tal-ożonu	≥ 0,1

3.2.2. Għal taħlita li ma tissodisfax il-kriterji għall-klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, għandhom jiġu indikati s-sustanzi preżenti f'konċentrazzjoni individwali li tkun ugwali jew akbar mill-konċentrazzjonijiet li ġejjin, flimkien mal-konċentrazzjoni tagħhom jew il-firxa ta' konċentrazzjoni tagħhom:

(a) 1 % skont il-piż f'taħlitiet mhux gassużi u 0,2 % mil-lat ta' volum f'taħlitiet gassużi għal:

(i) sustanzi li jippreżentaw periklu għas-saħħa jew għall-ambjent fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008; jew

(ii) sustanzi li għalihom ġew assenjati limiti tal-Unjoni tal-esponiment fuq il-post tax-xogħol;

(b) 0,1 % skont il-piż għas-sustanzi li jissodisfaw xi wieħed mill-kriterji li ġejjin:

— is-sustanzi li huma persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII,

— is-sustanzi li huma persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna skont il-kriterji stipulati fl-Anness XIII,

— is-sustanzi inklużi fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 59(1) għal raġunijiet għajr il-perikli msemmija fil-punt (a) ta' din is-subtaqsima bħal proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali;

— identifikati li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/2100 jew fir-Regolament (UE) 2018/605;

(c) 0,1 % ta' sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda kategorija 1 jew 1B, sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1 jew, 1B, jew karċinoġenika tal-kategorija 2;

(d) 0,01 % ta' sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1 A jew bħala sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1 A;

(e) wieħed minn għaxra tal-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku għal sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda jew sensitizzatur respiratorju b'limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku;

▼M58

(f) 0,1 % tas-sustanza klassifikata bħala tossika għar-riproduzzjoni tal-kategoriji 1 A, 1B jew 2, jew b'effetti fuq jew permezz tat-treddigħ.

3.2.3. Għas-sustanzi indikati fis-subtaqsima 3.2.:

— għandhom jingħataw il-klassifikazzjoni tas-sustanza skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, inkluż il-klassi(jiet) tal-periklu u l-kodiċi(jiet) tal-kategorija kif mogħtija fit-Tabella 1.1 tal-Anness VI ta' dak ir-Regolament, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet tal-periklu supplimentari. F'din is-subtaqsima ma hemmx il-ħtieġa li d-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet tal-periklu supplementari jinkitbu b'mod sħiħ: il-kodiċijiet tagħhom għandhom ikunu biżżejjed. Meta ma jinkitbux b'mod sħiħ, għandha ssir referenza għat-Taqsima 16, fejn it-test sħiħ ta' kull dikjarazzjoni rilevanti ta' periklu għandu jkun elenkat. Jekk is-sustanza ma tissodisfax il-kriterji ta' klassifikazzjoni, għandha tingħata deskrizzjoni tar-raġuni tal-indikazzjoni tas-sustanza fis-subtaqsima 3.2, pereżempju "sustanza vPvB mhux klassifikata" jew "sustanza b'limitu tal-Unjoni tal-esponiment fuq il-post tax-xogħol".

— il-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku, il-fattur-M u l-istima tat-tossiċità akuta għas-sustanza fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jew kif determinati skont l-Anness I ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu indikati, jekk ikunu disponibbli.

— jekk is-sustanza użata fit-taħlita hija nanoforma u fil-fatt tkun irreġistrata jew indirizzata bir-rapport ta' sigurtà kimika għall-utent downstream, għandhom jiġu indikati l-karatteristiċi tal-partikuli li jispeċifikaw in-nanforma, kif deskritti fl-Anness VI. – jekk is-sustanza kif użata fit-taħlita hija f'nanoforma iżda ma tkunx irreġistrata jew indirizzata bir-rapport ta' sigurtà kimika għall-utent downstream, għandhom jiġu indikati l-karatteristiċi tal-partikuli li għandhom impatt fuq is-sikurezza tat-taħlita.

3.2.4. Għas-sustanzi indikati fis-subtaqsima 3.2 għandhom jingħataw l-isem u, jekk ikun disponibbli, in-numru tar-reġistrazzjoni, kif assenjat skont l-Artikolu 20(3) ta' dan ir-Regolament.

Mingħajr ma taffettwa l-obbligi tal-utenti downstream stipulati fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament, il-parti tan-numru tar-reġistrazzjoni li tirreferi għar-reġistrant individwali ta' sottomissjoni konġunta tista' titħalla barra mill-fornitur tat-taħlita bil-kundizzjoni li:

(a) dan il-fornitur jerfa' r-responsabilità li jagħti n-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ malli jintalab għal skopijiet ta' infurzar jew, jekk in-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ ma jkunx disponibbli għalih, li jibgħat it-talba lill-fornitur tiegħu skont il-punt (b); u

(b) dan il-fornitur jipprovdi n-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ lill-awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-infurzar (minn issa 'l quddiem "l-awtorità tal-infurzar") fi żmien sebat ijiem malli jintalab, jew direttament mill-awtorità tal-infurzar inkella mid-destinatarju tiegħu, jew jekk in-numru tar-reġsitrazzjoni sħiħ mhuwiex disponibbli għalih, dan il-fornitur għandu jgħaddi t-talba lil fornitur tiegħu fi żmien sebat ijiem minn meta tasallu t-talba u fl-istess waqt jinforma l-awtorità tal-infurzar b'dan.

Għandu jingħata n-numru KE, jekk disponibbli, skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. jistgħu jingħataw ukoll in-numru CAS u l-isem IUPAC, jekk dawn ikunu disponibbli.

▼M58

Għas-sustanzi indikati f'din is-subtaqsima permezz ta' isem kimiku alternattiv skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, in-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru KE u identifikaturi kimiċi preċiżi oħra mhumiex neċessarji.

4. *TAQSIMA 4: Miżuri tal-ewwel għajnuna*

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tiddeskrivi l-ewwel kura b'tali mod li tista' tinftiehem u tista' tingħata minn persuna mhux imħarrġa mingħajr l-użu ta' tagħmir sofistikat u mingħajr id-disponibilità ta' għażla wiesgħa ta' medikamenti. Jekk ikun hemm bżonn attenzjoni medika, l-istruzzjonijiet għandhom jiddikjaraw dan, inkluż l-urġenza tagħha.

4.1. **Deskrizzjoni tal-miżuri tal-ewwel għajnuna**

4.1.1. L-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna għandhom jingħataw skont il-modi ta' esponiment rilevanti. Għandhom jintużaw subdiviżjonijiet biex jindikaw il-proċedura għal kull mod, pereżempju l-ġbid mannifs, il-ġilda, l-għajnejn jew l-inġestjoni.

4.1.2. Għandu jingħata parir dwar jekk:

(a) ikunx hemm bżonn attenzjoni medika immedjata u jekk wieħed jistax jistenna effetti tardjati wara l-esponiment;

(b) huwiex rakkomandat il-moviment tal-individwu espost miż-żona għall-apert;

(c) humiex rakkomandati t-tneħħija u t-trattament tal-ilbies u ż-żraben mill-individwu; u

(d) huwiex rakkomandat tagħmir ta' protezzjoni personali għall-persuni li qed jagħtu l-ewwel għajnuna.

4.2. **Sintomi u effetti prinċipali, kemm akuti kif ukoll tardjati**

Għandha tingħata informazzjoni fil-qosor dwar is-sintomi u l-effetti prinċipali, kemm akuti kif ukoll tardjati, minħabba l-esponiment.

4.3. **Indikazzjoni ta' xi attenzjoni medika immedjata u trattament speċjali meħtieġa**

Meta jkun xieraq, għandha tingħata informazzjoni dwar l-ittestjar kliniku u s-sorveljanza medika għall-effetti tardjati, dettalji speċifiċi dwar l-antidoti (meta dawn ikunu magħrufa) u l-kontraindikazzjonijiet.

Għal xi sustanzi jew taħlitiet, jista' jkun importanti li jiġi enfasizzat li fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu disponibbli mezzi speċjali biex jingħata trattament speċifiku u immedjat.

5. *TAQSIMA 5: Miżuri għat-tifi tan-nar*

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tiddeskrivi r-rekwiżiti għat-tifi tan-nar ikkawżat mis-sustanza jew mit-taħlita, jew li jseħħ fil-viċinanza tagħha.

5.1. **Mezzi għat-tifi tan-nar**

Mezzi xierqa għat-tifi tan-nar:

Għandha tingħata informazzjoni dwar il-mezzi adattati għat-tifi tan-nar.

Mezzi mhux xierqa għat-tifi tan-nar:

Għandhom jingħataw indikazzjonijiet jekk hemmx xi mezzi għat-tifi tan-nar li mhumiex adattati għal sitwazzjoni partikolari li tinvolvi s-sustanza jew it-taħlita (eż. jiġu evitati l-mezzi ta' pressjoni għolja li jistgħu jikkawżaw il-formazzjoni ta' taħlita ta' trab potenzjalment splussiv fl-arja).

▼M58

5.2. **Perikli speċifiċi li joriġinaw mis-sustanza jew mit-taħlita**

Għandha tingħata informazzjoni dwar perikli li jistgħu joriġinaw mis-sustanza jew mit-taħlita, bħalma huma prodotti perikoluż ta' kombustjoni li jiffurmaw meta s-sustanza jew it-taħlita tinħaraq, pereżempju "jekk tinħaraq, tista' tipproduċi dħaħen tossiċi ta' monossidu tal-karbonju" jew "tipproduċi ossidi tal-kubrit u nitroġenu f'każ ta' kombustjoni".

5.3. **Parir lill-pumpiera**

Għandu jingħata parir dwar kwalunkwe azzjoni protettiva li trid tittieħed waqt it-tifi tan-nar, pereżemju "il-kontenituri għandhom jinżammu friski bi sprej tal-ilma", u dwar tagħmir ta' protezzjoni speċjali għall-pumpiera, bħalma huma l-bwiez, l-overalls, l-ingwanti, il-protezzjoni tal-għajnejn u tal-wiċċ u l-apparat biex tieħu n-nifs.

6. ***TAQSIMA 6: Miżuri għar-rilaxx aċċidentali***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tirakkomanda r-reazzjoni adattata f'każ ta' tixrid, tnixxijiet jew rilaxxi, biex jiġu evitati jew minimizzati l-effetti ta' ħsara fuq il-persuni, fuq il-proprjetà u fuq l-ambjent. Din għandha tiddistingwi bejn ir-rispons għal ammonti kbar jew żgħar ta' tixrid, meta l-volum tat-tixrid iħalli impatt sinifikanti fuq il-periklu. Jekk il-proċeduri għall-konteniment u għall-irkupru jindikaw li hemm bżonn prassi differenti, dawn għandhom jiġu indikati fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

6.1. **Prekawzjonijiet personali, tagħmir ta' protezzjoni u proċeduri ta' emerġenza**

6.1.1. *Għall-persunal li mhuwiex ta' emerġenza*

Għandu jingħata parir b'rabta mat-tixrid u mar-rilaxx aċċidentali tas-sustanza jew tat-taħlita bħalma huma:

(a) l-ilbies ta' tagħmir ta' protezzjoni xieraq (inkluż it-tagħmir ta' protezzjoni personali msemmi fit-Taqsima 8 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà) biex tiġi evitata kwalunkwe kontaminazzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tal-ilbies personali;

(b) it-tneħħija ta' sorsi ta' tqabbid, il-provvista ta' ventilazzjoni suffiċjenti, il-kontroll tat-trab; u

(c) il-proċeduri ta' emerġenza bħalma hija l-ħtieġa li tiġi evakwata ż-żona tal-periklu jew li jiġi kkonsultat espert.

6.1.2. *Għall-persunal tal-emerġenza*

Għandu jingħata parir b'rabta mat-tessut xieraq għall-ilbies ta' protezzjoni personali (pereżempju "xieraq: butilen"; "mhux xieraq: PVC").

6.2. **Prekawzjonijiet ambjentali**

Għandu jingħata parir dwar kwalunkwe prekawzjoni ambjentali li għandha tittieħed b'rabta mat-tixrid u mar-rilaxx aċċidentali tas-sustanza jew tat-taħlita, bħal pereżempju li jinżamm 'il bogħod mill-katusi, l-ilma tal-wiċċ u tal-qiegħ.

6.3. **Metodi u materjal għall-konteniment u għat-tindif**

6.3.1. Għandu jingħata parir xieraq dwar il-konteniment ta' tixrid. Tekniki ta' konteniment xierqa jistgħu jinkludu xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) iżolament jew kopertura ta' katusi;

(b) proċeduri ta' siġillar.

▼M58

6.3.2. Għandu jingħata parir xieraq dwar kif jitnaddaf it-tixrid. Tekniki xierqa ta' tindif jistgħu jinkludu xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) tekniki ta' newtralizzazzjoni;

(b) tekniki ta' dekontaminazzjoni;

(c) materjali assorbenti;

(d) tekniki ta' tindif;

(e) tekniki ta' vacuum;

(f) tagħmir meħtieġ għall-konteniment/għat-tindif (inkluż l-użu ta' għodod u tagħmir li ma jisparkjawx skont il-każ).

6.3.3. Għandha tingħata kull informazzjoni oħra b'rabta mat-tixrid u mar-rilaxxi, inkluż parir dwar tekniki mhux xierqa ta' konteniment jew ta' tindif, pereżempju permezz ta' indikazzjonijiet bħal "qatt tuża…".

6.4. **Referenza għal taqsimiet oħra**

Jekk ikun xieraq, għandha ssir referenza għat-Taqsimiet 8 u 13.

7. ***TAQSIMA 7: Ġestjoni u ħżin***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tipprovdi parir dwar prattiki ta' manipulazzjoni sikura. Għandha tenfasizza l-prekawzjonijiet li huma xierqa għall-użi identifikati msemmija fis-subtaqsima 1.2 u għall-proprjetajiet uniċi tas-sustanza jew tat-taħlita.

L-informazzjoni f'din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandu jkollha x'taqsam mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, mas-sikurezza u mal-ambjent. Għandha tgħin lil min iħaddem biex ifassal proċeduri tax-xogħol u miżuri organizzattivi xierqa skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/24/KE u skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Meta jkun meħtieġ rapport ta' sigurtà kimika, l-informazzjoni f'din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija għall-użi identifikati fir-rapport ta' sigurtà kimika u x-xenarji tal-esponiment li juru kontroll tar-riskju mir-rapport ta' sigurtà kimika stipulat fl-anness tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

Minbarra l-informazzjoni mogħtija f'din it-taqsima, tista' tinstab informazzjoni rilevanti fit-Taqsima 8.

7.1. **Prekawzjonijiet għal manipulazzjoni sikura**

7.1.1. Fir-rakkomandazzjonijiet għandu jkun speċifikat li:

(a) jippermettu l-manipulazzjoni sikura tas-sustanza jew tat-taħlita, bħal miżuri għall-konteniment u miżuri li jevitaw in-nirien kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' aerosol u ta' trab;

(b) jevitaw il-manipulazzjoni ta' sustanzi jew ta' taħlitiet inkompatibbli;

(c) jiġbdu l-attenzjoni għall-operazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet li joħolqu riskji ġodda billi jbiddlu l-proprjetajiet tas-sustanza jew tat-taħlita, u għall-kontromiżuri xierqa u

(d) inaqqsu r-rilaxx tas-sustanza jew tat-taħlita fl-ambjent, bħal pereżempju li jiġi evitat it-tixrid jew li jinżammu 'l bogħod millkatusi.

7.1.2. Għandu jingħata parir dwar l-iġjene okkupazzjonali ġenerali, pereżempju li l-individwi:

(a) ma jiklux, ma jixorbux u ma jpejpux f'żoni tax-xogħol;

(b) jaħslu jdejhom wara l-użu; u

(c) ineħħu l-ilbies u t-tagħmir ta' protezzjoni kontaminati qabel ma jidħlu fiż-żoni għall-ikel.

▼M58

7.2. **Kundizzjonijiet għall-ħżin bla periklu, inkluż kwalunkwe nuqqas ta' kompatibilità**

Il-parir mogħti għandu jkun konsistenti mal-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi deskritti fit-Taqsima 9 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà. Jekk rilevanti, għandu jingħata parir dwar rekwiżiti speċifiċi ta' ħżin, inkluż:

(a) kif jiġu trattati r-riskji assoċjati ma':

(i) atmosferi splussivi;

(ii) kundizzjonijiet korrużivi;

(iii) perikli ta' fjammabilità;

(iv) sustanzi jew taħlitiet inkompatibbli;

(v) kundizzjonijiet evaporattivi; u

(vi) sorsi potenzjali ta' tqabbid (inkluż tagħmir elettriku);

(b) kif għandhom jiġu kontrollati l-effetti ta':

(i) kundizzjonijiet tat-temp;

(ii) pressjoni ambjentali;

(iii) temperatura;

(iv) dawl tax-xemx;

(v) umidità u

(vi) vibrazzjoni;

(c) kif għandha tinżamm l-integrità tas-sustanza jew tat-taħlita bl-użu ta':

(i) stabbilizzaturi; u

(ii) antiossidanti;

(d) pariri oħra, inkluż:

(i) rekwiżiti ta' ventilazzjoni;

(ii) tfassil speċifiku għall-kmamar jew għall-kontenituri ta' ħżin (inklużi l-ħitan ta' kontenIment u l-ventilazzjoni);

(iii) limiti tal-kwantità f'kundizzjonijiet ta' ħżin (jekk rilevanti); u

(iv) kompatibilitajiet ta' ppakkjar.

7.3. **Użi finali speċifiċi**

Għas-sustanzi u għat-taħlitiet iddestinati għal użi finali speċifiċi, ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jirrelataw mal-użu jew mal-użi identifikati msemmija fis-subtaqsima 1.2 u jridu jkunu dettaljati u operattivi. Jekk ikun mehmuż xenarju ta' esponiment, tista' ssir referenza għalih jew tingħata l-informazzjoni kif meħtieġ fis-subtaqsimiet 7.1 u 7.2. Jekk operatur fil-katina tal-forniment ikun wettaq valutazzjoni tas-sigurtà kimika għat-taħlita, ikun suffiċjenti li l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà u x-xenarji tal-esponiment ikunu konsistenti mar-rapport ta' sigurtà kimika għat-taħlita, pjuttost milli mar-rapporti ta' sigurtà kimika għal kull sustanza fit-taħlita. Jekk teżisti xi gwida speċifika għall-industrija jew għas-settur, tista' ssir referenza dettaljata għaliha (inkluż is-sors u d-data tal-ħruġ).

▼M58

8. ***TAQSIMA 8: Kontrolli tal-esponiment/il-protezzjoni personali***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tiddeskrivi l-limiti tal-esponiment okkupazzjonali applikabbli u l-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju neċessarji.

Meta jkun meħtieġ rapport ta' sigurtà kimika, l-informazzjoni f'din it-taqsima tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija għall-użi identifikati fir-rapport ta' sigurtà kimika u x-xenarji tal-esponiment li juru kontroll tar-riskju mir-rapport ta' sigurtà kimika stipulat fl-anness tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

8.1. **Parametri ta' kontroll**

8.1.1. Meta jkunu disponibbli, għas-sustanza jew għal kull waħda mis-sustanzi fit-taħlita, għandhom jiġu elenkati l-valuri ta' limitu nazzjonali li ġejjin, inkluż il-bażi legali ta' kull wieħed minnhom, li bħalissa huma applikabbli fl-Istat Membru li fih qed tingħata l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà. Meta jiġu elenkati l-valuri ta' limitu tal-esponiment okkupazzjonali, għandha tintuża l-identità kimika kif speċifikata fit-Taqsima 3.

8.1.1.1. il-valuri ta' limitu nazzjonali tal-esponiment okkupazzjonali li jikkorrispondu għall-valuri ta' limitu tal-Unjoni tal-esponiment okkupazzjonali skont id-Direttiva 98/24/KE, inkluż kwalunkwe notazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/113/UE ([1]);

8.1.1.2. il-valuri ta' limitu nazzjonali tal-esponiment okkupazzjonali li jikkorrispondu għall-valuri ta' limitu tal-Unjoni skont id-Direttiva 2004/37/KE, inkluż kull notazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni 2014/113/UE;

8.1.1.3. kull valur ta' limitu nazzjonali ieħor tal-esponiment okkupazzjonali;

8.1.1.4. il-valuri ta' limitu bijoloġiċi nazzjonali li jikkorrispondu għall-valuri ta' limitu bijoloġiċi tal-Unjoni skont id-Direttiva 98/24/KE, inkluż kwalunkwe notazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni 2014/113/UE;

8.1.1.5. kull valur ta' limitu bijoloġiku nazzjonali ieħor.

8.1.2. Għandha tingħata informazzjoni dwar proċeduri ta' monitoraġġ rakkomandati bħalissa tal-inqas għall-aktar sustanzi rilevanti.

8.1.3. Jekk is-sustanza jew it-taħlita tintuża kif suppost u jiġu ffurmati kontaminanti tal-arja, għandhom jiġu elenkati wkoll il-valuri ta' limitu applikabbli tal-esponiment okkupazzjonali u/jew il-valuri ta' limitu bijoloġiċi għalihom.

8.1.4. Meta jintalab rapport ta' sigurtà kimika jew jekk ikun disponibbli DNEL kif imsemmi fit-Taqsima 1.4 tal-Anness I jew PNEC kif imsemmi fit-Taqsima 3.3 tal-Anness I, għandhom jingħataw id-DNELs u l-PNECs rilevanti għas-sustanza għax-xenarji tal-esponiment mir-rapport ta' sigurtà kimika stipulat fl-anness tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

8.1.5. Meta jintuża metodu ta' kontrolli bbażat fuq firxa ta' perikli biex tittieħed deċiżjoni dwar miżuri ta' ġestjoni tar-riskju fir-rigward ta' użi speċifiċi, għandu jingħata biżżejjed dettall li jippermetti l-ġestjoni effettiva tar-riskju. Il-kuntest u l-limitazzjonijiet tar-rakkomandazzjoni speċifika bbażata fuq firxa ta' perikli għandhom ikunu ċari.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol u li thassar id-Deċiżjoni 95/320/KE (ĠU L 62, 4.3.2014 p. 18).

▼M58

8.2. **Kontrolli tal-esponiment**

Għandha tingħata l-informazzjoni meħtieġa f'din is-subtaqsima, diment li ma jkunx hemm xenarju tal-esponiment b'dik l-informazzjoni mehmuż mal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

Meta l-fornitur ma jkunx applika test skont it-Taqsima 3 tal-Anness XI, huwa għandu jindika l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' użu li fuqhom ibbaża l-ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu li jwarrab it-test.

Meta sustanza tkun ġiet reġistrata bħala sustanza intermedja iżolata (fuq il-post jew trasportata), il-fornitur għandu jindika li din l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà hija konsistenti mal-kundizzjonijiet speċifiċi li fuqhom ibbaża l-ġustifikazzjoni tar-reġistrazzjoni skont l-Artikoli 17 jew 18.

8.2.1. *Kontrolli xierqa tal-inġinerija*

Id-deskrizzjoni ta' miżuri xierqa tal-kontroll tal-esponiment għandha ssir b'rabta mal-użi identifikati tas-sustanza jew mat-taħlita kif imsemmi fis-subtaqsima 1.2. Din l-informazzjoni għandha tkun suffiċjenti biex tippermetti lil min iħaddem iwettaq valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema li jirriżulta mill-preżenza tas-sustanza jew tat-taħlita skont l-Artikoli 4 sa 6 tad-Direttiva 98/24/KE u skont l-Artikoli 3 sa 5 tad-Direttiva 2004/37/KE, meta jkun xieraq.

Din l-informazzjoni għandha tikkomplementa dik mogħtija diġà fit-Taqsima 7.

8.2.2. *Miżuri individwali ta' protezzjoni, bħat-tagħmir ta' protezzjoni personali*

8.2.2.1. L-informazzjoni dwar l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali għandha tkun konsistenti ma' prattiki tajba tal-iġjene okkupazzjonali u flimkien ma' miżuri oħra ta' kontroll, inkluż il-kontrolli tal-inġinerija, tal-ventilazzjoni u tal-iżolament. Meta jkun xieraq, għal parir speċifiku dwar it-tagħmir ta' protezzjoni personali għan-nar/għall-kimika għandha ssir referenza għat-Taqsima 5.

8.2.2.2. Filwaqt li jitqies ir-Regolament (KE) Nru 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u b'referenza għall-istandards CEN xierqa, għandhom jingħataw speċifikazzjonijiet dettaljati dwar liema tagħmir għandu jipprovdi protezzjoni adegwata u xierqa, inkluż:

(a) Il-protezzjoni tal-għajnejn/tal-wiċċ

It-tip ta' tagħmir ta' protezzjoni tal-għajnejn/tal-wiċċ meħtieġ għandu jiġi speċifikat skont il-periklu tas-sustanza jew tat-taħlita u l-potenzal ta' kuntatt, bħan-nuċċalijiet tas-sikurezza, il-goggles tas-sikurezza, il-maskri tal-protezzjoni tal-wiċċ.

(b) Il-protezzjoni tal-ġilda

(i) *Il-protezzjoni tal-idejn*

It-tip ta' ingwanti li jridu jintlibsu meta tkun qed tiġi manipulata s-sustanza jew it-taħlita għandu jiġi speċifikat b'mod ċar skont il-periklu tas-sustanza jew tat-taħlita u l-potenzjal ta' kuntatt u fir-rigward tal-ammont u t-tul ta' ħin tal-esponiment għall-ġilda, inkluż:

— it-tip ta' materjal u l-ħxuna tiegħu,

— ir-reżistenza tipika jew minima tal-materjal tal-ingwanti,

Jekk ikun meħtieġ għandhom jiġu indikati miżuri addizzjonali ta' protezzjoni għall-idejn.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).

▼M58

(ii) *Oħrajn*

Jekk ikun hemm il-ħtieġa li tiġi protetta parti oħra tal-ġisem minbarra l-idejn, għandhom jiġu speċifikati t-tip u l-kwalità tat-tagħmir ta' protezzjoni meħtieġa, bħalma huma ingwanti twal, bwiez, bodysuit skont il-perikli assoċjati mas-sustanza jew mat-taħlita u l-potenzjal ta' kuntatt.

Jekk ikun meħtieġ, għandhom jiġu indikati miżuri addizzjonali ta' protezzjoni tal-ġilda u miżuri speċifiċi ta' iġjene.

(c) Il-protezzjoni respiratorja

Għall-gassijiet, għall-fwar, għan-nida jew għat-trab, it-tip ta' tagħmir ta' protezzjoni li jrid jintuża għandu jkun speċifikat skont il-periklu u l-potenzjal ta' esponiment, inkluż ir-respiraturi li jippurifikaw l-arja, billi jiġi speċifikat l-element xieraq ta' purifikazzjoni (skartoċċ jew filtru), il-filtri tal-partikuli adegwati separati u l-maskri adegwati, jew l-apparat awtonomu għan-nifs.

(d) Il-perikli termiċi

Meta jiġi speċifikat it-tagħmir ta' protezzjoni li jrid jintlibes għall-materjali li joffru periklu termali, għandha tingħata kunsidrazzjoni speċjali għall-kostruzzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali.

8.2.3. *Kontrolli tal-esponiment ambjentali*

Għandha tiġi speċifikata l-informazzjoni meħtieġa mill-impjegatur biex jissodisfa l-impenji tiegħu skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ambjentali.

Meta jkun meħtieġ rapport ta' sigurtà kimika, għandha tingħata taqsira tal-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju li jikkontrollaw b'mod adegwat l-esponiment tal-ambjent għas-sustanza fix-xenarji tal-esponiment stipulati fl-anness tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

9. ***TAQSIMA 9: Proprjetajiet fiżiċi u kimiċi***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tiddeskrivi d-*data* empirika relatata mas-sustanza jew mat-taħlita, jekk tkun rilevanti. Għandu japplika l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

Biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri xierqa ta' kontroll, għandha tingħata l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sustanza jew dwar it-taħlita. L-informazzjoni f'din it-taqsima għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija fir-reġistrazzjoni u/jew fir-rapport ta' sigurtà kimika fejn meħtieġ, u flimkien mal-klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita.

Fil-każ ta' taħlita, meta l-informazzjoni ma tkunx tapplika għat-taħlita fit-totalità tagħha, l-entrati għandhom jindikaw b'mod ċar għal liema sustanza fit-taħlita tapplika d-*data*.

Il-proprjetajiet rapportati għandhom ikunu identifikati b'mod ċar u għandhom jiġu rapportati fl-unitajiet tal-kejl xierqa. Għandu jingħata l-metodu ta' determinazzjoni, inkluż il-kejl u l-kundizzjonijiet ta' referenza, jekk dawn ikunu rilevanti għall-interpretazzjoni tal-valur numeriku. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, il-kundizzjonijiet standard tat-temperatura u tal-pressjoni huma 20 °C u 101,3 kPa, rispettivament.

Il-proprjetajiet elenkati fis-subtaqsimiet 9.1 u 9.2 jistgħu jingħataw f'forma ta' lista. Fis-subtaqsimiet, l-ordni tal-elenku tal-proprjetajiet tista' tkun differenti jekk jitqies xieraq.

9.1. **Informazzjoni dwar proprjetajiet fiżiċi u kimiċi bażiċi**

Kull skeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tinkludi l-proprjetajiet imsemmija hawn taħt. Jekk ikun dikjarat li xi proprjetà partikolari ma tapplikax, jew jekk l-informazzjoni dwar proprjetà partikolari ma tkunx disponibbli, għandhom jingħataw ir-raġunijiet.

▼**M58**

(a) *L-istat fiżiku*

B'mod ġenerali għandu jiġi indikat l-istat fiżiku (gass, likwidu jew solidu) f'kundizzjonijiet standard ta' temperatura u ta' pressjoni.

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tat-termini gass, likwidu u solidu kif mogħtija fit-Taqsima 1.0 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(b) *Il-kulur*

Għandu jiġi indikat il-kulur tas-sustanza jew tat-taħlita.

Meta tintuża skeda ta' *data* ta' sigurtà waħda biex tkopri varjanti ta' taħlita li jista' jkollha kuluri differenti, it-terminu "diversi" jista' jintuża biex jiddeskrivi l-kulur.

(c) *Ir-riħa*

Għandha tingħata deskrizzjoni kwalitattiva tar-riħa jekk fil-letteratura din tkun magħrufa sew jew deskritta.

Jekk disponibbli, għandu jiġi indikat il-limitu massimu tar-riħa (b'mod kwalitattiv jew kwantitattiv)

(d) *Il-punt tat-tidwib/il-punt tal-iffriżar*

Ma japplikax għall-gassijiet.

Il-punt tat-tidwib u l-punt tal-iffriżar għandhom jiġu indikati fi pressjoni standard.

Fil-każ li l-punt tat-tidwib ikun ogħla mill-firxa tal-kejl tal-metodu, għandu jiġi indikat sa liema temperatura ma ġie osservat l-ebda punt tat-tidwib.

Fil-każ li sseħħ dekompożizzjoni jew sublimazzjoni qabel jew matul it-titwib, dan għandu jiġi indikat.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' xemgħat u pejsts, il-punt/il-firxa tat-trattib jista' jiġi indikat minflok il-punt tat-tidwib u l-punt tal-iffriżar.

Fir-rigward tat-taħlitiet, jekk ma jkunx possibbli teknikament li jiġi determinat il-punt tat-tidwib/il-punt tal-iffriżar, dan għandu jiġi indikat.

(e) *Il-punt tat-togħlija jew il-punt inizjali tat-togħlija u l-firxa tat-togħlija*

Dawn il-proprjetajiet għandhom jiġu indikati fi pressjoni standard. Jista' madankollu jiġi indikat punt tat-togħlija fi pressjoni aktar baxxa, f'każ li l-punt tat-togħlija jkun għoli ħafna jew fil-każ li sseħħ dekompożizzjoni qabel it-togħlija fi pressjoni standard.

Jekk il-punt tat-togħlija jkun ogħla mill-firxa tal-kejl tal-metodu, għandu jiġi indikat sa liema temperatura ma ġie osservat l-ebda punt tat-togħlija.

Fil-każ li sseħħ dekompożizzjoni qabel jew matul it-togħlija, dan għandu jiġi indikat.

Fir-rigward tat-taħlitiet, jekk ma jkunx possibbli teknikament li jiġi determinat il-punt jew il-firxa tat-togħlija, dan għandu jiġi indikat; f'dak il-każ, għandu jiġi indikat ukoll il-punt tat-togħlija tal-ingredjent bl-aktar punt baxx tat-togħlija.

(f) *Il-fjammabilità*

Tapplika għall-gassijiet, għal-likwidi u għas-solidi.

Għandu jiġi indikat jekk is-sustanza jew it-taħlita tistax taqbad, jiġifieri jekk hix kapaċi tieħu n-nar jew li titqabbad bin-nar, anke jekk ma tkunx klassifikata għall-fjammabilità.

Jekk tkun disponibbli u xierqa, tista' tiġi indikata aktar informazzjoni, bħal jekk l-effett ta' tqabbid huwiex differenti minn kombustjoni normali (eż. splużjoni) u l-kapaċità għat-tqabbid f'kundizzjonijiet mhux standard.

▼M58

Tista' tiġi indikata informazzjoni aktar speċifika dwar il-fjammabilità abbażi tal-klassifikazzjoni tal-periklu rispettiva. L-informazzjoni provduta fis-subtaqsima 9.2.1 ma għandhiex tingħata f'dan il-punt.

(g) *Il-limiti inferjuri u superjuri ta' splużjoni* ([1])

Ma japplikawx għas-solidi.

Fir-rigward tal-likwidi fjammabbli, għandu jkun indikat tal-inqas il-limitu inferjuri ta' splużjoni. Jekk il-punt ta' fjammabilità jkun bejn wieħed u ieħor -25 °C jew ogħla, jista' ma jkunx possibbli li jiġi determinat il-limitu superjuri ta' splużjoni f'temperatura standard; f'dak il-każ, huwa rakkomandat li jiġi indikat il-limitu superjuri ta' splużjoni f'temperatura ogħla. Jekk il-punt ta' fjammabilità jkun ogħla minn 20 °C, jista' ma jkunx possibbli li jiġi determinat il-limitu inferjuri jew dak superjuri f'temperatura standard; f'dak il-każ, huwa rakkomandat li jiġu indikati kemm il-limitu inferjuri ta' splużjoni kif ukoll dak superjuri f'temperatura ogħla.

(h) *Il-punt ta' fjammabilità;*

Ma japplikax għall-gassijiet, għall-aerosols u għas-solidi.

Għat-taħlitiet, għandu jiġi indikat valur għat-taħlita, jekk ikun disponibbli. Inkella, għandu jiġi indikat il-punt(i) ta' fjammabilità tas-sustanza(i) bl-aktar punt(i) baxx(i) ta' fjammabilità.

(i) *It-temperatura tal-awtofjammabilità*

Tapplika biss għall-gassijiet u għal-likwidi.

Fir-rigward tat-taħlitiet għandha tiġi indikata t-temperatura tal-awtofjammabilità għat-taħlita, jekk din tkun disponibbli. Jekk il-valur għat-taħlita ma jkunx disponibbli, għandhom jiġu indikati t-temperatura(i) tal-awtofjammabilità tal-ingredjenti bl-aktar temperatura(i) baxx(i) tal-awtofjammabilità.

(j) *It-temperatura tad-dekompożizzjoni*

Tapplika biss għas-sustanzi u għat-taħlitiet awtoreattivi, għall-perossidi organiċi, u għal sustanzi u taħlitiet oħra li jistgħu jiddekomponu.

Għandha tiġi indikata t-temperatura tad-dekompożizzjoni awtoaċċellerata (SADT) u l-volum li għaliha tapplika, jew it-temperatura tal-bidu tad-dekompożizzjoni.

Għandu jiġi indikat jekk it-temperatura mogħtija hix l-SADT jew it-temperatura tal-bidu tad-dekompożizzjoni.

Jekk ma ġiet osservata l-ebda dekompożizzjoni, għandu jiġi indikat sa liema temperatura ma ġiet osservata l-ebda dekompożizzjoni, eż. "ma ġiet osservata l-ebda dekompożizzjoni sa x °C".

(k) *Il-pH*

Ma japplikax għall-gassijiet.

Għandu jiġi indikat il-pH tas-sustanza jew tat-taħlita kif fornuta, jew meta l-prodott huwa solidu, għandu jiġi indikat il-pH ta' likwidu jew soluzzjoni milwiema f'konċentrazzjoni partikolari.

Għandha tiġi indikata l-konċentrazzjoni tas-sustanza tat-test jew tat-taħlita tat-test fl-ilma.

(l) *Il-viskożità kinematika*

Tapplika biss għal-likwidi.

L-unità tal-kejl għandha tkun mm^2/s.

([1]) *Nota*: It-terminu "limitu ta' splużjoni" huwa sinonimu għal "limitu ta' fjammabilità" użat barra l-Unjoni.

▼**M58**

Għal-likwidi non-Newtonjani, għandha tiġi indikata l-imġiba tixotropika jew reopressika.

(m) *Is-solubilità*

Is-solubilità għandha ġeneralment tiġi indikata f'temperatura standard.

Għandha tiġi indikata s-solubilità fl-ilma.

Is-solubilità f'solventi polari u mhux polari oħrajn tista' tiġi inkluża wkoll.

Fir-rigward tat-taħlitiet, għandu jiġi indikat jekk it-taħlita hix solubbli kompletament jew parzjalment fl-ilma jew jekk tiħallatx mal-ilma jew ma' solvent ieħor.

Fir-rigward tan-nanoforom, minbarra s-solubilità fl-ilma għandha tiġi indikata wkoll ir-rata ta' taħlil fl-ilma jew f'mezzi bijoloġiċi jew ambjentali rilevanti oħra.

(n) *Il-koeffiċjent tal-partizzjoni n-ottanol/ilma (il-valur tal-log)*

Ma japplikax għal-likwidi inorganiċi u joniċi u b'mod ġenerali ma japplikax għat-taħlitiet.

Għandu jiġi indikat jekk il-valur rapportat huwiex ibbażat fuq l-ittestjar jew fuq il-kalkolu.

Fir-rigward tan-nanoforom ta' sustanza li għaliha ma japplikax il-koeffiċjent tal-partizzjoni n-ottanol/ilma, għandha tiġi indikata l-istabilità tad-dispersjoni f'mezzi differenti.

(o) *Il-pressjoni tal-fwar*

Il-pressjoni tal-fwar għandha tiġi indikata b'mod ġenerali f'temperatura standard.

Fir-rigward tal-fluwidi volatili, għandha tiġi indikata wkoll il-pressjoni tal-fwar f'temperatura ta' 50 °C.

Meta tintuża skeda ta' *data* ta' sigurtà waħda biex tkopri varjanti ta' taħlita likwida jew ta' taħlita ta' gass likwifikat, għandha tiġi indikata firxa għall-pressjoni tal-fwar.

Fir-rigward tat-taħlitiet likwidi jew tat-taħlitiet ta' gass likwifikat, għandha tiġi indikata firxa għall-pressjoni tal-fwar jew tal-inqas il-pressjoni tal-fwar tal-ingredjent(i) volatili, meta l-pressjoni tal-fwar tat-taħlita tkun determinata b'mod predominanti minn dik jew dawk l-ingredjent(i).

Tista' tiġi indikata wkoll il-konċentrazzjoni tal-fwar saturat.

(p) *Id-densità u/jew id-densità relattiva*

Japplikaw biss għal-likwidi u għas-solidi.

B'mod ġenerali d-densità u d-densità relattiva għandhom jiġu indikati f'kundizzjonijiet standard ta' temperatura u ta' pressjoni.

Għandha tiġi indikata d-densità assoluta u/jew id-densità relattiva bbażata fuq l-ilma f'temperatura ta' 4 °C bħala referenza (imsejħa wkoll il-gravità speċifika).

Meta l-varjazzjonijiet fid-densità huma possibbli, eż. minħabba l-manifattura tal-lott, jew meta tintuża skeda ta' *data* ta' sigurtà waħda biex tkopri diversi varjanti ta' sustanza jew ta' taħlita, tista' tkun indikata firxa.

L-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tindika jekk hix qed tiġi rapportata d-densità assoluta (unitajiet eż. g/cm^3 jew kg/m^3) u/jew id-densità relattiva (mingħajr dimensjoni).

(q) *Id-densità relattiva tal-fwar*

Tapplika biss għall-gassijiet u għal-likwidi.

▼M58

Fir-rigward tal-gassijiet, għandha tiġi indikata d-densità relattiva tal-gass ibbażata fuq l-arja f'temperatura ta' 20 °C bħala referenza.

Fir-rigward tal-likwidi, għandha tiġi indikata d-densità relattiva tal-fwar ibbażata fuq l-arja f'temperatura ta' 20 °C bħala referenza.

Fir-rigward tal-likwidi, tista' tiġi indikata wkoll id-densità relattiva D_m tal-fwar/tat-taħlita ta' arja f'temperatura ta' 20 °C.

(r) *Il-karatteristiċi tal-partikuli*

Japplikaw biss għas-solidi.

Għandu jiġi indikat id-daqs tal-partikuli (id-dijametru ekwivalenti medjan, il-metodu ta' kalkolu tad-dijametru (ibbażat fuq in-numru, is-superfiċje jew il-volum) u l-firxa li fiha jvarja dan il-valur medjan). Proprjetajiet oħra jistgħu jiġu indikati wkoll, bħad-distribuzzjoni tad-daqs (eż. bħala firxa), il-proporzjon tal-forma u l-aspett, l-aggregazzjoni u l-istat tal-agglomerazzjoni, l-erja tas-superfiċje speċifika u l-ħolqien ta' trab. Jekk is-sustanza tkun f'nanoforma jew jekk it-taħlita fornuta jkun fiha nanoforma, dawk il-karatteristiċi għandhom jiġu indikati f'din is-subtaqsima, jew għandha ssir referenza għalihom jekk ma jkunux diġà speċifikati xi mkien ieħor fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

9.2. **Informazzjoni oħra**

Minbarra l-proprjetajiet imsemmija fis-subtaqsima 9.1, għandhom jiġu indikati parametri fiżiċi u kimiċi oħra, bħalma huma l-proprjetajiet elenkati fis-subtaqsimiet 9.2.1. u 9.2.2., jekk l-indikazzjoni tagħhom hija rilevanti għall-użu sikur tas-sustanza jew tat-taħlita.

9.2.1. *Informazjzoni b'rabta mal-klassijiet ta' periklu fiżiku*

Din is-subtaqsima telenka l-proprjetajiet, il-karatteristiċi ta' sikurezza u r-riżultati tat-testijiet, li jistgħu jkunu utli biex jiddaħħalu fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà meta sustanza jew taħlita tiġi klassifikata fil-klassi ta' periklu fiżiku rispettiva. Jista' wkoll ikun xieraq li tiġi indikata d-*data* meqjusa rilevanti fir-rigward ta' periklu fiżiku speċifiku iżda li ma tirriżultax fil-klassifikazzjoni (eż. riżultati negattivi tat-test qrib il-kriterju).

L-isem tal-klassi ta' periklu li għaliha tirreferi d-*data* jista' jiġi indikat flimkien mad-*data*.

(a) L - i s p l u s s i v i

Dan il-punt japplika wkoll għas-sustanzi u għat-taħlitiet imsemmija fin-Nota 2 tat-Taqsima 2.1.3. tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, u għal sustanzi u taħlitiet oħra li juru effett pożittiv jekk jissaħħnu fil-magħluq.

Tista' tingħata din l-informazzjoni:

(i) is-sensittività għax-xokkijiet;

(ii) l-effett tat-tisħin fil-magħluq;

(iii) l-effett tat-tqabbid fil-magħluq;

(iv) is-sensittività għall-impatt;

(v) is-sensittività għall-frizzjoni;

(vi) l-istabilità termali;

(vii) il-pakkett (it-tip, id-daqs, il-massa netta tas-sustanza jew tat-taħlita), li abbażi tiegħu ġiet assenjata "d-diviżjoni" fi ħdan il-klassi splussiva, jew abbażi ta' liema s-sustanza jew it-taħlita kienet eżentata milli tiġi klassifikata bħala splussiva.

▼M58

(b) Il-gassijiet fjammabbli

Fir-rigward tal-gass fjammabbli pur, tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja flimkien mad-*data* dwar il-limiti ta' splużjoni msemmija fil-punt (g) tas-subtaqsima 9.1.:

(i) it-T_{Ci} (il-kontenut massimu ta' gass fjammabbli li, meta jitħallat man-nitroġenu, ma jiħux in-nar fl-arja, f'mol. %);

(ii) il-veloċità tal-kombustjoni fundamentali jekk il-gass jiġi klassifikat bħala tal-kategorija 1B abbażi tal-veloċità tal-kombustjoni fundamentali.

Fir-rigward ta' taħlita ta' gass fjammabbli, tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja flimkien mad-*data* dwar il-limiti ta' splużjoni msemmija fil-punt (g) tas-subtaqsima 9.1.:

(i) il-limiti ta' splużjoni, jekk ittestjati, jew indikazzjoni ta' jekk il-klassifikazzjoni u l-assenjazzjoni tal-kategorija humiex ibbażati fuq kalkolu;

(ii) il-veloċità tal-kombustjoni fundamentali jekk it-taħlita ta' gass tiġi klassifikata bħala tal-kategorija 1B abbażi tal-veloċità tal-kombustjoni fundamentali.

(c) L-aerosols

Jistgħu jingħataw il-perċentwali totali li ġejjin (skont il-massa) ta' komponenti fjammabbli, sakemm l-aerosol ma jkunx klassifikat bħala Aerosol tal-kategorija 1 għax ikun fih aktar minn 1 % (skont il-massa) ta' komponenti fjammabbli jew ikollu sħana tal-kombustjoni ta' mill-anqas 20 kJ/g u ma jiġix sottomess għall-proċeduri tal-klassifikazzjoni tal-fjammabilità (ara n-Nota fil-Paragrafu 2.3.2.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008);

(d) Il-gassijiet ossidanti

Fir-rigward tal-gass pur, jistgħu jingħataw il-C_i (il-koeffiċjent tal-ekwivalenza ta' ossiġenu) skont l-ISO 10156 "Gassijiet u taħlitiet ta' gass – Determinazzjoni tal-potenzjal tan-nirien u l-kapaċità ossidanti għall-għażla ta' żbokkijiet taċ-ċilindri", jew skont metodu ekwivalenti;

Fir-rigward ta' taħlita ta' gass, il-kliem "gass ossidanti tal-Kategorija 1 (ittestjat skont ISO 10156 (jew skont metodu ekwivalenti))" jistgħu jiġu indikati fir-rigward ta' taħlitiet ittestjati, jew il-potenza ossidanti kkalkulata skont ISO 10156 jew skont metodu ekwivalenti;

(e) Il-gassijiet fi pressjoni

Għall-gass pur, tista' tingħata temperatura kritika.

Għat-taħlita ta' gass, tista' tingħata temperatura psewdokritika;

(f) Il-likwidi fjammabbli

Meta s-sustanza jew it-taħlita tiġi klassifikata bħala likwidu fjammabbli, ma hemmx bżonn tingħata *data* dwar il-punt tat-togħlija u dwar il-punt ta' fjammabilità skont dan il-punt billi dik id-*data* għandha tiġi indikata skont is-subtaqsima 9.1. Tista' tingħata informazzjoni dwar il-kombustibilità sostnuta.

(g) Is-solidi fjammabbli

Tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja:

(i) ir-rata tal-kombustjoni, jew il-ħin tal-kombustjoni fir-rigward tat-trab metalliku,

(ii) dikjarazzjoni dwar jekk ġietx issuperata ż-żona umidifikata;

▼M58

(h) Is-sustanzi u t-taħlitiet awtoreattivi

Minbarra l-indikazzjoni tal-SADT kif speċifikat fil-punt (j) tas-subtaqsima 9.1, tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja:

(i) it-temperatura tad-dekompożizzjoni,

(ii) il-proprjetajiet tad-detonazzjoni,

(iii) il-proprjetajiet tad-deflagrazzjoni,

(iv) l-effett tat-tisħin fil-magħluq,

(v) il-potenza splussiva, jekk applikabbli;

(i) Il-likwidi piroforiċi

Tista' tingħata informazzjoni dwar jekk iseħħx jew le tqabbid spontanju jew karbonizzazzjoni tal-karta tal-filtru.

(j) Is-solidi piroforiċi

Tista' tingħata din l-informazzjoni:

(i) id-dikjarazzjoni dwar jekk iseħħx tqabbid spontanju waqt it-tferrigħ jew sa ħames minuti wara, fir-rigward tas-solidi f'forma ta' trab,

(ii) id-dikjarazzjoni dwar jekk il-proprjetajiet piroforiċi jistgħux jinbidlu maż-żmien.

(k) Is-sustanzi u t-taħlitiet li jisħnu waħedhom

Tista' tingħata din l-informazzjoni:

(i) id-dikjarazzjoni dwar jekk iseħħx tqabbid spontanju u ż-żieda massima fit-temperatura miksuba,

(ii) ir-riżultati tat-testijiet tal-iskrinjar imsemmija fit-taqsima 2.11.4.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jekk dawn ikunu rilevanti u disponibbli;

(l) Is-sustanzi u t-taħlitiet, li jarmu gassijiet fjammabbli f'kuntatt mal-ilma

Tista' tingħata din l-informazzjoni:

(i) l-identità tal-gass emess, jekk din tkun magħrufa,

(ii) id-dikjarazzjoni dwar jekk il-gass emess jaqbadx spontanjament,

(iii) ir-rata tal-evoluzzjoni tal-gass;

(m) Il-likwidi ossidanti

Tista tingħata informazzjoni dwar jekk iseħħx tqabbid spontanju meta jitħallat ma' ċelluloża.

(n) Is-solidi ossidanti

Tista tingħata informazzjoni dwar jekk iseħħx tqabbid spontanju meta jitħallat maċ-ċelluloża.

(o) Il-perossidi organiċi

Minbarra l-indikazzjoni tal-SADT kif speċifikat fil-punt (j) tas-subtaqsima 9.1, tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja:

(i) it-temperatura tad-dekompożizzjoni,

(ii) il-proprjetajiet tad-detonazzjoni,

(iii) il-proprjetajiet tad-deflagrazzjoni,

(iv) l-effett tat-tisħin fil-magħluq,

(v) il-potenza splussiva,

▼**M58**

(p) Is-sustanzi korrużivi għall-metalli

Tista' tingħata din l-informazzjoni:

(i) il-metalli li jikkorrodaw minħabba s-sustanza jew it-taħlita,

(ii) il-veloċità ta' korrużjoni u dikjarazzjoni dwar jekk din tirreferix għall-azzar jew għall-aluminju,

(iii) ir-referenza għal taqsimiet oħra fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà rigward materjali kompatibbli jew inkompatibbli.

(q) L-isplussivi desensitizzati

Tista' tingħata din l-informazzjoni:

(i) l-aġent desensitizzanti użat,

(ii) l-enerġija tad-dekompożizzjoni esotermika,

(iii) il-veloċità tal-kombustjoni korreġuta (A_c);

(iv) il-proprjetajiet splussivi tal-isplussiv desensitizzat f'dak l-istat.

9.2.2. *Karatteristiċi oħra tas-sikurezza*

Il-karatteristiċi, il-karatteristiċi tas-sikurezza u r-riżultati tat-testijiet elenkati hawn taħt jistgħu jkunu utli biex jindikaw b'rabta ma' sustanza jew ma' taħlita:

(a) is-sensittività mekkanika;

(b) it-temperatura ta' polimerizzazzjoni awtoaċċellerata;

(c) il-formazzjoni ta' taħlitiet ta' trab/ta' arja splussivi;

(d) ir-riżerva aċida/alkalina

(e) ir-rata tal-evaporazzjoni;

(f) il-kapaċità għat-taħlit;

(g) il-konduttività;

(h) il-korrużività;

(i) il-grupp ta' gass;

(j) il-potenzjal għall-ossiduriduzzjoni;

(k) il-potenzjal għall-formazzjoni ta' radikali;

(l) il-proprjetajiet fotokatalitiċi.

Għandhom jiġu indikati parametri fiżiċi u kimiċi oħra jekk l-indikazzjoni tagħhom hija rilevanti għall-użu sikur tas-sustanza jew tat-taħlita.

10. ***TAQSIMA 10: Stabilità u reattività***

Din it-taqsima fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tiddeskrivi l-istabilità tas-sustanza jew tat-taħlita u l-possibilità ta' reazzjonijiet perikoluži li jseħħu f'ċerti kundizzjonijiet ta' użu u wkoll jekk jiġu rilaxxati fl-ambjent, inkluż, meta jkun xieraq, referenza għall-metodi tal-ittestjar użati. Jekk ikun dikjarat li proprjetà partikolari ma tapplikax, jew jekk l-informazzjoni dwar proprjetà partikolari ma tkunx disponibbli, għandhom jingħataw ir-raġunijiet.

10.1. **Reattività**

10.1.1. Għandhom jiġu deskritti l-perikli ta' reattività tas-sustanza jew tat-taħlita. Meta tkun disponibbli, għandha tingħata *data* tat-test speċifika għas-sustanza jew għat-taħlita fit-totalità tagħha. Minkejja dan, l-informazzjoni tista' tkun ibbażata wkoll fuq *data* ġenerali għall-klassi jew għall-familja ta' sustanza jew ta' taħlita, fil-każ li din id-*data* tkun tirrappreżenta b'mod adegwat il-periklu antiċipat tas-sustanza jew tat-taħlita.

▼M58

10.1.2. Jekk id-*data* għat-taħlitiet ma tkunx disponibbli, għandha tingħata *data* dwar is-sustanzi fit-taħlita. Għad-determinazzjoni tal-inkompatibilità, għandhom jiġu kkunsidrati l-kontenituri u l-kontaminanti li s-sustanza jew it-taħlita tista' tkun esposta għalihom waqt it-trasport, il-ħażna u l-użu.

10.2. **Stabilità kimika**

Għandu jiġi indikat jekk is-sustanza jew it-taħlita hix stabbli jew instabbli f'ambjent normali u f'kundizzjonijiet antiċipati ta' ħżin u ta' manipulazzjoni ta' temperatura u ta' pressjoni. Għandu jiġi deskritt kull stabbilizzatur li jintuża, jew li jaf ikun meħtieġ jintuża, biex tinżamm l-istabilità kimika tas-sustanza jew tat-taħlita. Għandu jiġi indikat is-sinifikat tas-sikurezza ta' kwalunkwe bidla fl-apparenza fiżika tas-sustanza jew tat-taħlita. Fir-rigward ta' splussivi desensitizzati, għandha tingħata informazzjoni dwar it-tul ta' żmien għall-konservazzjoni tal-prodott u l-istruzzjonijiet dwar kif għandha tiġi verifikata d-desensitizzazzjoni, u għandu jiġi indikat li t-tneħħija tal-aġent desensitizzanti se jittrasforma l-prodott fi splussiv.

10.3. **Possibilità ta' reazzjonijiet perikoluż**i

Jekk ikun rilevanti, għandu jiġi dikjarat jekk is-sustanza jew it-taħlita hix se tirreaġixxi jew tippolimerizza, u b'hekk tirrilaxxa pressjoni jew sħana eċċessiva, jew toħloq kundizzjonijiet oħra ta' periklu. Għandhom jiġu deskritti l-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jseħħu r-reazzjonijiet perikoluż**i**.

10.4. **Kundizzjonijiet li jridu jiġu evitati**

Għandhom jiġu elenkati l-kundizzjonijiet bħalma huma t-temperatura, il-pressjoni, id-dawl, ix-xokk, l-iskarika statika, il-vibrazzjonijiet jew pressjonijiet fiżiċi oħrajn li jistgħu jirriżultaw f'sitwazzjoni ta' periklu (kundizzjonijiet li jridu jiġu evitati) u jekk xieraq għandha tingħata deskrizzjoni qasira tal-miżuri li jridu jittieħdu għall-ġestjoni tar-riskji assoċjati ma' perikli bħal dawn. Fir-rigward tal-isplussivi desensitizzati, għandha tingħata informazzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi evitata t-tneħħija mhux intenzjonata tal-aġent desensitizzanti, u għandhom jiġu elenkati l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu evitati jekk is-sustanza jew it-taħlita ma tkunx desensitizzata biżżejjed.

10.5. **Materjali inkompatibbli**

Għandhom jiġu elenkati l-familji tas-sustanzi jew tat-taħlitiet jew tas-sustanzi speċifiċi, bħalma huma l-ilma, l-arja, l-aċidi, il-bażijiet, l-aġenti tal-ossidazzjoni, li magħhom tista' tirreaġixxi s-sustanza jew it-taħlita biex tipproduċi sitwazzjoni perikoluża (bħal splużjoni, rilaxx ta' materjali tossiċi jew fjammabbli, jew liberazzjoni ta' sħana eċċessiva) u jekk xieraq għandha tingħata deskrizzjoni qasira tal-miżuri li għandhom jittieħdu għall-ġestjoni tar-riskji assoċjati ma' perikli bħal dawn.

10.6. **Prodotti perikoluż**i **ta' dekompożizzjoni**

Għandhom jiġu elenkati l-prodotti perikoluż**i** tad-dekompożizzjoni magħrufa u raġonevolment antiċipati minħabba l-użu, il-ħżin, it-tixrid u t-tisħin. Il-prodotti perikoluż**i** ta' kombustjoni għandhom jiġu inklużi fit-Taqsima 5 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

11. ***TAQSIMA 11: Informazzjoni tossikoloġika***

Din it-taqsima fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà hija maħsuba primarjament għall-użu mill-professjonisti mediċi, mill-professjonisti tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u mit-tossikologi. Għandha tingħata deskrizzjoni konċiża iżda kompluta u komprensibbli tal-effetti tossikoloġiċi (fuq is-saħħa) varji u d-*data* disponibbli użata biex tidentifika dawk l-effetti, inkluż meta jkun xieraq informazzjoni dwar it-tossikokinetika, il-metaboliżmu u d-distribuzzjoni. L-informazzjoni f'din it-taqsima għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija fir-reġistrazzjoni u/jew fir-rapport ta' sigurtà kimika fejn meħtieġ, u flimkien mal-klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita.

▼M58

11.1. **Informazzjoni dwar il-klassi ta' periklu kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008**

Il-klassijiet ta' periklu rilevanti, li għalihom għandha tingħata informazzjoni, huma:

(a) tossiċità akuta;

(b) korrużjoni/irritazzjoni tal-ġilda;

(c) ħsara serja lill-għajnejn/irritazzjoni tal-għajnejn;

(d) sensitizzazzjoni respiratorja jew tal-ġilda;

(e) mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali;

(f) karċinoġeniċità;

(g) tossiċità riproduttiva;

(h) tossicità speċifika għall-organi fil-mira (STOT) – esponiment ta' darba;

(i) tossicità speċifika għall-organiżmi fil-mira (STOT) – esponiment ripetut;

(j) periklu mill-aspirazzjoni.

Dawn il-perikli għandhom dejjem jiġu elenkati fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

Għas-sustanzi soġġetti għar-reġistrazzjoni, għandhom jingħataw taqsiriet konċiżi tal-informazzjoni derivata mill-applikazzjoni tal-Annessi VII sa XI, inkluż, meta jkun xieraq, referenza għall-metodi tal-ittestjar użati. Għas-sustanzi soġġetti għal reġistrazzjoni, l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll ir-riżultat tat-tqabbil tad-*data* disponibbli mal-kriterji mogħtija fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għal CMR, il-kategoriji 1 A u 1B, wara l-punt 1.3.1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

11.1.1. L-informazzjoni għandha tingħata għal kull klassi ta' periklu jew differenzjar. Jekk ikun dikjarat li s-sustanza jew it-taħlita mhijiex klassifikata għal klassi partikolari ta' periklu jew għal differenzjar partikolari, l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tiddikjara b'mod ċar jekk dan huwiex dovut minħabba nuqqas ta' *data*, minħabba impossibilità teknika li tinkiseb id-*data*, minħabba *data* inkonklussiva, jew minħabba *data* konklussiva iżda mhux suffiċjenti għall-klassifikazzjoni; fil-każ tal-aħħar, l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà, għandha tispeċifika li "abbażi tad-*data* disponibbli, il-kriterji tal-klassifikazzjoni mhumiex issodisfati".

11.1.2. Id-*data* inkluża f'din is-subtaqsima għandha tapplika għas-sustanza jew għat-taħlita kif imqiegħda fis-suq. Fil-każ ta' taħlita, id-*data* għandha tiddeskrivi l-proprjetajiet tossikoloġiċi tat-taħlita fit-totalità tagħha, ħlief jekk ikun japplika l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Jekk disponibbli, għandhom jingħataw ukoll il-proprjetajiet tossikoloġiċi rilevanti tas-sustanzi perikoluži f'taħlita, bħalma huma l-LD50, l-istimi tat-tossiċità akuta jew l-LC50.

11.1.3. Meta jkun hemm ammont sostanzjali ta' *data* tat-test dwar is-sustanza jew dwar it-taħlita, jista' jkun meħtieġ li r-riżultati tal-istudji kritiċi użati jingħataw fil-qosor, pereżempju skont il-mod ta' esponiment.

11.1.4. Meta ma jiġux issodisfati l-kriterji tal-klassifikazzjoni għal klassi partikolari ta' periklu, għandha tingħata informazzjoni li tiġġustifika din il-konklużjoni.

11.1.5. *Informazzjoni dwar il-modi probabbli ta' esponiment*

Għandha tingħata informazzjoni dwar il-modi probabbli ta' esponiment u l-effetti tas-sustanza jew tat-taħlita permezz ta' kull mod possibbli ta' esponiment, jiġifieri, permezz ta' inġestjoni (meta tinbela'), permezz ta' ġbid man-nifs, jew permezz ta' esponiment tal-għajnejn/tal-ġilda. Jekk l-effetti fuq is-saħħa ma jkunux magħrufa, dan għandu jiġi dikjarat.

▼**M58**

11.1.6. *Sintomi relatati mal-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tossikoloġi*

Għandhom jiġu deskritti l-effetti potenzjalment ta' ħsara fuq is-saħħa u s-sintomi assoċjati mal-esponiment għas-sustanza jew għat-taħlita u l-ingredjenti jew il-prodotti sekondarji tagħha. Għandha tingħata l-informazzjoni disponibbli dwar is-sintomi relatati mal-karatteristiċi, fiżiċi, kimiċi u tossikoloġiċi tas-sustanza jew tat-taħlita wara l-esponiment. Id-deskrizzjoni għandha tkopri l-firxa kollha ta' sintomi mill-ewwel sintomi tal-esponiment baxx u jibqgħu sejrin sal-konsegwenzi tal-esponiment qawwi, pereżempju "jistgħu jseħħu wġigħ ta' ras u sturdament, li jwasslu għall-ħass ħażin jew għat-telf mis-sensi; dożi kbar jistgħu jirriżultaw f'koma jew f'mewt".

11.1.7. *Effetti tardjati u immedjati kif ukoll effetti kroniċi minn esponiment għal terminu ta' zmien qasir jew twil*

Għandha tingħata informazzjoni dwar jekk għandhomx jiġu mistennija effetti tardjati jew immedjati wara esponiment għal terminu ta' zmien qasir jew fit-tul. Għandha tingħata wkoll informazzjoni dwar effetti fuq is-saħħa akuti u kroniċi relatati mal-esponiment uman għas-sustanza jew għat-taħlita. Meta ma tkunx disponibbli *data* umana, għandha tingħata fil-qosor l-informazzjoni dwar id-*data* sperimentali, bid-dettalji dwar *data* tal-annimali u dwar l-ispeċi identifikati b'mod ċar jew dwar it-testijiet *in vitro* u t-tipi ta' ċelloli identifikati b'mod ċar. Għandu jiġi indikat jekk id-*data* tossikoloġika hijiex ibbażata fuq *data* umana jew fuq *data* tal-annimali jew fuq testijiet *in vitro*.

11.1.8. *Effetti interattivi*

Għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar l-interazzjonijiet jekk din tkun rilevanti u disponibbli.

11.1.9. *Nuqqas ta' data speċifika*

Jista' ma jkunx dejjem possibbli li tinkiseb informazzjoni dwar il-perikli ta' sustanza jew ta' taħlita. Meta d-*data* dwar is-sustanza jew dwar it-taħlita speċifika ma tkunx disponibbli, tista' tintuża *data* dwar sustanzi jew taħlitiet simili, jekk ikun xieraq, diment li s-sustanza jew it-taħlita simili rilevanti tkun identifikata. Meta ma tintużax *data* speċifika, jew meta ma jkunx hemm *data* disponibbli, dan għandu jiġi dikjarat b'mod ċar,

11.1.10. *Taħlitiet*

Għal effett fuq is-saħħa parikolari, jekk taħlita ma tkunx ġiet ittestjata fit-totalità tagħha għall-effetti tagħha fuq is-saħħa, għandha tingħata l-informazzjoni rilevanti fuq is-sustanzi rilevanti elenkati fit-Taqsima 3.

11.1.11. *Informazzjoni dwar taħlita versus informazzjoni dwar sustanza*

11.1.11.1. Is-sustanzi f'taħlita jistgħu jinteraġixxu ma' xulxin fil-ġisem, u dan jirriżulta f'rati differenti ta' assorbiment, ta' metaboliżmu u ta' eskrezzjoni. Bħala riżultat, l-azzjonijiet tossiċi jistgħu jinbidlu u t-tossiċità globali tat-taħlita tista' tkun differenti minn dik tas-sustanzi ġo fiha. Dan għandu jitqies meta tingħata informazzjoni tossikoloġika f'din is-subtaqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

11.1.11.2. Jeħtieġ jitqies jekk il-konċentrazzjoni ta' kull sustanza hix suffiċjenti biex tikkontribwixxi għall-effetti globali fuq is-saħħa tat-taħlita. L-informazzjoni dwar l-effetti tossiċi għandha tiġi preżentata għal kull sustanza, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk l-informazzjoni tkun duplikata, din għandha tiġi elenkata darba biss għat-taħlita globalment, pereżempju meta ż-żewġ sustanzi, it-tnejn li huma, ikunu jikkawżaw remettar u dijarea;

▼M58

(b) jekk ikun improbabbli li dawn l-effetti se jseħħu fil-konċentrazzjonijiet preżenti, bħal meta irritant mhux qawwi jiġi dilwit għal livell inqas minn konċentrazzjoni determinata f'soluzzjoni mhux irritanti;

(c) meta l-informazzjoni dwar l-interazzjonijiet bejn is-sustanzi f'taħlita ma tkunx disponibbli, ma għandhomx isiru assunzjonijiet u minflok għandhom jiġu elenkati l-effetti fuq is-saħħa ta' kull sustanza separatament.

11.2 **Informazzjoni dwar perikli oħrajn**

11.2.1. *Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali*

Meta tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni dwar l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa kawżati minn proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali, għas-sustanzi identifikati fis-subtaqsima 2.3 li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali Din l-informazzjoni għandha tikkonsisti minn taqsiriet konċiżi tal-informazzjoni li tkun ġejja mill-applikazzjoni tal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolamenti korrispondenti ((KE) Nru 1907/2006, (UE) 2017/2100, (UE) 2018/605), u li tkun rilevanti biex il-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali jiġu valutati għas-saħħa tal-bniedem

11.2.2. *Informazzjoni oħra*

Għandha tiġi inkluża informazzjoni rilevanti oħra fuq effetti ta' ħsara fuq is-saħħa anki jekk din ma tkunx meħtieġa skont il-kriterji tal-klassifikazzjoni.

12. ***TAQSIMA 12: Informazzjoni ekoloġika***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tagħti informazzjoni biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-impatt ambjentali tas-sustanza jew tat-taħlita meta din tiġi rilaxxata fl-ambjent. Is-subtaqsimiet 12.1 sa 12.7 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandhom jagħtu taqsira tad-*data* inkluż, meta tkun disponibbli, id-*data* rilevanti tat-test u għandhom jindikaw b'mod ċar l-ispeċi, il-mezzi, l-unitajiet, it-tul ta' żmien tat-test u l-kundizzjonijiet tat-test. Din l-informazzjoni tista' tgħin fit-trattamenti tat-tixrid, u fl-evalwazzjoni tal-prattiki tat-trattament tal-iskart, fil-kontroll tar-rilaxxi, fil-miżuri għar-rilaxxi aċċidentali u fit-trasport. Jekk ikun dikjarat li proprjetà partikolari ma tapplikax (għax id-*data* disponibbli turi li s-sustanza jew it-taħlita ma tissodisfax il-kriterji għall-klassifikazzjoni) jew jekk l-informazzjoni dwar proprjetà partikolari ma tkunx disponibbli, għandhom jiġu indikati r-raġunijiet. Barra minn hekk, jekk sustanza jew taħlita mhijiex klassifikata għal raġunijiet oħra (pereżempju, minħabba impossibilità teknika li tinġabar id-*data* jew minħabba *data* inkonklużiva), dan għandu jiġi dikjarat b'mod ċar fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

Xi proprjetajiet bħall-bijoakkumulazzjoni, bħall-persistenza u bħad-degradabilità, huma speċifiċi għal sustanza partikolari, u din l-informazzjoni għandha tingħata meta tkun disponibbli u skont kif ikun xieraq, għal kull sustanza rilevanti fit-taħlita (jiġifieri dawk li huma meħtieġa li jiġu elenkati fit-Taqsima 3 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà u li jkunu ta' periklu għall-ambjent jew li huma sustanzi PBT/vPvB). Għandha tingħata wkoll informazzjoni għall-prodotti ta' trasformazzjoni perikoluża li jirriżultaw mid-degradazzjoni ta' sustanzi jew ta' taħlitiet.

L-informazzjoni f'din it-taqsima għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija fir-reġistrazzjoni u/jew fir-rapport ta' sigurtà kimika fejn meħtieġ, u flimkien mal-klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita.

Meta jkun hemm id-disponibilità ta' *data* esperimentali affidabbli u rilevanti, għandha tingħata dik id-*data* u din għandha tieħu preċedenza fuq l-informazzjoni miksuba mill-mudelli.

▼M58

12.1. **Tossiċità**

Meta tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni dwar it-tossiċità bl-użu tad-*data* minn testijiet magħmula fuq organiżmi akkwatiċi u/jew terrestri. Din għandha tinkludi *data* rilevanti disponibbli dwar it-tossiċità akkwatika, kemm akuta kif ukoll kronika għall-ħut, għall-krustaċji, għall-alga u għal pjanti akkwatiċi oħrajn. Barra minn hekk, meta tkun disponibbli, għandha tiġi inkluża *data* dwar it-tossiċità tal-mikrorganiżmi u l-makrorganiżmi tal-ħamrija u ta' organiżmi oħra ambjentalment rilevanti, bħall-għasafar, in-naħal u l-pjanti. Meta s-sustanza jew it-taħlita jkollha effetti inibitorji fuq l-attività tal-mikrorganiżmi, għandu jissemma l-impatt possibbli fuq l-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ.

Meta ma jkunx hemm disponibbli *data* esperimentali, il-fornitur għandu jikkunsidra jekk tistax tingħata informazzjoni affidabbli u rilevanti miksuba minn mudelli.

Għal sustanzi soġġetti għar-reġistrazzjoni, għandhom jiġu inklużi taqsiriet tal-informazzjoni derivata mill-applikazzjoni tal-Annessi VII sa XI ta' dan ir-Regolament.

12.2. **Persistenza u degradabilità**

Id-degradabilità hija l-potenzjal li s-sustanza, jew li s-sustanzi xierqa f'taħlita, jiddegradaw fl-ambjent permezz tal-bijodegradazzjoni jew bi proċessi oħra bħall-ossidazzjoni jew l-idroloġi. Il-persistenza hija n-nuqqas ta' evidenza ta' degradazzjoni fis-sitwazzjonijiet definiti fit-Taqsimiet 1.1.1 u 1.2.1 tal-Anness XIII. Meta jkunu disponibbli, għandhom jingħataw ir-riżultati tat-testijiet rilevanti biex jivvalutaw il-persistenza u d-degradabilità. Jekk jiġu kwotati n-nofs ħajjiet tad-degradazzjoni, irid jiġi indikat jekk dawn in-nofs ħajjiet jirreferux għall-mineralizzazzjoni jew għad-degradazzjoni primarja. Għandu jissemma wkoll il-potenzjal tas-sustanza, jew ta' ċerti sustanzi f'taħlita, li jiddegradaw fl-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ.

Meta ma tkunx disponibbli *data* esperimentali, il-fornitur għandu jikkunsidra jekk tistax tingħata informazzjoni affidabbli u rilevanti miksuba minn mudelli.

Din l-informazzjoni għandha tingħata meta tkun disponibbli u xierqa, għal kull sustanza individwali fit-taħlita li jeħtieġ tiġi elenkata fit-Taqsima 3 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

12.3. **Potenzjal bijoakkumulattiv**

Il-potenzjal bijoakkumulattiv huwa l-potenzjal tas-sustanza, jew ta' ċerti sustanzi f'taħlita, li jakkumulaw f'bijota u, eventwalment jgħaddu mill-katina tal-ikel. Għandhom jingħataw ir-riżultati tat-testijiet rilevanti biex jiġi valutat il-potenzjal bijoakkumulattiv. Dawn għandhom jinkludu r-referenza għall-koeffiċjent tal-partizzjoni ottanol/ilma (K_{ow}) u l-fattur ta' bijokonċentrazzjoni (BCF), jew parametri rilevanti oħrajn relatati mal-bijoakkumulazzjoni, jekk ikunu disponibbli.

Meta d-*data* esperimentali ma tkunx disponibbli, għandu jitqies jekk jistgħux jingħataw mudelli tat-tbassir.

Din l-informazzjoni għandha tingħata meta tkun disponibbli u xierqa, għal kull sustanza individwali fit-taħlita li jeħtieġ tiġi elenkata fit-Taqsima 3 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

▼M58

12.4. **Mobilità fil-ħamrija**

Il-mobilità fil-ħamrija hija l-potenzjal tas-sustanza jew tal-komponenti ta' taħlita, jekk rilaxxati fl-ambjent, li jiċċaqilqu bis-saħħa ta' forzi naturali lejn l-ilma tal-pjan jew lejn distanza mill-post tar-rilaxx. Meta jkun disponibbli, għandu jingħata l-potenzjal għall-mobilità fil-ħamrija. L-informazzjoni dwar il-mobilità fil-ħamrija tista' tiġi determinata mid-*data* rilevanti dwar il-mobilità bħalma huma l-istudji tal-adsorbiment jew l-istudji tal-iskular, id-distribuzzjoni magħrufa jew imbassra għal kompartimenti ambjentali, jew it-tensjoni tas-superfiċje. Pereżempju, il-valuri tal-adsorbiment tal-ħamrija (Koc) jistgħu jitbassru mill-Kow. L-iskular u l-mobilità jistgħu jitbassru minn mudelli.

Din l-informazzjoni għandha tingħata meta tkun disponibbli u xierqa, għal kull sustanza individwali fit-taħlita li jeħtieġ tiġi elenkata fit-Taqsima 3 tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

12.5. **Riżultati tal-valutazzjoni PBT u vPvB**

Meta jkun meħtieġ rapport ta' sigurtà kimika, għandhom jingħataw ir-riżultati tal-valutazzjoni PBT u vPvB kif stipulat fir-rapport ta' sigurtà kimika.

12.6. **Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali**

Meta tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni dwar l-effetti ta' ħsara fuq l-ambjent kkawżati minn proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali, għas-sustanzi identifikati fis-subtaqsima 2.3 li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali Din l-informazzjoni għandha tikkonsisti minn taqsiriet konċiżi tal-informazzjoni li tkun ġejja mill-applikazzjoni tal-kriterji għall-valutazzjoni stipulati fir-Regolamenti korrispondenti ((KE) Nru 1907/2006, (UE) 2017/2100, (UE) 2018/605), u li tkun rilevanti biex jiġu valutati l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali għall-ambjent.

12.7. **Effetti oħra ta' ħsara**

Meta tkun disponibbli, għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar kull effett ieħor ta' ħsara fuq l-ambjent, pereżempju d-destin ambjentali (l-esponiment), il-potenzjal tal-ħolqien ta' ożonu fotokimiku, il-potenzjal tat-tnaqqis tal-ożonu jew il-potenzjal tat-tisħin globali.

13. ***TAQSIMA 13: Kunsiderazzjonijiet ta' rimi***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tipprovdi informazzjoni għall-ġestjoni tal-iskart xierqa tas-sustanza jew tat-taħlita u/jew tal-kontenitur tagħha, biex tgħin fid-determinazzjoni ta' alternattivi sikuri u ambjentalment ippreferiti tal-ġestjoni tal-iskart, li huma konsistenti mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] mill-Istat Membru fejn l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà qed tiġi fornuta. L-informazzjoni rilevanti għas-sikurezza tal-persuni li jwettqu attivitajiet ta' ġestjoni tal-iskart għandha tikkomplementa l-informazzjoni mogħtija fit-Taqsima 8.

Meta jkun meħtieġ rapport ta' sigurtà kimika, l-informazzjoni f'din is-subtaqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tkun konsistenti mal-użi identifikati fir-rapport ta' sigurtà kimika u max-xenarji tal-esponiment mir-rapport ta' sigurtà kimika stipulat fl-anness tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà.

13.1. **Metodi tat-trattament tal-iskart**

Din is-subtaqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha:

(a) tispeċifika l-kontenituri u l-metodi tat-trattament tal-iskart inkluż il-metodi xierqa tat-trattament tal-iskart kemm tas-sustanza jew tat-taħlita kif ukoll għal kull ippakkjar kontaminat (pereżempju l-inċinerazzjoni, ir-riċiklaġġ, ir-rimi fir-radam);

[1] Id- Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

▼M58

(b) tispeċifika l-proprjetajiet fiżiċi/kimiċi li jistgħu jaffettwaw alternattivi ta' trattament tal-iskart;

(c) tevita r-rimi tad-drenaġġ;

(d) meta jkun xieraq, tidentifika prekawzjoni speċjali għal kwalunkwe alternattiva rakkomandata tat-trattament tal-iskart.

Għandha ssir referenza għal kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-iskart jew, fin-nuqqas ta' dan, għal kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti nazzjonali jew reġjonali fis-seħħ.

14. ***TAQSIMA 14: Informazzjoni dwar it-trasport***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tagħti informazzjoni bażika ta' klassifikazzjoni għat-trasport/għat-trasport bil-baħar tas-sustanzi jew tat-taħlitiet imsemmija fit-Taqsima 1 bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar, bil-passaġġi fuq l-ilma interni jew bl-ajru. Meta informazzjoni bħal din ma tkunx disponibbli jew rilevanti dan għandu jiġi dikjarat.

Meta jkun rilevanti, f'din it-taqsima għandha tingħata informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tat-trasport għal kull wieħed mill-ftehimiet internazzjonali li ġejjin li jittrasponu r-Regolamenti Mudelli tan-NU għal modi speċifiċi tat-trasport: il-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikoluży bit-Triq (ADR), ir-Regolamenti dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikoluży bil-Ferrovija (RID) u l-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikoluży fuq Passaġġi fuq l-Ilma Interni (ADN), li kollha kemm huma ġew implimentati permezz tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), kif ukoll il-Kodiċi Marittima Internazzjonali dwar Oġġetti Perikoluży (IMDG) ([2]) għat-trasport ta' oġġetti ppakkjati u l-kodiċijiet rilevanti tal-OMI għat-trasport bil-baħar ta' merkanzija bl-ingrossa ([3]) u l-Istruzzjonijiet Tekniċi għat-Trasport Sikur ta' Oġġetti Perikoluży bl-Ajru (ICAO TI) ([4]).

14.1. **Numru tan-NU jew numru tal-ID**

Għandu jingħata n-numru tan-NU jew in-numru tal-ID (jiġifieri n-numru ta' identifikazzjoni b'erba' ċifri tas-sustanza, tat-taħlita jew tal-oġġett ippreċedut mill-ittri "UN" jew "ID") mir-Regolamenti Mudell tan-NU, IMDG, ADR, RID, ADN jew ICAO TI.

14.2. **Isem uffiċjali tat-trasport tan-NU**

Għandu jingħata l-isem uffiċjali tat-trasport kif previst fil-kolonna 2, "Isem u deskrizzjoni", tat-Tabella A tal-Kapitolu 3.2 Lista ta' Oġġetti Perikoluży tar-Regolamenti Mudell tan-NU, fl-ADR, fl-RIDu fit-Tabelli A u C tal-Kapitolu 3.2 tal-ADN, issupplementat, meta applikabbli, bl-isem tekniku fil-brekits kif meħtieġ, diment li ma kienx

([1]) Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluży (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

([2]) Il-konformità mal-Kodiċi IMDG hija obbligatorja għall-ġarr bil-baħar ta' oġġetti perikoluży ppakkjati kif previst fil-Kapitolu VII/Reg. 3 tas-SOLAS u fl-Anness III tal-Konvenzjoni MARPOL għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Sustanzi Perikoluży Trasportati bil-Baħar f'Forma Ppakkjata.

([3]) L-OMI żviluppat diversi strumenti legali relatati ma' merkanzija perikoluża u li tniġġes u tiddifferenzja bejn kif jinġarru l-oġġetti (ippakkjati u bl-ingrossa) u skont it-tip ta' merkanzija (gassijiet solidi, likwidi u fi stat likwidu). Ir-regoli dwar il-ġarr ta' merkanzija perikoluża u l-bastimenti li jġorru dawn it-tagħbijiet jinsabu fil-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS, 1974), kif emendata, u l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL 73/78), kif emendata. Dawn il-konvenzjonijiet huma supplementati mill-kodiċijiet li ġejjin: IMDG, IMSBC, IBC u IGC.

([4]) IATA, edizzjoni 2007-2008.

▼M58

intuża bħala l-identifikatur tal-prodott fis-subtaqsima 1.1. Jekk in-numru tan-NU u l-isem uffiċjali tat-trasport ma jinbidlux fil-modi tat-trasport differenti, ma hemmx ħtieġa li din l-informazzjoni tiġi ripetuta. Fir-rigward tat-trasport marittimu, minbarra l-isem uffiċjali tat-trasport tan-NU, għandu jiġi indikat l-isem tekniku għall-oġġetti li se jiġu trasportati koperti mill-Kodiċi IMDG, meta jkun xieraq.

14.3. **Klassi(jiet) tal-periklu tat-trasport**

Għandha tingħata l-klassi ta' periklu tat-trasport (u riskji sussidjarji) assenjati lis-sustanzi jew it-taħlitiet abbażi tal-periklu predominanti li jippreżentaw skont ir-Regolamenti Mudell tan-NU. Fir-rigward tat-trasport intern, għandha tingħata l-klassi ta' periklu tat-trasport (u r-riskji sussidjarji) assenjata lis-sustanzi jew lit-taħlitiet abbażi tal-periklu predominanti li jirrappreżentaw skont l-ADR, l-RID u l-ADN.

14.4. **Grupp tal-ippakkjar**

Għandu jingħata n-numru tal-grupp tal-ippakkjar mir-Regolamenti Mudell tan-NU, jekk applikabbli, kif meħtieġ mir-Regolamenti Mudell tan-NU, ADR, RID u ADN. In-numru tal-grupp tal-ippakkjar huwa assenjat lil ċerti sustanzi skont il-grad tagħhom ta' periklu.

14.5. **Perikli ambjentali**

Għandu jiġi indikat jekk is-sustanza jew it-taħlita hix perikoluża ambjentalment skont il-kriterji tar-Regolamenti Mudell tan-NU (kif riflessi fl-ADR, fl-RID u fl-ADN), u jekk hijiex sustanza niġġiesa tal-baħar skont il-Kodiċi IMDG u skont il-proċeduri ta' rispons ta' emergenza għall-bastimenti li jġorru prodotti perikoluži. Jekk is-sustanza jew it-taħlita tkun awtorizzata, jew maħsuba għat-trasport f'bastimenti tat-tankijiet permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni, għandu jiġi indikat jekk is-sustanza jew it-taħlita hijiex perikoluża ambjentalment fil-bastimenti tat-tankijiet skont l-ADN biss.

14.6. **Prekawzjonijiet speċjali għall-utent**

Għandha tingħata informazzjoni dwar kull prekawzjoni speċjali li l-utent għandu jew irid jieħu jew li jrid ikun konxju minnha rigward it-trasport jew il-ġarr kemm 'il ġewwa kif ukoll 'il barra mill-azjenda tiegħu, għall-modi tat-trasport rilevanti kollha.

14.7. **Trasport marittimu bl-ingrossa skont l-istrumenti tal-OMI**

Din is-subtaqsima tapplika biss meta l-merkanzija tkun maħsuba biex tinġarr bl-ingrossa skont l-istrumenti tal-OMI li ġejjin: il-Kapitolu VI jew il-Kapitolu VII tas-SOLAS ([1]), l-Anness II jew l-Anness V tal-MARPOL, il-Kodiċi IBC ([2]), il-Kodiċi IMSBC ([3]), u l-Kodiċi IGC ([4]) jew il-verżjonijiet preċedenti tiegħu, jiġifieri l-Kodiċi EGC ([5]), jew il-Kodiċi GC ([6])).

([1]) SOLAS tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar, 1974, kif emendata.

([2]) Il-Kodiċi IBC tfisser il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-kostruzzjoni u t-tagħmir ta' bastimenti li jġorru kimiċi perikoluži bl-ingrossa, kif emendat.

([3]) Il-Kodiċi IMSBC tfisser il-Kodiċi Marittima Internazzjonali għall-Merkanzija Solida bl-Ingrossa, kif emendat.

([4]) Il-Kodiċi IGC tfisser il-Kodiċi Internazzjonali għall-Kostruzzjoni u t-Tagħmir ta' Bastimenti li Jġorru Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa, inkluż l-emendi applikabbli skonthom ikun ġie ċċertifikat il-bastiment.

([5]) Il-Kodiċi EGC tfisser il-Kodiċi għal Bastimenti Eżistenti li Jġorru Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa, kif emendat.

([6]) Il-Kodiċi GC tfisser il-Kodiċi dwar il-Kostruzzjoni u t-Tagħmir ta' Bastimenti li Jġorru Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa (Kodiċi tat-Trasportaturi tal-Gass), kif emendat.

▼M58

Fir-rigward tal-merkanzjija bl-ingrossa likwida, għandu jingħata l-isem tal-prodott (jekk l-isem ikun differenti minn dak mogħti fis-subtaqsima 1.1) kif meħtieġ skont id-dokument ta' trasport u skont l-isem użat fil-listi ta' ismijiet ta' prodotti mogħtija fil-Kapitoli 17 jew 18 tal-Kodiċi IBC jew fl-aħħar edizzjoni tal-MEPC.2/Circular tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent Marittimu tal-OMI (MEPC) ([1]). Għandhom jiġu indikati t-tip ta' bastiment meħtieġ u l-kategorija tat-tniġġis, kif ukoll il-klassi ta' periklu tal-OMI, skont l-Anness I(3)B(a) tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

Fir-rigward tal-merkanzija solida bl-ingrossa, għandu jingħata l-isem tal-ġarr tal-merkanzija bl-ingrossa. Għandu jiġi indikat jekk il-merkanzija hix meqjusa ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar (HME) jew le, skont l-Anness V tal-MARPOL, jekk hijiex materjal perikoluż biss meta tkun bl-ingrossa (MHB) ([3]) skont il-Kodiċi IMSBC, u għal liema grupp ta' merkanzija għandu jiġi kkunsidrat skont l-IMSBC.

Fir-rigward ta' tagħbijiet bl-ingrossa ta' gass likwifikat, għandu jingħata l-isem tal-prodott u t-tip ta' bastiment meħtieġ skont il-Kodiċi IGC jew skont il-verżjonijiet preċedenti tiegħu, jiġifieri l-Kodiċi EGC jew il-Kodiċi GC.

15. ***TAQSIMA 15: Informazzjoni regolatorja***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tiddeskrivi l-informazzjoni regolatorja l-oħra dwar is-sustanza jew dwar it-taħlita li ma tkunx ingħatat fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà (pereżempju jekk is-sustanza jew it-taħlita hijiex soġġetta għar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ([4]), ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropewu tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE ([5]) jew ir-Regolament (KE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż ([6])).

15.1. **Regolamenti/leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza, dwar is-saħħa u dwar l-ambjent li huma speċifiċi għas-sustanza jew għat-taħlita**

Għandha tingħata informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar is-sikurezza, dwar is-saħħa u dwar l-ambjent (pereżempju l-kategorija Seveso/is-sustanzi msemmija fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE ([7])) jew informazzjoni dwar l-istatus regolatorju nazzjonali tas-sustanza jew tat-taħlita (inkluż is-sustanzi fit-taħlita), inkluż parir dwar l-azzjoni li jenħtieġ jieħu r-riċevitur minħabba dawk id-dispożizzjonijiet. Jekk ikun rilevanti, għandha ssir referenza għal-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri rilevanti li jimplimentaw dawk id-dispożizzjonijiet u kull miżura nazzjonali oħra li tista' tkun rilevanti.

Jekk is-sustanza jew it-taħlita koperta minn din l-iskeda ta' *data* ta' sigurtà hija s-suġġett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent fil-livell tal-Unjoni (pereżempju awtorizzazzjonijiet mogħtija skont it-Titolu VII jew restrizzjonijiet skont it-Titolu VIII) dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu dikjarati. Meta awtorizzazzjoni li tingħata skont it-Titolu VII timponi kundizzjonijiet jew arranġamenti ta' monitoraġġ għal utent downstream tas-sustanza jew tat-taħlita, dawn għandhom jiġu provduti.

([1]) MEPC.2/Circular, Provisional categorisation of liquid substances (Klassifikazzjoni proviżorja tas-sustanzi likwidi), il-verżjoni 19, effettiva mis-17 ta' Diċembru 2013).

([2]) Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

([3]) Materjali perikoluż biss bl-ingrossa (MHB) tfisser materjali li jista' jkollhom perikli kimiċi meta jinġarru bl-ingrossa, ħlief il-materjali klassifikati bħala oġġetti perikoluż fil-Kodiċi IMDG.

([4]) ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

([5]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7

([6]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60.

([7]) ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13.

▼M58

15.2. **Valutazzjoni tas-sigurtà kimika**

Din is-subtaqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tindika jekk il-fornitur ikunx wettaq valutazzjoni tas-sigurtà kimika għas-sustanza jew għat-taħlita.

16. ***TAQSIMA 16: Informazzjoni oħra***

Din it-taqsima tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tinkludi informazzjoni oħra li mhix inkluża fit-Taqsimiet 1 sa 15, fosthom l-informazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà bħal:

(a) fil-każ ta' skeda ta' *data* ta' sigurtà riveduta, indikazzjoni ċara ta' fejn saru l-bidliet fil-verżjoni preċedenti tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà, sakemm ma tkunx ingħatat indikazzjoni ta' dan it-tip xi mkien ieħor fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà, bi spjegazzjoni tal-bidliet, jekk ikun xieraq. Fornitur ta' sustanza jew ta' taħlita għandu jkun jista' jipprovdi spjegazzjoni għall-bidliet jekk jintalab jagħmel hekk;

(b) spjega jew didaskalija għall-abbrevjazzjonijiet u għall-akronomi użati fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà;

(c) referenzi ewlenin għal-letteratura u għas-sorsi għad-*data*;

(d) fil-każ tat-taħlitiet, indikazzjoni ta' liema metodu ta' evalwazzjoni tal-informazzjoni minn fost il-metodi msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ntuża għall-fini tal-klassifikazzjoni;

(e) lista bid-dikjarazzjonijiet tal-periklu, u/jew bid-dikjarazzjonijiet tal-prekawzjoni rielvanti. Ikteb it-test sħiħ ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li ma tkunx inkitbet b'mod sħiħ fit-Taqsimiet 2 sa 15;

(f) parir dwar xi taħriġ adattat għall-ħaddiema biex jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa umana u l-ambjent.

PARTI B

L-iskeda ta' *data* ta' sigurtà għandha tinkludi s-16-il intestatura li ġejjin skont l-Artikolu 31(6) u flimkien magħhom is-subintestaturi elenkati wkoll, ħlief it-Taqsima 3, fejn is-subtaqsimiet 3.1 jew 3.2 biss jeħtieġ jiġu inklużi kif ikun xieraq:

TAQSIMA 1: Identifikazzjoni tas-sustanza/tat-taħlita u tal-kumpanija/tal-impriża

1.1. Identifikatur tal-prodott

1.2. Użi rilevanti identifikati tas-sustanza jew tat-taħlita u użi mhux rakkomandati

1.3. Dettalji tal-fornitur tal-iskeda ta' *data* ta' sigurtà

1.4. Numru tat-telefown ta' emerġenza

TAQSIMA 2: Identifikazzjoni tar-riskji

2.1. Klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita

2.2. Elementi fuq it-tikketta

2.3. Perikli oħrajn

TAQSIMA 3: Kompożizzjoni/informazzjoni dwar l-ingredjenti

3.1. Sustanzi

3.2. Taħlitiet

TAQSIMA 4: Miżuri tal-ewwel għajnuna

4.1. Deskrizzjoni tal-miżuri tal-ewwel għajnuna

4.2. Sintomi u effetti prinċipali, kemm akuti kif ukoll tardjati

▼**M58**

4.3. Indikazzjoni ta' xi attenzjoni medika immedjata u trattament speċjali meħtieġa

TAQSIMA 5: Miżuri għat-tifi tan-nar

5.1. Mezzi għat-tifi tan-nar

5.2. Perikli speċifiċi li joriġinaw mis-sustanza jew mit-taħlita

5.3. Parir lill-pumpiera

TAQSIMA 6: Miżuri għar-rilaxx aċċidentali

6.1. Prekawzjonijiet personali, tagħmir ta' protezzjoni u proċeduri ta' emerġenza

6.2. Prekawzjonijiet ambjentali

6.3. Metodi u materjal għall-konteniment u għat-tindif

6.4. Referenza għal taqsimiet oħra

TAQSIMA 7: Ġestjoni u ħżin

7.1. Prekawzjonijiet għal manipulazzjoni sikura

7.2. Kundizzjonijiet għall-ħżin bla periklu, inkluż kwalunkwe nuqqas ta' kompatibilità

7.3. Użi finali speċifiċi

TAQSIMA 8: Kontrolli tal-esponiment/il-protezzjoni personali

8.1. Parametri ta' kontroll

8.2. Kontrolli tal-esponiment

TAQSIMA 9: Proprjetajiet fiżiċi u kimiċi

9.1. Informazzjoni dwar proprjetajiet fiċiżi u kimiċi bażiċi

9.2. Informazzjoni oħra

TAQSIMA 10: Stabilità u reattività

10.1. Reattività

10.2. Stabilità kimika

10.3. Possibilità ta' reazzjonijiet perikoluż

10.4. Kundizzjonijiet li jridu jiġu evitati

10.5. Materjali inkompatibbli

10.6. Prodotti perikoluż ta' dekompożizzjoni

TAQSIMA 11: Informazzjoni tossikoloġika

11.1. Informazzjoni dwar il-klassi ta' periklu kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008

11.2. Informazzjoni dwar perikli oħrajn

TAQSIMA 12: Informazzjoni ekoloġika

12.1. Tossiċità

12.2. Persistenza u degradabilità

12.3. Potenzjal bijoakkumulattiv

12.4. Mobilità fil-ħamrija

12.5. Riżultati tal-valutazzjoni PBT u vPvB

12.6. Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali

12.7. Effetti oħra ta' ħsara

▼**M58**

TAQSIMA 13: Kunsiderazzjonijiet ta' rimi

13.1. Metodi tat-trattament tal-iskart

TAQSIMA 14: Informazzjoni dwar it-trasport

14.1. Numru tan-NU jew numru tal-ID

14.2. Isem uffiċjali tat-trasport tan-NU

14.3. Klassi(jiet) tal-periklu tat-trasport

14.4. Grupp tal-ippakkjar

14.5. Perikli ambjentali

14.6. Prekawzjonijiet speċjali għall-utent

14.7. Trasport marittimu bl-ingrossa skont l-istrumenti tal-OMI

TAQSIMA 15: Informazzjoni regolatorja

15.1. Regolamenti/leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza, dwar is-saħħa u dwar l-ambjent li huma speċifiċi għas-sustanza jew għat-taħlita

15.2. Valutazzjoni tas-sigurtà kimika

TAQSIMA 16: Informazzjoni oħra

▼**M51**

ANNESS III

KRITERJI GĦAL SUSTANZI REĠISTRATI FI KWANTITAJIET BEJN 1 U 10 TUNNELLATI

Kriterji għal sustanzi u, fejn applikabbli, in-nanoforom tagħhom, irreġistrati bejn 1 u 10 tunnellati, b'referenza għall-Artikolu 12(1)(a) u (b):

(a) sustanzi li għalihom huwa mbassar (jiġifieri bl-applikazzjoni tal-(Q)SARs jew evidenza oħra) li x'aktarx jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni fil-kategoriji 1 A jew 1B fil-klassijiet ta' periklu ta' karċinoġeniċità, mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali jew tossiċità riproduttiva, jew il-kriterji tal-Anness XIII;

(b) sustanzi:

(i) b'użu jew użi dispersivi jew diffużi partikolarment fejn tali sustanzi jiġu użati fit-taħlitiet għall-konsumatur jew inkorporati f'oġġetti għall-konsumatur; u

(ii) li għalihom huwa mbassar (jiġifieri bl-applikazzjoni tal-(Q)SARs jew evidenza oħra) li x'aktarx jissodisfaw il-kriterji ta' klassifikazzjoni għal kwalunkwe klassi jew differenzjazzjoni ta' periklu għas-saħħa jew ambjentali skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jew għal sustanzi b'nanoforom, sakemm dawk in-nanoforom ikunu solubbli f'mezzi bijoloġiċi u ambjentali.

▼M2

ANNESS IV

EŻENZJONIJIET MILL-OBBLIGU TA' REĠISTRAZZJONI SKOND L-ARTIKOLU 2(7)(a)

Nru EINECS	Isem/Grupp	Nru CAS
200-061-5	D-glucitol $C_6H_{14}O_6$	50-70-4
200-066-2	Aċidu askorbiku $C_6H_8O_6$	50-81-7
200-075-1	Glukożju $C_6H_{12}O_6$	50-99-7
200-233-3	Fruttożju $C_6H_{12}O_6$	57-48-7
200-294-2	L-liżina $C_6H_{14}N_2O_2$	56-87-1
200-334-9	Sukrożju, pur $C_{12}H_{22}O_{11}$	57-50-1
200-405-4	Aċetat ta' l-α-tokoferil $C_{31}H_{52}O_3$	58-95-7
200-416-4	Galattożju $C_6H_{12}O_6$	59-23-4
200-432-1	DL-metijonina $C_5H_{11}NO_2S$	59-51-8
200-559-2	Lattożju $C_{12}H_{22}O_{11}$	63-42-3
200-711-8	D-mannitol $C_6H_{14}O_6$	69-65-8
201-771-8	L-sorbożju $C_6H_{12}O_6$	87-79-6
204-664-4	Stearat tal-gliċerol, pur $C_{21}H_{42}O_4$	123-94-4
204-696-9	Diossidu tal-karbonju CO_2	124-38-9
205-278-9	Panotenat tal-kalċju, forma-D $C_9H_{17}NO_{5.1/2}Ca$	137-08-6
205-756-7	DL-fenilalanina $C_9H_{11}NO_2$	150-30-1
208-407-7	Glukonat tas-sodju $C_6H_{12}O_7.Na$	527-07-1
215-665-4	Oleat tas-sorbitan $C_{24}H_{44}O_6$	1338-43-8
231-098-5	Kripton Kr	7439-90-9
231-110-9	Neon Ne	7440-01-9
231-147-0	Argon Ar	7440-37-1
231-168-5	Elju He	7440-59-7
231-172-7	Kżenu Xe	7440-63-3
231-783-9	Nitroġenu N_2	7727-37-9
231-791-2	Ilma, distillat, għal testijiet ta' konduttività jew ta' purità simili H_2O	7732-18-5
232-307-2	Leċitini Il-kombinazzjoni komplessa ta' digliċeridi ta' aċidi xaħmin marbuta ma' l-ester tal-kolina ta' l-aċidu fosforiku.	8002-43-5
232-436-4	Ġuleppi, lamtu idrolizzat Taħlita kumplessa miksuba bl-idroloż ta' lamtu tal-qamħirrun bl-azzjoni ta' aċidi u enżimi. Tikkonsisti primarjament f'd-glukożju, maltożju u maltodestrini.	8029-43-4

▼**M2**

Nru EINECS	Isem/Grupp	Nru CAS
232-442-7	Xaħam, idroġenat	8030-12-4
232-675-4	Destrina	9004-53-9
232-679-6	Lamtu Materjal karboidrat b'livell għoli ta' polimerizzazzjoni ġeneralment derivat minn żerriegħa ta' ċereali bħal qamħirrun, qamħ u sorghum, u minn għeruq u tuberi bħal patata u tapjoka. Jinkludi lamtu li ġie preġelatinizzat bis-sħana fil-preżenza ta' l-ilma.	9005-25-8
232-940-4	Maltodestrina	9050-36-6
238-976-7	Glukonat-D tas-sodju $C_6H_{12}O_7$.xNa	14906-97-9
248-027-9	Monostearat tal-gluċitol-D $C_{24}H_{48}O_7$	26836-47-5
262-988-1	Aċidi xaħmin, *coco*, esteri Me	61788-59-8
265-995-8	Polpa taċ-ċelluloża	65996-61-4
266-948-4	Gliċeridi, C_{16-18} u C_{18}-mhux saturati. Din is-sustanza hi identifikata minn Isem tas-Sustanza SDA: gliċeride trialkil mhux saturat C_{16}-C_{18} u C_{18} u Numru ta' Rapportar SDA: 11-001-00.	67701-30-8
268-616-4	Ġuleppi, tal-qamħirrun, deidratat	68131-37-3
269-658-6	Gliċeridi, xaħam mono-, di- u tri-, idroġenati	68308-54-3
270-312-1	Gliċeridi, C_{16-18} u C_{18}-mhux saturati. mono- u di- Din is-sustanza hi identifikata minn Isem tas-Sustanza SDA: alkil C_{16}-C_{18} u C_{18} mhux saturat u gliċerid dialkil C_{16}-C_{18} u C_{18} mhux saturat u Numru ta' Rapportar SDA: 11-002-00.	68424-61-3
288-123-8	Gliċeridi, C_{10-18}	85665-33-4

▼M2

ANNESS V

EŻENZJONIJIET MILL-OBBLIGU TA' REĠISTRAZZJONI SKOND L-ARTIKOLU 2(7)(b)

1. Sustanzi li jirriżultaw minn reazzjoni kimika li sseħħ inċidentalment għal espożizzjoni ta' xi sustanza oħra jew xi oġġett ieħor għal fatturi ambjentali bħal arja, imdewwa, organiżmi mikrobjali jew dawl tax-xemx.

2. Sustanzi li jirriżultaw minn reazzjoni kimika li sseħħ inċidentalment lil ħażna ta' xi sustanza oħra, ►M3 taħlita ◄ jew oġġett.

3. Sustanzi li jirriżultaw minn reazzjoni kimika li sseħħ ma' l-użu finali ta' sustanzi oħra, ►M3 taħlitiet ◄ jew oġġetti u li, huma stess, mhumiex manifatturati, importati jew imqegħdin fis-suq.

4. Sustanzi li, huma stess, mhumiex manifatturati, importati jew imqegħdin fis-suq u li jirriżultaw minn reazzjoni kimika li sseħħ meta:

   (a) stabilizzatur, kolorant, aġent li jagħti t-togħma, anti-ossidant, filler, solvent, carrier, tensjoattiv, plastifikant, inibitur tal-korruzjoni, aġent kontra r-ragħwa, aġent dispersiv, inibitur tal-preċipitazzjoni, dessikant, aġent li jgħaqqad, emulsifikatur, diemulsifikatur, diżidratant, agglomerant, promotur ta' l-adeżjoni, modifikatur tal-fluss, newtralizzatur tal-pH, sekwestrant, koagulant, flokkulant, ritardant tan-nar, lubrikant, aġent kelant, jew reaġent għall-kontroll ta' kwalità jaħdem adegwatament; jew

   (b) sustanza maħsuba biss sabiex tipprovdi karatteristika fiżikokimika speċifika tiffunzjona adegwatament.

5. Prodotti sekondarji, għajr jekk huma stess ikunu importati jew imqegħdin fis-suq.

6. Idrati ta' sustanza jew joni idratati, iffurmati b'assoċjazzjoni ta' sustanza ma' l-ilma, sakemm is-sustanza tkun ġiet reġistrata mill-manifattur jew importatur bl-użu ta' din l-eżenzjoni.

7. Is-sustanzi li ġejjin li jinsabu fin-natura, jekk mhumiex modifikati kimikament:

   Minerali, metalli mhux maħduma, konċentrati ta' metalli mhux maħduma, u gass naturali proċessat, żejt mhux raffinat, faħam.

8. Sustanzi li jinsabu fin-natura għajr dawk elenkati taħt il-paragrafu 7, jekk mhumiex modifikati kimikament, għajr jekk jissodisfaw il-kriterji għal klassifikazzjoni bħala perikoluži skond ►M3 ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ◄ jew għajr jekk huma persistenti, bijoakkumulattivi skond il-kriterji definiti fl-Anness XIII jew għajr jekk ġew identifikati skond l-Artikolu 59(1) talanqas sentejn qabel bħala sustanzi li joħolqu livell ekwivalenti ta' tħassib kif stipulat fl-Artikolu 57(f).

9. Is-sustanzi li ġejjin li jinkisbu minn sorsi naturali, jekk mhumiex modifikati kimikament, għajr jekk jissodisfaw il-kriterji għal klassifikazzjoni bħala perikoluži skond id-Direttiva 67/548/KEE bl-eċċezzjoni ta' dawk klassifikati biss bħala fjammabbli [R10], bħala irritant tal-ġilda [R38] jew bħala irritant għall-għajnejn [R36] jew għajr jekk huma persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi jew persistenti ħafna jew bijoakkumulattivi ħafna skond il-kriterji definiti fl-Anness XIII jew għajr jekk ġew identifikati skond l-Artikolu 59(1) talanqas sentejn qabel bħala sustanzi li joħolqu livell ekwivalenti ta' tħassib kif stipulat fl-Artikolu 57(f):

   Xaħmijiet veġetali, żjut veġetali, xama' veġetali; xaħmijiet ta' l-annimali, żjut ta' l-annimali, xama' ta' l-annimali; aċidi xaħmin minn C_6 sa C_{24} u l-imluħ tagħhom tal-potassju, tas-sodju, tal-kalċju u tal-manjeżju; gliċerol.

▼M2

10. Is-sustanzi li ġejjin jekk mhumiex modifikati kimikament:

    Gass ta' pitrolju likwifikat, gass naturali kondensat, gassijiet proċessati u komponenti tagħhom, kokk, *cement clinker*, manjeżja.

11. Is-sustanzi li ġejjin għajr jekk huma stess ikunu jissodisfaw il-kriterji għal klassifikazzjoni bħala perikoluż skond id-Direttiva 67/548/KEE u sakemm ma jkunx fihom konstitwenti li jissodisfaw il-kriterji bħala perikoluż skond id-Direttiva 67/548/KEE preżenti f'konċentrazzjonijiet ogħla mil-limiti ta' konċentrazzjoni l-aktar baxxi applikabbli definiti fid-Direttiva 1999/45/KE jew il-limiti ta' konċentrazzjoni definiti fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE, għajr jekk *data* xjentifika sperimentali konklużiva turi li dawn il-konstitwenti mhumiex disponibbli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza u dik id-*data* ġiet aċċertata bħala adegwata u ta' min joqgħod fuqha:

    Ħġieġ, frits taċ-ċeramika.

▼M55

12. Kompost, bijogass u diġestat.

▼M2

13. Idroġenu u ossiġnu.

▼C1

ANNESS VI

REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10

▼M51

NOTA DWAR IT-TWETTIQ TAR-REKWIŻITI TAL-ANNESSI VI SA XI

L-Annessi VI sa XI jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata għall-finijiet tar-reġistrazzjoni u l-valutazzjoni skont l-Artikoli 10, 12, 13, 40, 41 u 46. Għall-aktar livell baxx ta' tunnellaġġ, ir-rekwiżiti standard jinsabu fl-Anness VII, u kull darba li jintlaħaq livell ġdid ta' tunnellaġġ, iridu jiżdiedu r-rekwiżiti tal-Anness korrispondenti. Ir-rekwiżiti preċiżi ta' informazzjoni għal kull reġistrazzjoni jvarjaw, skont it-tunnellaġġ, l-użu u l-esponiment. L-Annessi għandhom għalhekk jitqiesu bħala ħaġa waħda, u flimkien mar-rekwiżiti globali ta' reġistrazzjoni, ta' valutazzjoni u tal-obbligu tal-kura.

Sustanza tiġi ddefinita skont l-Artikolu 3(1), u tiġi identifikata skont it-taqsima 2 ta' dan l-Anness. Sustanza dejjem tkun immanifatturata jew importata f'tal-anqas forma waħda. Sustanza tista' tkun preżenti wkoll f'iktar minn forma waħda.

Għan-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni, għandhom jingħataw ċerti elementi ta' informazzjoni speċifika. In-nanoforom għandhom ikunu kkaratterizzati kif previst f'dan l-Anness. Ir-reġistrant għandu jiġġustifika għala l-informazzjoni mogħtija fir-reġistrazzjoni konġunta, li tkopri r-rekwiżiti ta' informazzjoni tas-sustanzi rreġistrati bin-nanoforom, hija adegwata għall-valutazzjoni tan-nanoforom. Informazzjoni rilevanti biex tkopri r-rekwiżiti ta' informazzjoni għal tali sustanza tista' titressaq ukoll b'mod separat minn reġistranti individwali, fejn iġġustifikat skont l-Artikolu 11(3).

Jistgħu jkunu meħtieġa aktar minn sett wieħed tad-dejta għal rekwiżit ta' informazzjoni wieħed jew iktar kull fejn ikun hemm differenzi sinifikanti fil-proprjetajiet rilevanti għall-istimi u l-immaniġar tal-periklu, tal-esponiment u tar-riskju tan-nanoforom. L-informazzjoni għandha tiġi rrappurtata b'mod li jkun ċar liema informazzjoni fis-sottomissjoni konġunta torbot ma' liema nanoforma tas-sustanza.

Fejn teknikament u xjentifikament iġġustifikati, il-metodoloġiji stipulati fl-Anness XI.1.5 għandhom jintużaw f'dossier ta' reġistrazzjoni meta żewġ forom jew aktar ta' sustanza jkunu "raggruppati" għall-finijiet ta' rekwiżit ta' informazzjoni wieħed jew iktar, jew possibbilment għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' informazzjoni kollha.

Ir-rekwiżiti speċifiċi għan-nanoform japplikaw mingħajr ħsara għar-rekwiżiti applikabbli għal forom oħra ta' sustanza.

Definizzjoni ta' nanoforma u ta' sett ta' nanoforom simili:

Abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2011 dwar id-definizzjoni tan-nanomaterjali ([1]), nanoforma hija forma ta' sustanza naturali jew manifatturata li fiha partikoli, fi stat maħlul jew bħala aggregat jew agglomerat, u fejn, għal 50 % jew iktar tal-partikoli fid-distribuzzjoni dimensjonali numerika, dimensjoni esterna waħda jew aktar hija fil-firxa ta' daqs 1 nm-100 nm, inkluż ukoll b'deroga, il-fulereni, il-rak grafen u n-nanotubi tal-karbonju b'ħajt wieħed b'dimensjoni esterna waħda jew aktar taħt 1 nm.

Għal dan il-għan, "partikolu" tfisser parti żgħira ħafna ta' materjal b'limiti fiżiċi definiti; "agglomerat" tfisser ġabra ta' partikoli miġmugħin b'mod dgħajjef jew aggregati fejn is-superfiċje esterna li tirriżulta hija simili għat-total tas-superfiċji tal-partijiet individwali, filwaqt li "aggregat" tfisser partikolu magħmul minn partikoli marbutin jew magħqudin b'saħħa.

([1]) ĠU L 275, 20.10.2011, p. 38.

▼M51

Nanoforma għandha tkun ikkaratterizzata skont it-taqsima 2.4 hawn taħt. Sustanza jista' jkollha nanoforma waħda jew iktar differenti, abbażi tad-differenzi fil-parametri fil-punti 2.4.2. sa 2.4.5.

"Sett ta' nanoforom simili" huwa grupp ta' nanoforom ikkaratterizzat skont it-taqsima 2.4, fejn il-konfini ddefiniti biċ-ċar fil-parametri fil-punti 2.4.2 sa 2.4.5 tan-nanoforom individwali fi ħdan is-sett għadhom jippermettu li wieħed jikkonkludi li l-valutazzjoni tal-periklu, tal-esponiment u tar-riskju ta' dawn in-nanoforom tista' ssir b'mod konġunt. Għandha tingħata ġustifikazzjoni biex tiddemostra li varjazzjoni fi ħdan dawn il-konfini ma tolqotx il-valutazzjoni tal-periklu, tal-esponiment jew tar-riskju tan-nanoforom simili fis-sett. Nanoforma tista' tappartieni biss għal sett wieħed ta' nanoforom simili

It-terminu "nanoforma", fejn imsemmi fl-Annessi l-oħra, għandu jirreferi għal nanoforma jew sett ta' nanoforom simili, fejn tkun saret definizzjoni tagħha jew tiegħu, skont kif iddefinit f'dan l-Anness.

STADJU 1 – ĠBIR U KONDIVIŻJONI TA' INFORMAZZJONI

Ir-reġistrant għandu jiġbor id-dejta tal-ittestjar kollha disponibbli dwar is-sustanza li trid tiġi reġistrata, inkluż tfittxija tal-biblijografija għall-informazzjoni rilevanti dwar is-sustanza.

Kull fejn ikun prattikabbli, ir-reġistrazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati b'mod konġunt, skont l-Artikoli 11 jew 19. Dan jippermetti li tiġi kondiviża d-dejta tal-ittestjar, u b'hekk jiġi evitat ittestjar żejjed u jitnaqqsu l-ispejjeż. Ir-reġistrant għandu wkoll jiġbor kull informazzjoni oħra rilevanti u disponibbli dwar is-sustanza, inkluż dwar in-nanoforom kollha tas-sustanza koperti mir-reġistrazzjoni, irrispettivament jekk l-ittestjar għal xi punt tat-tmiem partikolari jkunx meħtieġ jew le fil-livell speċifiku ta' tunnellaġġ. Dan għandu jinkludi informazzjoni minn sorsi alternattivi (eż. minn (Q)SARs, read-across minn sustanzi oħra, minn ittestjar *in vivo* u *in vitro*, minn dejta epidemjoloġika) li jistgħu jgħinu fl-identifikazzjoni tal-presenża jew l-assenza ta' proprjetajiet perikoluż tas-sustanza u li jistgħu f'ċerti każijiet jissostitwixxu r-riżultati ta' testijiet fuq l-annimali.

Barra minn hekk, għandha tingħabar informazzjoni dwar miżuri ta' esponiment, ta' użu u tal-immaniġġar tar-riskji skont l-Artikolu 10 u dan l-Anness. Billi jqis din l-informazzjoni kollha, ir-reġistrant ikun jista' jiddetermina l-ħtieġa li tiġi ġenerata informazzjoni ulterjuri.

▼C1

STADJU 2 – KONSIDERAZZJONI TA' ĦTIĠIJIET TA' INFORMAZZJONI

Ir-reġistrant għandu jidentifika x'informazzjoni tkun meħtieġa għar-reġistrazzjoni. L-ewwelnett, għandhom ikunu identifikati l-Anness jew l-Annessi relevanti li jridu jiġu segwiti, skond it-tunnellaġġ. Dawn l-Annessi jistabbilixxu r-rekwiżiti standard ta' informazzjoni, iżda għandhom jiġu kunsidrati flimkien ma' l-Anness XI, li jippermetti varjazzjoni mill-approċċ standard, fejn dan jista' jiġi ġustifikat. B'mod partikolari, l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' espożizzjoni, ta' użu u ta' l-immaniġġar tar-riskji għandha tiġi kunsidrata f'dan l-istadju sabiex jiġu determinati r-rekwiżiti ta' informazzjoni għas-sustanza.

▼M51

STADJU 3 – IDENTIFIKAZZJONI TA' NUQQASIJIET TA' INFORMAZZJONI

Ir-reġistrant għandu mbagħad iqabbel ir-rekwiżiti ta' informazzjoni għas-sustanza mal-informazzjoni li tkun diġà disponibbli, inkluż l-informazzjoni attwalment disponibbli li tista' tiġi applikata għan-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni, u b'hekk jidentifika fejn hemm xi nuqqasijiet.

Huwa importanti f'dan l-istadju li jiġi żgurat li d-dejta disponibbli tkun rilevanti, u jkollha kwalità suffiċjenti sabiex tissodisfa r-rekwiżiti.

▼M51

STADJU 4 – ĠENERAZZJONI TA' DEJTA ĠDIDA/PROPOSTA TA' STRATEĠIJA TA' TTESTJAR

F'xi każijiet ma jkunx meħtieġ li tiġi ġġenerata dejta ġdida. Madankollu, fejn ikun hemm xi nuqqas ta' informazzjoni li jrid jiġi rimedjat, għandha tiġi ġġenerata dejta ġdida (Annessi VII u VIII), jew għandha tiġi proposta strateġija ta' ttestjar (Annessi IX u X), skont it-tunnellaġġ. Testijiet ġodda fuq vertebrati għandhom isiru jew jiġu proposti biss bħala l-aħħar soluzzjoni meta s-sorsi tad-dejta l-oħra kollha jkunu ġew eżawriti.

Dan l-approċċ għandu japplika wkoll jekk ikun hemm nuqqas ta' informazzjoni disponibbli għal nanoforma waħda jew iktar tas-sustanza inkluża fid-dossier ta' reġistrazzjoni sottomess b'mod konġunt.

F'xi każijiet, ir-regoli stipulati fl-Annessi VII sa XI jistgħu jeħtieġu li jsiru ċerti testijiet qabel ir-rekwiżiti standard jew b'żieda magħhom.

NOTI

Nota 1: Jekk ma jkunx teknikament possibbli, jew jekk ma jidhirx xjentifikament meħtieġ li tingħata informazzjoni, ir-raġunijiet għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti.

Nota 2: Ir-reġistrant aktarx ikun jixtieq jiddikjara li ċerta informazzjoni ppreżentata fid-dossier ta' reġistrazzjoni hija kummerċjalment sensittiva, li l-iżvelar tagħha jista' jkun kummerċjalment ta' ħsara għalih. Jekk dan ikun il-każ, ir-reġistrant għandu jelenka l-punti u jipprovdi ġustifikazzjoni.

▼C1

INFORMAZZJONI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10(a) (i) SA (v)

1. INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IR-REĠISTRANT

1.1. Reġistrant

1.1.1. Isem, indirizz, numru tat-telefon, numru tal-fax u indirizz ta' l-e-mail

1.1.2. Persuni ta' kuntatt

1.1.3. Post tas-sit jew siti ta' produzzjoni u ta' l-użu, minnu stess, tar-reġistrant, skond il-każ

1.2. Preżentazzjoni konġunta ta' data

L-Artikoli 11 jew 19 jipprevedu li partijiet mir-reġistrazzjoni jistgħu jiġu preżentati minn reġistrant ewlieni f'isem reġistranti oħra.

F'dan il-każ, ir-reġistrant ewlieni għandu jidentifika r-reġistranti l-oħra u jispeċifika:

— isimhom, l-indirizz tagħhom, in-numru tat-telefon, in-numru tal-fax u l-indirizz ta' l-e-mail tagħhom,

— il-partijiet mir-reġistrazzjoni preżenti li japplikaw għal reġistranti oħra.

Semmi n-numru jew numri mogħtija f'dan l-Anness jew fl-Annessi VII sa X, skond il-każ.

Kwalunkwe reġistrant ieħor għandu jidentifika r-reġistrant ewlieni li jippreżenta f'ismu u jispeċifika:

— ismu, l-indirizz tiegħu, in-numru tat-telefon, in-numru tal-fax u l-indirizz ta' l-e-mail tiegħu,

— il-partijiet mir-reġistrazzjoni li jkunu preżentati mir-reġistrant ewlieni.

Semmi n-numru jew numri mogħtija f'dan l-Anness jew fl-Annessi VII sa X, skond il-każ.

1.3. Parti terza maħtura skond l-Artikolu 4

▼C1

1.3.1. Isem, indirizz, numru tat-telefon, numru tal-fax u indirizz ta' l-email

1.3.2. Persuna ta' kuntatt

2. IDENTIFIKAZZJONI TAS-SUSTANZA

▼M51

Għal kull sustanza, l-informazzjoni mogħtija f'din it-taqsima għandha tkun suffiċjenti sabiex tippermetti li kull sustanza tkun identifikata, u li n-nanoforom differenti jkunu karatterizzati. Jekk ma jkunx teknikament possibbli jew jekk ma jidhirx xjentifikament meħtieġ li tingħata informazzjoni dwar wieħed jew aktar mill-punti ta' hawn taħt, ir-raġunijiet għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar.

▼C1

2.1. Isem jew identifikatur ieħor ta' kull sustanza

2.1.1. Isem/ismijiet fin-nomenklatura IUPAC jew isem/ismijiet kimiku/kimiċi internazzjonali ieħor/oħra

2.1.2. Ismijiet oħra (l-isem tas-soltu, isem kummerċjali, abbrevjazzjoni)

2.1.3. Numru EINECs jew ELINCss (jekk disponibbli u jekk ikun il-każ)

2.1.4. Isem CAS u numru CAS (jekk disponibbli)

2.1.5. Kodiċi ieħor ta' identità (jekk disponibbli)

2.2. Informazzjoni relatata mal-formula molekulari u strutturali ta' kull sustanza

2.2.1. Formula molekulari u strutturali (inkluża n-notazzjoni Smiles, jekk disponibbli)

2.2.2 Informazzjoni dwar attività ottika u proporzjon tipiku ta' isomeri ((stereo) (jekk applikabbli u jekk ikun il-każ)

2.2.3. Piż molekulari jew firxa ta' piżijiet molekulari

▼M51

2.3. Kompożizzjoni ta' kull sustanza. Fejn reġistrazzjoni tkopri nanoforma waħda jew iktar, dawn in-nanoforom għandhom ikunu kkaratterizzati skont it-taqsima 2.4 ta' dan l-Anness.

2.3.1. Grad ta' purità (%)

2.3.2. Natura ta' impuritajiet, inklużi isomeri u prodotti sekondarji

2.3.3. Perċentwal ta' impuritajiet ewlenin (sinifikanti)

2.3.4. Natura u ordni ta' daqs (… ppm, … %) ta' kwalunkwe addittiv (eż. aġenti stabilizzanti jew inibituri)

2.3.5. Dejta spettrali (eż. ultra-vjola, infra-aħmar, reżonanza manjetika nukleari jew spektrum ta' massa)

2.3.6. Kromatogramma f'faži likwida bi pressjoni għolja, kromatogramma f'faži gassuża

2.3.7. Deskrizzjoni tal-metodi analitiċi jew ir-referenzi bibljografiċi adatti għall-identifikazzjoni tas-sustanza, u fejn ikun il-każ, għall-identifikazzjoni ta' impuritajiet u addittivi. Din l-informazzjoni għandha tkun suffiċjenti sabiex tippermetti li l-metodi jkunu riprodotti.

2.4. Karatterizzazzjoni tan-nanoforom ta' sustanza: Għal kull wieħed mill-parametri ta' karatterizzazzjoni, l-informazzjoni mogħtija tista' tkun applikabbli jew għal nanoforma individwali jew għal sett ta' nanoforom simili, dejjem jekk il-konfini tas-sett ikunu speċifikati biċ-ċar.

L-informazzjoni fil-punti 2.4.2–2.4.5 għandha tkun assenjata b'mod ċar lin-nanoforom differenti jew lis-settijiet ta' nanoforom simili identifikati fil-punt 2.4.1.

▼M51

2.4.1. Ismijiet jew identifikaturi oħra tan-nanoforom jew tas-settijiet ta' nanoforom simili tas-sustanza.

2.4.2. Distribuzzjoni dimensjonali tal-partikoli abbażi tal-għadd, b'indikazzjoni tal-frazzjoni numerika tal-partikoli kostitwenti fil-firxa tad-daqs 1 nm–100 nm.

2.4.3. Deskrizzjoni tal-funzjonalizzazzjoni jew trattament tas-superfiċje u identifikazzjoni ta' kull aġent, inkluż l-isem IUPAC u n-numru CAS jew KE.

2.4.4. Forma, proporzjon tal-aspett u karatterizzazzjoni morfoloġika oħra: kristallinità, informazzjoni dwar l-istruttura ta' assemblaġġ inkluż eż. strutturi tipo qoxra jew strutturi moħfija, fejn xieraq.

2.4.5. Erja tas-superfiċje (erja tas-superfiċje speċifika skont il-volum, skont il-massa, jew it-tnejn).

2.4.6. Deskrizzjoni tal-metodi analitiċi jew referenzi bibliografiċi xierqa għall-elementi ta' informazzjoni f'din is-sottotaqsima. Din l-informazzjoni għandha tkun suffiċjenti sabiex tippermetti li l-metodi jkunu riprodotti.

▼C1

3. INFORMAZZJONI DWAR IL-MANIFATTURA U L-UŻU TAS-SUSTANZI

▼M51

Fejn sustanza li tkun qiegħda tiġi rreġistrata hija manifatturata jew importata f'nanoforma waħda jew iktar, l-informazzjoni dwar il-manifattura u l-użu taħt is-sottotaqsimiet 3.1–3.7 għandha tinkludi informazzjoni separata dwar in-nanoforom differenti jew is-settijiet ta' nanoforom simili kif ikkaratterizzati fis-sottotaqsima 2.4.

▼C1

3.1. Manifattura ġenerali, il-kwantitajiet użati għall-produzzjoni ta' oġġett suġġett għar-reġistrazzjoni, u/jew importazzjonijiet globali f'tunnellati metriċi għal kull reġistrant kull sena fi:

Is-sena kalendarja tar-reġistrazzjoni (kwantità stmata)

3.2. Fil-każ ta' manifattur jew produttur ta' oġġetti: Deskrizzjoni qasira tal-proċess teknoloġiku użat fil-manifattura jew produzzjoni ta' oġġetti

Mhumiex meħtieġa dettalji preċiżi tal-proċess, partikolarment dawk ta' natura kummerċjalment sensittiva,.

3.3. Indikazzjoni tat-tunnellaġġ użat għall-użu(i) tiegħu stess

3.4. Forma (sustanza, ►M3 taħlita ◄ jew oġġett) u/jew stat fiżiku li taħthom is-sustanza titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' utenti downstream. Il-konċentrazzjoni jew il-firxa ta' konċentrazzjoni tas-sustanza fit-►M3 taħlitiet ◄ mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' utenti "downstream" u kwantitajiet tas-sustanza f'oġġetti mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' utenti downstream.

3.5. Deskrizzjoni ġenerali fil-qosor ta' l-użu jew użi identifikati

3.6. Informazzjoni dwar kwantitajiet ta' skart u kompożizzjoni ta' skart li jirriżultaw mill-manifattura tas-sustanza, mill-użu f'oġġetti u mill-użi identifikati

3.7. Użi li dwarhom jingħata parir negattiv ►M7 (ara t-Taqsima 1 tal-iskeda tad-dejta ta' sigurtà) ◄

Fejn applikabbli, indikazzjoni ta' l-użi, li r-reġistrant jagħti parir negattiv dwarhom u għaliex (jiġifieri rakkomandazzjonijiet mhux statutorji mill-fornitur). Din m'hemmx għalfejn tkun lista eżawrjenti.

▼C1

4. KLASSIFIKAZZJONI U TTIKKETTAR

▼M3

4.1 Il-klassifikazzjoni ta' periklu tas-sustanza/i, li tirriżulta mill-applikazzjoni tat-Titolu I u II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għall-klassijiet u l-kategoriji ta' periklu kollha f'dak ir-Regolament,

Barra minn hekk, għal kull entrata, ir-raġunijiet għalfejn ma tingħata ebda klassifikazzjoni ta' klassi jew differenzjazzjoni ta' periklu għandhom ikunu pprovduti (jiġifieri jekk id-data ma tkunx kompluta, tkun inkonklużiva, jew konklużiva iżda mhux suffiċjenti għall-klassifikazzjoni),

4.2 It-tikketta ta' periklu li tirriżulta għas-sustanza/i, li tirriżulta mill-applikazzjoni tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008,

4.3 Limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi, fejn applikabbli, li huma riżultat ta' l-applikazzjoni ta' Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

▼C1

5. GWIDA DWAR L-UŻU MINGĦAJR PERIKLU FIR-RIGWARD TA':

▼M51

Din l-informazzjoni għandha tkun konsistenti ma' dik fl-Iskeda tad-Dejta dwar is-Sikurezza, fejn tali Skeda tad-Dejta dwar is-Sikurezza tkun meħtieġa skont l-Artikolu 31.

Fejn sustanza li tkun qiegħda tiġi rreġistrata hija wkoll manifatturata jew importata f'nanoforma waħda jew iktar, l-informazzjoni skont din it-taqsima għandha tindirizza n-nanoforom differenti jew is-settijiet ta' nanoforom simili kif ikkaratterizzati fis-sottotaqsima 2.4, fejn rilevanti.

▼C1

5.1. Miżuri ta' l-ewwel għajnuna (Skeda ta' Data ta' Sigurtà, intestatura 4)

5.2. Miżuri ta' tifi tan-nar (Skeda ta' Data ta' Sigurtà, intestatura 5)

5.3. Miżuri ta' rilaxx aċċidentali (Skeda ta' Data ta' Sigurtà, intestatura 6)

5.4. Miżuri ta' Trattament u Ħażna (Skeda ta' Data ta' Sigurtà, intestatura 7)

5.5. Informazzjoni dwar it-Trasport (Skeda ta' Data ta' Sigurtà, intestatura 14)

Fejn ma jkunx meħtieġ Rapport ta' Sigurtà Kimika, tkun meħtieġa l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

5.6. Kontrolli ta' Espożizzjoni/Protezzjoni Personali (Skeda ta' Data ta' Sigurtà, intestatura 8)

5.7. Stabbiltà u Reattività (Skeda ta' Data ta' Sigurtà, intestatura 10)

5.8. Konsiderazzjonijiet ta' rimi

5.8.1. Konsiderazzjonijiet ta' rimi (Skeda ta' Data ta' Sigurtà, intestatura 13)

5.8.2. Informazzjoni dwar riċiklaġġ u metodi ta' rimi għall-industrija

5.8.3. Informazzjoni dwar riċiklaġġ u metodi ta' rimi għall-pubbliku

6. INFORMAZZJONI DWAR ESPOŻIZZJONI GĦAL SUSTANZI REĠISTRATI FI KWANTITAJIET BEJN TUNNELLATA METRIKA U 10 TUNNELLATI METRIĊI KULL SENA GĦAL KULL MANIFATTUR JEW IMPORTATUR

▼M51

Fejn sustanza li tkun qiegħda tiġi rreġistrata hija manifatturata jew importata f'nanoforma waħda jew iktar, l-informazzjoni skont din it-taqsima għandha tindirizza n-nanoforom differenti jew is-settijiet ta' nanoforom simili kif ikkaratterizzati fis-sottotaqsima 2.4 b'mod separat.

▼C1

6.1. Kategorija ta' użu prinċipali:

6.1.1. (a) użu industrijali u/jew

(b) użu professjonali u/jew

(ċ) użu tal-konsumatur

6.1.2. Speċifikazzjonijiet għal użu industrijali u professjonali:

(a) użati f'sistemi magħluqa u/jew

(b) użu li jirriżulta f'inklużjoni fi jew fuq matriċi u/jew

(ċ) użu non-disperżiv u/jew

(d) użu dispersiv

6.2. Rotta jew rotot sinifikattivi ta' espożizzjoni:

6.2.1. Espożizzjoni umana:

(a) orali u/jew

(b) dermali u/jew

(ċ) inalatorja

6.2.2. Espożizzjoni ambjentali

(a) ilma u/jew

(b) ajru u/jew

(ċ) skart solidu u/jew

(d) ħamrija

6.3. Tendenzi ta' espożizzjoni:

(a) aċċidentali/mhux frekwenti u/jew

(b) okkażjonali u/jew

(ċ) kontinwu/frekwenti

▼C1

ANNESS VII

REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' TUNNELLATA METRIKA JEW AKTAR [1]

Il-Kolonna 1 ta' dan l-Anness tistabbilixxi l-informazzjoni standard meħtieġa għal:

(a) sustanzi li ma jkunux ta' introduzzjoni gradwali manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 1 sa 10 tunnellati metriċi;

(b) sustanzi ta' introduzzjoni gradwali manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 1 sa 10 tunnellati metriċi u li jissodisfaw il-kriterji fl-Anness III konformement ma' l-Artikolu 12(1) (a) u (b); u

(ċ) sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 10 tunnellati metriċi jew aktar.

Għandha tiġi provduta kwalunkwe informazzjoni oħra fiżikokimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika relevanti li tkun disponibbli. Għal sustanzi li ma jissodisfawx il-kriterji fl-Anness III, huma meħtieġa biss ir-rekwiżiti fiżikokimiċi kif stabbiliti fit-Taqsima 7 ta' dan l-Anness.

Il-kolonna 2 ta' dan l-Anness telenka regoli speċifiċi li skondhom l-informazzjoni standard meħtieġa tista' tiħalla barra, tiġi sostitwita b'informazzjoni oħra, provduta fi stadju differenti jew adattata b'mod ieħor. Jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li taħthom il-kolonna 2 ta' dan l-Anness tippermetti adattamenti, ir-reġistrant għandu jiddikjara b'mod ċar dan il-fatt u r-raġunijiet għal kull adattament taħt l-intestaturi xierqa fid-dossier ta' reġistrazzjoni.

▼M51

Mingħajr ħsara għall-informazzjoni sottomessa għal forom oħra, kull informazzjoni fiżikokimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika rilevanti għandha tinkludi karatterizzazzjoni tan-nanoforma ttestjata u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar. Fejn jintużaw QSARs jew tinkiseb evidenza b'mezz ieħor għajr l-ittestjar, għandha tingħata ġustifikazzjoni, kif ukoll deskrizzjoni tal-firxa tal-karatteristiċi/proprjetajiet li tista' tiġi applikata għaliha l-evidenza.

▼C1

Minbarra dawn ir-regoli speċifiċi, reġistrant jista' jadatta l-informazzjoni standard meħtieġa prevista fil-kolonna 1 ta' dan l-Anness skond ir-regoli ġenerali li jinsabu fl-Anness XI bl-eċċezzjoni tat-Taqsima 3 dwar ir-rinunzja ta' espożizzjoni mfassla għas-sustanza. F'dan il-każ ukoll, għandu jiddikjara b'mod ċar ir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni ta' adattament ta' l-informazzjoni standard taħt l-intestaturi xierqa fid-dossier ta' reġistrazzjoni li jirriferu għar-regola jew regoli speċifikċi xierqa fil-kolonna 2 jew fl-Annessi XI [2].

Qabel ma testijiet ġodda jiġu mwettqa sabiex jiġu determinati l-proprjetajiet elenkati f'dan l-Anness, id-data *in vitro* disponibbli kollha, data *in vivo*, data umana storika, data minn (Q)SARs validi u data minn sustanzi relatati strutturalment (approċċ li jaqra minn wieħed għall-ieħor għandhom ikunu valutati l-ewwel. L-ittestjar *in vivo* b'sustanzi korrożivi b'livelli ta' konċentrazzjoni/doża li jikkawżaw korrożività għandu jkun evitat. Qabel l-ittestjar, gwida ulterjuri dwar strateġiji ta' ttestjar għandha tkun konsultata flimkien ma' dan l-Anness.

▼M64

Meta metodu ta' ttestjar joffri flessibbiltà fid-disinn tal-istudju, pereżempju fir-rigward tal-għażla tal-livelli tad-doża, id-disinn tal-istudju magħżul għandu jiżgura li d-*data* ġġenerata tkun adegwata għall-identifikazzjoni tal-periklu u għall-valutazzjoni tar-riskju. Għal dan il-għan, l-ittestjar għandu jitwettaq f'livelli

(1) Dan l-Anness għandu japplika għall-proċeduri ta' oġġetti li huma meħtieġa li jirreġistraw skond l-Artikolu 7 u għal utenti oħra downstream li huma meħtieġa li jwettqu testijiet taħt dan ir-Regolament adattat kif meħtieġ.

(2) Nota: il-kundizzjonijiet sabiex ma jkunx meħtieġ test speċifiku li huma stabbiliti fil-metodi xierqa ta' ttestjar fir-Regolament tal-Kummissjoni dwar metodi ta' ttestjar kif speċifikati fl-Artikolu 13(2) li m'humiex ripetuti fil-kolonna 2, japplikaw ukoll.

▼M64

ta' doża li huma għoljin kif xieraq. Jekk l-għażla tad-doża (il-konċentrazzjoni) tkun limitata mill-proprjetajiet fiżikokimiċi jew mill-effetti bijoloġiċi tas-sustanza tat-test, għandha tingħata ġustifikazzjoni.

▼C1

Meta, għal ċerti end-points, l-informazzjoni ma tkunx provduta għal raġunijiet oħra għajr dawk imsemmija fil-kolonna 2 ta' dan l-Anness jew fl-Anness IX, dan il-fatt u r-raġunijiet għandhom ukoll ikunu ddikjarati b'mod ċar.

7. INFORMAZZJONI DWAR IL-PROPRJETAJIET FIŻIKOKIMIĊI TAS-SUSTANZA

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦALL-ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
7.1. Stat tas-sustanza f'20° C u 101,3 kPa	
7.2. Punt ta' l-iffriżar/dewbien	7.2. L-istudju m'hemmx għalfejn isir 'l isfel minn limitu ta' -20 °C.
7.3. Punt ta' togħlija	7.3. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir: — għal gassijiet; jew — għal solidi li jdubu 'l fuq minn 300 °C jew jiddikomponu qabel jagħlu. F'każijiet bħal dawn il-punt ta' tgħolija taħt pressjoni mnaqqsa jista' jiġi stmat jew imkejjel; jew — għal sustanzi li jiddikomponu qabel jagħlu (eż. awto-ossidazzjoni, riarranġament, degradazzjoni, dikompożizzjoni, eċċ.).
7.4. Densità relattiva	7.4. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk: — is-sustanza tkun stabbli biss f'soluzzjoni f'solvent partikolari u d-densità tas-soluzzjoni tkun simili għal dik tas-solvent. F'każijiet bħal dawn, tkun suffiċjenti indikazzjoni ta' jekk id-densità tas-soluzzjoni hix ogħla jew aktar baxxa mid-densità tas-solvent; jew — is-sustanza tkun gass. F'dan il-każ, stima bbażata fuq kalkolu għandha ssir mill-piż molekulari tagħha u l-Liġijiet tal-Gass Ideali.
7.5. Pressjoni tal-fwar	7.5. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk: il-punt tad-dewbien huwa 'l fuq minn 300 °C. Jekk il-punt tad-dewbien huwa bejn 200 °C u 300 °C, valur ta' limitu bbażat fuq tkejjil jew metodu ta' kalkolu rikonoxxut ikun suffiċjenti.
►M64 7.6. Tensjoni tal-wiċċ ta' soluzzjoni milwiema ◄	7.6. L-istudju hemm għalfejn isir biss jekk: — abbażi ta' l-istruttura, l-attività tal-wiċċ tkun mistennija jew tista' tkun prevista; jew — l-attività tal-wiċċ tkun proprjetà mixtieqa tal-materjal. Jekk is-solubbiltà fl-ilma tkun inqas minn 1 mg/l f'temperatura ta' 20 °C it-test ma jkunx hemm għalfejn isir.

▼M51

7.7. Solubbiltà fl-ilma Għan-nanoforom, għandhom jitqiesu wkoll l-ittestjar tarrata ta' taħlil fl-ilma, kif ukoll f'mezzi rilevanti bijoloġiċi u ambjentali.	7.7. Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk: — is-sustanza tkun idrolitikament instabbli f'pH 4, 7 u 9 (nofs ħajja ta' anqas minn 12-il siegħa); jew — is-sustanza faċilment tiġi ossidizzata fl-ilma. Jekk is-sustanza tidher "insolubbli" fl-ilma, għandu jsir test tal-limitu sal-limitu ta' detezzjoni tal-metodu analitiku.

▼M51

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA		KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦALL-ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
		Għan-nanoforom, l-effett ta' konfużjoni potenzjali mid-dispersjoni għandu jiġi vvalutat meta jsir l-istudju. ►**M64** Għall-metalli u l-komposti tal-metall li ma tantx jinħallu, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-dissoluzzjoni tat-trasformazzjoni f'mezzi milwiema. ◄
7.8.	Koeffiċjent ta' partizzjoni n-oktanol/ilma	7.8. Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk is-sustanza tkun inorganika. Jekk it-test ma jistax jitwettaq (eż. is-sustanza tiddekomponi, għandha attività għolja tas-superfiċje, tirreaġixxi vjolentement matul it-twettiq tat-test jew ma tinħallx fl-ilma jew fl-oktanol, jew mhux possibbli li tinkiseb sustanza suffiċjentement pura), għandhom jiġu pprovduti valur ikkalkulat għal log P u d-dettalji tal-metodu tal-kalkolu. Għan-nanoforom, l-effett ta' konfużjoni potenzjali mid-dispersjoni fl-ottanol u fl-ilma għandu jiġi vvalutat meta jsir l-istudju. Għan-nanoforom, ikunux ta' sustanzi inorganiċi jew organiċi, li għalihom mhuwiex applikabbli l-koeffiċjent tal-partizzjoni n-ottanol/ilma, għandu jitqies minfloku l-istudju tal-istabbiltà fid-dispersjoni.

▼C1

7.9.	Punt ta' fjammabbiltà	7.9. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk: — is-sustanza ma tkunx organika; jew — is-sustanza fiha biss komponenti organiċi volatili b'punti ta' fjammabbiltà 'l fuq minn 100 °C għal soluzzjonijiet akkwei; jew — il-punt ta' fjammabbiltà stmat huwa 'l fuq minn 200 °C; jew — il-punt ta' fjammabbiltà jista' jiġi previst b'mod preċiż b'interpolazzjoni minn materjali karatterizzati eżistenti.
7.10.	Fjammabbiltà	7.10. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir: — jekk is-sustanza tkun solidu li fih proprjetajiet esplużivi jew piroforiċi. Dawn il-proprjetajiet għandhom dejjem jitqiesu qabel ma titqies il-fjammabbiltà; jew — għall-gassijiet, jekk il-konċentrazzjoni tal-gass fjammabbli f'taħlita b'gassijiet inerti tant hi baxxa li, meta titħallat ma' l-arja, il-konċentrazzjoni tkun il-ħin kollu taħt il-limitu l-aktar baxx; jew — għal sustanzi li spontanjament jieħdu n-nar meta jkunu f'kuntatt ma' l-arja.
7.11.	Proprjetajiet esplossivi	7.11. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk: — ma hemm l-ebda grupp kimiku assoċjat ma' proprjetajiet esplossivi preżenti fil-molekula; jew — is-sustanza fiha gruppi kimiċi assoċjati ma' proprjetajiet esplossivi li jinkludu l-ossiġnu u l-bilanċ ta' ossiġnu kkalkulat huwa ta' anqas minn - 200; jew

▼C1

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦALL-ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
	— is-sustanza organika jew taħlita omoġenea ta' sustanzi organiċi fiha gruppi kimiċi assoċjati ma' proprjetajiet esplossivi, iżda l-enerġija ta' dekompożizzjoni eżotermika tkun inqas minn 500 J/g u l-bidu tad-dekompożizzjoni eżotermika huwa taħt il-500 °C; jew — għal taħlitiet ta' sustanzi ossidizzanti inorganiċi (Diviżjoni UN 5.1) ma' materjali organiċi, il-konċentrazzjoni tas-sustanza ossidizzanti inorganika tkun: — inqas minn 15 % skond il-massa, jekk assenjata lill-Grupp ta' Imballaġġ UN I (periklu għoli) jew II (periklu medju) — inqas minn 30 % skond il-massa, jekk assenjata lill-Grupp ta' Imballaġġ UN III (periklu baxx). *Nota*: La test għall-propagazzjoni ta' detonazzjoni u lanqas test għas-sensitività għal xokk detonattiv ma huwa meħtieġ jekk l-enerġija ta' dekompożizzjoni eżotermika ta' materjali organiċi tkun ta' anqas minn 800 J/g.
7.12. Temperatura ta' fjammabbiltà	7.12. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir: — jekk is-sustanza tkun esplożiva jew tieħu n-nar spontanjament fl-arja f'temperatura ambjentali; jew — għal likwidi li ma jiħdux in-nar fl-arja, eż. l-ebda punt ta' fjammabbiltà sa 200 °C; jew — għal gassijiet li ma għandhomx firxa ta' fjammabbiltà; jew — għal solidi, jekk is-sustanza għandha punt tad-dewbien < 160 °C, jew jekk riżultati preliminari jeskludu li s-sustanza tiħon waħedha sa 400 °C.
7.13. Propertajiet ossidizzanti	7.13. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk: — is-sustanza tkun esplożiva; jew — is-sustanza tkun fjammabbli ħafna; jew — is-sustanza tkun perossidu organiku; jew — is-sustanza ma tkunx kapaċi tirreaġixxi eżotermikament ma' materjali kombustibbli, per eżempju abbażi ta' l-istruttura kimika (eż. sustanzi organiċi li ma fihomx ossiġnu jew atomi aloġeni u dawn l-elementi mhumiex marbuta kimikament ma' nitroġenu jew ossiġnu, jew sustanzi inorganiċi li ma fihomx ossiġnu jew atomi aloġeni). It-test sħiħ ma għandux għalfejn isir għas-solidi jekk it-test preliminari juri biċ-ċar li s-sustanza tat-test għandha proprjetajiet ossidizzanti. Innota li ma hemm l-ebda metodu ta' test sabiex jiġu determinati l-proprjetajiet ossidizzanti ta' taħlitiet ta' gass, il-valutazzjoni ta' dawn il-proprjetajiet trid issir b'metodi ta' stima bbażat fuq it-tqabbil tal-potenzjal ossidizzanti ta' gassijiet f'taħlita ma' dik tal-potenzjal ossidizzanti ta' l-ossiġnu fl-arja.
7.14. Granulometrija	7.14. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk is-sustanza tkun kummerċjalizzata jew użata f'forma mhux solida jew forma granulari.

▼C1

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦALL-ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
▼M51	
7.14a. Ħolqien tat-trab Għan-nanoforom	7.14a. Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk tista' tiġi eskluża l-esponiment għall-forma granulari tas-sustanza waqt iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha.

▼C1

8. INFORMAZZJONI TOSSIKOLOĠIKA

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
▼M36	
8.1. Korrużjoni/irritazzjoni tal-ġilda	8.1. L-istudji ma għandhomx isiru jekk: — is-sustanza tkun aċidu qawwi (pH ≤ 2,0) jew bażi (pH ≥ 11,5) u l-informazzjoni disponibbli tindika li għandha tkun klassifikata bħala korrużjoni tal-ġilda (Kategorija 1), jew — is-sustanza tkun fjammabbli b'mod spontanju fl-arja jew meta tmiss mal-ilma jew mal-umdità f'temperatura ambjentali, jew — is-sustanza tkun klassifikata bħala tossiċità akuta mir-rotta dermali (Kategorija 1), jew — studju tat-tossiċità akuta mir-rotta dermali ma jindikax irritazzjoni tal-ġilda sal-livell massimu tad-doża (2 000 mg/ kg ta' piż tal-ġisem). Jekk ir-riżultati minn wieħed miż-żewġ studji taħt il-punti 8.1.1 jew 8.1.2 diġà jippermettu li tittieħed deċiżjoni konklużiva dwar il-klassifikazzjoni ta' sustanza jew dwar innuqqas potenzjali tal-irritazzjoni tal-ġilda, ma hemmx għalfejn isir it-tieni studju.
8.1.1. Korrużjoni tal-ġilda, *in vitro*	
8.1.2. Korrużjoni tal-ġilda, *in vitro*	
8.2. Ħsara serja lill-għajnejn/ irritazzjoni tal-għajnejn	8.2. L-istudji ma għandhomx isiru jekk: — is-sustanza tkun klassifikata bħala korrużjoni tal-ġilda u tkun ikklassifikata bħala ħsara serja lill-għajnejn (Kategorija 1), jew — is-sustanza tkun klassifikata bħala irritazzjoni tal-ġilda u l-informazzjoni disponibbli tindika li għandha tkun klassifikata bħala irritazzjoni tal-għajnejn (Kategorija 2), jew — is-sustanza tkun aċidu qawwi (pH ≤ 2,0) jew bażi (pH ≥ 11,5) u l-informazzjoni disponibbli tindika li għandha tkun klassifikata bħala ħsara serja lill-għajnejn (Kategorija 1), jew — is-sustanza tkun fjammabbli b'mod spontanju fl-arja jew meta tmiss mal-ilma jew mal-umdità f'temperatura ambjentali.

▼**M36**

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
8.2.1. Ħsara serja lill-għajnejn/ irritazzjoni tal-għajnejn, *in vitro*	►**M64** 8.2.1. Jekk ir-riżultati mill-ewwel studju *in vitro* ma jippermettux li tittieħed deċiżjoni konklużiva dwar il-klassifikazzjoni tas-sustanza jew dwar in-nuqqas ta' potenzjal ta' irritazzjoni tal-għajnejn, studju/i *in vitro* ieħor/oħrajn għandhom jitwettqu mir-reġistrant għal dan il-punt ta' tmiem jew jistgħu jkunu meħtieġa mill-Aġenzija. ◄

▼**M42**

8.3. Sensitizzazzjoni tal-ġilda Tagħrif li jippermetti li ssir — konklużjoni dwar jekk is-sustanza hijiex sensitizzatur tal-ġilda u jekk tistax titqies li għandha l-potenzjal li tipproduċi sensitizzazzjoni sinifikati fil-bnedmin (il-Kategorija 1 A), u — valutazzjoni tar-riskju, meta dan ikun meħtieġ.	L-istudju/i fil-punti 8.3.1 u 8.3.2 ma hemmx għalfejn isir/u jekk: — is-sustanza tkun ikklassifikata bħala korrużjoni tal-ġilda (il-Kategorija 1), jew — is-sustanza tkun aċidu qawwi (pH ≤ 2,0) jew bażi (pH ≥ 11,5), jew — is-sustanza tkun tieħu n-nar b'mod spontanju fl-arja jew meta tiġi f'kuntatt mal-ilma jew mal-indewwa f'temperatura ambjentali.
8.3.1. Sensitizzazzjoni tal-ġilda, *in vitro/in chemico* Tagħrif minn metodu/i ta' ttestjar *in vitro/in chemico* rikonoxxut(i) skont l-Artikolu 13(3), li jindirizza/w kull wieħed minn dawn l-avvenimenti ewlenin ta' sensitizzazzjoni tal-ġilda li ġejjin (a) Interazzjoni molekolari ma' proteini tal-ġilda (b) Rispons b'infjammazzjoni fil-keratinoċiti (c) Attivazzjoni ta' ċelloli tad-dendrite	Dan/Dawn it-test/ijiet ma hemmx għalfejn isir(u) jekk — ikun disponibbli studju *in vivo* skont il-punt 8.3.2, jew — il-metodi disponibbli ta' ttestjar *in vitro/in chemico* ma jkunux applikabbli għas-sustanza jew ma jkunux adegwati għall-klassifikazzjoni u għall-valutazzjoni tar-riskju skont il-punt 8.3. Jekk it-tagħrif mill-metodu/i ta' ttestjar li jindirizzaw avveniment ewlieni jew żewġ avvenimenti ewlenin fil-kolonna 1 diġà jippermetti/u klassifikazzjoni u valutazzjoni tar-riskju skont il-punt 8.3, l-istudji li jindirizzaw avveniment(i) ewlieni/ewlenin ieħor/oħra ma hemmx għalfejn isiru.
8.3.2. Sensitizzazzjoni tal-ġilda, *in vivo*.	Studju *in vivo* għandu jitwettaq biss jekk ma jkunux applikabbli metodi ta' ttestjar *in vitro/in chemico* deskritti fil-punt 8.3.1. jew jekk ir-riżultati li jinkisbu minn dawk l-istudji ma jkunux adegwati għall-klassifikazzjoni u għall-valutazzjoni tar-riskju skont il-punt 8.3. L-assaġġ lokali tal-limfonodi (Local Lymph Node Assay — LLNA) huwa l-metodu tal-ewwel għażla għall-ittestjar *in vivo*. Għandu jintuża test ieħor f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss. Għandha tiġi pprovduta ġustifikazzjoni għall-użu ta' test *in vivo* ieħor. Studji *In vivo* dwar is-sensitizzazzjoni tal-ġilda li jkunu twettqu jew li jkunu nbdew qabel l-10 ta' Mejju 2017, u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(3), u fl-Artikolu 13(4) għandhom jitqiesu li huma xierqa biex jindirizzaw dan ir-rekwiżit standard ta' tagħrif.

▼C1

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
8.4. Mutaġeniċità	8.4. Studji ta' mutaġeniċità ulterjuri għandhom jiġu kunsidrati f'każ ta' riżultat pożittiv.
▼M51	
8.4.1. Studju ta' mutazzjoni tal-ġeni *in vitro* fil-batterji	8.4.1. Mhux neċessarju li jsir l-istudju għan-nanoforom fejn ma jkunx xieraq. F'dan il-każ, għandhom jiġu pprovduti studji oħra li jinvolvu studju wieħed jew iktar tal-mutazzjoni tal-ġeni *in vitro* fiċ-ċelloli mammalji (l-Anness VIII, it-taqsimiet 8.4.2. u 8.4.3. jew metodi oħra *in vitro* rikonoxxuti internazzjonalment).
▼C1	
8.5. Tossiċità akuta	8.5. L-istudju/i ġeneralment ma jkunx hemm għalfejn isir(u) jekk: — is-sustanza tkun klassifikata bħal korroživa għall-ġilda.
▼M51	
8.5.1. B'rotta orali	8.5.1. Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk ikun disponibbli studju dwar it-tossiċità akuta permezz tar-rotta inalatorja (8.5.2). Għan-nanoforom, studju bir-rotta orali għandu jkun issostitwit minn studju bir-rotta inalatorja (8.5.2), sakemm l-esponiment tal-bniedem permezz tal-inalazzjoni ma jkunx probabbli, filwaqt li titqies il-possibbiltà tal-esponiment għall-aerosols, għall-partikoli jew għall-qtar ta' daqs inalabbli.

▼C1

9. INFORMAZZJONI EKOTOSSIKOLOĠIKA

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
9.1. Tossiċità akkwatika	
▼M51	
9.1.1. Ittestjar tat-tossiċità għal perjodu qasir fuq invertebrati (bi preferenza għall-ispeċijiet *Daphnia*) Ir-reġistrant jista' jikkunsidra l-ittestjar tat-tossiċità fit-tul minflok għal perjodu qasir.	9.1.1. Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk: — ikun hemm fatturi mitiganti li jindikaw li mhux probabbli li jkun hemm tossiċità akkwatika, pereżempju jekk is-sustanza tkun insolubbli ħafna fl-ilma jew ma jkunx probabbli li s-sustanza taqsam membrani bijoloġiċi. — studju ta' tossiċità akkwatika fit-tul fuq l-invertebrati huwa disponibbli; jew — informazzjoni adewata għal klassifikazzjoni u tikkettar ambjentali hija disponibbli. Għan-nanoforom, l-istudju ma jistax ikun derogat abbażi tal-insolubbiltà għolja fl-ilma biss. L-istudju tat-tossiċità akkwatika fit-tul tad-*Daphnia* (l-Anness IX, it-taqsima 9.1.5) għandu jitqies jekk is-sustanza ftit li xejn tkun solubbli fl-ilma, jew għan-nanoforom jekk ikollhom rata ta' taħlil baxxa fil-mezz ta' ttestjar rilevanti.

▼C1

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
▼M51	
9.1.2. Studju tal-inibizzjoni tat-tkabbir fil-pjanti akkwatiċi (bi preferenza għall-alki)	9.1.2. Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk hemm fatturi mitiganti li jindikaw li mhux probabbli li jkun hemm tossiċità akkwatika, pereżempju jekk is-sustanza tkun insolubbli ħafna fl-ilma, jew mhux probabbli li s-sustanza taqsam membrani bijoloġiċi. Għan-nanoforom, l-istudju ma jistax ikun derogat abbażi tal-insolubbiltà għolja fl-ilma biss.
▼C1	
9.2. Degradazzjoni	
9.2.1. Bijotika	
9.2.1.1. Bijodegradibbiltà lesta	9.2.1.1 L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk:

Għandha tiġi provduta kwalunkwe informazzjoni oħra fiżikokimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika relevanti li tkun disponibbli.

▼C1

ANNESS VIII

REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' 10 TUNNELLATI METRIĊI JEW AKTAR ([1])

Il-kolonna 1 ta' dan l-Anness tistabbilixxi l-informazzjoni standard meħtieġa għas-sustanzi kollha manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 10 tunnellata metrika jew aktar skond l-Artikolu 11 (1) (b). Għaldaqstant, l-informazzjoni meħtieġa fil-kolonna 1 ta' dan l-Anness hija addizzjonali għal dik meħtieġa fil-kolonna 1 ta' l-Anness V. Kwalunkwe informazzjoni fiżikokimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika li tkun disponibbli għandha tiġi provduta. Il-kolonna 2 ta' dan l-Anness telenka regoli speċifiċi skond liema l-informazzjoni standard meħtieġa tista' titħalla barra, tiġi sostitwita b'informazzjoni oħra, provduta fi stadju differenti jew adattata b'mod ieħor. Jekk il-kondizzjonijiet li taħthom il-kolonna 2 ta' dan l-Anness tippermetti adattamenti jiġu sodisfatti, ir-reġistrant għandu jiddikjara b'mod ċar dan il-fatt u r-raġunijiet għal kull adattament taħt l-intestaturi xierqa fid-dossier ta' reġistrazzjoni.

▼M51

Mingħajr ħsara għall-informazzjoni sottomessa għal forom oħra, kull informazzjoni fiżikokimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika rilevanti għandha tinkludi karatterizzazzjoni tan-nanoforma ttestjata u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar. Fejn jintużaw QSARs jew tinkiseb evidenza b'mezz ieħor għajr l-ittestjar, għandha tingħata ġustifikazzjoni, kif ukoll deskrizzjoni tal-firxa tal-karatteristiċi/proprjetajiet li tista' tiġi applikata għaliha l-evidenza.

▼C1

Minbarra dawn ir-regoli speċifiċi, reġistrant jista' jadatta l-informazzjoni standard meħtieġa prevista fil-kolonna 1 ta' dan l-Anness skond ir-regoli ġenerali li jinsabu fl-Anness IX. F'dan il-każ ukoll, għandu jiddikjara b'mod ċar ir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni li l-informazzjoni standard tiġi adattata taħt l-intestaturi adatti fid-dossier ta' reġistrazzjoni li jirriferu għar-regola(i) speċifika(ċi) xierqa fil-kolonna 2 jew fl-Anness XI ([2]).

Qabel ma testijiet ġodda jiġu mwettqa sabiex jiġu determinati l-proprjetajiet elenkati f'dan l-Anness, id-data *in vitro* disponibbli kollha, data *in vivo*, data umana storika, data minn (Q)SARs validi u data minn sustanzi relatati strutturalment (approċċ li jaqra minn wieħed għall-ieħor għandhom ikunu valutati l-ewwel. L-ittestjar *in vivo* b'sustanzi korrożivi b'livelli ta' konċentrazzjoni/doża li jikkawżaw korrożività għandu jkun evitat. Qabel l-ittestjar, gwida ulterjuri dwar strateġiji ta' ttestjar għandha tkun konsultata flimkien ma' dan l-Anness.

▼M64

Meta metodu ta' ttestjar joffri flessibbiltà fid-disinn tal-istudju, pereżempju fir-rigward tal-għażla tal-livelli tad-doża, id-disinn tal-istudju magħżul għandu jiżgura li d-*data* ġġenerata tkun adegwata għall-identifikazzjoni tal-periklu u għall-valutazzjoni tar-riskju. Għal dan il-għan, l-ittestjar għandu jitwettaq f'livelli ta' doża li huma għoljin kif xieraq. Jekk l-għażla tad-doża (il-konċentrazzjoni) tkun limitata mill-proprjetajiet fiżikokimiċi jew mill-effetti bijoloġiċi tas-sustanza tat-test, għandha tingħata ġustifikazzjoni.

▼C1

Meta, għal ċerti end-points, l-informazzjoni ma tkunx provduta għal raġunijiet oħra għajr dawk imsemmija fil-kolonna 2 ta' dan l-Anness jew fl-Anness IX, dan il-fatt u r-raġunijiet għandhom ukoll ikunu ddikjarati b'mod ċar.

([1]) Dan l-Anness għandu japplika għal prodotturi ta' oġġetti li huma meħtieġa jirreġistraw skond l-Artikolu 7 u għal utenti downstream oħra li huma meħtieġa jagħmlu testijiet skond dan ir-Regolament adattat kif meħtieġ.

([2]) Nota: il-kundizzjonijiet sabiex ma jkunx meħtieġ test speċifiku li huma stabbiliti fil-metodi xierqa ta' ttestjar fir-Regolament tal-Kummissjoni dwar metodi ta' ttestjar kif speċifikati fl-Artikolu 13(2) li m'humiex ripetuti fil-kolonna 2, japplikaw ukoll.

▼M51

7. INFORMAZZJONI DWAR IL-PROPRJETAJIET FIŻIKOKIMIĊI TAS-SUSTANZA

7.14b. Aktar informazzjoni dwar il-proprjetajiet fiżikokimiċi Għan-nanoforom biss	Ittestjar ulterjuri għan-nanoforom koperti mir-reġistrazzjoni għandu jiġi kkunsidrat mir-reġistrant jew jista' jintalab mill-Aġenzija skont l-Artikolu 41, jekk ikun hemm indikazzjoni li proprjetajiet speċifiċi addizzjonali tal-partikoli jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-periklu ta' dawk in-nanoforom jew l-esponiment għalihom.

▼C1

8. INFORMAZZJONI TOSSIKOLOĠIKA

KOLONNA 1INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA		KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
▼M36		
8.1.	Korrużjoni/irritazzjoni tal-ġilda	►M64 8.1. Studju *in vivo* għall-korrużjoni/irritazzjoni tal-ġilda għandu jitwettaq biss jekk l-istudju/i *in vitro* taħt il-punti 8.1.1 u/jew 8.1.2 tal-Anness VII ma jkunx/jkunux applikabbli, jew jekk ir-riżultati ta' dan l-istudju/dawn l-istudji ma jkunux adegwati għall-klassifikazzjoni u għall-valutazzjoni tar-riskju. ◄ L-istudju ma għandux isir jekk: — is-sustanza tkun aċidu qawwi (pH ≤ 2,0) jew bażi (pH ≥ 11,5), jew — is-sustanza tkun fjammabbli b'mod spontanju fl-arja jew meta tmiss mal-ilma jew mal-umdità f'temperatura ambjentali, jew — is-sustanza tkun klassifikata bħala tossiċità akuta mir-rotta dermali (Kategorija 1), jew — studju tat-tossiċità akuta mir-rotta dermali ma jindikax irritazzjoni tal-ġilda sal-livell massimu tad-doża (2 000 mg/kg ta' piż tal-ġisem).
8.2.	Ħsara serja lill-għajnejn/irritazzjoni tal-għajnejn	►M64 8.2. Studju *in vivo* għal ħsara serja lill-għajnejn/irritazzjoni tal-għajnejn għandu jitwettaq biss jekk l-istudju/i *in vitro* taħt il-punt 8.2.1 tal-Anness VII ma jkunx/jkunux applikabbli, jew jekk ir-riżultati ta' dan l-istudju/dawn l-istudji ma jkunux adegwati għall-klassifikazzjoni u għall-valutazzjoni tar-riskju. ◄ L-istudju ma għandux isir jekk: — is-sustanza tkun klassifikata bħala korrużjoni tal-ġilda, jew — is-sustanza tkun aċidu qawwi (pH ≤ 2,0) jew bażi (pH ≥ 11,5), jew — is-sustanza tkun fjammabbli b'mod spontanju fl-arja jew meta tmiss mal-ilma jew mal-umdità f'temperatura ambjentali.
▼C1		
8.4.	Mutaġeniċità	
8.4.2.	Studju ta' ċitoġeniċità in vitro f'ċelloli mammalji jew fi studju ta' micronucleus in vitro	8.4.2. L-istudju s-soltu ma jkunx hemm għalfejn isir — jekk data adegwata minn test ta' ċitoġeniċità in vivo tkun disponibbli jew ►M3 — is-sustanza hija magħrufa bħala karċinoġenika kategorija 1A jew 1B jew mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali kategorija 1A, 1B jew 2. ◄

▼C1

KOLONNA 1INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA		KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1	
8.4.3.	Studju ta' mutazzjoni tal-ġeni in vitro f'ċelluli mammalji, jekk riżultat negattiv fl-Anness V, 8.4.1. u l-Anness VI, 8.4.2.	8.4.3.	L-istudju s-soltu ma jkunx hemm għalfejn isir jekk data adegwata minn test ta' mutazzjoni tal-ġeni mammalji in vivo ta' min joqgħod fuqu tkun disponibbli.
		8.4.	Studji ta' mutaġeniċità in vivo għandhom jiġu kunsidrati f'każ ta' riżultat pożittiv fi kwalunkwe wieħed mill-istudji ta' ġenotossiċità fl-Anness V jew VII.

▼M51

8.5.	Tossiċità akuta	8.5.	Ġeneralment, mhux neċessarju li jsir(u) l-istudju/i jekk: — is-sustanza tkun ikklassifikata bħal korrożiva għall-ġilda. Minbarra r-rotta orali (8.5.1) jew ir-rotta inalatorja (8.5.2) għan-nanoforom, għas-sustanzi li mhumiex gassijiet, l-informazzjoni msemmija fil-punti 8.5.1 sa 8.5.3 għandha tingħata għal mill-inqas rotta waħda oħra. L-għażla għat-tieni rotta tiddependi fuq in-natura tas-sustanza u r-rotta probabbli ta' esponiment għall-bniedem. Jekk hemm rotta waħda biss ta' esponiment, jeħtieġ li tingħata biss l-informazzjoni għal dik ir-rotta.

▼M36

8.5.2.	Bl-inalazzjoni	8.5.2.	L-ittestjar mir-rotta tal-inalazzjoni huwa xieraq jekk l-esponiment tal-bnedmin bl-inalazzjoni probabbilment iqis il-pressjoni tal-fwar tas-sustanza u/jew il-possibbiltà ta' esponiment għall-aerosols, il-partikuli jew il-qtar żgħar ta' daqs inalabbli.
8.5.3.	Mir-rotta dermali	8.5.3.	L-ittestjar mir-rotta dermali huwa xieraq jekk: (1) l-inalazzjoni tas-sustanza tkun improbabbli; u (2) il-kuntatt mal-ġilda fil-produzzjoni u/jew fl-użu jkun improbabbli; u (3) il-proprjetajiet fiżikokimiċi u tossikoloġiċi jissuġġerixxu potenzjal għal rata sinifikanti ta' assorbiment mill-ġilda. L-ittestjar mir-rotta dermali ma għandux isir jekk: — is-sustanza ma tissodisfax il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala tossiċità akuta jew STOT SE mir-rotta orali, u — fl-istudji *in vivo* mal-esponiment dermali ma jiġi osservat l-ebda effett sistemiku (eż. l-irritazzjoni tal-ġilda, is-sensitizzazzjoni tal-ġilda) jew fin-nuqqas ta' studju *in vivo* mir-rotta orali, ma jiġu mbassra l-ebda effetti sistematiċi wara l-esponiment dermali abbażi tal-approċċi li ma jużawx annimali (eż. ir-read across, l-istudji QSAR).

▼C1

KOLONNA 1INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA		KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
8.6.	Tossiċità ta' doża ripetuti	

▼M51

8.6.1.	Studju tat-tossiċità ta' doża ripetuti għal perjodu qasir (28 jum), speċi waħda, raġel u mara, l-aktar rotta xierqa ta' amministrazzjoni, filwaqt li titqies ir-rotta probabbli ta' esponiment għall-bniedem.	8.6.1. Mhux neċessarju li jsir l-istudju tat-tossiċità għal perjodu qasir (28 jum) jekk: ►M64 — studju affidabbli tat-tossiċità subkronika (90 jum) jew kronika huwa disponibbli jew propost mir-reġistrant, dejjem jekk jintużaw speċi, doża ġġ, solvent u rotta ta' amministrazzjoni xierqa, jew ◄ — fejn sustanza ġġarrab diżintegrazzjoni immedjata u jkun hemm biżżejjed dejta dwar il-prodotti mill-qsim tagħha, jew — jista' jitħalla barra l-esponiment għall-bniedem rilevanti skont l-Anness XI, taqsima 3. Ir-rotta x-xierqa għandha tintgħażel fuq il-bażi li ġejja: L-ittestjar bir-rotta dermali huwa xieraq jekk: — l-inalazzjoni tas-sustanza ma tantx hi probabbli; u — il-kuntatt mal-ġilda fil-produzzjoni u/jew fl-użu huwa probabbli; u — il-proprjetajiet fiżikokimiċi u tossikoloġiċi jissuġġerixxu potenzjal għal rata sinifikanti ta' assorbiment mill-ġilda. L-ittestjar bir-rotta ta' inalazzjoni huwa xieraq jekk l-esponiment għall-bniedem permezz tal-inalazzjoni hija probabbli, filwaqt li titqies il-pressjoni tal-fwar tas-sustanza u/jew il-possibbiltà ta' esponiment għal aerosols, partikoli jew qtar żgħar ta' daqs inalabbli. ►M64 Għan-nanoforom mingħajr rata għolja ta' taħlil f'mezzi bijoloġiċi, l-istudju għandu jinkludi investigazzjonijiet tossikokinetiċi dwar, fost oħrajn, il-perjodu ta' rkupru u, fejn rilevanti, it-tneħħija mill-pulmun. L-investigazzjonijiet tossikokinetiċi ma għandhomx għalfejn isiru jekk diġà jkun hemm disponibbli informazzjoni tossikokinetika ekwivalenti dwar in-nanoforma. L-istudju tat-tossiċità subkronika (90 jum) (l-Anness IX, il-punt 8.6.2) għandu jiġi propost mir-reġistrant, jew jista' jkun meħtieġ mill-Aġenzija jekk: il-frekwenza u d-dewmien tal-esponiment tal-bniedem jindikaw li studju aktar fit-tul huwa xieraq;

▼M51

KOLONNA 1INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
	u waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun issodisfata: — *data* disponibbli oħra tindika li s-sustanza jista' jkollha karatteristika perikoluża li ma tkunx tista' ssir detezzjoni tagħha fi studju tat-tossiċità għal perjodu qasir; jew — studji tossikokinetiċi ddisinjati apposta jiżvelaw akkumulazzjoni tas-sustanza jew il-metaboliti tagħha f'ċerti tessuti jew organi li aktarx tibqa' ma ssirx detezzjoni tagħhom fi studju tat-tossiċità għal perjodu qasir, iżda li hemm ċans li jirriżultaw f'effetti negattivi wara esponiment fit-tul. ◄ Għandhom jiġu proposti studji ulterjuri mir-reġistrant, jew dawn jistgħu jiġu mitluba mill-Aġenzija skont l-Artikolu 40 jew 41 f'każ ta': — nuqqas li jiġi identifikat NOAEL fl-istudju ta' 28 jum jew ta' 90 jum, sakemm ir-raġuni għan-nuqqas ta' identifikazzjoni ta' NOAEL ma tkunx l-assenza ta' effetti tossiċi negattivi; jew — tossiċità ta' tħassib partikolari (eż. effetti serji/gravi); jew — indikazzjonijiet ta' effett li l-evidenza disponibbli tiegħu mhuwiex xieraq għal karatterizzazzjoni tossikoloġika u/jew tar-riskji. F'każijiet bħal dawn jista' jkun iktar xieraq li jsiru studji tossikoloġiċi speċifiċi mfassla biex jistħarrġu dawn l-effetti (eż. l-immunotossiċità, in-newrotossiċità, u b'mod partikolari għan-nanoforom, il-ġenotossicità indiretta), jew — ir-rotta ta' esponiment użata fl-istudju inizjali ta' doži ripetuti ma kinitx xierqa fir-rigward tar-rotta mistennija ta' esponiment għall-bniedem, u ma tistax issir estrapolazzjoni minn rotta għal rotta; jew — tħassib partikolari fir-rigward tal-esponiment (eż. użu fi prodotti għall-konsumatur li jwassal għal livelli ta' esponiment li jkunu qrib tal-livelli ta' doża li fihom wieħed jista' jistenna tossiċità għall-bniedem); jew — l-effetti murija f'sustanzi b'relazzjoni ċara fl-istruttura molekulari mas-sustanza li qed tiġi studjata, ma nstabux fl-istudju ta' 28 jum jew ta' 90 jum.

▼C1

8.7. Tossiċità riproduttiva	

▼C1

KOLONNA 1INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
8.7.1. Screening għal tossiċità riproduttiva/ta' l-iżvilupp, speċi waħda (OECD 421), jekk ma hemm l-ebda evidenza minn informazzjoni disponibbli dwar sustanzi strutturalment relatati, minn stimi ta' (Q)SAR jew minn metodi in vitro li s-sustanza tista' tkun tossiku ta' l-iżvilupp.	►M29 8.7.1. Ma jkunx hemm il-ħtieġa li jsir dan l-istudju jekk: — is-sustanza tkun magħrufa bħala karċinoġenu ġenotossiku u miżuri ta' amministrazzjoni tar-riskji adatti jiġu implimentati, jew — is-sustanza tkun magħrufa bħala mutaġen għaċ-ċelloli ġerminali u miżuri ta' amministrazzjoni tar-riskji adatti jiġu implimentati, jew — l-esponiment rilevanti tal-bniedem jista' jiġi eskluż f'konformità mat-Taqsima 3 tal-Anness IX, jew — ikun disponibbli studju dwar it-tossiċità fl-iżvilupp ta' qabel it-twelid (l-Anness IX, 8.7.2) jew, inkella l-Istudju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċità għar-Riproduzzjoni (B.56, OECD TG 443) (it-Taqsima 8.7.3 tal-Anness IX) jew studju fuq żewġ ġenerazzjonijiet (B.35, OECD TG 416). Jekk sustanza hi magħrufa li għandha effett negattiv fuq il-fertilità, u għalhekk tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala tossika għall-kategorija tar-riproduzzjoni 1 A jew 1B: Tista' tagħmel ħsara lill-fertilità (H360F), u d-dejta disponibbli hija adegwata biex tappoġġa valutazzjoni tar-riskju robusta, u allura ma jkun meħtieġ l-ebda ttestjar ulterjuri għall-fertilità. Madankollu, għandu jiġi kkunsidrat l-ittestjar għat-tossiċità għall-iżvilupp. Jekk sustanza hi magħrufa li tikkawża tossiċità għall-iżvilupp, u għadaqstant tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala tossika għall-kategorija tar-riproduzzjoni 1 A jew 1B: Tista' tagħmel ħsara lit-tarbija li tkun għadha ma twelditx (H360D), u d-dejta disponibbli hija adegwata biżżejjed biex tappoġġa valutazzjoni tar-riskju robusta, u allura ma jkun meħtieġ l-ebda ttestjar ulterjuri għat-tossiċita' tal-iżvilupp. Madankollu, għandu jiġi kkunsidrat l-ittestjar għall-effetti fuq il-fertilità. F'każijiet fejn hemm tħassib serju dwar il-potenzjal għal effetti negattivi fuq il-fertilità jew l-iżvilupp, kemm Studju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċittà għar-Riproduzzjoni (it-Taqsima 8.7.3 tal-Anness IX) jew studju tat-tossiċità għall-iżvilupp ta' qabel it-twelid (it-Taqsima 8.7.2 tal-Anness IX) jistgħu, kif f'loku, jiġu proposti mir-reġistrant minflok l-istudju ta' skrinjar. ◄

▼M51

8.8. Tossikokinetika	
8.8.1. Valutazzjoni tal-imġiba tossikokinetika tas-sustanza, sa fejn tista' tinsilet mill-informazzjoni rilevanti disponibbli.	Għan-nanoforom mingħajr rata ta' taħlil għolja f'mezz bijoloġiku, studju tat-tossikokinetika għandu jiġu propost mir-reġistrant jew jista' jintalab mill-Aġenzija skont l-Artikolu 40 jew 41 f'każ li tali valutazzjoni ma tkunx tista' ssir abbażi tal-informazzjoni rilevanti disponibbli, inkluż mill-istudju mwettaq skont il-punt 8.6.1. L-għażla tal-istudju tiddependi fuq il-lakuni ta' informazzjoni li jkun baqa', u fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika.

▼C1

9. INFORMAZZJONI EKOTOSSIKOLOĠIKA

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA		KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1	
▼M51			
9.1.3.	Ittestjar tat-tossiċità għal perjodu qasir fuq il-ħut: ir-reġistrant jista' jikkunsidra l-ittestjar tat-tossiċità fit-tul minflok għal perjodu qasir.	9.1.3.	Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk: — ikun hemm fatturi mitiganti li jindikaw li mhux probabbli li jkun hemm tossiċità akkwatika, pereżempju jekk is-sustanza tkun insolubbli ħafna fl-ilma jew ma jkunx probabbli li s-sustanza taqsam membrani bijoloġiċi; jew — huwa disponibbli studju tat-tossiċità akkwatika fit-tul fuq il-ħut. Għan-nanoforom, l-istudju ma jistax ikun derogat abbażi tal-insolubbiltà għolja fl-ilma biss. L-ittestjar tat-tossiċità akkwatika fit-tul kif deskritt fl-Anness IX għandu jiġi kkunsidrat jekk il-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika skont l-Anness I tindika l-ħtieġa li jiġu mistħarrġa effetti ulterjuri fuq l-organiżmi akkwatiċi. L-għażla tat-test(ijiet) adatt(i) tiddependi fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika. L-istudju tat-tossiċità akkwatika fit-tul tal-ħut (l-Anness IX, it-taqsima 9.1.6) għandu jitqies jekk is-sustanza ftit li xejn tkun solubbli fl-ilma, jew għan-nanoforom jekk ikollhom rata ta' taħlil baxxa fil-mezz ta' ttestjar rilevanti.
9.1.4.	Ittestjar ta' inibizzjoni tar-respirazzjoni ta' ħama attivat	9.1.4.	Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk: — ma hemm l-ebda emissjoni lejn impjant ta' trattament tad-drenaġġ; jew — hemm fatturi mitiganti li jindikaw li mhux probabbli li jkun hemm tossiċità mikrobjali, pereżempju jekk is-sustanza tkun insolubbli ħafna fl-ilma; jew — is-sustanza tinstab li tkun faċilment bijodegradabbli u l-konċentrazzjonijiet tal-ittestjar applikati huma fil-firxa ta' konċentrazzjonijiet li jistgħu jkunu mistennija fl-influwent ta' impjant tat-trattament tad-drenaġġ. Għan-nanoforom, l-istudju ma jistax ikun derogat abbażi tal-insolubbiltà għolja fl-ilma biss. L-istudju jista' jiġi sostitwit b'test ta' inibizzjoni tan-nitrifikazzjoni jekk id-dejta disponibbli turi li s-sustanza aktarx tkun inibitur tat-tkabbir jew ta' funzjoni mikrobjali, b'mod partikulari batterji nitrifikanti.
9.2.	Degradazzjoni	9.2.	Għandu jiġi kkunsidrat l-ittestjar ta' degradazzjoni ulterjuri jekk il-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika skont l-Anness I tindika l-ħtieġa li tkompli tiġi mistħarrġa d-degradazzjoni tas-sustanza.

▼M51

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA		KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1	
			Għan-nanoforom li mhumiex solubbli u li ma għandhomx rata ta' taħlil għolja, tali test jew testijiet għandhom iqisu t-trasformazzjoni morfoloġika (eż. bdil irriversibbli fid-daqs tal-partikoli jew fil-proprjetajiet tal-forma u tas-superfiċje, jew telf tal-kisi), it-trasformazzjoni kimika (eż. ossidazzjoni jew tnaqqis), u degradazzjoni abijotika oħra (eż. fotoliżi). L-għażla tat-test(ijiet) adatt(i) tiddependi fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika.
9.2.2.	Abijotika	9.2.2.1.	Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk:
9.2.2.1.	Idroliżi bħala funzjoni ta' pH.		— is-sustanza tkun faċilment bijodegradabbli; jew — is-sustanza tkun insolubbli ħafna fl-ilma. Għan-nanoforom, l-istudju ma jistax ikun derogat abbażi tal-insolubbiltà għolja fl-ilma biss.

▼C1

9.3.	Destin u atteġġament fl-ambjent		

▼M51

9.3.1.	Skrinjar tal-adsorbiment/tad-desorbiment	9.3.1.	Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk: — abbażi tal-proprjetajiet fiżikokimiċi, wieħed jista' jistenna li s-sustanza jkollha potenzjal baxx għall-adsorbiment (eż. is-sustanza għandha koeffiċjent baxx ta' partizzjoni oktanol/ilma); jew — is-sustanza u l-prodotti rilevanti tad-degradazzjoni tagħha jiddekomponu malajr. ►M64 L-istudju ma jistax jiġi rrinunzjat fuq il-bażi ta' koeffiċjent ta' partizzjoni ilma/ottanol baxx biss, sakemm il-karatteristiċi tal-adsorbiment tas-sustanza ma jkunux xprunati biss mil-lipofiliċità. Pereżempju, l-istudju ma jistax jiġi rrinunzjat fuq il-bażi ta' koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol/ilma baxx biss jekk is-sustanza tkun attiva fil-wiċċ jew tkun jonizzabbli f'pH ambjentali (pH 4 – 9). ◄ Għan-nanoforom, l-użu ta' kwalunkwe proprjetà fiżikokimika (eż. il-koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol/ilma) bħala raġuni għad-deroga tal-istudju għandu jinkludi ġustifikazzjoni xierqa tar-rilevanza tiegħu għall-potenzjal baxx ta' adsorbiment.

▼C1

ANNESS IX

REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' 100 TUNNELLATA METRIKA JEW AKTAR [1]

Fil-livell ta' dan l-Anness, ir-reġistrant għandu jippreżenta proposta u skeda ta' żmien sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' informazzjoni ta' dan l-Anness skond l-Artikolu 12(1)(d).

Il-kolonna 1 ta' dan l-Anness tistabbilixxi l-informazzjoni standard meħtieġa għas-sustanzi kollha manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 100 tunnellata metrika jew aktar skond l-Artikolu 12(1)(d). Għaldaqstant, l-informazzjoni meħtieġa fil-kolonna 1 ta' dan l-Anness hija addizzjonali għal dik meħtieġa fil-kolonna 1 ta' l-Annessi VII u VIII. Kwalunkwe informazzjoni oħra fiżikokimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika relevanti li tkun disponibbli għandha tiġi provduta. Il-kolonna 2 ta' dan l-Anness telenka regoli speċifiċi skond liema r-reġistrant jista' jipproponi li jħalli barra l-informazzjoni standard meħtieġa, jew jissostitwixxiha b'informazzjoni oħra, jew jipprovdiha fi stadju aktar tard jew jadattaha fi kwalunkwe mod ieħor. Jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li taħthom tippermetti proposta ta' adattament il-kolonna 2 ta' dan l-Anness, ir-reġistrant għandu jiddikjara b'mod ċar dan il-fatt u r-raġunijiet tal-proposta għal kull adattament taħt l-intestaturi xierqa fid-dossier ta' reġistrazzjoni.

▼M51

Mingħajr ħsara għall-informazzjoni sottomessa għal forom oħra, kull informazzjoni fiżikokimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika rilevanti għandha tinkludi karatterizzazzjoni tan-nanoforma ttestjata u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar. Fejn jintużaw QSARs jew tinkiseb evidenza b'mezz ieħor għajr l-ittestjar, għandha tingħata ġustifikazzjoni, kif ukoll deskrizzjoni tal-firxa tal-karatteristiċi/proprjetajiet li tista' tiġi applikata għaliha l-evidenza.

▼C1

Addizzjonalment għal dawn ir-regoli speċifiċi, reġistrant jista' jipproponi li jadatta l-informazzjoni standard meħtieġa prevista fil-kolonna 1 ta' dan l-Anness skond ir-regoli ġenerali li jinsabu fl-Anness XI. F'dan il-każ ukoll, għandu jiddikjara b'mod ċar ir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni li jipproponi adattamenti għall-informazzjoni standard taħt l-intestaturi adatti fid-dossier ta' reġistrazzjoni b'referenza għar-regola jew regoli speċifikċi xierqa fil-kolonna 2 jew fl-Annessi XI [2].

Qabel ma jiġu mwettqa testijiet ġodda sabiex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet elenkati f'dan l-Anness, għandhom jiġu valutati l-ewwel id-data *in vitro*, id-data *in vivo*, id-data umana storika, id-data minn (Q)SARs validi u d-data minn sustanzi strutturalment relatati (l-approċċ read-across) kollha li jkunu disponibbli. Għandu jkun evitat l-ittestjar *in vivo* b'sustanzi korrożivi b'livelli ta' konċentrazzjoni/doża li jikkawżaw korrożività. Qabel l-ittestjar, għandha tkun konsultata, addizzjonalment ma' dan l-Anness, gwida ulterjuri dwar strateġiji ta' ttestjar.

▼M64

Meta metodu ta' ttestjar joffri flessibbiltà fid-disinn tal-istudju, pereżempju fir-rigward tal-għażla tal-livelli tad-doża, id-disinn tal-istudju magħżul għandu jiżgura li d-*data* ġġenerata tkun adegwata għall-identifikazzjoni tal-periklu u għall-valutazzjoni tar-riskju. Għal dan il-għan, l-ittestjar għandu jitwettaq f'livelli ta' doża li huma għoljin kif xieraq. Jekk l-għażla tad-doża (il-konċentrazzjoni) tkun limitata mill-proprjetajiet fiżikokimiċi jew mill-effetti bijoloġiċi tas-sustanza tat-test, għandha tingħata ġustifikazzjoni.

---

(1) Dan l-Anness għandu japplika għall-proċeduri ta' oġġetti li huma meħtieġa li jirreġistraw skond l-Artikolu 7 u għal utenti oħra downstream li huma meħtieġa li jwettqu testijiet taħt dan ir-Regolament adattat kif meħtieġ.

(2) Nota: il-kundizzjonijiet sabiex ma jkunx meħtieġ test speċifiku li huma stabbiliti fil-metodi xierqa ta' ttestjar fir-Regolament tal-Kummissjoni dwar metodi ta' ttestjar kif speċifikati fl-Artikolu 13(2) li m'humiex ripetuti fil-kolonna 2, japplikaw ukoll.

▼C1

Meta, għal ċerti end-points, ikun propost li ma tiġix provduta informazzjoni għal raġunijiet oħra għajr dawk imsemmija fil-kolonna 2 ta' dan l-Anness jew fl-Anness XI, dan il-fatt u r-raġunijiet għandhom ukoll ikunu ddikjarati b'mod ċar.

7. INFORMAZZJONI DWAR IL-PROPRJETAJIET FIŻIKOKIMIKA TAS-SUSTANZA

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
7.15. Stabbiltà f'solventi organiċi u identità ta' prodotti ta' degradazzjoni relevanti Meħtieġa biss jekk l-istabbiltà tas-sustanza tkun kunsidrata bħala kritika.	7.15. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk is-sustanza tkun inorganika.
7.16. Konstanti ta' dissoċjazzjoni	7.16. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk: — is-sustanza tkun idrolitikament instabbli (nofs-ħajja anqas minn 12-il siegħa) jew tkun faċilement ossidabbli fl-ilma; jew — xjentifikament mhux possibbli li jitwettaq l-ittestjar jekk il-metodu analitiku ma jkunx sensittiv suffiċjentement. ►**M64** — jew abbażi tal-istruttura, is-sustanza ma għandha l-ebda grupp kimiku li jista' jiddissoċja. ◄
7.17. Viskożità	►**M64** Għal sustanzi idrokarburi, il-viskożità kinematika għandha tiġi ddeterminata f'temperatura ta' 40 °C. ◄

8. INFORMAZZJONI TOSSIKOLOĠIKA

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
	8.4. Jekk hemm riżultat pożittiv fi kwalunkwe wieħed mill-istudji ta' ġenotossiċità in vitro fl-Anness VII jew VIII u ma hemm l-ebda riżultat disponibbli digà minn studju in vivo, studju adatt ta' ġenotossiċità ta' ċellula somatika in vivo għandu jkun propost mir-reġistrant. Jekk hemm disponibbli riżultat pożittiv minn studju ta' ċellula somatika in vivo, il-potenzjal għal mutaġeniċità ta' ċellula bijoloġika għandu jiġi kunsidrat abbażi tad-data disponibbli kollha, inkluż evidenza tossikokinetika. Jekk ma tista' ssir l-ebda konklużjoni ċara dwar mutaġeniċità ta' ċellula bijoloġika, għandhom jiġu kunsidrati investigazzjonijiet addizzjonali.
8.6. Tossiċità ta' doži ripetuti	

▼M64

_____

▼C1

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
▼M51	
8.6.2. Studju ta' tossiċità sub-kronika (90 jum), speċi waħda, roditur, raġel jew mara, l-iktar rotta xierqa ta' amministrazzjoni, filwaqt li titqies ir-rotta probabbli tal-esponiment għall-bniedem.	►M64 8.6.2. Mhuwiex neċessarju li jsir l-istudju tat-tossiċità subkronika (90 jum) jekk: — huwa disponibbli studju affidabbli tat-tossiċità għal perjodu qasir (28 jum) li juri effetti gravi ta' tossiċità li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni tas-sustanza bħala STOT RE (kategorija 1 jew 2), li għaliha n-NOAEL-28 jum osservat, bl-applikazzjoni ta' fattur ta' inċertezza xieraq, jippermetti l-estrapolazzjoni lejn in-NOAEL-90 jum għall-istess rotta ta' esponiment; jew — huwa disponibbli jew huwa propost mir-reġistrant studju affidabbli tat-tossiċità kronika, dejjem jekk jintużaw speċi u rotta ta' amministrazzjoni xierqa, jew ◄ — sustanza ġġarrab diżintegrazzjoni immedjata u jkun hemm biżżejjed dejta dwar il-prodotti mill-qsim tagħha (kemm għall-effetti sistemiċi kif ukoll għall-effetti fuq is-sit tat-teħid); jew — is-sustanza ma tkunx reattiva, ma tkunx solubbli u mhux inalabbli, u ma hemm l-ebda evidenza ta' assorbiment u l-ebda evidenza ta' tossiċità f'"test limitu" ta' 28 jum, b'mod partikolari jekk tali xejra tingħaqad ma' esponiment limitat għall-bniedem. Ir-rotta x-xierqa għandha tintgħażel fuq il-bażi li ġejja: L-ittestjar bir-rotta dermali huwa xieraq jekk: (1) il-kuntatt mal-ġilda fil-produzzjoni u/jew l-użu ikun improbabbli; u (2) il-proprjetajiet fiżikokimiċi jissuġġerixxu rata sinifikanti ta' assorbiment mill-ġilda; u (3) waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tkun issodisfata: — it-tossiċità tkun osservata fit-test tat-tossiċità dermali akuta f'dożi aktar baxxi milli fit-test tat-tossiċità orali; jew — effetti sistemiċi jew evidenza oħra ta' assorbiment huma osservati fi studji tal-ġilda u/jew tal-irritazzjoni tal-għajnejn; jew — testijiet *in vitro* jindikaw assorbiment dermali sinifikanti; jew — tossiċità dermali jew penetrazzjoni dermali sinifikanti tkun rikonoxxuta għal sustanzi strutturalment relatati. L-ittestjar bir-rotta inalatorja huwa xieraq jekk: — l-esponiment għall-bniedem permezz tal-inalazzjoni huwa probabbli meta titqies il-pressjoni tal-fwar tas-sustanza u/jew il-possibbiltà ta' esponiment għal aerosols, partikoli jew qtar żgħar ta' daqs inalabbli.

▼M51

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
	►M64 Għan-nanoforom mingħajr rata għolja ta' taħlil f'mezzi bijoloġiċi, l-istudju għandu jinkludi investigazzjonijiet tossikokinetiċi dwar, fost oħrajn, il-perjodu ta' rkupru u, fejn rilevanti, it-tneħħija mill-pulmun. L-investigazzjonijiet tossikokinetiċi ma għandhomx għalfejn isiru jekk diġà jkun hemm disponibbli informazzjoni tossikokinetika ekwivalenti dwar in-nanoforma. ◄ Studji ulterjuri għandhom jiġu proposti mir-reġistrant jew jistgħu jkunu mitluba mill-Aġenzija skont l-Artikolu 40 jew 41 fil-każ ta': — nuqqas li jiġi identifikat NOAEL fl-istudju ta' 90 jum, sakemm ir-raġuni għan-nuqqas ta' identifikazzjoni ta' NOAEL ma tkunx in-nuqqas ta' effetti tossiċi negattivi; jew — tossiċità ta' tħassib partikolari (eż. effetti serji/gravi); jew — indikazzjonijiet ta' effett li l-evidenza disponibbli tiegħu mhuwiex xieraq għal karatterizzazzjoni tossikoloġika u/jew tar-riskji. F'każijiet bħal dawn jista' jkun iktar xieraq li jsiru studji tossikoloġiċi speċifiċi mfassla biex jistħarrġu dawn l-effetti (eż. l-immunotossiċità, in-newrotossiċità, u b'mod partikolari għan-nanoforom, il-ġenotossicità indiretta), jew — tħassib partikolari fir-rigward tal-esponiment (eż. użu fi prodotti għall-konsumatur li jwassal għal livelli ta' esponiment li jkunu qrib tal-livelli ta' doża li fihom wieħed jista' jistenna tossiċità għall-bniedem).

▼C1

8.7. Tossiċità riproduttiva	►M64 8.7. L-istudji ma hemmx bżonn li jsiru jekk: — is-sustanza hija magħrufa li hi karċinoġenu ġenotossiku, li jissodisfa l-kriterji għal klassifikazzjoni kemm fil-klassi ta' periklu ta' mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali (kategorija 1 A jew 1B jew 2) kif ukoll ta' karċinoġeniċità (kategorija 1 A jew 1B), u jiġu implimentati miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju, jew — is-sustanza hija magħrufa li hi mutaġen għaċ-ċelloli ġerminali, li jissodisfa l-kriterji għal klassifikazzjoni fil-klassi ta' periklu ta' mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali (kategorija 1 A jew 1B) u jiġu implimentati miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju, jew — is-sustanza tkun ta' attività tossikoloġika baxxa (sett tad-*data* komprensiv u informattiv li ma juri l-ebda tossiċità fl-ebda mit-testijiet disponibbli), li jista' jiġi ppruvat minn *data* tossikokinetika li l-ebda assorbiment tas-sistema ma jseħħ minn rotot relevanti ta' esponiment (pereżempju, konċentrazzjonijiet ta' plasma/demm taħt il-limitu

▼C1

KOLONNA 1INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
	ta' detezzjoni bl-użu ta' metodu sensittiv u n-nuqqas tas-sustanza u ta' metaboliti tas-sustanza fl-awrina, bili jew arja mitfugħa 'l barra) u ma hemm l-ebda esponiment jew l-ebda esponiment sinifikattiv uman. Jekk sustanza hija magħrufa li għandha effett negattiv fuq il-funzjonament sesswali u l-fertilità, u tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni fil-klassi ta' periklu ta' tossiċità riproduttiva (kategorija 1 A jew 1B: Tista' tagħmel ħsara lill-fertilità (H360F)), u d-*data* disponibbli hija adegwata biex tappoġġja valutazzjoni tar-riskju robusta, u allura ma għandu jkun meħtieġ l-ebda ttestjar ulterjuri għall-funzjonament sesswali u għall-fertilità. Jekk sustanza hija magħrufa li tikkawża tossiċità fl-iżvilupp, u tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni fil-klassi ta' periklu ta' tossiċità riproduttiva (kategorija 1 A jew 1B: Tista' tagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf (H360D)), u d-*data* disponibbli hija adegwata biex tappoġġja valutazzjoni tar-riskju robusta, u allura ma għandu jkun meħtieġ l-ebda ttestjar ulterjuri għat-tossiċità fl-iżvilupp. ◄
8.7.2. Studju tat-tossiċità għall-iżvilupp ta' qabel it-twelid, speċi waħda, l-aktar rotta adatta ta' amministrazzjoni, b'kont meħud tar-rotta probabbli ta' espożizzjoni umana (B.31 tar-Regolament tal-Kummissjoni dwar metodi ta' test kif speċifikat fl-Artikolu 13(2) jew OECD 414).	8.7.2. L-istudju għandu inizjalment jiġi mwettaq fuq speċi waħda. Deċiżjoni dwar il-ħtieġa li jiġi mwettaq studju f'dan il-livell ta' tunnellaġġ jew dak li jmiss fuq speċi oħra (it-tieni waħda) għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultat ta' l-ewwel test u d-data disponibbli relevanti l-oħra kollha.

▼M29

8.7.3. L-Istudju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċità għar-Riproduzzjoni (B.56 tar-Regolament tal-Kummissjoni dwar il-metodi tal-ittestjar kif speċifikat fl-Artikolu 13(3) jew OECD 443), tfassil tat-test bażiku (il-koorti 1 A u 1B mingħajr estensjoni biex tiġi inkluża il-ġenerazzjoni F2), speċi waħda, l-iktar rotta xierqa għall-amministrazzjoni, filwaqt li titqies ir-rotta probabbli tal-esponiment tal-bniedem, jekk l-istudji tat-tossiċità tad-doża ripetuti disponibbli (pereżempju studji fuq 28 jew 90 jum, studji tal-iskrinjar OECD 421 jew 422) jindikaw effetti negattivi fuq l-organi jew it-tessuti riproduttivi jew juru tħassib ieħor b'rabta mat-tossiċità għar-riproduzzjoni.	8.7.3. Studju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċità għar-Riproduzzjoni bl-estensjoni tal-koort 1B biex tiġi inkluża l-ġenerazzjoni F2 għandu jiġi propost mir-reġistrant jew jista' jintalab mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikoli 40 jew 41, jekk: (a) is-sustanza għandha użi li jwasslu għal esponiment sinifikanti tal-konsumaturi jew tal-professjonisti, filwaqt li jitqies, *inter alia*, l-esponiment tal-konsumatur mill-artikli, u (b) kwalunkwe minn dawn il-kundizzjonijiet hija sodisfatta: — is-sustanza turi effetti ġenotossiċi f'testijiet tal-mutaġeniċità taċ-ċelloli somatiċi *in vivo* li jistgħu jwasslu biex tiġi klassifikata bħala mutaġena tal-Kategorija 2, jew — hemm indikazzjonijiet li d-doża interna għas-sustanza u/jew xi waħda mill-metaboliti tagħha se tilħaq stat stabbli fl-annimali użati għat-test wara esponiment estiż biss, jew

▼**M29**

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
	— hemm indikazzjonijiet ta' modalità waħda jew aktar rilevanti ta' azzjoni b'rabta mat-tfixkil endokrinali minn studji *in vivo* disponibbli jew aproċċi li ma jinvolvux l-annimali. Studju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċità għar-Riproduzzjoni li jinkludi l-koorti 2 A/2B (newrotossiċità għall-iżvilupp) u/jew il-koort 3 (immunotossiċità għall-iżvilupp) għandu jiġi propost mir-reġistrant jew jista' jintalab mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikoli 40 jew 41, f'każ ta' tħassib partikolari dwar newrotossiċità (għall-iżvilupp) jew immunotossiċità (għall-iżvilupp) ġustifikat permezz ta' waħda minn dawn: — informazzjoni eżistenti dwar is-sustanza nfisha minn aproċċi *in vivo* jew li ma jinvolvux l-annimali disponibbli rilevanti (pereżempju abnormalitajiet tas-sistema nervuża ċentrali, evidenza ta' effetti negattivi fuq is-sistema nervuża jew tal-immunità fi studji fuq annimali adulti jew annimali esposti qabel it-twelid), jew — mekkaniżmi/modi speċifiċi ta' azzjoni tas-sustanza b'assoċjazzjoni man-newrotossiċità (għall-iżvilupp) u/jew l-immunotossiċità (għall-iżvilupp) (pereżempju l-inibizzjoni tal-kolinesterasi jew tibdiliet rilevanti fil-livelli tal-ormoni tat-tirojde assoċjati ma' effetti negattivi), jew — informazzjoni eżistenti dwar l-effetti kkawżati minn sustanzi strutturalment analogi għas-sustanza li tkun qed tiġi studjata, li tissuġġerixxi tali effetti jew mekkaniżmi/modi ta' azzjoni. Studji oħra dwar in-newrotossiċità għall-iżvilupp u/jew l-immunotossiċità għall-iżvilupp minflok il-koorti 2 A/2B (newrotossiċità għall-iżvilupp) u/jew il-koort 3 (immunotossiċità għall-iżvilupp) tal-Istudju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċità għar-Riproduzzjoni jistgħu jiġu proposti mir-reġistrant biex jiġi kjarifikat it-tħassib dwar it-tossiċità għall-iżvilupp. Studji fuq żewġ ġenerazzjonijiet tat-tossiċità għar-riproduzzjoni (B.35, OECD TG 416) li nbdew qabel it-13 ta' Marzu 2015 għandhom jitqiesu f'lokhom biex jiġi indirizzat dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni standard. L-istudju għandu jitwettaq fuq speċi waħda. Tista' titqies il-ħtieġa li jitwettaq studju f'dan il-livell ta' tunnellaġġ jew fil-livell li jmiss fuq it-tieni razza jew it-tieni speċi u kwalunkwe deċiżjoni għandha tittieħed abbażi tar-riżultati tal-ewwel test u d-dejta kolha l-oħra rilevanti li tkun disponibbli.

▼C1

9. INFORMAZZJONI EKOTOSSIKOLOĠIKA

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
9.1. Tossiċità akkwatika	9.1. L-ittestjar ta' tossiċità għall-perjodu fit-tul għandu jkun propost mir-reġistrant jekk il-valutazzjoni ta' sigurtà kimika skond l-Anness I tindika l-ħtieġa għal investigazzjoni ulterjuri ta' l-effetti fuq organiżmi akkwatiċi. L-għażla tat-test(ijiet) adatt(i) tiddependi fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' sigurtà kimika.
9.1.5. Ittestjar għal tossiċità għal perjodu fit-tul fuq invertebrati (speċi ppreferuti Daphnia), (dment li mhux diġà provdut bħala parti mir-rekwiżiti ta' l-Anness V)	
9.1.6. Ittestjar għal tossiċità għal perjodu fit-tul fuq ħut, (dment li mhux diġà provdut bħala parti mir-rekwiżiti ta' l-Anness VIII) L-informazzjoni għandha tkun prevista għal wieħed minn dawn li ġejjin 9.1.6.1, 9.1.6.2 jew 9.1.6.3.	
9.1.6.1. Test ta' tossiċità ta' l-istadju bikri tal-ħajja tal-ħut (FELS)	
9.1.6.2. Test ta' tossiċità għal perjodu qasir tal-ħut fl-istadji ta' l-embryo u meta jkunu bil-frieħ	
9.1.6.3. Test ta' ħut u ta'żvilupp ġuvenili	
9.2. Degradazzjoni	9.2. L-ittestjar ta' degradazzjoni bijotika ulterjuri għandu jkun propost mir-reġistrant jekk il-valutazzjoni ta' sigurtà kimika skond l-Anness I tindika l-ħtieġa ta' investigazzjoni ulterjuri tad-degradazzjoni tas-sustanza u l-prodotti ta' degradazzjoni tagħha. L-għażla tat-test(ijiet) adatt(i) tiddependi fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' sigurtà kimika u tista' tinkludi ttestjar ta' simulazzjoni f'mezz adatt (per eżempju, ilma, sediment jew ħamrija).
9.2.1. Bijotika	

▼M51

9.2.1.2. Ittestjar b'simulazzjoni dwar degradazzjoni aħħarija fl-ilma tal-wiċċ	9.2.1.2. Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk: is-sustanza hija insolubbli ħafna fl-ilma, jew is-sustanza tkun faċilment bijodegradabbli. Għan-nanoforom, l-istudju ma jistax ikun derogat abbażi tal-insolubbiltà għolja fl-ilma biss.

▼C1

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA		KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
9.2.1.3.	Ittestjar ta' simulazzjoni fuq il-ħamrija (għal sustanzi b'potenzjal għoli għal assorbiment fil-ħamrija)	9.2.1.3. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk: — is-sustanza tkun faċilment bijodegradabbli; jew — jekk espożizzjoni diretta u indiretta tal-ħamrija ma tantx hi possibbli.
9.2.1.4.	Ittestjar ta' simulazzjoni fuq is-sediment (għal sustanzi b'potenzjal għoli għal assorbiment fis-sediment)	9.2.1.4. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk: — is-sustanza tkun faċilment bijodegradabbli; jew — jekk espożizzjoni diretta u indiretta tal-ħamrija ma tantx hi possibbli.
9.2.3.	Identifikazzjoni ta' prodotti ta' degradazzjoni	9.2.3. Ħlief jekk is-sustanza tkun faċilment bijodegradabbli

▼M51

9.3.	Destin u komportament fl-ambjent	
9.3.2.	Bijoakkumulazzjoni fi speċiijiet akkwatiċi, preferibbilment ħut	9.3.2. Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk: is-sustanza jkollha potenzjal baxx għal bijoakkumulazzjoni (pereżempju log Kow ≤ 3) u/jew potenzjal baxx li taqsam il-membrani bijoloġiċi; jew esponiment dirett u indiretta tal-kompartiment akkwatiku huwa improbabbli. ►M64 L-istudju ma jistax jiġi rrinunzjat fuq il-bażi ta' koeffiċjent ta' partizzjoni ilma/ottanol baxx biss, sakemm il-potenzjal għall-bijoakkumulazzjoni tas-sustanza ma jkunx xprunat biss mil-lipofiliċità. Pereżempju, l-istudju ma jistax jiġi rrinunzjat fuq il-bażi ta' koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol/ilma baxx biss jekk is-sustanza tkun attiva fil-wiċċ jew tkun jonizzabbli f'pH ambjentali (pH 4 – 9). ◄ Għan-nanoforom, l-użu ta' kwalunkwe proprjetà fiżikokimika (eż. il-koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol/ilma, ir-rata ta' taħlil, l-istabbiltà fid-dispersjoni) bħala raġuni għad-deroga tal-istudju għandu jinkludi ġustifikazzjoni xierqa tar-rilevanza tiegħu għal potenzjal baxx ta' bijoakkumulazzjoni, jew għal esponiment improbabbli, dirett jew indirett, tal-kompartiment akkwatiku.
9.3.3.	Informazzjoni ulterjuri dwar l-adsorbiment/id-desorbiment skont ir-riżultati tal-istudju meħtieġ fl-Anness VIII	9.3.3. Mhux neċessarju li jsir l-istudju jekk: abbażi tal-proprjetajiet fiżikokimiċi, wieħed jista' jistenna li s-sustanza jkollha potenzjal baxx għall-adsorbiment (eż. is-sustanza għandha koeffiċjent baxx ta' partizzjoni ottanol/ilma); jew is-sustanza u l-prodotti ta' degradazzjoni tagħha jiddekomponu malajr. ►M64 L-istudju ma jistax jiġi rrinunzjat fuq il-bażi ta' koeffiċjent ta' partizzjoni ilma/ottanol baxx biss, sakemm il-karatteristiċi tal-adsorbiment tas-sustanza ma jkunux xprunati biss mil-lipofiliċità. Pereżempju, l-istudju ma jistax jiġi rrinunzjat fuq il-bażi ta' koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol/ilma baxx biss jekk is-sustanza tkun attiva fil-wiċċ jew tkun jonizzabbli f'pH ambjentali (pH 4 – 9). ◄ Għan-nanoforom, l-użu ta' kwalunkwe proprjetà fiżikokimika (eż. il-koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol/ilma, ir-rata ta' taħlil, l-istabbiltà fid-dispersjoni) bħala raġuni għad-deroga tal-istudju għandu jinkludi ġustifikazzjoni xierqa tar-rilevanza tiegħu għal potenzjal baxx ta' adsorbiment.

▼M51

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA		KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1	
9.4.	Effetti fuq organiżmi tal-art	9.4.	Mhux neċessarju li jsiru dawn l-istudji jekk l-esponiment dirett u indirett tal-kompartiment tal-ħamrija huwa improbabbli. Fin-nuqqas ta' dejta dwar it-tossiċità għall-organiżmi tal-ħamrija, il-metodu tal-partizzjoni tal-ekwilibriju jista' jiġi applikat għall-valutazzjoni tal-periklu għall-organiżmi tal-ħamrija. Fejn il-metodu tal-partizzjoni tal-ekwilibriju jiġi applikat għan-nanoforom, dawn għandu jkun iġġustifikat xjentifikament. L-għażla tat-testijiet xierqa tiddependi fuq ir-riżultat tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika. B'mod partikolari għas-sustanzi li għandhom potenzjal għoli ta' adsorbiment għall-ħamrija jew li huma persistenti ħafna, ir-reġistrant għandu jqis l-ittestjar tat-tossiċità fit-tul minflok għal perjodu qasir.
▼C1			
9.4.1.	Tossiċità għal perjodu qasir għall-invertebrati		
9.4.2.	Effetti fuq mikro-organiżmi tal-ħamrija		
9.4.3.	Tossiċità għal perjodu qasir għall-pjanti		

10. METODI TA' SKOPERTA U ANALIŻI

Għandha tiġi provduta, meta tkun mitluba, deskrizzjoni tal-metodi analitiċi għall-kompartimenti relevanti li għalihom kienu mwettqa studji bl-użu tal-metodu analitiku konċernat. Jekk il-metodi analitiċi mhumiex disponibbli dan għandu jkun ġustifikat.

▼C1

ANNESS X

REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI STANDARD GĦAL SUSTANZI MANIFATTURATI JEW IMPORTATI FI KWANTITAJIET TA' 1 000 TUNNELLATA METRIKA JEW AKTAR ([1])

Fil-livell ta' dan l-Anness, ir-reġistrant għandu jippreżenta proposta u skeda ta' żmien sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' informazzjoni ta' dan l-Anness skond l-Artikolu 12(1)(e).

Il-kolonna 1 ta' dan l-Anness tistabbilixxi l-informazzjoni standard meħtieġa għas-sustanzi kollha manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta' 1 000 tunnellata metrika jew aktar skond l-Artikolu 12(1)(e). Għaldaqstant, l-informazzjoni meħtieġa fil-kolonna 1 ta' dan l-Anness hija addizzjonali għal dik meħtieġa fil-kolonna 1 ta' l-Annessi VII, VIII u IX. Kwalunkwe informazzjoni oħra fiżiko-kimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika relevanti li tkun disponibbli għandha tiġi provduta. Il-kolonna 2 ta' dan l-Anness telenka regoli speċifiċi skond liema r-reġistrant jista' jipproponi li jħalli barra l-informazzjoni standard meħtieġa, jew jissostitwixxiha b'informazzjoni oħra, jew jipprovdiha fi stadju aktar tard jew jadattaha bi kwalunkwe mod ieħor. Jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li taħthom il-kolonna 2 ta' dan l-Anness tippermetti proposta ta adattament, ir-reġistrant għandu jiddikjara b'mod ċar dan il-fatt u r-raġunijiet tal-proposta tiegħu għal kull adattament taħt l-intestaturi xierqa fid-dossier ta' reġistrazzjoni.

▼M51

Mingħajr ħsara għall-informazzjoni sottomessa għal forom oħra, kull informazzjoni fiżikokimika, tossikoloġika u ekotossikoloġika rilevanti għandha tinkludi karatterizzazzjoni tan-nanoforma ttestjata u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar. Fejn jintużaw QSARs jew tinkiseb evidenza b'mezz ieħor għajr l-ittestjar, għandha tingħata ġustifikazzjoni, kif ukoll deskrizzjoni tal-firxa tal-karatteristiċi/proprjetajiet li tista' tiġi applikata għaliha l-evidenza.

▼C1

Addizzjonalment għal dawn ir-regoli speċifiċi, reġistrant jista' jipproponi li jadatta l-informazzjoni standard meħtieġa prevista fil-kolonna 1 ta' dan l-Anness skond ir-regoli ġenerali li jinsabu fl-Anness XI. F'dan il-każ ukoll, għandu jiddikjara b'mod ċar ir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni li jipproponi adattamenti għall-informazzjoni standard taħt l-intestaturi xierqa fid-dossier ta' reġistrazzjoni b'referenza għar-regola jew regoli speċifiċi xierqa fil-kolonna 2 jew fl-Annessi XI ([2]).

Qabel ma jiġu mwettqa testijiet ġodda sabiex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet elenkati f'dan l-Anness, għandhom jiġu valutati l-ewwel id-data *in vitro*, id-data *in vivo*, id-data umana storika, id-data minn (Q)SARs validi u d-data minn sustanzi strutturalment relatati (l-approċċ read-across) kollha li jkunu disponibbli. Għandu jkun evitat l-ittestjar *in vivo* b'sustanzi korrożivi b'livelli ta' konċentrazzjoni/doża li jikkawżaw korrożività. Qabel l-ittestjar, għandha tkun konsultata, addizzjonalment ma' dan l-Anness, gwida ulterjuri dwar strateġiji ta' ttestjar.

▼M64

Meta metodu ta' ttestjar joffri flessibbiltà fid-disinn tal-istudju, pereżempju fir-rigward tal-għażla tal-livelli tad-doża, id-disinn tal-istudju magħżul għandu jiżgura li d-*data* ġġenerata tkun adegwata għall-identifikazzjoni tal-periklu u

([1]) Dan l-Anness għandu japplika għal prodotturi ta' oġġetti li huma meħtieġa jirreġistraw skond l-Artikolu 7 u għal utenti downstream oħra li huma meħtieġa jagħmlu testijiet skond dan ir-Regolament adattat kif meħtieġ.

([2]) Nota: il-kundizzjonijiet sabiex ma jkunx meħtieġ test speċifiku li huma stabbiliti fil-metodi xierqa ta' ttestjar fir-Regolament tal-Kummissjoni dwar metodi ta' ttestjar kif speċifikati fl-Artikolu 13(2) li m'humiex ripetuti fil-kolonna 2, japplikaw ukoll.

▼M64

għall-valutazzjoni tar-riskju. Għal dan il-għan, l-ittestjar għandu jitwettaq f'livelli ta' doża li huma għoljin kif xieraq. Jekk l-għażla tad-doża (il-konċentrazzjoni) tkun limitata mill-proprjetajiet fiżikokimiċi jew mill-effetti bijoloġiċi tas-sustanza tat-test, għandha tingħata ġustifikazzjoni.

▼C1

Meta, għal ċerti end-points, ikun propost li ma tiġix provduta informazzjoni għal raġunijiet oħra għajr dawk imsemmija fil-kolonna 2 ta' dan l-Anness jew fl-Anness XI, dan il-fatt u r-raġunijiet għandhom ukoll ikunu ddikjarati b'mod ċar.

8. INFORMAZJONI TOSSIKOLOĠIKA

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
	8.4. Jekk hemm riżultat pożittiv fi kwalunkwe studju ta' ġenotossiċità in vitro fl-Anness VII jew VIII u m'hemmx diġà riżultat disponibbli minn studju ieħor in vivo, studju in vivo xieraq ta' ġenotossiċità ta' somatic cell għandu jiġi propost mir-reġistrant. Jekk hemm disponibbli riżultat pożittiv minn studju ta' ċellula somatika in vivo, il-potenzjal għal mutaġeniċità ta' ċellula bijoloġika għandu jiġi kunsidrat abbażi tad-data disponibbli kollha, inkluż evidenza tossikokinetika. L-istudju ma jkunx hemm għalfejn isir jekk:
▼M51   <

▼C1

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
	— indikazzjonijiet ta' effett għal liema l-evidenza disponibbli tkun inadegwata għal karatterizzazzjoni tossikoloġika u/jew tar-riskji; F'każijiet bħal dawn jista' jkun ukoll il-każ li jiġu mwettqa studji tossikoloġiċi speċifiċi li huma mfassla sabiex jinvestigaw dawn l-effetti (per eżempju, immunotossiċità, newrotossiċità); jew — tħassib partikolari fir-rigward ta' espożizzjoni (eż fi prodotti tal-konsumatur li jwasslu għal-livelli ta' espożizzjoni li huma qrib għal-livelli ta' dożo fejn tiġi osservata i-tossiċità).
8.7. Tossiċità riproduttiva	►**M64** 8.7. L-istudji ma hemmx bżonn li jsiru jekk: — is-sustanza hija magħrufa li hi karċinoġenu ġenotossiku, li jissodisfa l-kriterji għal klassifikazzjoni kemm fil-klassi ta' periklu ta' mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali (kategorija 1 A jew 1B jew 2) kif ukoll ta' karċinoġeniċità (kategorija 1 A jew 1B), u jiġu implimentati miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju, jew — is-sustanza hija magħrufa li hi mutaġen għaċ-ċelloli ġerminali, li jissodisfa l-kriterji għal klassifikazzjoni fil-klassi ta' periklu ta' mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali (kategorija 1 A jew 1B) u jiġu implimentati miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju, jew — is-sustanza tkun ta' attività tossikoloġika baxxa (sett tad-*data* komprensiv u informattiv li ma juri l-ebda tossiċità fl-ebda mit-testijiet disponibbli), li jista' jiġi pruvat minn *data* tossikokinetika li l-ebda assorbiment tas-sistema ma jseħħ minn rotot relevanti ta' esponiment (pereżempju, konċentrazzjonijiet ta' plasma/demm taħt il-limitu ta' detezzjoni bl-użu ta' metodu sensittiv u n-nuqqas tas-sustanza u ta' metaboliti tas-sustanza fl-awrina, bili jew arja mitfugħa 'l barra) u ma hemm l-ebda esponiment uman jew l-ebda esponiment sinifikattiv. Jekk sustanza hija magħrufa li għandha effett negattiv fuq il-funzjonament sesswali u l-fertilità, u tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni fil-klassi ta' periklu ta' tossiċità riproduttiva (kategorija 1 A jew 1B: Tista' tagħmel ħsara lill-fertilità (H360F)), u d-*data* disponibbli hija adegwata biex tappoġġja valutazzjoni tar-riskju robusta, u allura ma għandu jkun meħtieġ l-ebda ttestjar ulterjuri għall-funzjonament sesswali u għall-fertilità. Jekk sustanza hija magħrufa li tikkawża tossiċità fl-iżvilupp, u tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni fil-klassi ta' periklu ta' tossiċità riproduttiva (kategorija 1 A jew 1B: Tista' tagħmel ħsara lit-tarbija li għadha fil-ġuf (H360D)), u d-*data* disponibbli hija adegwata biex tappoġġja valutazzjoni tar-riskju robusta, u allura ma għandu jkun meħtieġ l-ebda ttestjar ulterjuri għat-tossiċità fl-iżvilupp. ◄
8.7.2. Studju tat-tossiċità għall-iżvilupp, speċi waħda, l-aktar rotta adatta ta' amministrazzjoni, b'kont meħud tar-rotta probabbli ta' espożizzjoni umana (Anness X B.31 jew OECD 414).	

▼C1

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
▼M29	
8.7.3. Studju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċità għar-Riproduzzjoni (B.56 tar-Regolament tal-Kummissjoni dwar metodi tal-ittestjar kif speċifikat fl-Artikolu 13(3) jew OECD 443), tfassil bażiku tat-test (il-koorti 1 A u 1B mingħajr l-estensjoni biex tiddaħħal il-ġenerazzjoni F2), speċi waħda, mod l-iktar xieraq ta' amministrazzjoni, filwaqt li jitqies l-aktar mod probabbli ta' esponiment tal-bniedem, sakemm ma jkunx stipulat diġà bħala parti mir-rekwiżiti tal-Anness IX.	8.7.3. Studju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċità għar-Riproduzzjoni bl-estensjoni tal-koort 1B biex tiġi inkluża l-ġenerazzjoni F2 għandu jiġi propost mir-reġistrant jew jista' jintalab mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikoli 40 jew 41, jekk: (a) is-sustanza għandha użi li jwasslu għal esponiment sinifikanti tal-konsumaturi jew il-professjonisti, filwaqt li jitqies, *inter alia*, l-esponiment tal-konsumatur mill-artikli, jew (b) kwalunkwe minn dawn il-kundizzjonijiet hija sodisfatta: — is-sustanza turi effetti ġenotossiċi f'testijiet tal-mutaġeniċità taċ-ċelloli somatiċi *in vivo* li jistgħu jwasslu biex tiġi klassifikata bħala mutaġena tal-Kategorija 2, jew — hemm indikazzjonijiet li d-doża interna għas-sustanza u/jew xi waħda mill-metaboliti tagħha se tilħaq stat stabbli fl-annimali użati għat-test wara esponiment estiż biss, jew — hemm indikazzjonijiet ta' modalità waħda jew aktar rilevanti ta' azzjoni b'rabta mat-tfixkil endokrinali minn studji *in vivo* disponibbli jew aproċċi li ma jinvolvux l-annimali. Studju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċità għar-Riproduzzjoni li jinkludi l-koorti 2 A/2B (newrotossiċità għall-iżvilupp) u/jew il-koort 3 (immunotossiċità għall-iżvilupp) għandu jiġi propost mir-reġistrant jew jista' jintalab mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikoli 40 jew 41, f'każ ta' tħassib partikolari dwar newrotossiċità (għall-iżvilupp) jew immunotossiċità (għall-iżvilupp) ġustifikat permezz ta' waħda minn dawn: — informazzjoni eżistenti dwar is-sustanza nfisha minn aproċċi *in vivo* jew li ma jinvolvux l-annimali disponibbli rilevanti (pereżempju abnormalitajiet tas-sistema nervuża ċentrali, evidenza ta' effetti negattivi fuq is-sistema nervuża jew tal-immunità fi studji fuq annimali adulti jew annimali esposti qabel it-twelid), jew — mekkaniżmi/modi speċifiċi ta' azzjoni tas-sustanza b'assoċjazzjoni man-newrotossiċità (għall-iżvilupp) u/jew l-immunotossiċità (għall-iżvilupp) (pereżempju l-inibizzjoni tal-kolinesterasi jew tibdiliet rilevanti fil-livelli tal-ormoni tat-tirojde assoċjati ma' effetti negattivi), jew — informazzjoni eżistenti dwar l-effetti kkawżati minn sustanzi strutturalment analogi għas-sustanza li tkun qed tiġi studjata, li tissuġġerixxi tali effetti jew mekkaniżmi/modi ta' azzjoni.

▼M29

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
	Studji oħra dwar in-newrotossiċità għall-iżvilupp u/jew l-immunotossiċità għall-iżvilupp minflok il-koorti 2 A/2B (newrotossiċità għall-iżvilupp) u/jew il-koort 3 (immunotossiċità għall-iżvilupp) tal-Istudju Estiż fuq Ġenerazzjoni Waħda tat-Tossiċità għar-Riproduzzjoni jistgħu jiġu proposti mir-reġistrant biex jiġi kjarifikat it-tħassib dwar it-tossiċità għall-iżvilupp. Studji fuq żewġ ġenerazzjoni tat-tossiċità għar-riproduzzjoni (B.35, OECD TG 416) li nbdew qabel it-13 ta' Marzu 2015 għandhom jitqiesu f'lokhom biex jiġi indirizzat dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni standard.

▼C1

8.9.1. Studju ta' karċinoġeniċità	8.9.1. Studji ulterjuri għandhom jiġu proposti mir-reġistrant jew jistgħu jkunu mitluba mill-Aġenzija skond l-Artikolui 39 u 40 jekk: — is-sustanza għandha użu wiesa' dispersiv jew hemm evidenza ta' espożizzjoni umana frekwenti jew għal tul ta' żmien; u ►M3 — is-sustanza hija klassifikata bħala mutaġen għaċ-ċelloli ġerminali kategorija 2 jew hemm evidenza minn studju/i ta' dożi ripetuti li s-sustanza kapaċi twassal għal iperplasija u/jew leżjonijiet preneoplastiċi. ◄ ►M3 Jekk is-sustanza hija klassifikata bħala mutaġen għaċ-ċelloli ġerminali kategorija 1A jew 1B, il-preżunzjoni default tkun li mekkaniżmu ġenotossiku għall-karċinoġeniċità huwa probabbli. F'dawn il-każijiet, test tal-karċinoġeniċità ma jkunx normalment meħtieġ. ◄

9. INFORMAZZJONI EKOTOSSIKOLOĠIKA

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA	KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1
9.2. Degradazzjoni 9.2.1. Bijotika	9.2. L-ittestjar ta' degradazzjoni bijotika ulterjuri għandu jkun propost mir-reġistrant jekk il-valutazzjoni ta' sigurtà kimika skond l-Anness I tindika l-ħtieġa ta' investigazzjoni ulterjuri tad-degradazzjoni tas-sustanza u l-prodotti ta' degradazzjoni tagħha. L-għażla tat-test(ijiet) adatt(i) tiddependi fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' sigurtà kimika u ma tistax tinkludi ttestjar f'mezz adatt (per eżempju, ilma, sediment jew ħamrija).
9.3. Destin u atteġġament fl-ambjent	
9.3.4. Informazzjoni ulterjuri dwar id-destin u l-atteġġament ambjentali tas-sustanza u/jew tal-prodotti ta' degradazzjoni	9.3.4. L-ittestjar ulterjuri għandu jkun propost mir-reġistrant jew jista' jkun mitlub mill-Aġenzija skond l-Artikolu 39 jew 40 jekk il-valutazzjoni ta' sigurtà kimika skond l-Anness I tindika l-ħtieġa għal investigazzjoni ulterjuri tad-destinn u l-atteġġament tas-sustanza. L-għażla tat-test(ijiet) adatt(i) tiddependi fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' sigurtà kimika.

▼C1

KOLONNA 1 INFORMAZZJONI STANDARD MEĦTIEĠA		KOLONNA 2 REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL ADATTAMENT MILL-KOLONNA 1	
9.4.	Effetti fuq organiżmi ta' l-art	9.4.	L-ittestjar ta' tossiċità għall-perjodu fit-tul għandu jkun propost mir-reġistrant jekk ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' sigurtà kimika skond l-Anness I tindika l-ħtieġa għal investigazzjoni ulterjuri ta' l-effetti tas-sustanza u/jew il-prodotti ta' degradazzjoni fuq organiżmi ta' l-art. L-għażla tat-test(i-jiet) adatt(i) tiddependi fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' sigurtà kimika. Dawn l-istudji ma hemm għalfejn isiru jekk espożizzjoni diretta u indiretta tal-kompartiment tal-ħamrija ma tantx hi probabbli.
9.4.4.	Ittestjar għal tossiċità għal perjodu fit-tul fuq invertebrati, dment li mhux diġà provdut bħala parti mir-rekwiżiti ta' l-Anness IX		
9.4.6.	Ittestjar għal tossiċità għal perjodu fit-tul fuq il-pjanti, dment li mhux diġà provdut bħala parti mir-rekwiżiti ta' l-Anness IX		
9.5.1.	Tossiċità fil-perjodu fit-tul għal organiżmi sedimentarji	9.5.1.	L-ittestjar ta' tossiċità għall-perjodu fit-tul għandu jkun propost mir-reġistrant jekk ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' sigurtà kimika tindika l-ħtieġa għal investigazzjoni ulterjuri ta' l-effetti tas-sustanza u/jew il-prodotti ta' degradazzjoni relevanti fuq organiżmi sedimentarji. L-għażla tat-test(ijiet) adatt(i) tiddependi fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' sigurtà kimika.
9.6.1.	Tossiċità għall-perjodu fit-tul jew tar-riproduttività ta' l-għasafar	9.6.1.	Kwalunkwe ħtieġa għal ittestjar għandha tkun kunsidrata bir-reqqa b'kont meħud tad-dataset mammalja kbira li s-soltu tkun disponibbli f'dan il-livell ta' tunnaġġ.

10. METODI TA' SKOPERTA U TA' ANALIŻI

Għandha tiġi provduta, meta tkun mitluba, deskrizzjoni tal-metodi analitiċi għall-kompartimenti relevanti li għalihom twettqu studji bl-użu tal-metodu analitiku konċernat. Jekk il-metodi analitiċi ma jkunux disponibbli dan għandu jkun ġustifikat.

▼C1

ANNESS XI

REGOLI ĠENERALI GĦALL-ADATTAMENT TAR-REĠIM TA' TTESTJAR STANDARD PREVIST FL-ANNESSI VII SA X

L-Annessi VII sa X jesponu r-rekwiżiti ta' informazzjoni għas-sustanzi kollha manifatturati jew importati fi kwantitajiet ta':

— tunnellata metrika jew aktar konformement ma' l-Artikolu 12(1)(a),

— 10 tunnellata metrika jew aktar konformement ma' l-Artikolu 12(1)(ċ),

— 100 tunnellata metrika jew aktar konformement ma' l-Artikolu 12(1)(d), u

— 1 000 tunnellata metrika jew aktar konformement ma' l-Artikolu 12(1) (e).

Addizzjonalment għar-regoli speċifiċi disposti fil-Kolonna 2 ta' l-Annessi VII sa X, reġistrant jista' jadatta r-reġim ta' ttestjar standard konformement mar-regoli ġenerali disposti fit-Taqsima 1 ta' dan l-Anness. Taħt valutazzjoni tad-dossier, l-Aġenzija tista' tivvaluta dawn l-adattamenti għar-reġim ta' ttestjar standard.

▼M51

Ir-rekwiżiti speċifiċi għan-nanoforom f'dan l-Anness huma mingħajr ħsara għar-rekwiżiti applikabbli għal forom oħra ta' sustanza.

▼C1

1. METAL-ITTESTJAR MA JIDHIRX MEĦTIEĠ XJENTIFIKAMENT

1.1. **Użu ta' data eżistenti**

▼M64

Kwalunkwe *data* ġġenerata mill-1 ta' Ġunju 2008 ma għandhiex titqies bħala *data* eżistenti u ma għandhiex tkun soġġetta għar-regoli ġenerali għall-adattament stabbiliti f'dan il-punt (1.1).

1.1.1. *Data dwar il-karatteristiċi fiżikokimiċi mill-esperimenti mhux mwettqa skont il-metodi ta' ttestjar imsemmija fl-Artikolu 13(3)*

▼C1

Id-data għandha tkun kunsidrata bħala ekwivalenti għad-data ġenerata mill-metodi ta' ttestjar korrispondenti msemmija fl-Artikolu 13(3) jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1) adegwatezza għall-għan ta' klassifikazzjoni u ttikettjar u/jew ta' stima tar-riskji,

2) dokumentazzjoni suffiċjenti tkun provduta għall-valutazzjoni ta' l-adegwatezza ta' l-istudju u

3) id-data tkun valida għall-end-point li jkun investigat u l-istudju jkun mwettaq bl-użu ta' livell aċċettabbli ta' assigurazzjoni ta' kwalità.

1.1.2. *Data dwar il-proprjetajiet fiżikokimiċi mill-esperimenti mhux mwettqa skond il-GLP jew il-metodi ta' ttesjar imsemmija fl-Artikolu 13(3)*

Id-data għandha tkun kunsidrata bħala ekwivalenti għad-data ġenerata mill-metodi ta' ttestjar korrispondenti msemmija fl-Artikolu 13(3) jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1) adegwatezza għall-għan ta' klassifikazzjoni u ttikettjar u/jew ta' stima tar-riskji,

2) kopertura adegwata u affidabbli tal-parametri prinċipali previsti fl-investigazzjoni permezz tal-metodi ta' ttestjar korrispondenti msemmija fl-Artikolu 13(3),

3) dewmien ta' espożizzjoni komparabbli ma' jew itwal mill-metodi ta' ttestjar korrispondenti msemmija fl-Artikolu 13(3) jekk id-dewmien ta' l-espożizzjoni ikun parametru relevanti, u

4) tkun provduta dokumentazzjoni adegwata u affidabbli ta' l-istudju

▼M51

1.1.3. *Dejta umana storika*

Għandha titqies id-dejta umana storika, bħal studji epidemjoloġiċi dwar popolazzjonijiet esposti, dejta dwar esponiment aċċidentali jew relatat max-xogħol, u studji kliniċi.

Il-saħħa tad-dejta fir-rigward ta' effett speċifiku fuq is-saħħa tal-bniedem tiddependi, fost l-oħrajn, fuq it-tip ta' analiżi, fuq il-parametri koperti, u fuq id-daqs u l-ispeċifiċità tar-rispons u konsegwentement fuq il-prevedibbiltà tal-effett. Il-kriterji għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tad-dejta jinkludu:

(1) is-selezzjoni u l-karatterizzazzjoni kif suppost tal-gruppi esposti u ta' kontroll;

(2) karatterizzazzjoni adegwata tal-esponiment;

(3) tul suffiċjenti ta' segwitu għall-okkorrenza ta' mard;

(4) metodu validu għall-osservazzjoni ta' effett;

(5) kunsiderazzjoni xierqa ta' preġudizzji u ta' fatturi li jistgħu jfixklu; u

(6) affidabbiltà statistika raġonevoli għall-ġustifikazzjoni tal-konklużjoni.

Fil-każijiet kollha, għandha tiġi pprovduta dokumentazzjoni adegwata u affidabbli.

Fejn ir-reġistrazzjoni tkopri n-nanoforom, l-approċċ ta' hawn fuq għandu jindirizza n-nanoforom b'mod separat.

1.2. **Il-piż tal-prova**

▼M64

Ikun hemm piż tal-prova suffiċjenti meta informazzjoni minn diversi sorsi indipendenti flimkien tippermetti, permezz ta' ġustifikazzjoni motivata, konklużjoni dwar ir-rekwiżit tal-informazzjoni, filwaqt li l-informazzjoni minn kull sors individwali ma tkunx biżżejjed biex tissodisfa r-rekwiżit tal-informazzjoni. Il-ġustifikazzjoni trid tqis l-informazzjoni li altrimenti tinkiseb mill-istudju li normalment għandu jitwettaq għal dan ir-rekwiżit tal-informazzjoni.

Jista' jkun hemm ukoll piż tal-prova suffiċjenti mill-użu ta' metodi ta' ttestjar li jkunu għadhom kif ġew żviluppati, u li jkunu għadhom ma ġewx inklużi fil-metodi ta' ttestjar imsemmija fl-Artikolu 13(3), li twassal għal ġustifikazzjoni motivata li dawn jipprovdu l-informazzjoni li tippermetti konklużjoni dwar ir-rekwiżit tal-informazzjoni.

Il-piż tal-prova jista' jwassal għall-konklużjoni li sustanza għandha jew ma għandhiex proprjetà partikolari.

Jekk ikun hemm piż tal-prova suffiċjenti, ir-rekwiżit tal-informazzjoni jiġi ssodisfat. Konsegwentement, ittestjar ulterjuri fuq annimali vertebrati għandu jitħalla barra u ttestjar ulterjuri li ma jinvolvix annimali vertebrati jista' jitħalla barra.

Fil-każijiet kollha, l-informazzjoni pprovduta għandha tkun adegwata għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, tikkettar u/jew valutazzjoni tar-riskju, u għandha tiġi pprovduta dokumentazzjoni adegwata u affidabbli, inkluż:

— sommarji robusti tal-istudji użati bħala sorsi ta' informazzjoni;

— ġustifikazzjoni li tispjega għaliex is-sorsi ta' informazzjoni flimkien jipprovdu konklużjoni dwar ir-rekwiżit tal-informazzjoni.

Fejn ir-reġistrazzjoni tkopri n-nanoforom, l-approċċ ta' hawn fuq għandu jindirizza n-nanoforom b'mod separat.

▼M51

1.3. **Relazzjoni struttura-attività kwalitattiva jew kwantitattiva ((Q)SAR)**

Ir-riżultati miksuba minn mudelli validi, kwalitattivi jew kwantitattivi, tar-relazzjoni struttura-attività ((Q)SARs) jistgħu jindikaw il-preżenza jew l-assenza ta' ċerta proprjetà perikoluża. Ir-riżultati ta' (Q)SARs jistgħu jintużaw minflok l-ittestjar meta l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

▼M51

— ir-riżultati jkunu derivati minn mudell (Q)SAR li l-validità xjentifika tiegħu tkun ġiet stabbilita,

— is-sustanza taqa' fid-dominju ta' applikabbiltà tal-mudell (Q)SAR,

— ir-riżultati jkunu adegwati għall-għan ta' klassifikazzjoni u tikkettar u/jew tal-istima tar-riskji, u

— tkun ipprovduta dokumentazzjoni adegwata u affidabbli tal-metodu applikat.

L-Aġenzija, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati, għandha tiżviluppa u tipprovdi gwida fil-valutazzjoni ta' liema (Q)SARs jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet, u tipprovdi eżempji.

Fejn ir-reġistrazzjoni tkopri n-nanoforom, l-approċċ ta' hawn fuq għandu jindirizza n-nanoforom b'mod separat.

▼C1

1.4. **Metodi in vitro**

Ir-riżultati miksuba minn metodi in vitro adatti jistgħu jindikaw il-preżenza ta' ċerta proprjetà perikoluża jew jistgħu jkunu importanti fir-rigward ta' xi intendiment mekkanistiku, li jista' jkun importanti għall-valutazzjoni. F'dan il-kuntest, "adatt" tfisser żviluppat b'mod suffiċjenti skond il-kriterji ta' żvilupp tat-test miftiehma internazzjonalment (per eżempju, il-kriterji ta' l-European Centre for Validation of Alternative Testing Methods (ECVAM)) għad-dħul ta' test fil-proċess ta' pre-validazzjoni). Skond ir-riskju potenzjali, tista' tkun meħtieġa konferma immedjata li tkun teħtieġ l-ittestjar lil hinn mill-informazzjoni prevista fl-Anness VII jew VIII jew konferma proposta li teħtieġ l-ittestjar lil hinn mill-informazzjoni prevista fl-Anness IX jew X għal-livell ta' tunnellaġġ rispettiv.

Jekk ir-riżultati miskuba mill-użu ta' tali metodi in vitro ma jindikawx ċerta proprjetà perikoluża, it-test relevanti għandu xorta waħda jitwettaq fil-livell ta' tunnellaġġ adatt sabiex jiġi konfermat ir-riżultat negattiv, sakemm l-ittestjar ma jkunx meħtieġ skond l-Annessi VII sa X jew ir-regoli l-oħra f'dan l-Anness.

▼M51

Tali konferma tista' tiġi rinunzjata, jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(1) ir-riżultati jkunu derivati minn metodu *in vitro* li l-validità xjentifika tiegħu tkun ġiet stabbilita minn studju ta' validazzjoni, skont prinċipji ta' validazzjoni miftiehma internazzjonalment;

(2) ir-riżultati jkunu adegwati għall-għan ta' klassifikazzjoni u tikkettar u/jew tal-istima tar-riskji; u

(3) tkun ipprovduta dokumentazzjoni adegwata u affidabbli tal-metodu applikat.

Fejn ir-reġistrazzjoni tkopri n-nanoforom, l-approċċ fil-punti 1 sa 3 hawn fuq għandu jindirizza n-nanoforom b'mod separat.

▼C1

1.5. **Raggruppament ta' sustanzi u approċċ ta' read-across**

▼M64

Is-sustanzi li l-karatteristiċi fiżikokimiċi, tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi tagħhom probabbilment jkunu simili jew isegwu xejra regolari bħala riżultat ta' similarità strutturali jistgħu jiġu kunsidrati bħala grupp, jew "kategorija", ta' sustanzi. L-applikazzjoni tal-kunċett ta' grupp teħtieġ li l-karatteristiċi fiżikokimiċi, l-effetti fuq is-saħħa umana u l-effetti ambjentali jew id-destin ambjentali jkunu jistgħu jiġu mbassra minn *data* għal sustanza jew sustanzi ta' referenza fi ħdan il-grupp b'interpolazzjoni għal sustanzi oħra fil-grupp (l-approċċ ta' read-across). Dan jevita l-ħtieġa li tiġi ttestjata kull sustanza għal kull punt tat-tmiem.

▼M64

Fejn ir-reġistrazzjoni tkopri n-nanoforom, l-approċċ ta' hawn fuq għandu jindirizza n-nanoforom b'mod separat. Għar-raggruppament ta' nanoforom differenti tal-istess sustanza, is-similaritajiet strutturali molekulari waħedhom ma jistgħux jittieħdu bħala ġustifikazzjoni.

Jekk in-nanoforom koperti minn reġistrazzjoni huma raggruppati jew imqiegħda f'"kategorija" ma' forom oħra, inkluż nanoforom oħra, tas-sustanza fl-istess reġistrazzjoni, l-obbligi ta' hawn fuq għandhom japplikaw bl-istess mod.

Is-similaritajiet jistgħu jkunu bbażati fuq kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(1) grupp funzjonali komuni;

(2) il-prekursuri komuni u/jew il-probabbiltà ta' prodotti ta' dekompożizzjoni komuni permezz ta' proċessi fiżiċi u bijoloġiċi, li jirriżultaw f'kimiċi strutturalment simili, jew;

(3) xejra kostanti fit-tibdil tal-qawwa tal-potenza tal-proprjetajiet fil-kategorija kollha.

Similarità strutturali għas-sustanzi UVCB għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' similaritajiet fl-istrutturi tal-kostitwenti, flimkien mal-konċentrazzjoni ta' dawn il-kostitwenti u l-varjabbiltà fil-konċentrazzjoni ta' dawn il-kostitwenti. Jekk jista' jintwera li l-identifikazzjoni tal-kostitwenti individwali kollha mhijiex teknikament possibbli jew mhijiex prattika, is-similarità strutturali tista' tintwera b'mezzi oħra, sabiex ikun jista' jsir paragun kwantitattiv u kwalitattiv tal-kompożizzjoni proprja bejn is-sustanzi.

Jekk jiġi applikat il-kunċett ta' grupp, is-sustanzi għandhom ikunu kklassifikati u ttikkettati fuq din il-bażi.

Fil-każijiet kollha, ir-riżultati għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

— ikunu adegwati għall-għan ta' klassifikazzjoni u ttikkettjar u/jew ta' valutazzjoni tar-riskju,

— ikollhom kopertura adegwata u affidabbli tal-parametri ewlenin indirizzati fl-istudju korrispondenti li normalment għandu jitwettaq għal rekwiżit ta' informazzjoni partikolari,

— ikopru durata tal-esponiment komparabbli għal jew itwal mill-istudju korrispondenti li normalment għandu jitwettaq għal rekwiżit ta' informazzjoni partikolari jekk id-durata tal-esponiment tkun parametru rilevanti.

Fil-każijiet kollha, għandha tiġi pprovduta dokumentazzjoni adegwata u affidabbli tal-metodu applikat. Tali dokumentazzjoni għandha tinkludi:

— sommarju robust tal-istudju għal kull studju sors użat fl-adattament;

— spjegazzjoni ta' għaliex il-karatteristiċi tas-sustanza rreġistrata jistgħu jiġu mbassra minn sustanzi oħra fil-grupp;

— informazzjoni ta' appoġġ biex tiġġustifika xjentifikament din l-ispjegazzjoni għat-tbassir tal-proprjetajiet.

▼C1

2. META L-ITTESTJAR IKUN TEKNIKAMENT MHUX POSSIBBLI

L-ittestjar għal end-point speċifiku jista' ma jsirx, jekk ikun teknikament mhux possibbli li jitwettaq l-istudju bħala konsegwenza tal-proprjetajiet tas-sustanza: per eżampju, fejn ma jkunux jistgħu jintużaw sustanzi volatili ħafna, reattivi ħafna jew instabbli, fejn it-tħallit tas-sustanza ma' l-ilma ikun jista' jikkawża periklu ta' nar jew splużjoni jew fejn ir-radiolabelling tas-sustanza li jkun meħtieġ f'ċerti studji jista' ma jkunx possibbli. Il-gwida mogħtija fil-metodi ta' ttestjar imsemmija fl-Artikolu 13(3), aktar speċifikament dwar il-limitazzjonijiet tekniċi ta' xi metodu speċifiku, għandha dejjem tkun rispettata.

▼M4

3. ITTESTJAR IDDETERMINAT MILL-ESPONIMENT U MFASSAL GĦAL SUSTANZA PARTIKOLARI

▼M64

3.1. L-ittestjar skont it-Taqsima 8.7 tal-Anness VIII u f'konformità mal-Anness IX u l-Anness X jista' ma jsirx, abbażi ta' sitwazzjonijiet ta' esponiment(i) żviluppati fir-Rapport tas-Sigurtà Kimika. L-ittestjar f'konformità mat-Taqsima 8.6.1. tal-Anness VIII jista' ma jsirx biss għal reġistranti li jipproduċu inqas minn 100 tunnellata metrika fis-sena għal kull manifattur jew importatur, abbażi ta' sitwazzjonijiet ta' esponiment(i) żviluppati fir-Rapport tas-Sigurtà Kimika.

▼M4

3.2. F'kull każ, għandhom jiġu pprovduti l-ġustifikazzjoni u d-dokumentazzjoni xierqa. Il-ġustifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni ta' esponiment rigoruża u mwettqa bl-akbar reqqa skont it-taqsima 5 tal-Anness I u għandha tissodisfa kwalunkwe wieħed minn dawn il-kriterji:

(a) il-manifattur jew l-importatur għandu juri bil-provi u jiddokumenta li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-esponiment li jkopru l-esponimenti kollha rilevanti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza juru bil-provi n-nuqqas totali ta' esponiment jew li ma hemm ebda esponiment sinifikanti fis-sitwazzjonijiet kollha tal-manifattura u l-użijiet kollha identifikati kif imsemmi fl-Anness VI fit-taqsima 3.5;

▼M64

(ii) id-DNEL jew il-PNEC jistgħu jiġu dderivati minn riżultati ta' *data* ta' testijiet disponibbli għas-sustanza kkonċernata b'kunsiderazzjoni sħiħa għaż-żieda fl-inċertezza li tirriżulta mill-ommissjoni tar-rekwiżit tal-informazzjoni, u li d-DNEL jew il-PNEC huwa rilevanti u xieraq kemm għar-rekwiżit ta' tagħrif li se jitħalla barra kif ukoll għal raġunijiet ta' valutazzjoni tar-riskju. Għal dan il-għan u mingħajr preġudizzju għall-kolonna 2 tat-Taqsimiet 8.6 u 8.7 tal-Annessi IX u X, DNEL derivat minn studju tat-tossiċità b'doża ripetuta ta' 28 jum ma għandux jitqies xieraq biex ma jitwettaqx studju tat-tossiċità b'doża ripetuta ta' 90 jum, u DNEL derivat minn test ta' skrinjar għat-tossiċità riproduttiva/fl-iżvilupp ma għandux jitqies xieraq biex jitħalla barra studju tat-tossiċità fl-iżvilupp qabel it-twelid jew studju estiż tat-tossiċità riproduttiva ta' ġenerazzjoni waħda.

▼M4

(iii) il-paragun tad-DNEL jew il-PNEC derivati mar-riżultati tal-valutazzjoni tal-esponiment juri li l-esponimenti huma dejjem ferm aktar baxxi mid-DNEL jew PNEC derivati.

(b) fejn is-sustanza mhijiex inkorporata f'oġġett il-manifattur jew l-importatur juri bil-provi u jiddokumenta għal kull sitwazzjoni rilevanti li tul iċ-ċiklu tal-ħajja japplikaw il-kundizzjonijiet ikkontrollati b'mod strett kif definiti fl-Artikolu 18(4) (a) sa (f);

(ċ) fejn is-sustanza hija inkorporata f'oġġett li fih hija mqiegħda b'mod permanenti f'matriċi jew b'xi mod ieħor inkluża b'mod rigoruż permezz ta' mezzi tekniċi jiġi muri bil-provi u ddokumentat li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin kollha:

(i) is-sustanza ma tiġix rilaxxata tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha;

(ii) il-probabbilità li l-ħaddiema jew il-pubbliku ġenerali jew l-ambjent jiġu esposti għas-sustanza f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew li tista' tipprevedihom b'mod raġonevoli hija negliġibbli; u

(iii) is-sustanza tiġi mmaniġġata skont il-kundizzjonijiet definiti fl-Artikolu 18(4)(a) sa (f) matul l-istadji kollha ta' manifattura u produzzjoni inkluż waqt il-ġestjoni tal-iskart tas-sustanza matul dawn l-istadji.

3.3. Il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu għandhom jiġu kkomunikati tul il-katina tal-forniment skont l-Artikolu 31 jew 32, skont ma jkun il-każ.

▼C1

ANNESS XII

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI GĦAL UTENTI "DOWNSTREAM" GĦALL-VALUTAZZJONI TA' SUSTANZI U GĦALL-PREPARAZZJONI TA' RAPPORTI TA' SIGURTÀ KIMIKA

▼M51

DAĦLA

L-għan ta' dan l-Anness huwa li jistipula kif l-utenti downstream għandhom jivvalutaw u jiddokumentaw li r-riskji li jirriżultaw mis-sustanza jew sustanzi li jużaw ikunu adegwatament ikkontrollati matul l-użu tagħhom għal użu li ma jkunx kopert mill-Iskeda tad-Dejta dwar is-Sikurezza pprovduta lilhom, u li utenti oħra aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista jistgħu jikkontrollaw ir-riskji b'mod xieraq. Il-valutazzjoni għandha tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja tas-sustanza, minn meta tasal għand l-utent downstream, għall-użi tiegħu stess u għall-użi identifikati tiegħu aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista. Il-valutazzjoni għandha tikkunsidra l-użu tas-sustanza waħidha, f'taħlita jew f'oġġett.

Il-valutazzjoni għandha tindirizza n-nanoforom kollha koperti mir-reġistrazzjoni. Il-ġustifikazzjonijiet u l-konklużjonijiet misluta mill-valutazzjoni għandhom ikun rilevanti għan-nanoforom, minn meta jaslu għand l-utent downstream, għall-użi tiegħu stess u għall-użi identifikati tiegħu aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista.

Fit-twettiq tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika u fil-produzzjoni tar-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika, l-utent downstream għandu jqis l-informazzjoni li tasal mingħand mill-fornitur tal-kimika skont l-Artikoli 31 u 32 ta' dan ir-Regolament.

Fejn in-nanoforom tas-sustanza huma koperti mill-użu jew użi identifikati tiegħu stess iktar 'l isfel fil-katina tal-provvista, għandha titqies metrika xierqa għall-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tar-riżultati fl-istadji 1-6 tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika skont il-punti 0.6.1 u 0.6.2, bil-ġustifikazzjoni mdaħħla fir-rapport dwar is-sigurtà kimika u sintetizzata fl-iskeda tad-dejta dwar is-sikurezza. Hija preferibbli preżentazzjoni metrika multipla, li tiżgura d-disponibbiltà ta' informazzjoni metrika dwar il-massa.

Fejn disponibbli u xieraq, il-valutazzjoni mwettqa taħt il-leġiżlazzjoni Komunitarja (eż. stimi ta' riskji li jitwettqu taħt ir-Regolament (KEE) Nru 793/93) għandha tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika u tkun riflessa fir-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika. Id-devjazzjonijiet minn tali valutazzjonijiet għandhom jiġu ġustifikati. Jistgħu jitqiesu wkoll valutazzjonijiet imwettqa taħt programmi oħra nazzjonali u internazzjonali.

Il-proċess li l-utent downstream jgħaddi minnu fit-twettiq tal-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika u fil-produzzjoni tar-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika tiegħu, jinvolvi tliet stadji:

▼C1

STADJU 1: L-IŻVILUPP TA' XENARJU(I) TA' ESPOŻIZZJONI

L-utent "downstream" għandu jiżviluppa xenarji ta' espożizzjoni għal użi li ma jkunux koperti fi Skeda ta' Data ta' Sigurtà fornita lilu skond it-Taqsima 5 ta' l-Anness I.

STADJU 2: JEKK TKUN MEĦTIEĠA, RIFINITURA TA' L-ISTIMA TAL-PERIKLU MILL-FORNITUR

Jekk l-utent "downstream" jikkonsidra l-istima tal-periklu u l-istima PBT rapportati fl-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà fornita lilu bħala adegwati, l-ebda stima tal-periklu jew stima PBT u vPvB, ulterjuri, ma tkun meħtieġa. F'dan il-każ għandu juża l-informazzjoni relevanti rapportata mill-fornitur għall-karatterizzazzjoni tar-riskji. Dan għandu jkun dikjarat fir-Rapport ta' Sigurtà Kimika.

▼M51

Fejn in-nanoforom tas-sustanza jkunu koperti mill-użu jew użi identifikati tiegħu stess iktar 'l isfel fil-katina tal-provvista, il-valutazzjoni għandha tkopri l-istimi tal-periklu, PBT u vPvB tan-nanoforma jew nanoforom kif din jew dawn jintużaw.

▼C1

Jekk l-utent “downstream” jikkonsidra l-istimi rapportati fl-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà fornita lilu bħala inadegwati, għandu jwettaq l-istimi relevanti skond it-Taqsimiet 1 sa 4 ta' l-Anness I skond kif ikun l-aħjar għalih.

▼M51

F'dawk il-każijiet fejn l-utent downstream jikkunsidra dik l-informazzjoni, flimkien ma' dik ipprovduta mill-fornitur, bħala meħtieġa għall-produzzjoni tar-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika tiegħu, l-utent downstream għandu jiġbor din l-informazzjoni. Fejn din l-informazzjoni tista' tinkiseb biss bi ttestjar fuq annimali vertebrati, għandu jippreżenta proposta għal strateġija ta' ttestjar lill-Aġenzija skont l-Artikolu 38. Għandu jispjega għaliex jikkunsidra li hija meħtieġa informazzjoni addizzjonali. Waqt li jkun qed jistenna r-riżultati tal-ittestjar ulterjuri, għandu jirreġistra fir-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika tiegħu l-miżuri ta' mmaniġġar tar-riskji stabbiliti minnu, maħsuba għall-immaniġġar tar-riskji li jkunu qegħdin jiġu esplorati. Din id-dokumentazzjoni għandha tindirizza n-nanoforom kollha koperti mill-użu jew l-użi identifikati tiegħu stess aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista. Tali informazzjoni għandha tkun rilevanti għan-nanoforom.

▼C1

Mat-tlestija ta' kwalunkwe ttestjar addizzjonali, l-utent “downstream” għandu jirrivedi r-Rapport ta' Sigurtà Kimika, u l-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà tiegħu jekk din tkun meħtieġa minnu, skond il-każ.

STADJU 3: IL-KARATTERIZZAZZJONI TAR-RISKJI

Għandha tiġi mwettqa karatterizzazzjoni tar-riskji għal kull xenarju ġdid ta' espożizzjoni kif preskritt fit-Taqsima 6 ta' l-Anness I. Il-karatterizzazzjoni tar-riskji għandha tkun preżentata taħt l-intestatura relevanti tar-Rapport ta' Sigurtà Kimika u mqassra fl-Iskeda ta' Data ta' Sigurtà taħt l-intestatura(i) relevanti.

Meta jkun qiegħed jiġi ġenerat xenarju ta' espożizzjoni, ikun meħtieġ li jsiru presunzjonijiet inizjali dwar il-kondizzjonijiet operattivi u dwar miżuri ta' l-immaniġġar tar-riskji. Jekk il-presunzjonijiet inizjali jwasslu għal karatterizzazzjoni tar-riskji li tindika protezzjoni inadegwata tas-saħħa umana u ta' l-ambjent, f'dak il-każ għandu jkun neċessarju li jitwettaq proċess iterattiv b'emenda ta' fattur wieħed jew ta' numru ta' fatturi sakemm ikun jista' jiġi dimostrat kontroll adegwat. Dan jista' jkun jeħtieġ il-ġenerazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali dwar l-esposizzoni jew il-perikli jew alterazzjoni adatta tal-proċess, jew tal-kondizzjonijiet operattivi jew tal-miżuri ta' l-immaniġġar tar-riskji. Għalhekk, jistgħu jsiru iterazzjonijiet bejn, minn naħa waħda, l-iżvilupp u r-reviżjoni ta' xenarju ta' espożizzjoni (inizjali), li jinkludi l-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' miżuri ta' l-immaniġġar tar-riskji, u min-naħa l-oħra, il-ġenerazzjoni ta' informazzjoni ulterjuri sabiex jiġi prodott ix-xenarju ta' espożizzjoni definittiv. L-għan tal-ġenerazzjoni ta' informazzjoni ulterjuri huwa li tiġi stabbilita karatterizzazzjoni aktar preċiża tar-riskji, ibbażata fuq stima tal-periklu jew/u stima ta' l-espożizzjoni li jkunu aktar raffinati.

L-utent “downstream” għandu jipproduċi Rapport ta' Sigurtà Kimika li jagħti fiddettal il-valutazzjoni ta' sigurtà kimika tiegħu bl-użu tal-parti B, Taqsimiet 9 u 10, tal-format previst fit-Taqsima 7 ta' l-Anness I u t-Taqsimiet l-oħra ta' dan il-format, skond ma jkun il-każ.

Il-Parti A tar-Rapport ta' Sigurtà Kimika għandha tinkludi dikjarazzjoni li l-miżuri ta' l-immaniġġar tar-riskji deskritti fix-xenarji relevanti ta' espożizzjoni jiġu implementati mill-utent “downstream” għall-użi tiegħu stess u li l-miżuri ta' l-immaniġġar tar-riskji deskritti fix-xenarji ta' espożizzjoni għall-użi identifikati jiġu komunikati 'l isfel fil-katina tal-provvista.

▼**M11**

ANNESS XIII

KRITERJI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TA' SUSTANZI PERSISTENTI, BIJOAKKUMULATTIVI U TOSSIĊI, U SUSTANZI PERSISTENTI ĦAFNA U BIJOAKKUMULATTIVI ĦAFNA

Dan l-Anness jistabbilixxi l-kriterju għall-identifikazzjoni ta' sustanzi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi (sustanzi PBT), u sustanzi persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna (sustanzi vPvB) kif ukoll l-informazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata għall-iskop tal-valutazzjoni tal-kwalitajiet P, B, u T tas-sustanza.

Għall-identifikazzjoni tas-sustanzi PBT u s-sustanzi vPvB għandha tiġi applikata l-importanza tad-determinazzjoni tal-evidenza bl-użu tal-ġudizzju espert, billi l-informazzjoni rilevanti u disponibbli kollha elenkata fit-Taqsima 3.2 titqabbel mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 1. Dan għandu jiġi applikat b'mod partikolari meta l-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 1 ma jistgħux jiġi applikati direttament għall-informazzjoni disponibbli.

L-importanza tad-determinazzjoni tal-evidenza tfisser li l-informazzjoni disponibbli kollha li tinfluwenza l-identifikazzjoni ta' sustanza PBT jew vPvB tiġi kkunsidrata flimkien, bħalma huma r-riżultati tal-monitoraġġ u l-immudellar, adattati għal testijiet in vitro, dejta rilevanti tal-annimali, informazzjoni mill-applikazzjoni tal-approċċ tal-kategorija (il-ġbir flimkien, metodu tar-read-across), ir-riżultati (Q)SAR, esperjenza umana bħad-dejta dwar ix-xogħol u dejta minn bażijiet tad-dejta dwar inċidenti, studji epidemoloġiċi u kliniċi u rapporti ta' każijiet u osservazzjonijiet iddokumentati tajjeb. Il-kwalità u l-konsistenza tad-dejta għandhom jingħataw importanza xierqa. Ir-riżultati disponibbli, minkejja l-konklużjonijiet individwali tagħhom, għandhom jinġabru flimkien f'determinazzjoni unika tad- tal-piż tal-evidenza.

L-informazzjoni użata għall-iskopijiet tal-valutazzjoni tal-kwalitajiet PBT/vPvB għandha tkun imsejsa fuq id-dejta miksuba skont kundizzjonijiet rilevanti.

L-identifikazzjoni għandha tikkunsidra wkoll il-kwalitajiet PBT/vPvB tal-kostituenti rilevanti ta' sustanza u l-prodotti rilevanti li jittrasformaw ruħhom u/jew jiddegradaw.

Dan l-Anness għandu japplika għas-sustanzi organiċi kollha, inklużi l-organometalli.

1. IL-KRITERJI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAS-SUSTANZI PBT u vPvB

1.1 Is-sustanzi PBT

Sustanza li tissodisfa l-kriterji ta' persistenza, bijoakkumulazzjoni u tossiċità tat-taqsimiet 1.1.1, 1.1.2 u 1.1.3 għandha tiġi kkunsidrata bħala sustanza PBT.

1.1.1 Il-persistenza

Sustanza li tissodisfa l-kriterju ta' persistenza (P) fi kwalunkwe sitwazzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) il-half-life ta' degradazzjoni fl-ilma baħar ikun iktar minn 60 jum;

(b) il-half-life ta' degradazzjoni fl-ilma ħelu jew tal-estwarji ikun iktar minn 40 jum;

(c) il-half-life ta' degradazzjoni fis-sediment tal-baħar ikun iktar minn 180 jum;

(d) il-half-life ta' degradazzjoni fl-ilma ħelu jew sediment tal-estwarji ikun iktar minn 120 jum;

(e) il-half-life ta' degradazzjoni fil-ħamrija ikun iktar minn 120 jum.

▼**M11**

1.1.2. Il-bijoakkumulazzjoni

Sustanza tissodisfa l-kriterju tal-bijoakkumulazzjoni (B) meta l-fattur tal-bijokonċentrazzjoni fl-ispeċijiet akkwatiċi huwa iktar minn 2 000.

1.1.3. It-tossiċità

Sustanza li tissodisfa l-kriterju tat-tossiċità (T) fi kwalunkwe sitwazzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) il-konċentrazzjoni ta' bla effett osservat għal żmien twil (NOEC) jew EC10 għall-organiżmi tal-baħar jew tal-ilma ħelu hija inqas minn 0,01 mg/l;

(b) is-sustanza tilħaq il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika (kategorija 1A jew 1B), mutaġenika għaċ-ċelloli ġerminali (kategorija 1A jew 1B), jew tossika għar-riproduzzjoni (kategorija 1A, 1B jew 2) skont ir-Regolament KE Nru 1272/2008;

(c) hemm evidenza oħra ta' tossiċità kronika, kif identifikata bis-sustanza li tilħaq il-kriterji tal-klassifikazzjoni: tossiċità speċifika għal organi ta' mira wara esponiment ripetut (STOT RE kategorija 1 jew 2) skont ir-Regolament KE Nru 1272/2008.

1.2. Is-sustanzi vPvB:

Sustanza li tissodisfa l-kriterji ta' persistenza u bijoakkumulazzjoni tat-Taqsimiet 1.2.1 u 1.2.2 għandha tiġi kkunsidrata bħala sustanza vPvB.

1.2.1. Il-persistenza

Sustanza li tissodisfa l-kriterju ta' "persistenti ħafna" (vP) fi kwalunkwe sitwazzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) il-half-life tad-degradazzjoni fl-ilma baħar, l-ilma ħelu jew l-ilma tal-estwarji jkun iktar minn 60 jum;

(b) il-half-life tad-degradazzjoni fis-sediment tal-ilma baħar, l-ilma ħelu ħelu jew l-ilma tal-estwarji jkun iktar minn 180 jum;

(c) il-half-life tad- degradazzjoni fil-ħamrija ikun iktar minn 180 jum.

1.2.2. Il-bijoakkumulazzjoni

Sustanza tissodisfa l-kriterju ta' "bijoakkumulattiva ħafna" (vB) meta l-fattur tal-bijokonċentrazzjoni fi speċijiet akkwatiċi jkun iktar minn 5 000.

2. SKRINING U VALUTAZZJONI TAL-KWALITAJIET P, vP, B, vB u T

2.1 Reġistrazzjoni

Għall-identifikazzjoni tas-sustanzi PBT u vPvB fid-dokument tar-reġistrazzjoni, min jirreġistra għandu jikkunsidra l-informazzjoni kif deskritt fl-Anness I u fit-Taqsima 3 ta' dan l-Anness.

Jekk id-dokument tekniku, għal riżultat aħħari wieħed jew iktar, ikun fih informazzjoni biss kif mitluba fl-Annessi VII u VIII, min jirreġistra għandu jikkunsidra l-informazzjoni rilevanti għall-iskrining għall-kwalitajiet P, B, jew T skont it-Taqsima 3.1 ta' dan l-Anness. Jekk ir-riżultat mit-testijiet tal-iskrining jew informazzoni oħra jindikaw li s-sustanza jista' jkollha kwalitajiet PBT jew vPvB, min jirreġistra għandu jiġġenera informazzjoni addizzjonali rilevanti kif stabbilit fit-Taqsima 3.2 ta' dan l-Anness. F'każ li l-ġenerazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali rilevanti tkun teħtieġ informazzjoni elenkata fl-Anness IX jew X, min jirreġistra għandu jressaq proposta ta' ttestjar. Meta l-kundizzjonijiet tal-proċess u tal-użu tas-sustanza jilħqu l-kundizzjonijiet kif speċifikat fit-Taqsima 3.2 (b) jew (c) tal-Anness XI, l-informazzjoni addizzjonali tista' titneħħa, u sussegwentement is-sustanza tiġi kkunsidrata daqslikieku kienet PBT jew vPvB fid-dokument tar-reġistrazzjoni. M'hemmx il-ħtieġa li tiġi ġġenerata informazzjoni addizzjonali għall-valutazzjoni tal-kwalitajiet PBT/vPvB jekk ma jkunx hemm indikazzjoni ta' kwalitajiet P jew B wara r-riżultat mit-test ta' skrining jew informazzjoni oħra.

▼**M11**

2.2. Awtorizzazzjoni

Għad-dokumenti għall-iskopijiet biex jiġu identifikati s-sustanzi msemmija fl-Artikolu 57(d) u l-Artikolu 57(e), għandha tiġi kkunsidrata l-informazzjoni rilevanti mid-dokumenti tar-reġistrazzjoni u informazzjoni disponibbli oħra kif deskritta fit-Taqsima 3.

3. INFORMAZZJONI RILEVANTI GĦALL-ISKRINJAR U VALUTAZZJONI TAL-KWALITAJIET P, vP, B, vB u T

3.1 Informazzjoni tal-Iskrining

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi kkunsidrata għall-iskrining għall-kwalitajiet P, vP, B, vB u T fil-każijiet imsemmija fit-tieni paragrafu tat-Taqsima 2.1 u tista' tiġi kkunsidrata għall-iskrining tal-kwalitajiet P, vP, B, vB u T fil-kuntest tat-Taqsima 2.2:

3.1.1 Indikazzjoni tal-kwalitajiet P u vP

(a) Ir-riżultati mit-testijiet li saru fuq bijodegradazzjoni bil-lest skont it-Taqsima 9.2.1.1 tal-Anness VII;

(b) Ir-riżultati minn testijiet oħrajn tal-iskrining (eż. test lest imteġġeb, testijiet fuq il-bijodegraddibiltà inerenti);

(c) Ir-riżultati miksuba mill-mudelli (Q)SAR tal-bijodegradazzjoni skont it-Taqsima 1.3 tal-Anness XI;

(d) Informazzjoni oħra sakemm ikun jista' jintwera b'mod raġonevoli li hija adattata u ta' min joqgħod fuqha.

3.1.2 Indikazzjoni tal-kwalitajiet B u vB

(a) Koeffiċjent tal-qsim tal-ottanol-ilma iddeterminat b'mod sperimentali skont it-Taqsima 7.8 tal-Anness VII jew stmat bil-mudelli (Q)SAR skont it-Taqsima 1.3 tal-Anness XI;

(b) Informazzjoni oħra sakemm ikun jista' jintwera b'mod raġonevoli li hija adattata u ta' min joqgħod fuqha.

3.1.3 Indikazzjoni tal-kwalitajiet T

(a) Tossiċità akkwatika għal żmien qasir skont it-Taqsima 9.1 tal-Anness VII u t-Taqsima 9.1.3 tal-Anness VIII;

(b) Informazzjoni oħra sakemm ikun jista' jintwera b'mod raġonevoli li hija adattata u ta' min joqgħod fuqha.

3.2 Informazzjoni tal-Valutazzjoni

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi kkunsidrata għall-valutazzjoni tal-kwalitajiet P, vP, B, vB jew T, bl-użu ta' approċċ li jiżen l-evidenza:

3.2.1. Valutazzjoni tal-kwalitajiet P jew vP:

(a) Ir-riżultati mill-ittestjar ta' simulazzjoni fuq id-degradazzjoni fl-ilma tal-wiċċ;

(b) Ir-riżultati mill-ittestjar ta' simulazzjoni fuq id-degradazzjoni fil-ħamrija;

(c) Ir-riżultati mill-ittestjar ta' simulazzjoni fuq id-degradazzjoni fis-sediment;

(d) Informazzjoni oħra, bħall-informazzjoni mill-istudji fil-post jew l-istudji ta' monitoraġġ, sakemm ikun jista' jintwera b'mod raġonevoli li hija adattata u ta' min joqgħod fuqha.

▼**M11**

3.2.2. Valutazzjoni tal-kwalitajiet B jew vB:

(a) Ir-riżultati minn studju tal-bijokonċentrazzjoni u tal-bijoakkumulazzjoni fi speċijiet akkwatiċi;

(b) Informazzjoni oħra fuq il-potenzjal tal-bijoakkumulazzjoni sakemm ikun jista' jintwera b'mod raġonevoli li hija adattata u ta' min joqgħod fuqha, bħal:

— Ir-riżultati minn studju ta' bijoakkumulazzjoni fi speċijiet terrestri;

— Id-dejta minn analiżi xjentifika tal-fluwidi jew it-tessuti tal-ġisem uman, bħad-demm, il-ħalib, jew ix-xaħam;

— Is-sejbien ta' livelli għoljin ta' bijota, partikolarment fi speċijiet fil-periklu li jinqerdu jew f'popolazzjonijiet vulnerabbli, imqabbla mal-livelli fl-ambjent ta' madwarhom.

— Ir-riżultati minn studju ta' tossiċità kronika fuq l-annimali;

— Il-valutazzjoni tal-imġiba tossikokinetika tas-sustanza;

(c) Informazzjoni dwar l-abbiltà tas-sustanza biex tkabbar il-konċentrazzjoni tagħha fil-katina tal-ikel, fejn huwa possibbli espressa b'fatturi ta' bijotkabbir jew fatturi ta' tkabbir trofiku.

3.2.3. Valutazzjoni tal-kwalitajiet T:

(a) Ir-riżultati mill-ittestjar tat-tossiċità għal żmien twil fuq invertebrati kif stabbiliti fit-Taqsima 9.1.5 tal-Anness IX;

(b) Ir-riżultati mill-ittestjar tat-tossiċità għal żmien twil fuq il-ħut kif stabbiliti fit-Taqsima 9.1.6 tal-Anness IX;

(c) Ir-riżultati minn studju dwar l-inibizzjoni tat-tkabbir fil-pjanti akkwatiċi kif stabbiliti fit-Taqsima 9.1.2 tal-Anness VII;

(d) Is-sustanza li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika fil-Kategorija 1A jew 1B (frażijiet ta' periklu assenjati: H350 jew H350i), mutaġeniċi għaċ-ċelloli ġerminali fil-Kategorija 1A jew 1B (fraži ta' periklu assenjata: H340), tossiku għar-riproduzzjoni fil-Kategorija 1A, 1B u/jew 2 (frażijiet ta' periklu assenjati: H360, H360F, H360D, H360FD, H360Fd, H360fD, H361, H361f, H361d jew H361fd), tossiku speċifiku għal organi ta' wara doża ripetuta fil-Kategorija 1 jew 2 (fraži ta' periklu assenjata: H372 jew H373), skont ir-Regolament KE Nru 1272/2008;

(e) Ir-riżultati mill-ittestjar tat-tossiċità ta' żmien twil jew tar-riproduzzjoni fuq l-għasafar kif stabbiliti fit-Taqsima 9.6.1 tal-Anness X;

(f) Informazzjoni oħra sakemm ikun jista' jintwera b'mod raġonevoli li hija adattata u ta' min joqgħod fuqha.

▼C1

ANNESS XIV

LISTA TA' SUSTANZI SUĠĠETTI GHAL AWTORIZZAZZJONI

▼M8
▼C4

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni [1]	Data tat-terminazzjoni [2]		
1.	5-tert-butil-2,4,6-trinitro-m-xilene (**Musk xylene**) Nru tal-KE: 201-329-4 Nru tas-CAS: 81-15-2	vPvB	21 ta' Frar 2013	21 ta' Awwissu 2014	—	—
2.	4,4′-Diaminodifenilmetan (**MDA**) Nru tal-KE: 202-974-4 Nru tas-CAS: 101-77-9	Karċinoġenu (il-kategorija 1B)	21 ta' Frar 2013	21 ta' Awwissu 2014	—	—
3.	Eżabromoċiklododekan (Hexabromocyclododecane) (**HBCDD**) Nru tal-KE: 221-695-9, 247-148-4, Nru tas-CAS: 3194-55-6 25637-99-4 alfa-eżabromoċiklododekan Nru tas-CAS: 134237-50-6, beta-eżabromoċiklododekan Nru tas-CAS: 134237-51-7 gamma-eżabromoċiklododekan Nru tas-CAS: 134237-52-8	PBT	21 ta' Frar 2014	21 ta' Awwissu 2015	—	—

▼C4

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
▼M68						
4.	Bis(2-etileksil) ftalat (**DEHP**) Numru KE: 204-211-0 Nru tal-CAS: 117-81-7	Tossiku għar-riproduzzjoni (kategorija 1B) Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) - is-saħħa tal-bniedem) Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) - l-ambjent)	(a) 21 ta' Awwissu 2013 (*) (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a): l-14 ta' Ġunju 2023 għall-użi kif ġej: — f'materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004; — fl-imballaġġ primarju tal-prodotti mediċinali koperti mir-Regolament (KE) Nru 726/2004, mid-Direttiva 2001/82/KE, u/jew mid-Direttiva 2001/83/KE; — fit-taħlitiet li għandhom id-DEHP f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew aktar u ta' inqas minn 0,3 % piż skont il-piż; (c) B'deroga mill-punt (a): 27 ta' Novembru 2023 għall-użi fl-apparati mediċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 90/385/KEE, 93/42/KEE u 98/79/KE.	(a) 21 ta' Frar 2015 (**) (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a): l-14 ta' Diċembru 2024 għall-użi kif ġej: — f'materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004; — fl-imballaġġ primarju tal-prodotti mediċinali koperti mir-Regolament (KE) Nru 726/2004, mid-Direttiva 2001/82/KE, u/jew mid-Direttiva 2001/83/KE; — fit-taħlitiet li għandhom id-DEHP f'0,1 % jew aktar u inqas minn 0,3 % piż skont il-piż; (c) B'deroga mill-punt (a): 27 ta' Mejju 2025 għall-użi fl-apparati mediċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 90/385/KEE, 93/42/KEE u 98/79/KE.	-	-
5.	Benżil-butil-ftalat (**BBP**) Numru KE: 201-622-7 Nru tal-CAS: 85-68-7	Tossiku għar-riproduzzjoni il-kategorija 1B Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) - is-saħħa tal-bniedem)	(a) 21 ta' Awwissu 2013 (*) (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a): l-14 ta' Ġunju 2023 għall-użi kif ġej:	(a) 21 ta' Frar 2015 (**) (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a): l-14 ta' Diċembru 2024 għall-użi kif ġej:	-	-

▼M68

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
			— fl-imballaġġ primarju tal-prodotti mediċinali koperti mir-Regolament (KE) Nru 726/2004, mid-Direttiva 2001/82/KE, u/jew mid-Direttiva 2001/83/KE; — fit-taħlitiet li għandhom il-BBP f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew aktar u ta' inqas minn 0,3 % piż skont il-piż.	— fl-imballaġġ primarju tal-prodotti mediċinali koperti mir-Regolament (KE) Nru 726/2004, mid-Direttiva 2001/82/KE, u/jew mid-Direttiva 2001/83/KE; — fit-taħlitiet li għandhom il-BBP f'0,1 % jew aktar u inqas minn 0,3 % piż skont il-piż.		
6.	Ftalat tad-dibutil (**DBP**) Numru KE: 201-557-4 Nru tal-CAS: 84-74-2	Tossiku għar-riproduzzjoni il-kategorija 1B Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) - is-saħħa tal-bniedem)	(a) 21 ta' Awwissu 2013 (*) (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a): l-14 ta' Ġunju 2023 għall-użi kif ġej: — fl-imballaġġ primarju tal-prodotti mediċinali koperti mir-Regolament (KE) Nru 726/2004, mid-Direttiva 2001/82/KE, u/jew mid-Direttiva 2001/83/KE; — fit-taħlitiet li għandhom id-DBP f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew aktar u ta' inqas minn 0,3 % piż skont il-piż.	(a) 21 ta' Frar 2015 (**) (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a): l-14 ta' Diċembru 2024 għall-użi kif ġej: — fl-imballaġġ primarju tal-prodotti mediċinali koperti mir-Regolament (KE) Nru 726/2004, mid-Direttiva 2001/82/KE, u/jew mid-Direttiva 2001/83/KE; — fit-taħlitiet li għandhom id-DBP f'0,1 % jew aktar u inqas minn 0,3 % piż skont il-piż.	-	-
7.	Il-ftalat tad-diisobutil **(DIBP)** Numru KE: 201-553-2 Nru tal-CAS: 84-69-5	Tossiku għar-riproduzzjoni il-kategorija 1B Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) - is-saħħa tal-bniedem)	(a) 21 ta' Awwissu 2013 (*) (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a): l-14 ta' Ġunju 2023 għall-użi f'taħlitiet li għandhom id-DIBP f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew aktar u ta' inqas minn 0,3 % piż skont il-piż.	(a) 21 ta' Frar 2015 (**) (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a): l-14 ta' Diċembru 2024 għall-użi f'taħlitiet li għandhom id-DIBP f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew aktar u ta' inqas minn 0,3 % piż skont il-piż.	-	-

▼C4

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
▼M15						
8.	Triossidu tad-diarseniku; Nru tal-KE: 215-481-4 Nru tal-CAS: 1327-53-3	Karċinoġenu (il-kategorija 1 A)	il-21 ta' Novembru 2013	il-21 ta' Mejju 2015	—	—
9.	Pentaossidu diarseniku Nru tal-KE: 215-116-9 Nru tal-CAS: 1303-28-2	Karċinoġenu (il-kategorija 1 A)	il-21 ta' Novembru 2013	il-21 ta' Mejju 2015	—	—
10.	Kromat taċ-ċomb Nru tal-KE: 231-846-0 Nru tal-CAS: 7758-97-6	Karċinoġenu (il-kategorija 1B) Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1 A)	il-21 ta' Novembru 2013 ►M43 (*) ◄	il-21 ta' Mejju 2015 ►M43 (**) ◄	—	—
11.	Is-sulfokromat taċ-ċomb isfar (C.I. Pigment Isfar 34) Nru tal-KE: 215-693-7 Nru tal-CAS: 1344-37-2	Karċinoġenu (il-kategorija 1B) Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1 A)	il-21 ta' Novembru 2013 ►M43 (*) ◄	il-21 ta' Mejju 2015 ►M43 (**) ◄	—	—
12.	Is-sulfat tal-molibdat tal-kromat taċ-ċomb aħmar (C. I. Pigment Aħmar 104) Nru tal-KE: 235-759-9 Nru tal-CAS: 12656-85-8	Karċinoġenu (il-kategorija 1B) Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1 A)	il-21 ta' Novembru 2013 ►M43 (*) ◄	il-21 ta' Mejju 2015 ►M43 (**) ◄		
13.	Il-fosfat tat-tris(2-kloroetil) (TCEP) Nru tal-KE: 204-118-5 Nru tal-CAS: 115-96-8	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	il-21 ta' Frar 2014	il-21 ta' Awwissu 2015		

▼M15

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
14.	2,4-dinitrotoluwen (2,4-DNT) Nru tal-KE: 204-450-0 Nru tal-CAS: 121-14-2	Karċinoġenu (il-kategorija 1B)	il-21 ta' Frar 2014 ►M43 (*) ◄	il-21 ta' Awwissu 2015 ►M43 (**) ◄		
▼M22 15.	Trikloroetilen Nru tal-KE: 201-167-4 Nru tas-SAK: 79-01-6	Karċinoġenu (il-kategorija 1B)	Il-21 ta' Ottubru 2014 ►M43 (*) ◄	Il-21 ta' April 2016 ►M43 (**) ◄	—	—
16.	Trijossidu tal-kromju Nru tal-KE: 215-607-8 Nru tas-SAK: 1333-82-0	Karċinoġenu (il-kategorija 1 A) Mutaġenu (il-kategorija 1B)	Il-21 ta' Marzu 2016 ►M43 (*) ◄	Il-21 ta' Settembru 2017 ►M43 (**) ◄	—	—
17.	Aċidi ġġenerati mit-triossidu tal-kromju u l-oligomeri tagħhom Grupp li fih: Aċidu kromiku Nru tal-KE: 231-801-5 Nru tas-SAK: 7738-94-5 Aċidu dikromiku Nru tal-KE: 236-881-5 Nru tas-SAK: 13530-68-2 Oligomeri ta' aċidu kromiku u aċidu dikromiku Nru tal-KE: għadu ma ġiex allokat Nru tas-SAK: għadu ma ġiex allokat	Karċinoġenu (il-kategorija 1B)	Il-21 ta' Marzu 2016 ►M43 (*) ◄	Il-21 ta' Settembru 2017 ►M43 (**) ◄	—	—

▼M22

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
18.	Dikromat tas-sodju Nru tal-KE: 234-190-3 Nru tas-SAK: 7789-12-0 10588-01-9	Karċinoġenu (il-kategorija 1B) Mutaġenu (il-kategorija 1B) Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	Il-21 ta' Marzu 2016 ►M43 (*) ◄	Il-21 ta' Settembru 2017 ►M43 (**) ◄	—	—
19.	Dikromat tal-potassju Nru tal-KE: 231-906-6 Nru tas-SAK: 7778-50-9	Karċinoġenu (il-kategorija 1B) Mutaġenu (il-kategorija 1B) Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	Il-21 ta' Marzu 2016 ►M43 (*) ◄	Il-21 ta' Settembru 2017 ►M43 (**) ◄	—	—
20.	Dikromat tal-ammonju Nru tal-KE: 232-143-1 Nru tal-CAS: 7789-09-5	Karċinoġenu (il-kategorija 1B) Mutaġenu (il-kategorija 1B) Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	Il-21 ta' Marzu 2016 ►M43 (*) ◄	Il-21 ta' Settembru 2017 ►M43 (**) ◄		
21.	Kromat tal-potassju Nru tal-KE: 232-140-5 Nru tal-CAS: 7789-00-6	Karċinoġenu (il-kategorija 1B) Mutaġenu (il-kategorija 1B)	Il-21 ta' Marzu 2016 ►M43 (*) ◄	Il-21 ta' Settembru 2017 ►M43 (**) ◄		

▼M22

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
22.	Kromat tas-sodju Nru tal-KE: 231-889-5 Nru tal-CAS: 7775-11-3	Karċinoġenu (il-kategorija 1B) Mutaġenu (il-kategorija 1B) Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	Il-21 ta' Marzu 2016 ►M43 (*) ◄	Il-21 ta' Settembru 2017 ►M43 (**) ◄		
▼M28 23.	Formaldeid, prodotti ta' reazzjoni oligomerika mal-anilina (AMD Tekniku) Nru KE: 500-036-1 Nru CAS: 25214-70-4	Karċinoġenu (kategorija 1B)	it-22 ta' Frar 2016 ►M43 (*) ◄	it-22 ta' Awwissu 2017 ►M43 (**) ◄	—	—
24.	Aċidu arseniku Nru KE: 231-901-9 Nru CAS: 7778-39-4	Karċinoġenu (kategorija 1 A)	it-22 ta' Frar 2016	it-22 ta' Awwissu 2017	—	—
25.	Bis(2-metossietil) etere (diglim) Nru KE: 203-924-4 Nru CAS: 111-96-6	Tossiku għar-riproduzzjoni (kategorija 1B)	it-22 ta' Frar 2016 ►M43 (*) ◄	it-22 ta' Awwissu 2017 ►M43 (**) ◄	—	—
26.	1,2-dikloroetan (EDC) Nru KE: 203-458-1 Nru CAS: 107-06-2	Karċinoġenu (kategorija 1B)	it-22 ta' Mejju 2016	it-22 ta' Novembru 2017	—	—
27.	2,2′-dikloro-4,4′-metilendianilina (MOCA) Nru KE: 202-918-9 Nru CAS: 101-14-4	Karċinoġenu (kategorija 1B)	it-22 ta' Mejju 2016 ►M43 (*) ◄	it-22 ta' Novembru 2017 ►M43 (**) ◄	—	—

▼M28

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
28.	Tris(kromat) tad-dikromu Nru KE: 246-356-2 Nru CAS: 24613-89-6	Karċinoġenu (kategorija 1B)	it-22 ta' Lulju 2017 ►M43 (*) ◄	it-22 ta' Jannar 2019 ►M43 (**) ◄	—	—
29.	Kromat tal-istronzju Nru KE: 232-142-6 Nru CAS: 7789-06-2	Karċinoġenu (kategorija 1B)	it-22 ta' Lulju 2017 ►M43 (*) ◄	it-22 ta' Jannar 2019 ►M43 (**) ◄	—	—
30.	Idrossiottaossodiżinkatdikromat tal-potassju Nru KE: 234-329-8 Nru CAS: 11103-86-9	Karċinoġenu (kategorija 1 A)	it-22 ta' Lulju 2017 ►M43 (*) ◄	it-22 ta' Jannar 2019 ►M43 (**) ◄	—	—
31.	Ottaidrossidu kromat tal-pentażingu Nru KE: 256-418-0 Nru CAS: 49663-84-5	Karċinoġenu (kategorija 1 A)	it-22 ta' Lulju 2017 ►M43 (*) ◄	it-22 ta' Jannar 2019 ►M43 (**) ◄	—	—

▼M43

32.	1-bromopropan (n-propil bromur) Nru tal-KE: 203-445-0 Nru tas-CAS: 106-94-5	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	l-4 ta' Jannar 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Lulju 2020 ►M56 (**) ◄	—	—

▼M43

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
33.	Diisopentilftalat Nru tal-KE: 210-088-4 Nru tas-CAS: 605-50-5	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	l-4 ta' Jannar 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Lulju 2020 ►M56 (**) ◄	—	—
34.	Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, esteri alkiliċi di-C6-8-ramifikati, C7-rikki Nru tal-KE: 276-158-1 Nru tas-CAS: 71888-89-6	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	l-4 ta' Jannar 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Lulju 2020 ►M56 (**) ◄	—	—
35.	Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, di-C7-11-ramifikat u esteri alkiliċi lineari Nru tal-KE: 271-084-6 Nru tas-CAS: 68515-42-4	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	l-4 ta' Jannar 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Lulju 2020 ►M56 (**) ◄	—	—
36.	Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku dipentilester, ramifikat u lineari Nru tal-KE: 284-032-2 Nru tas-CAS: 84777-06-0	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	l-4 ta' Jannar 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Lulju 2020 ►M56 (**) ◄	—	—
37.	Flatat ta' bis(2-metossietil) Nru tal-KE: 204-212-6 Nru tas-CAS: 117-82-8	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	l-4 ta' Jannar 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Lulju 2020 ►M56 (**) ◄	—	—

▼M43

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
38.	Dipentilftalat Nru tal-KE: 205-017-9 Nru tas-CAS: 131-18-0	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	l-4 ta' Jannar 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Lulju 2020 ►M56 (**) ◄	—	—
39.	N-pentil-isopentilftalat Nru tal-KE: — Nru tas-CAS: 776297-69-9	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-kategorija 1B)	l-4 ta' Jannar 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Lulju 2020 ►M56 (**) ◄	—	—
40.	Żejt tal-antraċene Nru tal-KE: 292-602-7 Nru tas-CAS: 90640-80-5	Karċinoġenu (il-kategorija 1B) (***), PBT, vPvB	l-4 ta' April 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Ottubru 2020 ►M56 (**) ◄	—	—
41.	Żift, qatran, temperatura għolja Nru tal-KE: 266-028-2 Nru tas-CAS: 65996-93-2	Karċinoġenu (il-kategorija 1B), PBT, vPvB	l-4 ta' April 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Ottubru 2020 ►M56 (**) ◄	—	—

▼M43

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni [1]	Data tat-terminazzjoni [2]		
42.	4-(1,1,3,3-Tetrametilbutil)fenol, etossilati [li jkopru sustanzi definiti sew u sustanzi ta' kompożizzjoni mhux magħrufa jew varjabbli, prodotti kumplessi ta' reazzjoni jew materjali bijoloġiċi ("UVCB"), polimeri u omologi] Nru tal-KE: — Nru tas-CAS: —	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrina (l-Artikolu 57(f) — l-ambjent)	►**M62** (a) l-4 ta' Lulju 2019 (*); (b) permezz ta' deroga mill-punt (a), it-22 ta' Ġunju 2022 għall-użi kif ġej: — għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-produzzjoni ta' prodotti mediċinali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE jew apparat mediku jew aċċessorji tal-apparat mediku li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/42/KEE, tar-Regolament (UE) 2017/745, tad-Direttiva 98/79/KE jew tar-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (****), fid-dawl tal-użu tagħhom għad-dijanjożi, għat-trattament jew għall-prevenzjoni tal-marda tal-coronavirus (COVID-19); — fl-apparat mediku jew fl-aċċessorji tal-apparat mediku li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/42/KEE, tar-Regolament (UE) 2017/745, tad-Direttiva 98/79/KE jew tar-Regolament (UE) 2017/746, għad-dijanjożi, għat-trattament jew għall-prevenzjoni tal-COVID-19. ◄	►**M62** (a) l-4 ta' Jannar 2021 (**); (b) permezz ta' deroga mill-punt (a), it-22 ta' Diċembru 2023 għall-użi kif ġej: — għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-produzzjoni ta' prodotti mediċinali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE jew apparat mediku jew aċċessorji tal-apparat mediku li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/42/KEE, tar-Regolament (UE) 2017/745, tad-Direttiva 98/79/KE jew tar-Regolament (UE) 2017/746, fid-dawl tal-użu tagħhom għad-dijanjożi, għat-trattament jew għall-prevenzjoni tal-COVID-19; — fl-apparat mediku jew fl-aċċessorji tal-apparat mediku li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/42/KEE, tar-Regolament (UE) 2017/745, tad-Direttiva 98/79/KE jew tar-Regolament (UE) 2017/746, għad-dijanjożi, għat-trattament jew għall-prevenzjoni tal-COVID-19. ◄	—	—

▼M43

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
43.	4-Nonilfenol, ramifikati u lineari, etossilati [sustanzi b'katina ta' alkil lineari u/jew ramifikati bin-numru tal-karbonju ta' 9 b'rabta kovalenti fil-pożizzjoni 4 għall-fenol, etossilati li jkopru sustanzi UVCB u sustanzi definiti tajjeb, polimeri u omologi, li jinkludu kull iżomeru individwali u/jew taħlitiet tagħhom] Nru tal-KE: — Nru tas-CAS: —	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrina (l-Artikolu 57(f) — l-ambjent)	l-4 ta' Lulju 2019 ►M56 (*) ◄	l-4 ta' Jannar 2021 ►M56 (**) ◄	—	—

▼M56

▼C9

44.	Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, ester tad-dieżil, ramifikat u lineari Nru tal-KE: 271-093-5 Nru tal-CAS: 68515-50-4	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	is-27 ta' Awwissu 2021 (*)	is-27 ta' Frar 2023 (**)	—	—
45.	Ftalat tad-dieżil Nru tal-KE: 201-559-5 Nru tal-CAS: 84-75-3	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	is-27 ta' Awwissu 2021 (*)	is-27 ta' Frar 2023 (**)	—	—

▼C9

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
46.	Aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, esteri alkiliċi di-C6-10; aċidu 1,2-benżendikarbossiliku, diesteri tad-deċil u tal-eżil u tal-ottil imħalltin flimkien ma' ≥ 0,3 % tal-ftalat tad-dieżil (Nru tal-KE 201-559-5) Nru tal-KE: 271-094-0; 272-013-1 Nru tal-CAS: 68515-51-5; 68648-93-1	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	is-27 ta' Awwissu 2021 (*)	is-27 ta' Frar 2023 (**)	—	—
47.	Fosfat tat-triksilil Nru tal-KE: 246-677-8 Nru tal-CAS: 25155-23-1	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	fis-27 ta' Novembru2021.	fis-27 ta' Mejju2023.	—	—
48.	Perborat tas-sodju; aċidu perboriku, melħ tas-sodju Nru tal-KE: 239-172-9; 234-390-0 Nru tal-CAS: -	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	fis-27 ta' Novembru2021.	fis-27 ta' Mejju2023.	—	—
49.	Perossometaborat tas-sodju Nru tal-KE: 231-556-4 Nru tal-CAS: 7632-04-4	Tossiku għar-riproduzzjoni (il-Kategorija 1B)	fis-27 ta' Novembru2021.	fis-27 ta' Mejju2023.	—	—

▼C9

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni ([1])	Data tat-terminazzjoni ([2])		
50.	5-sec-butil-2-(2,4-dimetilċikloeż-3-en-1-il)-5-metil-1,3-diossan [1], 5-sec-butil-2-(4,6-dimetilċikloeż-3-en-1-il)-5-metil-1,3-diossan [2] [li jkopri kull stereoisomeru individwali ta' [1] u [2] jew kwalunkwe taħlita tagħhom] Nru tal-KE: - Nru tal-CAS: -	vPvB	is-27 ta' Frar 2022	fis-27 ta' Awwissu2023.	—	—
51.	2-(2H-benżotriażol-2-il)-4,6-ditert-pentilfenol (UV-328) Nru tal-KE: 247-384-8 Nru tal-CAS: 25973-55-1	PBT, vPvB	fis-27 ta' Mejju2022.	fis-27 ta' Novembru2023.	—	—
52.	2,4-di-tert-butil-6-(5-klorobenżo-triażol-2-il)fenol (UV-327) Nru tal-KE: 223-383-8 Nru tal-CAS: 3864-99-1	vPvB	fis-27 ta' Mejju2022.	fis-27 ta' Novembru2023.	—	—
53.	2-(2H-benżotriażol-2-il)-4-(tert-butil)-6-(sec-butil)fenol (UV-350) Nru tal-KE: 253-037-1 Nru tal-CAS: 36437-37-3	vPvB	fis-27 ta' Mejju2022.	fis-27 ta' Novembru2023.	—	—

▼C9

Dħul Nru	Sustanza	Proprjeta(jiet) Intrinsiċi msemmija fl-Artikolu 57	Arranġamenti tranżitorji		(Kategoriji ta') Użi eżentati	Perjodi ta' reviżjoni
			L-aħħar data tal-applikazzjoni (1)	Data tat-terminazzjoni (2)		
54.	2-benżotriażol-2-il-4,6-di-tert-butilfenol (UV-320) Nru tal-KE: 223-346-6 Nru tal-CAS: 3846-71-7	PBT, vPvB	fis-27 ta' Mejju2022.	fis-27 ta' Novembru2023.	—	—

▼C4

(1) Id-data msemmija fl-Artikolu 58(1)(c)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
(2) Id-data msemmija fl-Artikolu 58(1)(c)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
(*) ►M56 L-1 ta' Settembru 2021 għall-użu tas-sustanza fil-produzzjoni ta' partijiet ta' rikambju bħala oġġetti jew bħala prodotti kumplessi għat-tiswija ta' oġġetti jew prodotti kumplessi, li l-produzzjoni tagħhom tkun waqfet jew li tkun se tieqaf qabel id-data tat-terminazzjoni indikata fl-entrata għal dik is-sustanza, meta dik is-sustanza tkun intużat fil-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti u jew dawk il-prodotti kumplessi u dawn ma jkunux jistgħu jaħdmu kif suppost mingħajr dik il-parti ta' rikambju u dik il-parti ta' rikambju ma tistax tiġi prodotta mingħajr dik is-sustanza, u għall-użu tas-sustanza (waħedha jew f'taħlita) għat-tiswija ta' tali oġġetti u prodotti kumplessi meta dik is-sustanza waħedha jew f'taħlita tkun intużat fil-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti u dawk il-prodotti kumplessi u dawn ma jistgħux jissewwew b'xi mod ieħor għajr bl-użu ta' dik is-sustanza.
(**) L-1 ta' Marzu 2023 għall-użu tas-sustanza fil-produzzjoni ta' partijiet ta' rikambju bħala oġġetti jew bħala prodotti kumplessi għat-tiswija ta' oġġetti jew prodotti kumplessi li l-produzzjoni tagħhom tkun waqfet jew li tkun se tieqaf qabel id-data tat-terminazzjoni indikata fl-entrata għal dik is-sustanza, meta dik is-sustanza tkun intużat fil-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti u dawk il-prodotti kumplessi u dawn ma jkunux jistgħu jaħdmu kif suppost mingħajr dik il-parti ta' rikambju, u għall-użu tas-sustanza (waħedha jew f'taħlita) għat-tiswija ta' tali oġġetti u prodotti kumplessi, meta dik is-sustanza waħedha jew f'taħlita tkun intużat fil-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti u dawk il-prodotti kumplessi u dawn ma jistgħux jissewwew b'xi mod ieħor għajr bl-użu ta' dik is-sustanza.
(***) Ma tissodisfax il-kriterji għall-identifikazzjoni bħala karċinoġenu jekk tinkludi < 0,005 % (skont il-piż) ta' benżo[a]piren (Nru Einecs 200-028-5). ◄
(****) Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

▼C1

ANNESS XV

DOSSIERS

I. INTRODUZZJONI U DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Dan l-Anness jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-preparazzjoni ta' dossiers li jipproponu u jiġġustifikaw:

▼M3

_____

— l-identifikazzjoni ta' CMRs, PBTs, vPvBs, jew sustanza ta' tħassib ekwivalenti skond l-Artikolu 59,

▼C1

— ir-restrizzjonijiet tal-manifattura, tat-tqegħid fis-suq jew ta' użu ta' sustanza fil-Komunità.

Il-partijiet relevanti ta' l-Anness I għandhom jiġu użati fil-metodoloġija u l-format ta' kwalunkwe dossier skond dan l-Anness.

Għad-dossiers kollha kwalunkwe informazzjoni relevanti mid-dossiers ta' reġistrazzjoni għandha tiġi kunsidrata u tista' tintuża informazzjoni disponibbli oħra. Għall-informazzjoni dwar il-perikli li ma tkunx ġiet preżentata qabel lill-Aġenzija, għandu jiġi inkluż fid-dossier sommarju robust ta' studju.

II. KONTENUT TAD-DOSSIERS

▼M3

_____

▼C1

2. **Dossier għall-identifikazzjoni ta' sustanza bħala PBT, vPvBv jew sustanza ta' tħassib ekwivalenti skond l-Artikolu 59**

Proposta

Il-proposta għandha tinkludi l-identità tas-sustanza jew sustanzi konċernati u jekk hux propost li jiġu identifikati bħala CMR skond l-Artikolu 57(a), (b) jew (ċ), PBT skond l-Artikolu 57(d), jew bħala vPvB skond l-Artikolu 57(e), jew bħala sustanza ta' tħassib ekwivalenti skond l-Artikolu 57(f).

Ġustifikazzjoni

Għandu jsir paragun bejn l-informazzjoni disponibbli u l-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII għall-PBT skond l-Artikolu 57(d), u għall-vPvBs skond l-Artikolu 57(e), jew għandha ssir stima tal-periklu u mqabbla ma' l-Artikolu 57(f), skond il-partijiet relevanti tat-Taqsimiet 1 sa 4 ta' l-Anness I għandu jkun kompletat. Dan għandu jiġi dokumentat fil-format previst fil-Parti B tar-Rapport tas-Sigurtà Kimika fl-Anness I.

Informazzjoni dwar espożizzjoni, sustanzi alternattivi u riskji

Għandhom jiġu provduti l-informazzjoni disponibbli dwar użu u espożizzjoni u l-informazzjoni dwar sustanzi alternattivi u teknika.

3. **Dossiers għall-proposta ta' restrizzjonijiet**

Proposta

Il-proposta għandha tinkludi l-identità tas-sustanza u r-restrizzjoni jew restrizzjonijiet proposti għall-manifattura, it-tqegħid fis-suq jew l-użu(i) u sommarju tal-ġustifikazzjoni.

▼C1

Informazzjoni dwar perikli u riskji

Ir-riskji li għandhom jiġu indirizzati bir-restrizzjoni għandhom jiġu deskritti abbażi ta' l-istima tal-perikli u tar-riskji skond il-partijiet relevanti ta' l-Anness I u għandhom ikunu dokumentati fil-format previst fil-Parti B ta' dak l-Anness għar-Rapport tas-Sigurtà Kimika.

Għandha tiġi provduta l-prova ta' l-insuffiċjenza tal-miżuri ta' l-immaniġġar tar-riskji implementati (inklużi dawk identifikati f'reġistrazzjonijiet taħt l-Artikoli 10 sa 14).

Informazzjoni dwar alternattivi

Għandha tiġi provduta l-informazzjoni disponibbli dwar sustanzi alternattivi u teknika, inklużi:

— informazzjoni dwar ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent relatata mall-maifattura jew ma' l-użu ta' l-alternattivi;

— disponibbiltà, inkluża l-iskala ta' żmien;

— fattibbiltà teknika u ekonomika.

Ġustifikazzjoni għar-Restrizzjonijiet fil-Livell Komunitarju

Għandha tiġi provduta l-ġustifikazzjoni li:

— tkun meħtieġa azzjoni fuq bażi wiesgħa Komunitarja

— xi restrizzjoni tkun l-aktar miżura adatta, applikabbli mal-Komunità kollha, li għandha tiġi valutata bl-użu tal-kriterji li ġejjin:

(i) effikaċja: ir-restrizzjoni trid tkun immirata għall-effetti jew espożizzjonijiet li jikkawżaw ir-riskji identifikati, kapaċi li jnaqqsu dawn ir-riskji għal-livell aċċettabbli f'perjodu ta' żmien raġjonevoli u proporzjonat għar-riskju;

(ii) pratiċità: ir-restrizzjoni għandha tkun implementabbli, infurzabbli u maniġġabbli;

(iii) monitorabbiltà: għandu jkun possibbli li jiġi monitorat ir-riżultat ta' l-implementazzjoni tar-restrizzjoni proposta;

Valutazzjoni soċjo-ekonomika

L-impatti soċjo-ekonomiċi tar-restrizzjoni proposta jistgħu jiġu analizzati b'referenza għall-Anness XVI. Għal dan il-għan, il-benefiċċji netti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent tar-restrizzjoni proposta jistgħu jiġu mqabbla ma' l-ispejjeż netti tagħha għal manifatturi, importaturi, utenti downstream, distributuri, konsumaturi u s-soċjetà in ġenerali.

Informazzjoni dwar konsultazzjoni ta' persuni interessati

Għandha tiġi inkluża fid-dossier l-informazzjoni dwar kwalunkwe konsultazzjoni ma' partijiet interessati u dwar kif ittieħed kont ta' l-opinjonijiet tagħhom.

▼C1

ANNESS XVI

ANALIŻI SOĊJO-EKONOMIKA

Dan l-Anness jindika l-informazzjoni li tista' tiġi indirizzata minn dawk li jippreżentaw analiżi soċjo-ekonomika (SEA) ma' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, kif speċifikat fl-Artikolu 62(5)(a), jew f'konnessjoni ma' restrizzjoni proposta, kif speċifikat fl-Artikolu 69(6)(b).

L-Aġenzija għandha tfassal linji gwida għall-preparazzjoni ta' l-SEAs. Il-preżentazzjoni ta' SEAs, jew ta' kontributi għalihom, għandha ssir fil-format speċifikat mill-Aġenzija konformement ma' l-Artikolu 111.

Madankollu, il-livell ta' detall u l-firxa ta' applikazzjoni ta' l-SEA, jew kontributi għalihom għandhom ikunu r-responsabbiltà ta' l-applikant għal awtorizzazzjoni, jew, fil-każ ta' restrizzjoni proposta, il-parti interessata. L-informazzjoni provduta tista' tindirizza l-impatti soċjo-ekonomiċ fuq kwalunkwe livell.

L-SEA tista' tinkludi l-elementi li ġejjin:

— l-impatt ta' awtorizzazzjoni mogħtija jew miċħuda fuq l-applikant(i), jew, fil-każ ta' restrizzjoni proposta, l-impatt fuq l-industrija (per eżempju, manifatturi u importaturi). L-impatt fuq l-atturi l-oħra kollha fil-katina tal-provvista, utenti “downstream” u negozji assoċjati f'termini ta' konsegwenzi kummerċjali bħall-impatt fuq l-investiment, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni, spejjeż ta' darba kultant biss u spejjeż operattivi (per eżempju, spejjeż ta' konformità; arranġamenti transitorji, bidliet fi proċessi eżistenti, sistemi ta' rapportar u ta' monitoraġġ' installazzjoni ta' teknoloġija ġdida, eċċ.) b'kont meħud tax-xejriet ġenerali fis-suq u t-teknoloġija.

— l-impatti ta' awtorizzazzjoni mogħtija jew miċħuda, jew restrizzjoni proposta, fuq il-konsumaturi. Per eżempju, il-prezzijiet tal-prodott, bidliet fil-kompożizzjoni jew fil-kwalità jew fil-prestazzjoni ta' prodotti, id-disponibbiltà ta' prodotti, l-għażla tal-konsumatur, kif ukoll l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent sa fejn dawn jinfluwenzaw lill-konsumaturi.

— l-implikazzjonijiet soċjali ta' awtorizzazzjoni mogħtija jew miċħuda, jew ta' restrizzjoni proposta. Per eżempju, is-sigurtà tax-xogħol u ta' l-impjieg.

— id-disponibbiltà, l-adegwatezza, u l-fattibbiltà teknika ta' sustanzi u/jew teknoloġiji alternattivi, u l-konsegwenzi ekonomiċi tagħhom, u informazzjoni dwar ir-rati ta', u l-potenzjal għal, bidla teknoloġika fis-settur jew setturi konċernati. Fil-każ ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-impatti soċjali u/jew ekonomiċi ta' l-użu ta' kwalunkwe alternattiva disponibbli.

— l-implikazzjonijiet usa' għall-kummerċ, għall-kompetizzjoni u għall-iżvilupp ekonomiku (b'mod partikolari għall-SMEs u fir-rigward ta' pajjiżi terzi) ta' awtorizzazzjoni mogħtija jew miċħuda, jew ta' restrizzjoni proposta. Dan jista' jinkludi konsiderazzjoni ta' aspetti lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali.

— fil-każ ta' restrizzjoni proposta, proposti għal miżuri regolatorji jew non-regolatorji oħra li jistgħu jissodisfaw l-għan tar-restrizzjoni proposta (dan għandu jieħu kont ta' leġislazzjoni eżistenti). Dan għandu jinkludi valutazzjoni ta' l-effikaċja u stima ta' l-ispejjeż marbuta ma' miżuri alternattivi ta' l-immaniġġar tar-riskji.

— fil-każ ta' restrizzjoni proposta jew awtorizzazzjoni miċħuda, il-benefiċċji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent kif ukoll il-benefiċċji soċjali u ekonomiċ tar-restrizzjoni proposta. Per eżempju, is-saħħa tal-ħaddiema, il-prestazzjoni ambjentali u d-distribuzzjoni ta' dawn il-benefiċċji, per eżempju, ġeografikament, relattivament għal gruppi tal-popolazzjoni.

— l-SEA tista' wkoll tindirizza kwalunkwe kwistjoni oħra kunsidrata bħala relevanti mill-applikant(i) jew mill-parti interessata.

▼C1

ANNESS XVII

▼M5

RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-MANIFATTURA, IT-TQEGĦID FIS-SUQ U L-UŻU TA' ĊERTI SUSTANZI, TAĦLITIET U OĠĠETTI PERIKOLUŻI

Għal sustanzi li ġew inkorporati f'dan l-Anness bħala konsegwenza tar-restrizzjonijiet adottati fil-qafas tad-Direttiva 76/769/KEE (Entrati 1 sa 58), ir-restrizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għall-ħażna, iż-żamma, it-trattament, il-mili f'kontenituri, jew għat-trasferiment minn kontenitur għall-ieħor ta' dawn is-sustanzi għall-esportazzjoni, sakemm ma tkunx ipprojbita l-manifattura ta' dawn is-sustanzi.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
1. Polychlorinated terphenyls (PCTs)	Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw: — bħala sustanzi, — f'taħlitiet, inkluż żjut użati, jew f'tagħmir, f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 50 mg/kg (0,005 % skont il-piż).
2. Chloroethene (klorur tal-vinil) CAS Nru 75-01-4 KE Nru 200-831-0	Ma għandux jintuża bħala fjuwil f'erosols għal kwalunkwe użu. Dispensers tal-erosol li jkollhom is-sustanza bħala fjuwil ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.

▼M6

►M3 3. Sustanzi jew taħlitiet likwidi ►M3 ——————— ◄ li jissodisfaw il-kriterji għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet jew il-kategoriji ta' periklu li ġejjin imniżżla fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008: (a) klassijiet ta' periklu 2.1 sa 2.4, 2.6 u 2.7, 2.8 tipi A u B, 2.9, 2.10, 2.12, 2.13 kategoriji 1 u 2, 2.14 kategoriji 1 u 2, 2.15 tipi A sa F; (b) klassijiet ta' periklu 3.1 sa 3.6, 3.7 effetti negattivi fuq il-funzjonament sesswali u l-fertilità jew fuq l-iżvilupp, 3.8 effetti oħra barra effetti narkotiċi, 3.9 u 3.10; (ċ) klassi ta' periklu 4.1; (d) klassi ta' periklu 5.1. ◄	1. Ma għandhomx jintużaw fi: — oġġetti ornamentali, maħsuba biex jipproduċu d-dawl jew effetti tal-kulur permezz ta' fażijiet differenti, pereżempju f'bozoz għat-tiżjin u axtrejs, — bużullotti u ċajt, — logħob għal partečipant wieħed jew aktar, jew kull oġġett maħsub li jintuża bħala tali, anke b'aspetti għat-tiżjin. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. ►M61 3. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk dawn ikollhom aġent tal-kulur, sakemm ma jkunx jinħtieġ għal finijiet fiskali jew bħala fwieħa jew għat-tnejn u jekk dawn: — jistgħu jintużaw bħala fjuwil f'lampi dekorattivi għall-forniment lill-pubbliku ġenerali, u, — joħolqu periklu għall-aspirazzjoni u jkunu indikati bil-figura H304 fuq it-tikketta tagħhom. ◄ 4. Lampi taż-żejt dekorattivi għall-forniment tal-pubbliku ġenerali ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jikkonformawx mal-Istandard Ewropew dwar il-lampi taż-żejt Dekorattivi (EN 14059) adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

▼M6

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	►M61 5. Bla ħsara għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni oħrajn relatati mal-klassifikazzjoni, mal-imballaġġ u mal-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, min iforni għandu jiżgura, qabel it-tqegħid fis-suq, li dawn ir-rekwiżiti jkunu ssodisfati: (a) iż-żjut tal-lampi, ittikkettjati b'H304, maħsuba għall-forniment lill-pubbliku ġenerali jkunu viżibbli, u mmarkati b'mod li jinqraw ċar u ma jitħassarx kif ġej: "Żomm il-lampi mimlijin b'dan il-likwidu 'l bogħod mit-tfal"; u, sal-1 ta' Diċembru 2010, "Belgħa żgħira taż-żejt tal-lampi — jew anke l-issuffjar tal-ftila tal-lampi — tista' twassal għal ħsara fil-pulmun li jhedded il-ħajja"; (b) il-fluwidi tal-lajters tal-grill, ittikkettjati b'H304, maħsuba għall-forniment lill-pubbliku ġenerali jiġu mmarkati b'mod li jinqara ċar u li ma jitħassarx sal-1 ta' Diċembru 2010 kif ġej: "Belgħa żgħira tal-likwidu tal-lajters tal-grill tista' twassal għal ħsara fil-pulmun li jhedded il-ħajja"; (c) iż-żjut tal-lampi u l-lajters tal-grill, ittikkettjati b'H304, maħsuba għall-forniment lill-pubbliku ġenerali huma ppakkjati f'kontenituri suwed opaki li ma jaqbżux il-litru sal-1 ta' Diċembru 2010. ◄ ►M61 ———————— ◄ ►M61 ———————— ◄

▼M5

4. Tris (2,3 dibromopropyl) phosphate CAS Nru 126-72-7	1. Ma għandhomx jintużaw f'oġġetti tat-tessuti, bħal ilbies, ilbies ta' taħt u bjankerija, intiżi biex jagħmlu kuntatt mal-ġilda. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.
5. Benżin CAS Nru 71-43-2 KE Nru 200-753-7	1. Ma għandux jintuża f'ġugarelli jew f'partijiet ta' ġugarelli fejn il-konċentrazzjoni ta' benżin fi stat ħieles tkun iktar minn 5 mg/kg (0,0005 %) tal-piż tal-ġugarell jew parti ta' ġugarell. 2. Ġugarelli jew partijiet ta' ġugarelli li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Ma għandhiex titqiegħed fis-suq, jew tintuża,

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	— bħala sustanza, — bħala kostitwent ta' sustanzi oħra, jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjonijiet ugwali għal, jew iktar minn, 0,1 % skont il-piż. 4. Madankollu, il-paragrafu 3 ma japplikax għal: (a) karburanti tal-magna koperti bid-Direttiva 98/70/KE; (b) sustanzi u taħlitiet għall-użu fi proċessi industrijali li ma jippermettux l-emissjoni ta' benżin fi kwantitajiet ogħla minn dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni eżistenti; ►M33 (c) il-gass naturali li jitqiegħed fis-suq għall-użu mill-konsumaturi, diment li l-konċentrazzjoni tal-benżen tibqa' inqas minn 0,1 % volum/volum. ◄
6. Fibri tal-asbestos (a) Crocidolite CAS Nru 12001-28-4 (b) Amosite CAS Nru 12172-73-5 (ċ) Anthophyllite CAS Nru 77536-67-5 (d) Actinolite CAS Nru 77536-66-4 (e) Tremolite CAS Nru 77536-68-6 (f) Chrysotile CAS Nru 12001-29-5 CAS Nru 132207-32-0	►M37 1. Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawn il-fibri u tal-oġġetti u t-taħlitiet li fihom dawn il-fibri miżjuda intenzjonalment, huma pprojbiti. Madankollu, jekk l-użu ta' dijaframmi li fihom il-krisotilu għall-installazzjonijiet tal-elettroliżi użati fit-13 ta' Lulju 2016 kien ġie eżentat minn Stat Membru f'konformità mal-verżjoni ta' dan il-paragrafu fis-seħħ sa dik id-data, l-ewwel subparagrafu ma għandux japplika qabel l-1 ta' Lulju 2025 għall-użu f'dawk l-istallazzjonijiet ta' tali dijaframmi jew ta' krisotili użati esklussivament fil-manutenzjoni ta' tali dijaframmi, sakemm dan l-użu jkun f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' permess stabbilit f'konformità mad- Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Kwalunkwe utent downstream li jibbenefika minn tali eżenzjoni għandu jibgħat, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja, u lill-Istat Membru fejn tinsab l-installazzjoni tal-elettroliżi relevanti, rapport li jindika l-ammont ta' krisotili użati f'dijaframmi skont l-eżenzjoni. L-Istat Membru għandu jibgħat kopja lill-Kummissjoni Ewropea. Meta, sabiex tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, Stat Membru jitlob il-monitoraġġ ta' krisotili fl-arja minn utenti downstream, ir-riżultati għandhom jiġu inklużi f'dak ir-rapport. ◄ ►M37 (*) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (prevenzjoni u kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17). ◄

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	2. L-użu ta' oġġetti li jkollhom il-fibri tal-asbestos msemmija fil-paragrafu 1 li kienu installati diġà u/jew li kienu fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2005 għandhom ikomplu jiġu awtorizzati sakemm dawn jintremew jew sakemm dawn jilħqu t-tmiem tal-ħajja tagħhom. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, jirrestrinġu, jipprojbixxu jew jagħmlu suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi, l-użu ta' dawn l-oġġetti qabel ma jintremew jew inkella qabel ma jilħqu t-tmiem tal-ħajja tas-servizz tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' oġġetti fl-intier tagħhom li fihom fibri tal-asbestos imsemmija fil-paragrafu 1 li diġà kienu installati u/jew qegħdin jaħdmu qabel l-1 ta' Jannar 2005, taħt kundizzjonijiet speċifiċi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawn il-miżuri nazzjonali lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ġunju 2011. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan it-tagħrif disponibbli pubblikament. 3. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' oġġetti li jkollhom dawn il-fibri, kif awtorizzati skont id-derogi preċedenti, għandhom ikunu awtorizzati biss jekk il-forniturijiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-oġġetti jkollhom tikketta skont l-Appendiċi 7 ta' dan l-Anness.
7. Tris(aziridinyl)phosphinoxide CAS Nru 545-55-1 KE Nru 208-892-5	1. Ma għandhomx jintużaw f'oġġetti tat-tessuti, bħal ilbies, ilbies ta' taħt u bjankerija, intiżi biex jagħmlu kuntatt mal-ġilda. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.
8. Polybromobiphenyls; Polybrominatedbiphenyls (PBB) CAS Nru 59536-65-1	1. Ma għandhomx jintużaw f'oġġetti tat-tessuti, bħal ilbies, ilbies ta' taħt u bjankerija, intiżi biex jagħmlu kuntatt mal-ġilda. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
9. (a) Trab tal-Quillaja saponaria u d-derivattivi tagħha li fihom is-saponini CAS Nru 68990-67-0 KE 273-620-4 (b) Trab mill-għeruq tal-*Helleborus viridis* u tal-*Helleborus niger* (ċ) Trab tal-għeruq tal-*Veratrum album* u l-*Veratrum nigrum* (d) Benzidine u/jew id-derivattivi tagħha CAS Nru 92-87-5 KE Nru 202-199-1 (e) o-Nitrobenzaldehyde CAS Nru 552-89-6 KE Nru 209-025-3 (f) Trab tal-injam	1. Ma għandhomx jintużaw f'bużullotti jew f'ċajtiet jew f'taħlitiet maħsubin biex jintużaw b'dan il-mod, pereżempju bħala kostitwent fi trab tal-għatis jew f'bombi tal-intiena. 2. Bużullotti u ċajtiet, jew taħlitiet jew oġġetti intiżi biex jintużaw bħala tali, li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Madankollu, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikax għal bombi tal-intiena b'inqas minn 1,5 ml ta' likwidu.
10. (a) Ammonium sulphide CAS Nru 12135-76-1 KE Nru 235-223-4 (b) Ammonium hydrogen sulphide CAS Nru 12124-99-1 KE Nru 235-184-3 (ċ) Ammonium polysulphide CAS Nru 9080-17-5 KE Nru 232-989-1	1. Ma għandhomx jintużaw f'bużullotti jew f'ċajtiet jew f'taħlitiet maħsubin biex jintużaw b'dan il-mod, pereżempju bħala kostitwent fi trab tal-għatis jew f'bombi tal-intiena. 2. Bużullotti u ċajtiet, jew taħlitiet jew oġġetti intiżi biex jintużaw bħala tali, li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Madankollu, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikax għal bombi tal-intiena b'inqas minn 1,5 ml ta' likwidu.
11. Esteri volatili ta' aċidi bromoaċetiċi: (a) Methyl bromoacetate CAS Nru 96-32-2 KE Nru 202-499-2 (b) Ethyl bromoacetate CAS Nru 105-36-2 KE Nru 203-290-9 (ċ) Propyl bromoacetate CAS Nru 35223-80-4 (d) Butyl bromoacetate CAS Nru 18991-98-5 KE Nru 242-729-9	1. Ma għandhomx jintużaw f'bużullotti jew f'ċajtiet jew f'taħlitiet maħsubin biex jintużaw b'dan il-mod, pereżempju bħala kostitwent fi trab tal-għatis jew f'bombi tal-intiena. 2. Bużullotti u ċajtiet, jew taħlitiet jew oġġetti intiżi biex jintużaw bħala tali, li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Madankollu, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikax għal bombi tal-intiena b'inqas minn 1,5 ml ta' likwidu.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
12. 2-Naphthylamine CAS Nru 91-59-8 KE Nru 202-080-4 u l-imluħ tiegħu 13. Benzidine CAS Nru 92-87-5 KE Nru 202-199-1 u l-imluħ tiegħu 14. 4-Nitrobiphenyl CAS Nru 92-93-3 EINECS KE Nru 202-204-7 15. 4-Aminobiphenyl xenylamine CAS Nru 92-67-1 Einecs KE Nru 202-177-1 u l-imluħ tiegħu	Dawn li ġejjin japplikaw għall-entrati 12 sa 15: Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż.
16. Karbonati taċ-ċomb: (a) Karbonat anidruż newtrali ($PbCO_3$) CAS Nru 598-63-0 KE Nru 209-943-4 (b) Trilead-bis(carbonate)-dihydroxide $2Pb\ CO_3$-$Pb(OH)_2$ CAS Nru 1319-46-6 KE Nru 215-290-6	Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet, fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża bħala żebgħa. ►**M21** Madankollu, l-Istati Membri, skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni 13 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), jistgħu jippermettu l-użu fit-territorju tagħhom tas-sustanza jew tat-taħlita għar-restawr u l-manutenzjoni ta' xogħlijiet tal-arti u bini storiku u l-partijiet ta' ġewwa tiegħu, kif ukoll it-tqegħid fis-suq għal tali użu. Fejn Stat Membru juża din id-deroga, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. ◄
17. Sulfati taċ-ċomb: (a) $PbSO_4$ CAS Nru 7446-14-2 KE Nru 231-198-9 (b) Pbx SO_4 CAS Nru 15739-80-7 KE Nru 239-831-0	Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet, fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża bħala żebgħa. ►**M21** Madankollu, l-Istati Membri, skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni 13 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), jistgħu jippermettu l-użu fit-territorju tagħhom tas-sustanza jew tat-taħlita għar-restawr u l-manutenzjoni ta' xogħlijiet tal-arti u bini storiku u l-partijiet ta' ġewwa tiegħu, kif ukoll it-tqegħid fis-suq għal tali użu. Fejn Stat Membru juża din id-deroga, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. ◄

▼**M5**

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
18. Komposti tal-merkurju	Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża biex: (a) timpedixxi l-kontaminazzjoni minn mikroorganiżmi, pjanti u annimali ta': — qxur ta' dgħajjes, — gaġeġ, sufruni, xbieki u apparat jew tagħmir ieħor użat fil-pixxikultura fir-rigward tal-ħut jew ta' frott tal-baħar, — kwalunkwe apparat jew tagħmir totalment jew parzjalment mgħarrqa; (b) fil-preservazzjoni tal-injam; (ċ) fl-imprenjazzjoni ta' tessuti industrijali heavy-duty u ħjut maħsubin għall-fabbrikazzjoni tagħhom; (d) fit-trattament ta' ilmijiet industrijali, irrispettivament mill-użu tagħhom.
18a. Merkurju CAS Nru 7439-97-6 KE Nru 231-106-7	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq: (a) f'termometri tad-deni; (b) f'appart ieħor ta' kejl intiż biex jinbiegħ lill-pubbliku ġenerali (bħal manometri, barometri, sfigmomanometri, termometri minbarra termometri tad-deni). 2. Ir-restrizzjoni fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-apparat tal-kejl li kien jintuża fil-Komunità qabel it-3 ta' April 2009. Madankollu l-Istati Membri jistgħu jirrestriġu jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' kejl bħal dan. 3. Ir-restrizzjoni fil-paragrafu 1(b) ma tapplikax għal: (a) apparat tal-kejl li fit-3 ta' Ottubru 2007 ikun għalaq iktar minn 50 sena, (b) barometri (ħlief barometri fil-punt (a)) sat-3 ta' Ottubru 2009. ►**M19** ——————— ◄ ►**M19** 5. L-istrumenti tal-kejl li ġejjin, li fihom il-merkurju u huma maħsuba għal użi industrijali u professjonali ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-10 ta' April 2014: (a) barometri; (b) igrometri; (c) manometri;

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(d) sfigmomanometri; (e) strain gauges biex jintużaw mal-pletismografi; (f) tensjometri; (g) termometri u applikazzjonijiet termometriċi mhux tal-elettriku oħrajn. Ir-restrizzjoni għandha tapplika wkoll għal strumenti tal-kejl fil-punti (a) sa (g) li jitqiegħdu fis-suq vojta jekk ikunu maħsuba biex jimtlew bil-merkurju. 6. Ir-restrizzjoni fil-paragrafu 5 ma għandhiex tapplika għal: (a) sfigmomanometri li jridu jintużaw: (i) fi studji epidemjoloġiċi li jkunu għaddejjin fl-10 ta' Ottubru 2012 (ii) bħala standards ta' referenza fi studji ta' validazzjoni klinika ta' sfigmomanometri ħielsa mill-merkurju; (b) termometri maħsuba esklużivament għat-twettiq ta' testijiet skont l-istandards li jirrikjedu l-użu ta' termometri tal-merkurju sal-10 ta' Ottubru 2017; (c) ċelloli tal-merkurju għall-kejl tal-punt triplu li jintużaw għall-kalibrazzjoni ta' termometri ta' reżistenza tal-platinu. 7. L-istrumenti tal-kejl li ġejjin, li jużaw il-merkurju u huma maħsuba għal użi professjonali u industrijali ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-10 ta' April 2014: (a) piknometri tal-merkurju; (b) strumenti tal-kejl tal-merkurju għad-determinazzjoni tal-punt tat-trattib. 8. Ir-restrizzjonijiet fil-paragrafi 5 u 7 ma għandhomx japplikaw għal: (a) strumenti tal-kejl li fit-3 ta' Ottubru 2007 ikollhom aktar minn 50 sena; (b) strumenti tal-kejl li jridu jidhru f'wirjiet pubbliċi għal finijiet kulturali u storiċi. ◄
19. Komposti arseniċi	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża għall-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni minn mikroorganiżmi, pjanti u annimali ta': — qxur ta' dgħajjes,

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	— gaġeġ, sufruni, xbieki u apparat jew tagħmir ieħor użat fil-pixxikultura fir-rigward tal-ħut jew ta' frott tal-baħar, — kwalunkwe apparat jew tagħmir totalment jew parzjalment mgħarrqa. 2. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża fit-trattament ta' ilmijiet industrijali, irrispettivament mill-użu tagħhom. 3. Ma għandhomx jintużaw fil-preservazzjoni tal-injam. Barra minn hekk, injam trattat b'dan il-mod ma għandux jitqiegħed fis-suq. 4. B'deroga mill-paragrafu 3: (a) Fir-rigward ta' sustanzi u taħlitiet użati fil-preservazzjoni tal-injam: dawn jistgħu jintużaw biss f'installazzjonijiet industrijali bl-użu ta' imprenjazzjoni tal-injam bil-pressa jew taħt vakwu jekk ikunu soluzzjonijiet ta' komposti inorganiċi tat-tip C tar-RKA (ram-kromju-arseniku) u jekk dawn ikunu awtorizzati skont l-Artikolu 51. tad-Direttiva 98/8/KE. Injam trattat b'dan il-mod ma għandux jitqiegħed fis-suq qabel mal-iffissar tal-preżervattiv ikun lest. (b) Fir-rigward ta' injam trattat b'soluzzjonijiet tar-RKA f'installazzjonijiet industrijali skont il-punt (a): dan jista' jitqiegħed fis-suq għal użu professjonali u industrijali jekk l-integrità strutturali tal-injam tkun meħtieġa għas-sigurtà tal-bniedem jew tal-annimali u l-kuntatt mal-ġilda tal-pubbliku ġenerali waqt l-użu jkun improbabbli: — bħala injam strutturali f'bini pubbliku u agrikolu, f'binjiet ta' uffiċini u f'bini u artijiet industrijali, — f'pontijiet u xogħol relatat ma' pontijiet, — f'injam għall-bini f'żoni ta' ilma ħelu jew ta' ilma salmastru, pereżempju pontuni u pontijiet, — bħala barrieri kontra l-ħoss, — għall-kontroll ta' valangi, — f'reċinti u barrieri għas-sigurtà fuq awtostradi, — bħala protezzjoni madwar punteljuni tal-koniferi għal reċinti tal-annimali, — fi strutturi sabiex iżommu l-art,

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	— bħala piluni għat-trażmissjoni ta' kurrent elettriku u għat-telekomunikazzjoni, — bħala rfid trasversali għal-linji tal-ferroviji ta' taħt l-art. (ċ) Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet il-forniturigħandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li kull injam trattat imqiegħed fis-suq ikun ittikkettjat individwalment bil-kliem "Għall-installazzjoni u l-użu professjonali u industrijali biss, fih l-arseniku". Kif ukoll kull injam imqiegħed fis-suq f'imballaġġi għandu jkun ittikkettjat bil-kliem "Ilbes l-ingwanti meta tuża dan l-injam. Ilbes maskla għat-trab u protezzjoni għall-għajnejn meta taqta jew taħdem dan l-injam. Skart minn dan l-injam għandu jitqies bħala perikoluż minn impriża awtorizzata." (d) L-injam ittrattat imsemmi fil-punt (a) ma għandux jintuża: — f'bini residenzjali jew domestiku, għall-ebda skop, — fi kwalunkwe applikazzjoni fejn jista' jkun hemm kuntatt ripetut mal-ġilda, — fil-baħar, — għal skopijiet agrikoli barra mill-użu bħala strutturi u punteljuni għal reċinti għall-annimali skont il-punt (b), — fi kwalunkwe applikazzjoni fejn l-injam trattat jista' jiġi f'kuntatt ma' prodotti intermedji jew lesti maħsubin għall-konsum mill-bniedem u/jew mill-annimali. 5. Injam ittrattat b'komposti tal-arseniku li kien jintuża fil-Komunità qabel it-30 ta' Settembru 2007, jew li tpoġġa fis-suq skont il-paragrafu 4 jista' jibqa' hemm u jintuża sakemm dan jilħaq it-tmiem tal-ħajja tiegħu. 6. Injam ittrattat tat-tip C tar-RKA li kien jintuża fil-Komunità qabel it-30 ta' Settembru 2007, jew li tpoġġa fis-suq skont il-paragrafu 4:: — jista' jintuża jew jintuża mill-ġdid soġġett għall-kundizzjonijiet li jappartjenu għall-użu tiegħu, elenkati taħt il-punti 4(b), (c) u (d), — jista' jitqiegħed fis-suq soġġett għall-kundizzjonijiet li jappartjenu għall-użu tiegħu, elenkati taħt il-punti 4(b), (c) u (d).

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	7. L-Istati Membri jistgħu jippermettu njam ittrattat ma' tipi oħra ta' soluzzjonijiet ta' RKA li kien jintuża fil-Komunità qabel it-30 ta' Settembru 2007: — biex jintuża jew jerġa' jintuża soġġett għall-kundizzjonijiet li jappartjenu għall-użu tiegħu, elenkati taħt il-punti 4 (b), (c) u (d), — irid jitqiegħed fis-suq soġġett għall-kundizzjonijiet li jappartjenu għall-użu tiegħu, elenkati taħt il-punti 4(b), (c) u (d).
20. Komposti organostanniċi	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi u f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita taġixxi bħala bijoċida f'żebgħa b'filtrazzjoni libera. 2. Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita taġixxi bħala bijoċida biex tevita l-kontaminazzjoni minn mikroorganiżmi, pjanti jew annimali ta': (a) kull inġenju tal-baħar irrispettivament mit-tul tiegħu maħsub għall-użu fil-baħar, f'ilmijiet mal-kosta, f'estwarji u f'passaġġi interni fuq l-ilma u f'lagi; (b) gaġeġ, sufruni, xbieki u apparat jew tagħmir ieħor użat fil-pixxikultura fir-rigward tal-ħut jew ta' frott tal-baħar; (ċ) kwalunkwe apparat jew tagħmir totalment jew parzjalment mgħarrqa. 3. Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita tkun intiża biex tintuża fit-trattament ta' ilmijiet industrijali. ►M6 4. Komposti organostanniċi trisostitwiti: (a) Il-komposti organostanniċi trisostitwiti bħall-komposti tributiltin (TBT) u trifeniltin (TPT) m'għandhomx jintużaw wara l-1 ta' Lulju 2010 f'oġġetti fejn il-konċentrazzjoni fl-oġġett, jew parti minnu, huwa ikbar mill-ekwivalenti ta' 0,1 % skont il-piż tal-landa. (b) L-oġġetti li ma jikkonformawx mal-punt (a) ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-1 ta' Lulju 2010, ħlief oġġetti li diġà kienu qed jintużaw fil-Komunità qabel dik id-data. 5. Komposti tad-Dibutyltin (DBT): (a) Il-komposti tad-dibutyltin (DBT) ma għandhomx jintużaw wara l-1 ta' Jannar 2012 f'taħlitiet u oġġetti għal provvista lill-pubbliku ġenerali fejn il-konċentrazzjoni fit-taħlita jew l-oġġett, jew parti minnu, hija ikbar mill-ekwivalenti ta' 0,1 % skont il-piż tal-landa.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(b) L-oġġetti u t-taħlitiet li ma jikkonformawx mal-punt (a) ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-1 ta' Jannar 2012, ħlief oġġetti li diġà kienu qed jintużaw fil-Komunità qabel dik id-data. (c) B'deroga, il-punti (a) u (b) ma għandhomx japplikaw qabel l-1 ta' Jannar 2015 għall-oġġetti u t-taħlitiet li ġejjin għall-provvista lill-pubbliku ġenerali: — adeżivi u siġillanti tal-vulkanizzar ta' temperatura ambjentali b'komponent wieħed u b'żewġ komponenti (siġillanti RTV-1 u RTV-2), — żebgħa u kisi li fihom il-komposti DBT bħala katalizzaturi meta jiġu applikati fuq l-oġġetti, — profili tal-polyvinyl chloride (PVC) rotob kemm jekk waħedhom jew koetrużi mal-PVC iebes, — tessuti miksija bil-PVC li fih il-komposti DBT bħala stabilizzaturi meta jkunu magħmula għall-applikazzjoni esterna, — pajpijiet għall-ilma tax-xita għall-użu estern, kanali għall-miżieb u tagħmir għalihom, kif ukoll materjal ta' kisi għas-soqfa u l-faċċati. (d) B'deroga, il-punti (a) u (b) ma għandhomx japplikaw għall-materjali u l-oġġetti regolati skont ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004. 6. Il-kompost Dioctyltin (DOT): (a) Il-komposti dioctyltin (DOT) ma għandhomx jintużaw wara l-1 ta' Jannar 2012 fl-oġġetti li ġejjin għall-provvista, jew l-użu mill-pubbliku ġenerali fejn il-konċentrazzjoni fl-oġġett, jew f'parti minnu, hija ikbar mill-ekwivalenti ta' 0,1 % skont il-piż tal-landa: — l-oġġetti tessili maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ġilda, — ingwanti, — xidd is-saqajn, jew parti minnhom maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ġilda, — kisi tal-art jew tal-ħajt, — oġġetti għall-kura tat-tfal, — prodotti tal-iġjene tan-nisa, — ħrieqi, — moulding kits tal-vulkanizzar ta' temperatura ambjentali b' żewġ komponenti (RTV-2 moulding kits).

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(b) L-oġġetti li ma jikkonformawx mal-punt (a) ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-1 ta' Jannar 2012, ħlief oġġetti li diġà kienu qed jintużaw fil-Komunità qabel dik id-data. ◄
21. Di-μ-oxo-di-n-butylstanniohydroxyborane / Dibutyltin hydrogen borate $C_8H_{19}BO_3Sn$ (DBB) CAS Nru 75113-37-0 KE Nru 401-040-5	Ma għandux jitqiegħed fis-suq, jew jintuża, bħala sustanza, jew f'taħlitiet f'konċentrazzjoni ugwali għal, jew iktar minn 0,1 % skont il-piż. Madankollu, l-ewwel paragrafu ma japplikax għal din is-sustanza (DBB) jew taħlitiet li jkollhom dan jekk dawn ikunu intiżi biss għall-konverżjoni f'oġġetti, li fost dawn, din is-sustanza ma tkunx preżenti aktar f'konċentrazzjoni ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 %.

▼M61

_____

▼M5

23. Kadmju CAS Nru 7440-43-9 KE Nru 231-152-8 u l-komposti tiegħu	Għall-finijiet ta' din ir-reġistrazzjoni, il-kodiċijiet u l-kapitoli indikati f'parenteżi kwadri huma l-kodiċijiet u l-kapitoli tat-tariffa u tan-nomenklatura statistika tat-Tariffa Doganali Komuni kif stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (*). ►M13 ►M17 1. Ma għandhomx jintużaw f'taħlitiet u artikli prodotti minn dawn il-polimeri organiċi sintetiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa materjal tal-plastik): — il-polimeri jew kopolimeri tal-klorur vinil (PVC) [3904 10] [3904 21] — poliuretanu (PUR) [3909 50] — polietilin (LDPE) ta' densità baxxa, bl-eċċezzjoni ta' polietilin ta' densità baxxa li jintuża għall-produzzjoni ta' masterbatch ikkulurit [3901 10] — l-aċetat taċ-ċellulosi (CA) [3912 11] — il-butirat aċetat taċ-ċellulosi (CAB) [3912 11] — reżini epossidiċi [3907 30] — reżini tal-melaminaformaldeħida (MF) [3909 20] — reżini tal-ureaformaldeħida (UF) [3909 10] — poliesteri mhux saturati (UP) [3907 91]

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	— polietilene tereftalat (PET) [3907 60] — polibutilene tereftalat (PBT) — polistiren trasparenti/għal użu ġenerali [3903 11] — akrilonitrili metilmetakrilat (AMMA) — polietilina inkroċjata (VPE) — polistiren b'saħħtu — polipropilen (PP) [3902 10]
	Taħlitiet u artikli prodotti minn materjal tal-plastik kif elenkat hawn fuq ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk il-konċentrazzjoni tal-kadmju (espressa f'metall Cd) tkun daqs jew ogħla minn 0,01 % tal-piż tal-materjal tal-plastik. ◄
	►C5 Bħala deroga, it-tieni sottoparagrafu ma għandux japplika għall-artikli mqiegħda fis- suq qabel l-10 ta' Diċembru 2011. ◄
	L-ewwel u t-tieni sottoparagrafi japplikaw bla ħsara għad-Direttiva tal-Kunsill 94/62/KE (**) u atti adottati fuq dik il-bażi.
	►M17 Sad-19 ta' Novembru 2012, skont l- Artikolu 69, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi biex tħejji dossier konformi mar-rekwiżiti tal-Anness XV biex tevalwa jekk l-użu tal-kadmju u tal-komposti tiegħu fil-materjal tal-plastik, għajr dak elenkat fis-subparagrafu 1, għandux jiġi ristrett. ◄
	►M35 2. M'għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw fiż-żebgħa bil-kodiċijiet [3208] u [3209] f'konċentrazzjoni ta' 0,01 % tal-piż jew iktar (mogħtija bħala metall Cd). Għaż-żebgħa bil-kodiċijiet [3208] u [3209] b'kontenut taż-żingu ta' iktar minn 10 % tal-piż taż-żebgħa, il-konċentrazzjoni tal-kadmju (mogħtija bħala metall Cd) m'għandhiex tkun ta' 0,1 % tal-piż jew iktar. L-oġġetti miżbugħa ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk il-konċentrazzjoni tal-kadmju fihom (mogħtija bħala metall Cd) tkun ta' iktar minn 0,1 % tal-piż taż-żebgħa fuqhom. ◄
	3. B'deroga, il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-artikli mlewna b'taħlitiet li fihom il-kadmju għal raġunijiet ta' sigurtà.
	4. B'deroga, il-paragrafu 1, it-tieni sottoparagrafu ma għandux japplika għal: — taħlitiet prodotti minn skart tal-PVC, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "PVC irkuprat", — taħlitiet u artikli li fihom PVC irkuprat jekk il-konċentrazzjoni tal-kadmju tagħhom (espress bħala metall Cd) ma jaqbiżx iż-0,1 % tal-piż tal-materjal plastiku fl-applikazzjonijiet ta' PVC riġidi li ġejjin:

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	a) Profili u folji riġidi għall-applikazzjonijiet talbini, b) Bibien, twieqi, xaters, ħitan, blajnds, gradi u mwieżeb, c) Bjut u terrazzini, d) Kejbils elettriċi, e) Pajpijiet għal ilma li ma jkunx għax-xorb jekk il-PVC irkuprat jintuża fis-saff nofsani ta' pajp b'ħafna saffi u jkun interament kopert minn saff ta' PVC prodott ġdid b'konformità mal-paragrafu 1 hawn fuq. Il-forniturigħandhom jiżguraw, qabel it-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet u artikli li fihom PVC irkuprat għall-ewwel darba, li dawn ikunu mmarkati b'tali mod li jkunu viżibbli, leġġibbli u ma jitħassrux bħal kif ġej: "*Fih PVC irkuprat*" jew bl-istampa li ġejja:  Skont l-Artikolu 69 ta' dan ir-Regolament, id-deroga mogħtija fil-paragrafu 4 se tkun riveduta, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitnaqqas il-valur limitu għall-kadmju u biex tiġi rrivalutata d-deroga għall-applikazzjonijiet elenkati fil-punti minn a) sa e) sal-31 ta' Diċembru 2017. ◄ 5. Fis-sens ta' dan ir-Regolament, "kisi bil-kadmju" tfisser kull depożitu jew kisi ta' kadmju metalliku fuq superfiċje metallika. Ma għandhiex tintuża għal kisi bil-kadmju ta' oġġetti metalliċi jew fil-każ ta' komponenti oħra ta' oġġetti użati fis-setturi/applikazzjonijiet elenkati hawn taħt: (a) tagħmir u makkinarju għal: — produzzjoni ta' ikel [8210] [8417 20] [8419 81] [8421 11] [8421 22] [8422] [8435] [8437] [8438] [8476 11] — agrikultura [8419 31] [8424 81] [8432] [8433] [8434] [8436] — tkessiħ u ffriżar [8418] — stampar u legatura ta' kotba [8440] [8442] [8443] (b) tagħmir u makkinarju għall-produzzjoni ta':

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	— oġġetti tad-dar [7321] [8421 12] [8450] [8509] [8516] — għamara [8465] [8466] [9401] [9402] [9403] [9404] — oġġetti sanitarji [7324] — tisħin ċentrali u impjanti ta' arja kkundizzjonata [7322] [8403] [8404] [8415] F'kull każ, irrispettivament mill-użu jew mill-iskop finali tagħhom, għandu jkun ipprojbit it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti miksijin bil-kadmju jew ta' komponenti ta' dawn l-oġġetti użati fis-setturi/applikazzjonijiet elenkati f'(a) u (b) hawn fuq u ta' oġġetti ffabbrikati fis-setturi elenkati f'(b) hawn fuq. 6. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fit-taqsima 5 japplikaw ukoll għal oġġetti miksijin bil-kadmju jew għal komponenti ta' tali oġġetti meta użati fis-setturi/applikazzjonijiet elenkati f'(a) u (b) hawn taħt u għal oġġetti fabbrikati fis-setturi elenkati f'(b) hawn taħt: (a) tagħmir u makkinarju għall-produzzjoni ta': — karta u kartonċin [8419 32] [8439] [8441] tessuti u lbies [8444] [8445] [8447] [8448] [8449] [8451] [8452] (b) tagħmir u makkinarju għall-produzzjoni ta': — tagħmir u makkinarju għall-irfigħ industrijali [8425] [8426] [8427] [8428] [8429] [8430] [8431] — vetturi tat-triq u agrikoli [kapitolu 87] — tagħmir mobbli tal-ferroviji [kapitolu 86] — bastimenti [kapitolu 89] 7. Madankollu, ir-restrizzjonijiet fil-paragrafi 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal: — oġġetti u komponenti tal-oġġetti użati fis-setturi tal-ajrunawtika, tal-ajruspazju, tal-minjieri, tal-offshore u tan-nukleari li l-applikazzjonijiet tagħhom jeħtieġu standards għoljin ta' sigurtà u f'tagħmir ta' sigurtà f'vetturi tat-triq u agrikoli, tagħmir mobbli ta' ferroviji u bastimenti, — kuntatti elettriċi f'kull settur ta' użu, fejn dan ikun meħtieġ biex jiżgura l-affidabbiltà meħtieġa mill-apparat li fuqu huma installati.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	►M13 8. Ma għandux jintuża f'fillers li jissaldjaw b'konċentrazzjoni daqs jew ogħla minn 0,01 % tal-piż. Fillers li jissaldjaw ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk il-konċentrazzjoni fil-kadmju (espressa bħala Cd metal) tkun daqs jew ogħla minn 0,01 % tal-piż. Għall-fini ta' dan il-paragrafu ssaldjar għandha tfisser it-taqgħid tekniku bl-użu ta' liegi u li jsir f'temperaturi ta' iktar minn 450 °C. 9. B'deroga, il-paragrafu 8 ma għandux japplika għal fillers li jissaldjaw użati f'applikazzjonijiet tad-difiża u tal-ajruspazju u għal fillers li jissaldjaw għal użati għal raġunijiet ta' sigurtà. 10. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, jekk il-konċentrazzjonijiet ikunu daqs jew ogħla minn 0,01 % tal-piż tal-metall fi: i) żibeġ metalliċi u komponenti metalliċi oħrajn biex issir il-ġojjellerija, ii) partijiet metalliċi ta' artikli ta' ġojjellerija u ta' imitazzjoni ta' ġojjellerija u aċċessorji għax-xagħar, inklużi: — Brazzuletti, ġiżirajjen u ċrieket, — Imsielet, — Arloġġi tal-idejn u affarijiet li jintlibsu mal-polz, — Labar tal-ilbies u pulzieri. 11. ►C5 B'deroga, il-paragrafu 10 ma għandux japplika għall-artikli mqiegħda fis-suq qabel l-10 ta' Diċembru 2011 u ġojjellerija li għandha iktar minn 50 sena fl-10 ta' Diċembru 2011. ◄ ◄ (*) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 42. (**) ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.
24. Monomethyl – tetrachlorodiphenyl metanu Isem kummerċjali: Ugilec 141 CAS Nru 76253-60-6	1. Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanza jew f'taħlitiet. Oġġetti li jkollhom is-sustanza ma għandhomx jitqiegħu fis-suq. 2. B'deroga, il-paragrafu 1 ma għandux japplika: (a) fil-każ ta' impjant u makkinarju li diġà kien jitħaddem fit-18 ta' Ġunju 1994, sa meta tali impjant u makkinarju jintrema; (b) fil-każ ta' manutenzjoni ta' impjant u makkinarju li diġà kien qed jitħaddem fi Stat Membru fit-18 ta' Ġunju 1994.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	Għall-finijiet tal-punt (a) l-Istati Membri jistgħu, minħabba raġunijiet ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-protezzjoni ambjentali, jipprojbixxu fit-territorju tagħhom l-użu ta' tali impjant jew makkinarju qabel ma jintrema.
25. Monomethyl-dichloro-diphenyl methane Isem kummerċjali: Ugilec 121 Ugilec 21	Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanza jew f'taħlitiet. Oġġetti li jkollhom is-sustanza ma għandhomx jitqiegħu fis-suq.
26. Monomethyl-dibromo-diphenyl methane bromobenzyl-bromotoluene, taħlita ta' iżomeri Isem kummerċjali: DBBT CAS Nru 99688-47-8	Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanza jew f'taħlitiet. Oġġetti li jkollhom is-sustanza ma għandhomx jitqiegħu fis-suq.
27. Nickel CAS Nru 7440-02-0 KE Nru 231-111-4 u l-komposti tiegħu	1. Ma għandhomx jintużaw: (a) f'assemblaġġi li jsiru fi żmien aktar tard, li jiddaħħlu f'widnejn imtaqqbin u f'partijiet oħra tal-ġisem uman imtaqqbin, sakemm ir-rata ta' rilaxx ta' nikil minn dawn l-assemblaġġi li jsiru fi żmien aktar tard tkun inqas minn 0,2 µg/ċm2/ġimgħa (il-limitu ta' migrazzjoni); (b) f'oġġetti maħsubin biex jiġu f'kuntatt dirett u prolongat mal-ġilda, bħal: — imsielet, — ġiżirajjen, brazzuletti u ktajjen, brazzuletti li jintlibsu mal-għaksa tas-sieq, ċrieket tas-swaba', — arloġġi tal-idejn, ċineg tal-arloġġi u tighteners, — buttuni ta' msiemer irbattuti, tighteners, imsiemer irbattuti, żippijiet u marki tal-metall, meta dawn jintużaw fi lbiesi, jekk ir-rata ta' emissjoni ta' nikil mill-partijiet ta' dawn l-oġġetti li jiġu f'kuntatt dirett u prolongat mal-ġilda hija ogħla minn 0,5 µg/ċm^2/ġimgħa. (ċ) f'oġġetti bħal dawk elenkati fil-punt (b) meta dawn ikollhom kisja mingħajr nikil sakemm tali kisja tkun suffiċjenti biex tiżgura li r-rata ta' emissjoni ta' nikil mill-partijiet ta' dawn l-oġġetti li jiġu f'kuntatt dirett u prolongat mal-ġilda ma taqbiżx iż-0,5 µg/ċm^2/ġimgħa għal perjodu ta' mill-inqas sentejn ta' użu normali tal-oġġett. 2. Oġġetti li huma s-suġġett tal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet disposti f'dak il-paragrafu.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	3. L-istandards adottati mill-Komunità Ewropea għall-Istandardizzazzjoni (CEN) għandhom jintużaw bħala l-metodi ta' ttestjar biex tintwera l-konformità ta' dawn l-oġġetti skont l-1 u t-2 paragrafi.
►M49 28. Sustanzi li huma kklassifikati bħala karċinoġeni tal-kategorija 1 A jew 1B fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u huma elenkati fl-Appendiċi 1 jew fl-Appendiċi 2, rispettivament. 29. Sustanzi li huma kklassifikati bħala mutaġeni għaċ-ċelloli ġerminali tal-kategorija 1 A jew 1B fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u huma elenkati fl-Appendiċi 3 jew fl-Appendiċi 4, rispettivament. 30. Sustanzi li huma kklassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 A jew 1B fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u huma elenkati fl-Appendiċi 5 jew fl-Appendiċi 6, rispettivament. ◄	Bla ħsara għall-partijiet l-oħra ta' dan l-Anness dan li ġej għandu japplika għall-entrati 28 sa 30: 1. Ma għandhiex titqiegħed fis-suq, jew tintuża, — bħala sustanzi, — bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra, jew — f'taħlitiet, għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali meta l-konċentrazzjoni individwali fis-sustanza jew fit-taħlita tkun ugwali għal jew iktar minn: — jew il-konċentrazzjoni rilevanti speċifikata fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jew ►M3 — il-limitu ta' konċentrazzjoni ġeneriku rilevanti speċifikat fil-Parti 3 ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. ◄ Bla ħsara għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn relatati mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-fornituri għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-imballaġġ ta' tali sustanzi u taħlitiet ikunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kif ġej: "Ristrett għal utenti professjonali". 2. B'deroga, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal: (a) prodotti mediċinali jew veterinarji kif definiti bid-Direttiva 2001/82/KE u bid-Direttiva 2001/83/KE; (b) prodotti kożmetiċi kif definiti mid-Direttiva 76/768/KEE; (ċ) il-karburanti u l-prodotti taż-żejt li ġejjin: — karburanti tal-magna koperti mid-Direttiva 98/70/KE, — prodotti ta' żejt minerali intiżi biex jintużaw bħala karburant f'impjanti li jaħdmu bil-kombustjoni kemm jekk ikunu mobbli kif ukoll jekk ikunu fissi, — karburanti mibjugħin f'sistemi magħluqa (pereżempju fliexken tal-gass liwkidu); ►M3 (d) żebgħa ta' l-artisti koperta bir-Regolament (KE) Nru 1272/2008; ◄ ►M14 (e) is-sustanzi elenkati fil-kolonna 1 tal-Appendiċi 11, għall-użi jew l-applikazzjonijiet elenkati fil-kolonna 2 tal-Appendiċi 11. Fejn hemm data speċifikata fil-kolonna 2 tal-Appendiċi 11, id-deroga għandha tapplika sad-data msemmija; ◄

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	►M61 (f) apparati koperti mir-Regolament (UE) 2017/745. ◄
31. (a) Creosote; żejt tal-ħasil CAS Nru 8001-58-9 KE Nru 232-287-5 (b) Żejt tal-creosote; żejt tal-ħasil CAS Nru 61789-28-4 KE Nru 263-047-8 (ċ) Distillati (qatran), żjut tan-naftalina; żejt tan-naftalina CAS Nru 84650-04-4 KE Nru 283-484-8 (d) Żejt tal-creosote, frazzjoni ta' aċenaftina; żejt tal-ħasil CAS Nru 90640-84-9 KE Nru 292-605-3 (e) Distillati (qatran), ta' fuq; żejt tqil tal-antraċina CAS Nru 65996-91-0 KE Nru 266-026-1 (f) Żejt tal-antraċina CAS Nru 90640-80-5 KE Nru 292-602-7 (g) Aċidi tal-qatran, faħam, grezz; fenoli grezzi CAS Nru 65996-85-2 KE Nru 266-019-3 (h) Creosote, injam CAS Nru 8021-39-4 KE Nru 232-419-1 (i) Żejt tal-qatran ta' temperatura baxxa, alkalina; Residwi tal-estrazzjoni (faħam), żejt tal-qatran tal-faħam ta' temperatura baxxa alkalina CAS Nru 122384-78-5 KE Nru 310-191-5	1. Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża għat-trattament tal-injam. Barra minn hekk, injam trattat b'dan il-mod ma għandux jitqiegħed fis-suq. 2. B'deroga mill-paragrafu 1: (a) Is-sustanzi u t-taħlitiet jistgħu jintużaw għat-trattament tal-injam f'installazzjonijiet industrijali jew minn professjonisti, koperti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema, għal trattamenti *in situ* biss jekk ikun fihom: (i) (i) benzo[a]pyrene f'konċentrazzjoni inqas minn 50 mg/kg (0,005 % skont il-piż), u (ii) phenols li jistgħu jkunu estratti bl-ilma f'konċentrazzjoni inqas minn 3 % skont il-piż. Dawn is-sustanzi u preparati għat-trattment tal-injam f'installazzjonijiet industrijali jew minn professjonisti: — jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss f'pakketti ta' kapaċità tal-ekwivalenti ta' 20 litru jew aktar, — ma għandhomx jinbiegħu lill-konsumaturi. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-forniturigħandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-imballaġġ ta' tali sustanzi u taħlitiet ikunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kif ġej: "Jintuża f'installazzjonijiet industrijali jew trattamenti minn professjonisti biss.". (b) Fir-rigward ta' njam ittrattat f'installazzjonijiet industrijali jew minn professjonisti skont is-subparagrafu (a) li jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba jew li jiġi trattat mill-ġdid *in situ*: dan jista' jsir biss għall-użu professjonali u industrijali, pereżempju fuq ferroviji, fit-trażmissjoni tal-enerġija elettrika u fit-telekomunikazzjonijiet, f'reċinti, għal skopijiet agrikoli (pereżempju f'piluni għall-appoġġ ta' siġar) u f'portijiet u kanali. (ċ) Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għat-tqegħid fis-suq ma tapplikax għall-injam li jkun ġie ttrattat bis-sustanzi msemmija fil-punti 31(a) sa (i) qabel il-31 ta' Diċembru 2002 u mpoġġi fis-suq ta' oġġetti użati sabiex jerġa' jintuża.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	3. L-injam ittrattat imsemmi fil-paragrafi 2(b) u (c) ma għandux jintuża: — ġewwa bini, irrispettivament mill-użu tiegħu, — f'ġugarelli, — fi playgrounds, — f'parkijiet, f'ġonna, u f'postijiet għall-berah rikreattivi u għad-divertiment pubbliku fejn hemm riskju li jista' jiġi f'kuntatt mal-ġilda, — fil-fabbrikazzjoni ta' għamara għall-ġonna bħall-imwejjed tal-pikniks, — fil-fabbrikazzjoni u użu u kull trattament mill-ġdid ta': — kontenituri maħsubin għal skopijiet ta' tkabbir, — imballaġġ li jista' jiġi f'kuntatt ma' materjali mhux proċessati, prodotti intermedji jew lesti li huma intiżi għall-konsum mill-bniedem u/jew mill-annimali, — materjali oħra jistgħu jikkontaminaw oġġetti msemmijin hawn fuq.
32. Kloroform CAS Nru 67-66-3 KE Nru 200-663-8 34. 1,1,2-Trichloroethane CAS Nru 79-00-5 KE Nru 201-166-9 35. 1,1,2,2-Tetrachloroethane CAS Nru 79-34-5 KE Nru 201-197-8 36. 1,1,2,2-Tetrachloroethane CAS Nru 630-20-6 37. Pentachloroethane CAS Nru 76-01-7 KE Nru 200-925-1 38. 1,1-Dichloroethene CAS Nru 75-35-4 KE Nru 200-864-0	Bla ħsara għall-partijiet l-oħra ta' dan l-Anness, dawn li ġejjin japplikaw għall-entrati 32 sa 38. 1. Ma għandhiex titqiegħed fis-suq, jew tintuża, — bħala sustanzi, — bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra, jew f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew iktar minn 0,1 % skont il-piż, fejn is-sustanza jew it-taħlita tkun intiża biex tinbiegħ lill-pubbliku ġenerali u/jew tkun intiża f'użi diffużi bħal tindif ta' uċuħ u tindif ta' tessuti. 2. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-forniturigħandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-imballaġġ ta' tali sustanzi u taħlitiet li jżommuhom f'konċentrazzjonijiet ta' 0,1 % jew iktar skont il-piż ikunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kif ġej: "Jintuża f'installazzjonijiet industrijali biss".

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	B'deroga din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal: (a) prodotti mediċinali jew veterinarji kif definiti bid-Direttiva 2001/82/KE u bid-Direttiva 2001/83/KE; (b) prodotti kożmetiċi kif definiti mid-Direttiva 76/768/KEE.
►M3 40. Sustanzi klassifikati bħala gassijiet fjammabbli kategorija 1 jew 2, likwidi fjammabbli kategoriji 1, 2 jew 3, solidi fjammabbli kategorija 1 jew 2, sustanzi u taħlitiet li, f'kuntatt ma' l-ilma, jerħu gassijiet fjammabbli, kategorija 1, 2 jew 3, likwidi piroforiċi kategorija 1 jew solidi piroforiċi kategorija 1, indipendentement jekk jidhrux fil-parti 3 ta' l-Anness VI ►M21 għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ◄ jew le. ◄	1. Ma għandhomx jintużaw, bħala sustanzi jew taħlitiet, f'ġeneraturi tal-erosol fejn dawn il-ġeneraturi tal-erosol jitqiegħdu fis-suq għall-pubbliku ġenerali għal skopijiet ta' divertiment u dekorazzjoni bħal dawn li ġejjin: — glitter metalliku maħsub l-aktar għal dekorazzjonijiet, — borra u ġlata artifiċjali, — imħaded tat-tip "whoopee", — erosols silly string, — imitazzjoni ta' eskrementi, — ħornijiet għall-parties, — flakes u foams dekorattivi, — għanqbut artifiċjali, — bombi tal-intiena. 2. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi, il-forniturи għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-imballaġġ ta' ġeneraturi ta' erosol msemmija hawn fuq ikunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kif ġej: "Għall-utenti professjonali biss". 3. B'deroga, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għall-ġeneraturi tal-erosol imsemmija fl-Artikolu 8 (1a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE (***). 4. Il-ġeneraturi tal-erosol imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti indikati. (***) ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
41. Hexachloroethane CAS Nru 67-72-1 KE Nru 200-666-4	Ma għandux jitqiegħed fis-suq, jew jintuża, bħala sustanza jew f'taħlitiet, fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża għall-fabbrikazzjoni jew għall-ipproċessar ta' metalli li ma fihomx ħadid.
▼M21 _____	
▼M5	
43.Ażokoloranti u Azodyes	1. Azodyes li, b'qasma riduttiva ta' wieħed jew aktar mill-gruppi azo, jistgħu jerħu wieħed jew aktar mill-amini aromatiċi elenkati fl-Appendiċi 8, f'konċentrazzjonijiet li jistgħu jinkixfu, jiġifieri ta' aktar minn 30 mg/kg (0,003 % skont il-piż) fl-oġġetti jew fil-partijiet ikkuluriti tagħhom, skont il-metodu tal-ittestjar stabbilit fl-Appendiċi 10, ma għandhomx jintużaw f'oġġetti tessili jew tal-ġild li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett u prolongat mal-ġilda tal-bniedem jew mal-kavità orali, bħal: — ħwejjeġ, saqqijiet u friex, xugamani, hairpieces, parrokki, kpiepel, ħrieqi u oġġetti sanitarji oħra, sleeping bags, — żraben u papoċċi, ingwanti, ċineg tal-arloġġi, basktijiet, kartieri/portafolli, bagalji, għata ta' siġġijiet, kartieri li jintlibsu madwar l-għonq, — ġugarelli tat-tessuti jew tal-ġild u ġugarelli li jinkludu ħwejjeġ tat-tessuti jew tal-ġild, — ħajt u drapp intiż għall-użu mill-konsumatur finali. 2. Minbarra dan, l-oġġetti tessili u tal-ġild imsemmija fil-paragrafu 1 hawn fuq ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jikkonformawx mal-ħtigijiet imsemmija f'dak il-paragrafu. 3. L-azodyes, elenkati fl-Appendiċi 9 fil-"Lista ta' azodyes", ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw għall-ikkulurar ta' oġġetti tessili jew tal-ġild bħala sustanza jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjonjiet ogħla minn 0,1 % skont il-piż, fejn is-sustanza jew it-taħlita tkun intiża għall-ikkulurar ta' oġġetti tessili u tal-ġilda.
▼M9 _____	

▼**M5**

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
45. Diphenylether, derivattiv octabromo $C_{12}H_2Br_8O$	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw: — bħala sustanza, — bħala kostitwent ta' sustanzi oħra, jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn, 0,1 % skont il-piż. 2. f'taħlitiet u f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż. L-oġġetti li jkollhom partijiet flame-retardant li jkun fihom din is-sustanza f'konċentrazzjoni ogħla minn 0,1 % skont il-piż, ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. B'deroga, il-paragrafu 2 ma għandux japplika: — għal oġġetti li ntużaw fil-Komunità qabel il-15 ta' Awwissu 2004, — għal apparat tal-elettriku u elettroniku fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE.
46. (a) Nonylphenol $C_6H_4(OH)C_9H_{19}$ ►**M61** ——————— ◄ (b) Nonylphenol ethoxylates $(C_2H_4O)nC_{15}H_{24}O$	Sustanza li ma għandhiex titqiegħed fis-suq jew tintuża bħala sustanza jew f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ogħla minn 0,1 % skont il-piż għall-iskopijiet li ġejjin: 1. tindif industrijali u istituzzjonali bl-eċċezzjoni ta': — sistemi magħluqin ikkontrollati ta' dry cleaning fejn il-likwidu tal-ħasil jiġi riċiklat jew inċinerat, — sistemi ta' tindif bi trattamenti speċjali fejn il-likwidu tal-ħasil jiġi riċiklat jew inċinerat. 2. tindif domestiku; 3. proċessar ta' tessuti jew ta' ġlud bl-eċċezzjoni ta': — proċessar mingħajr emissjonijiet fl-ilma mormi, — sistemi bi trattamenti speċjali fejn l-ilma tal-ipproċessar ikun ittrattat minn qabel biex titneħħa kompletament il-frazzjoni organika qabel mal-ilma mormi jiġi ttrattat bijoloġikament (tneħħija tax-xaħmijiet mill-ġlud tan-nagħaġ); 4. emulsifikant għall-użu agrikolu għall-ħasil tas-sider tal-bhejjem; 5. ħdim ta' metalli bl-eċċezzjoni ta': użi f'sistemi magħluqin kkontrollati fejn il-likwidu tal-ħasil jiġi riċiklat jew inċinerat; 6. fabbrikazzjoni tal-polpa u tal-karta; 7. prodotti kożmetiċi; 8. prodotti oħra għal-kura personali bl-eċċezzjoni ta': spermiċidi;

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	9. koformulanti f'pestiċidi u bijoċidi. Madankollu awtorizzazzjonijiet nazzjonali għal-pestiċidi jew prodotti bijoċidali li fihom nonylphenol ethoxylates bħala koformulant, mogħtija qabel is-17 ta' Lulju 2003, ma għandhomx ikunu affettwati minn din ir-restrizzjoni sad-data ta' skadenza tagħhom.
▼M34	
46a. Etossilati tan-nonilfenol (NPE) $(C_2H_4O)_nC_{15}H_{24}O$	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara t-3 ta' Frar 2021 fl-oġġetti tessili li wieħed jista' raġonevolment jistenna li jinħaslu fl-ilma matul iċ-ċiklu tal-ħajja normali tagħhom, f'konċentrazzjonijiet ugwali għal 0,01 % bil-piż jew aktar ta' dak l-oġġett tessili jew ta' kull parti tal-oġġett tessili. 2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti tessili użati (second-hand) jew għal oġġetti tessili ġodda prodotti, mingħajr l-użu tal-NPE, esklussivament minn tessuti riċiklati. 3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, "oġġett tessili" tfisser kwalunkwe prodott mhux lest, nofsu lest jew lest li huwa magħmul minn tal-anqas 80 % fibri tessili skont il-piż, jew ta' kwalunkwe prodott ieħor li fih parti li hija magħmula minn tal-anqas 80 % fibri tessili skont il-piż, inklużi prodotti bħal ħwejjeġ, aċċessorji, tessuti għal ġewwa, fibri, ħajt, drapp u pannelli maħduma bil-labar.
▼M5	
47. Komposti tal-Kromju VI	1. Is-siment u t-taħlitiet li fihom is-siment ma għandhomx jintużaw jew jitqiegħdu fis-suq jekk, meta idratati, ikun fihom aktar minn 0,0002 % kromju VI solubbli tal-piż totali tas-siment niexef. 2. Jekk jintużaw aġenti riduttivi, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet il-forniturи għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-imballaġġ ta' siment jew ta' taħlitiet li fihom is-siment juri b'mod li jinqara u li ma jitħassarx l-informazzjoni dwar id-dejta tal-imballaġġ, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-perjodu ta' ħażna adatt biex tinżamm sejra l-attività tal-aġent riduttiv u biex il-livell ta' kromju VI solubbli jinżamm taħt il-limitu indikat fil-paragrafu 1. 3. B'deroga, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għat-tqegħid fis-suq, u l-użu, ta' siment u taħlitiet li fihom is-siment f'sistemi magħluqin u kkontrollati u fi proċessi totalment awtomatizzati fejn is-siment u t-taħlitiet li fihom is-siment jiġu ttrattati biss mill-magni u fejn ma jkun hemm l-ebda possibbiltà ta' kuntatt mal-ġilda.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	►M21 4. L-istandard adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) għall-ittestjar tal-kontenut ta' kromju (VI) li jinħall fl-ilma fis-siment u fit-taħlitiet li fihom is-siment, għandu jintuża bħala l-metodu tat-test biex tintwera l-konformità mal-ewwel paragrafu. ◄ ►M25 5. Oġġetti tal-ġild li jiġu f'kuntatt mal-ġilda ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq meta dawn ikun fihom il-kromju VI f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew iktar minn 3 mg/kg (0,0003 % skont il-piż) tal-piż totali niexef tal-ġild. 6. Oġġetti li fihom partijiet tal-ġild li jiġu f'kuntatt mal-ġilda ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq meta kwalunkwe minn dawn il-partjiet tal-ġild ikun fihom il-kromju VI f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew iktar minn 3 mg/kg (0,0003 % skont il-piż) tal-piż totali niexef ta' dik il-parti tal-ġild. 7. Il-paragrafi 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti użati li kienu diġà involuti f'użu aħħari fl-Unjoni qabel 1-ewwel ta' Mejju 2015. ◄
48. Toluene CAS Nru 108-88-3 KE Nru 203-625-9	Ma għandux jitqiegħed fis-suq, jew jintuża, bħala sustanza jew f'taħlitiet f'konċentrazzjoni ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż, fejn is-sustanza jew it-taħlita tintuża f'adeżivi jew żebgħa tal-isprej intiżi għall-pubbliku ġenerali.
49. Trichlorobenzene CAS Nru 120-82-1 KE Nru 204-428-0	Ma għandux jitqiegħed fis-suq, jew jintuża, bħala sustanza jew f'taħlitiet f'konċentrazzjoni ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż għal kwalunkwe użu bl-eċċezzjoni ta': — bħala intermedju ta' sinteżi, jew — bħala solvent ta' proċess f'applikazzjonijiet kimiċi magħluqa għal reazzjonijiet ta' klorinar, jew — fil-manifattura ta' 1,3,5 -triamino — 2,4,6 - trinitrobenzene (TATB).
50. Idrokarbonji poliċikliċi-aromatiċi (PAH) (a) Benzo[a]pyrene (BaP) CAS Nru 50-32-8 (b) Benzo[e]pyrene (BeP) CAS Nru 192-97-2 (ċ) Benzo[a]anthracene (BaA) CAS Nru 56-55-3 (d) Chrysen (CHR) CAS Nru 218-01-9 (e) Benzo[b]fluoranthene (BbFA) CAS Nru 205-99-2 (f) Benzo[j]fluoranthene (BjFA) CAS Nru 205-82-3	1. Mill-1 ta' Jannar 2010, iż-żjut dilwenti ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw għall-produzzjoni ta' tajers jew partijiet ta' tajers jekk ikollhom: — iktar minn 1 mg/kg (0.0001 % skont il-piż) BaP, jew — iktar minn 10 mg/kg (0.001 % skont il-piż) tat-total tal-PAHs elenkati kollha. ►M30 L-istandard EN 16143:2013 (Prodotti taż-żejt — Determinazzjoni tal-kontenut ta' Benżo(a)piren (BaP) u idrokarburi aromatiċi poliċikliċi magħżula (PAH) fiż-żjut dilwenti — Il-proċedura bl-użu tal-purifikazzjoni kromatografika doppja fil-fażi likwida u l-analiżi GC/MS) għandu jintuża bħala l-metodu tat-test għat-turija tal-konformità mal-limiti msemmi fl-ewwel subparagrafu.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
(g) Benzo[k]fluoranthene (BkFA) CAS Nru 207-08-9 (h) Dibenzo[a,h]anthracene (DBAhA) CAS Nru 53-70-3	Sat-23 ta' Settembru 2016, il-limiti msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jitqiesu li jkunu nżammu, jekk l-estratt tal-poliċikliċi aromatiċi (PCA) ikun inqas minn 3 % tal-piż skont il-metodu tal-kejl tal-istandard IP 346:1998 tal-Istitut taż-Żejt (Determinazzjoni tal-PCA fiż-żjut bażi ta' lubrikazzjoni u l-frazzjonijiet taż-żejt mingħajr asfalten — Il-metodu tal-indiċi tar-rifrazzjoni għall-estrazzjoni tad-dimetil sulfossid), dejjem jekk il-konformità mal-limiti tal-BaP u tal-PAHs elenkati, kif ukoll il-korrelazzjoni tal-valuri mkejla mal-estratt tal-PCA, ikunu mkejla mill-manifatturi jew l-importatur kull sitt xhur jew wara kull bidla operazzjonali kbira, liema minnhom tkun l-ewwel. ◄ 2. Barra minn hekk, it-tajers u l-materjal użat għall-bdil tal-uċuħ tat-tajers iffabbrikati wara l-1 ta' Jannar 2010 ma jistgħux jitpoġġew fis-suq jekk ikun fihom żjut dilwenti li jaqbżu l-limiti indikati fil-paragrafu 1. Dawn il-limiti jitqiesu li ġew rispettati, jekk il-komposti ta' lastiku vulkanizzat ma jaqbżux il-limitu ta' 0,35 % ta' protoni Bay kif imkejla u kkalkulati permezz tal-ISO 21461 (Lastiku vulkanizzat – Determinazzjoni tal-aromatiċità taż-żejt f'komposti ta' lastiku vulkanizzat). 3. Permezz ta' deroga, il-paragrafu 2 ma għandux japplika għal tajers li ngħatalhom wiċċ ġdid jekk il-wiċċ il-ġdid ma jkunx fih żjut dilwenti aktar mil-limiti msemmija fil-paragrafu 1. 4. Għall-fini ta' din l-entrata "tajers" għandha tfisser tajers għall-vetturi koperti minn: — d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (****), — Id-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jingibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati tekniċi (*****) u — Id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE (******). ►M24 5. M'għandhomx jitqiegħdu fis-suq oġġetti għall-forniment tal-pubbliku inġenerali, jekk kwalunkwe mill-komponenti tal-gomma jew tal-plastik tagħhom li jiġu f'kuntatt dirett kif ukoll kuntatt prolongat jew kuntatt qasir ripetut mal-ġilda tal-bniedem jew fil-kavità orali, f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew raġonevolment prevedibbli, ikun fih aktar minn 1 mg/kg (0,0001 % bil-piż ta' dan il-komponent) ta' kwalunkwe wieħed mill-PAHs elenkati. Dawn l-oġġetti jinkludu fost l-oħrajn: — tagħmir tal-isports bħal roti, stikek tal-golf, paletti,

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	— utensili tad-dar, trolis, frejms tal-mixi, — għodod għall-użu domestiku, — ħwejjeġ, żraben, ilbies tal-isports u ingwanti, — ċineg tal-arloġġi, bends tal-polz, bends tar-ras, maskri 6. M'għandhomx jitqiegħdu fis-suq ġugarelli, inkluż ġugarelli tal-attivitajiet u oġġetti għall-kura tat-tfal, jekk kwalunkwe mill-komponenti tal-gomma jew tal-plastik tagħhom li jiġu f'kuntatt dirett kif ukoll kuntatt prolongat jew kuntatt qasir ripetut mal-ġilda tal-bniedem jew fil-kavità orali, f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew raġonevolment prevedibbli, ikun fih aktar minn 0,5 mg/kg (0,00005 % bil-piż ta' dan il-komponent) ta' kwalunkwe wieħed mill-PAHs elenkati. 7. B'deroga mill-paragrafi 5 u 6, dawn il-paragrafi m'għandhomx japplikaw għall-oġġetti mqiegħda fis-suq għall-ewwel darba qabel is-27 ta' Diċembru 2015. 8. Sas-27 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-valuri ta' limitu fil-paragrafi 5 u 6 fid-dawl tal-informazzjoni xjentifika ġdida, inkluż il-migrazzjoni tal-PAHs elenkati mill-artikoli msemmija fihom, u l-informazzjoni dwar materji primi alternattivi u, jekk ikun xieraq, timmodifika dawn il-paragrafi kif meħtieġ. ◄ ►M65 9. Il-granuli jew il-mulches ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq għall-użu bħala materjal ta' mili fil-grounds tat-turf sintetiku jew fil-forma sfuża fil-grounds tal-logħob jew fl-applikazzjonijiet tal-isport jekk ikun fihom aktar minn 20 mg/kg (0,002 % skont il-piż) tas-somma tal-PAHs elenkati kollha. 10. Il-granuli jew il-mulches ma għandhomx jintużaw bħala materjal ta' mili fil-grounds tat-turf sintetiku jew fil-forma sfuża fil-grounds tal-logħob jew fl-applikazzjonijiet tal-isport jekk ikun fihom aktar minn 20 mg/kg (0,002 % skont il-piż) tas-somma tal-PAHs elenkati kollha. 11. Il-granuli jew il-mulches li jitqiegħdu fis-suq għall-użu bħala materjal ta' mili fil-grounds tat-turf sintetiku jew fil-forma sfuża fil-grounds tal-logħob jew fl-applikazzjonijiet tal-isport għandhom ikunu mmarkati b'numru ta' identifikazzjoni uniku tal-lott. 12. Il-paragrafi 9 sa 11 għandhom japplikaw b'effett mill-10 ta' Awwissu 2022. 13. Il-granuli u l-mulches li jkunu qed jintużaw fl-Unjoni fid-9 ta' Awwissu 2022 bħala materjal ta' mili fil-grounds tat-turf sintetiku jew fil-forma sfuża fil-grounds tal-logħob jew fl-applikazzjonijiet tal-isport jistgħu jinżammu fis-suq u jibqgħu jintużaw hemmhekk għall-istess skop. 14. Għall-finijiet tal-paragrafi 9 sa 13: (a) "granuli" huma taħlitiet li jidhru bħala partiċelli solidi fil-firxa tad-daqs minn 1 sa 4 mm, li huma magħmula mil-lastiku jew minn materjal vulkanizzat jew polimeriku ieħor ta' oriġini riċiklata jew verġni, jew li jinkisbu minn sors naturali; (b) "mulches" huma taħlitiet li jidhru bħala partiċelli solidi f'forma ta' fjokki fil-firxa tad-daqs minn tul ta' bejn 4 u 130 mm u wisa' ta' bejn 10 u 15-il mm, li huma magħmula mil-lastiku jew minn materjal vulkanizzat jew polimeriku ieħor ta' oriġini riċiklata jew verġni, jew li jinkisbu minn sors naturali;

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(c) "materjal ta' mili fil-grounds tat-turf sintetiku" jikkonsisti fi granuli li jintużaw fil-grounds tat-turf sintetiku biex itejbu l-karatteristiċi tal-prestazzjoni teknika sportiva tas-sistema tat-turf; (d) "użu fil-forma sfuża fil-grounds tal-logħob jew fl-applikazzjonijiet tal-isport" huwa kwalunkwe użu ta' granuli jew mulches fil-forma sfuża fil-grounds tal-logħob jew għal skopijiet sportivi għajr bħala materjal ta' mili fil-grounds tat-turf sintetiku. ◄ (****) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1 (*****) ĠU L 171, 9.7.2003. p. 1 (******) ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1

▼M52

51. Bis(2-etileksil) ftalat (DEHP) Nru CAS: 117-81-7 Nru KE: 204-211-0 Ftalat tad-dibutil (DBP) Nru CAS: 84-74-2 Nru KE: 201-557-4 Benżil-butil-ftalat (BBP) Nru CAS: 85-68-7 Nru KE: 201-622-7 Ftalat tad-diisobutil (DIBP) Nru CAS: 84-69-5 Nru KE: 201-553-2	1. Ma għandhomx jintużaw bħala sustanzi jew f'taħlitiet, individwalment jew fi kwalunkwe kombinazzjoni tal-ftalati elenkati fil-kolonna 1 ta' din l-entrata f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew aktar tal-piż tal-materjal plastifikat, fil-ġugarelli u fl-oġġetti għall-kura tat-tfal. 2. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq tal-ġugarelli jew tal-oġġetti għall-kura tat-tfal, individwalment jew fi kwalunkwe kombinazzjoni tal-ewwel tliet ftalati elenkati fil-kolonna 1 ta' din l-entrata, f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew aktar tal-piż tal-materjal plastifikat. Barra minn hekk, id-DIBP ma għandux jitqiegħed fis-suq wara s-7 ta' Lulju 2020 tal-ġugarelli jew tal-oġġetti għall-kura tat-tfal, individwalment jew fi kwalunkwe kombinazzjoni tal-ewwel tliet ftalati elenkati fil-kolonna 1 ta' din l-entrata, f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew aktar tal-piż tal-materjal plastifikat. 3. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara s-7 ta' Lulju 2020 fl-oġġetti, individwalment jew fi kwalunkwe kombinazzjoni tal-ftalati elenkati fil-kolonna 1 ta' din l-entrata, f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew aktar tal-piż ta' kwalunkwe materjal plastifikat fl-oġġett. 4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għal: (a) l-oġġetti esklussivament għall-użu industrijali jew agrikolu, jew esklussivament għall-użu fil-beraħ, sakemm l-ebda materjal plastifikat ma jiġi f'kuntatt mal-membrana mukuża tal-bniedem jew f'kuntatt fit-tul mal-ġilda tal-bniedem; (b) l-inġenji tal-ajru, imqiegħda fis-suq qabel is-7 ta' Jannar 2024, jew l-oġġetti, irrispettivament minn meta jitqiegħdu fis-suq, għall-użu esklussivament fil-manutenzjoni jew fit-tiswija ta' dawn l-inġenji tal-ajru, meta dawk l-oġġetti jkunu essenzjali għas-sikurezza u għall-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru; (c) il-vetturi bil-mutur fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE, imqiegħda fis-suq qabel is-7 ta' Jannar 2024, jew għall-oġġetti, irrispettivament minn meta jitqiegħdu fis-suq, esklussivament għall-użu fil-manutenzjoni jew fit-tiswija ta' dawk il-vetturi, meta l-vetturi ma jkunux jistgħu jaħdmu kif mistenni mingħajr dawk l-oġġetti;

▼**M52**

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(d) oġġetti li tqiegħdu fis-suq qabel is-7 ta' Lulju 2020; (e) strumenti tal-kejl għall-użu fil-laboratorju, jew partijiet minnhom; (f) materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 jew ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 (*); (g) apparat mediku fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 90/385/KEE, 93/42/KEE jew 98/79/KE, jew partijiet minnhom; (h) tagħmir elettriku u elettroniku fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/65/UE; (i) l-imballaġġ primarju tal-prodotti mediċinali fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, tad-Direttiva 2001/82/KE, jew tad-Direttiva 2001/83/KE; (j) il-ġugarelli u l-oġġetti għall-kura tat-tfal koperti mill-paragrafi 1 jew 2. 5. Għall-finijiet tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4(a), (a) "materjal plastifikat" tfisser kwalunkwe wieħed mill-materjali omoġeni li ġejjin: — il-klorur tal-polivinil (PVC), il-klorur tal-poliviniliden (PVDC), l-aċetat tal-polivinil (PVA), il-poliuretani, — kwalunkwe polimeru ieħor (inkluż *inter alia* il-fowms tal-polimeri u l-materjal tal-gomma) għajr il-gomma tas-silikon u l-kisi tal-lattiċe naturali, — il-kisi tas-superfiċje, il-kisi li ma jiżloqx, il-finituri, id-decals, id-disinni stampati, — l-adeżivi, is-siġillanti, il-linka u ż-żebgħa. (b) "kuntatt prolongat mal-ġilda tal-bniedem" tfisser kuntatt kontinwu ta' aktar minn 10 minuti jew kuntatt intermittenti għal perjodu ta' 30 minuta, kuljum. (c) "oġġett tal-kura tat-tfal" għandu jfisser kull prodott maħsub biex jiffaċilita l-irqad, il-mistrieħ, l-iġjene, l-ikel tat-tfal, jew l-irdigħ mit-tfal. 6. Għall-finijiet tal-paragrafu 4(b), "inġenju tal-ajru" tfisser waħda minn dawn li ġejjin: (a) inġenju tal-ajru ċivili mmanifatturat f'konformità ma' ċertifikat tat-tip maħruġ skont ir-Regolament

▼M52

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(UE) Nru 216/2008 jew bl-approvazzjoni taddisinn maħruġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat kontraenti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), jew li għalih inħareġ ċertifikat tal-ajrunavigabilità minn Stat Kontraenti tal-ICAO skont l-Anness 8 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata fis-7 ta' Diċembru 1944 f'Chicago; (b) inġenju tal-ajru militari. (*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1).

▼M5

52. Il-phthalates li ġejjin (jew in-numri CAS u KE l-oħra li jkopru s-sustanza): (a) Di-"isononyl" phthalate (DINP) CAS Nru 28553-12-0 u 68515-48-0 KE Nru 249-079-5 u 271-090-9 (b) Di-"isodecyl" phthalate (DIDP) CAS Nru 26761-40-0 u 68515-49-1 KE Nru 247-977-1 u 271-091-4 (ċ) Di-n-octyl phthalate (DNOP) CAS Nru 117-84-0 KE Nru 204-214-7	1. Ma għandhomx jintużaw bħala sustanzi jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 0,1 % skont il-piż ta' materjal plastifikat, f'ġugarelli u oġġetti tal-kura tat-tfal li jistgħu jitpoġġew fil-ħalq mit-tfal. 2. Ġugarelli u oġġetti tal-kura tat-tfal bħal dawn li fihom dawn il-phthalates f'konċentrazzjoni ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż tal-materjal plastifikat ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. ►M30 ——————— ◄ 4. Għall-finijiet ta' din l-entrata, "oġġett tal-kura tat-tfal" ifisser kull prodott maħsub biex jiffaċilita l-irqad, il-mistrieħ, l-iġjene, l-ikel tat-tfal jew it-treddigħ mit-tfal.

▼M9

———————

▼M5

54. 2-(2-methoxyethoxy)ethanol (DEGME) CAS Nru 111-77-3 KE Nru 203-906-6	Ma għandux jitqiegħed fis-suq wara s-27 ta' Ġunju 2010, biex jinbiegħ lill-pubbliku ġenerali, bħala kostitwent ta' żebgħa, tqaxxir taż-żebgħa, aġenti għat-tindif, emulsjonijiet li jleqqu jew siġillanti għall-art f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew iktar minn 0,1 % skont il-piż.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
55. 2-(2-butoxyethoxy)ethanol (DEGBE) CAS Nru 112-34-5 KE Nru 203-961-6	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara s-27 ta' Ġunju 2010, biex jinbiegħ lill-pubbliku ġenerali, bħala kostitwent ta' żebgħa tal-isprej jew prodotti tat-tindif bl-isprej f'dispensers tal-erosol f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew iktar minn 3 % skont il-piż. 2. Żebgħa tal-isprej u prodotti tat-tindif bl-isprej f'dispensers tal-erosol li jkollhom id-DEGBE u li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq biex jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali wara s-27 ta' Diċembru 2010. 3. Bla ħsara għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-fornituri għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li ż-żebgħa ħlief iż-żebgħa bl-isprej li fiha DEGBE f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 3 % skont il-piż li jitqiegħdu fis-suq biex jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali jkunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx sas-27 ta' Diċembru 2010 kif ġej: "Tużax f'apparat ta' żebgħa bl-isprej.".
►M21 56. Metilendifenil diisoċjanat (MDI) Nru tal-CAS 26447-40-5 Nru tal-KE 247-714-0 inklużi l-isomeri speċifiċi li ġejjin: (a) 4,4'-Metilendifenil diisoċjanat: Nru tal-CAS 101-68-8 Nru tal-KE 202-966-0 (b) 2,4'-Metilendifenil diisoċjanat: Nru tal-CAS 5873-54-1 Nru tal-KE 227-534-9 (c) 2,2'-Metilendifenil diisoċjanat: Nru tal-CAS 2536-05-2 Nru tal-KE 219-799-4. ◄	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara s-27 ta' Diċembru 2010, bħala kostitwent ta' taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż tal-MDI biex jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali, sakemm l-imballaġġ: (a) ikollu ingwanti protettivi li jkunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (*******); (b) ikun immarkat b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kif ġej, u bla ħsara għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tas-sustanzi u t-taħlitiet: "— Persuni li diġà ġew f'kuntatt ma' diisocyanates jistgħu jiżviluppaw reazzjonijiet allerġiċi meta jużaw dan il-prodott. — Persuni li jbatu mill-ażma, mill-ekżema jew minn problemi tal-ġilda għandhom jevitaw il-kuntatt, inkluż il-kuntatt dermali, ma' dan il-prodott. — Dan il-prodott ma għandux jintuża taħt kundizzjonijiet ta' ventilazzjoni ħażina sakemm ma tintużax maskla protettiva b'filtru tal-gass xieraq (jiġifieri tip A1 skont l-istandard EN 14387)." 2. B'deroga, il-paragrafu 1(a) ma japplikax għal adeżivi sħan li jinħallu. (*******) ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18.

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
57. Cyclohexane CAS Nru 110-82-7 KE Nru 203-806-2	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara s-27 ta' Ġunju 2010, biex jinbiegħ lill-pubbliku ġenerali, bħala kostitwent ta' kolla bbażata fuq in-neoprin f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż ta' f'pakketti ikbar minn 350 g. 2. Kolla bbażata fuq in-neoprin li jkollha cyclohexane u li ma tkunx konformi mal-paragrafu 1 ma għandhiex titqiegħed fis-suq biex tinbiegħ lill-pubbliku ġenerali wara s-27 ta' Diċembru 2010. 3. Bla ħsara għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-fornituri għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-kolla ta' kuntatt ibbażata fuq in-neoprin li jkollha cyclohexane f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż li jitqiegħdu fis-suq biex jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali jkunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx sas-27 ta' Diċembru 2010 kif ġej: "— Dan il-prodott ma għandux jintuża taħt kundizzjonijiet ta' ventilazzjoni ħażina. — Dan il-prodott ma għandux jintuża għat-tqegħid ta' twapet.".
58. Nitrat tal-ammonja (AN) CAS Nru 6484-52-2 KE Nru 229-347-8	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara s-27 ta' Ġunju 2010 bħala sustanza, jew f'taħlitiet li jkollhom iktar minn 28 % skont il-piż ta' nitroġenu fir-rigward tan-nitrat tal-ammonja, biex jintuża bħala fertilizzant solidu, waħdu jew kompost, sakemm il-fertilizzant ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tekniċi għall-fertilizzanti tan-nitrat tal-ammonja b'kontenut ta' nitroġenu għoli stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (********). ►M54 ———————— ◄ (********) ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

▼M6

59. Id-diklorometan CAS Nru 75-09-2 Nru tal-KE: 200-838-9	1. Prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom diklorometan f'konċentrazzjoni daqs jew akbar minn 0,1 % skont il-piż ma għandhomx: (a) jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba għall-provvista lill-pubbliku ġenerali jew lill-professjonisti wara s-6 ta' Diċembru 2010; (b) jitqiegħdu fis-suq għall-provvista lill-pubbliku ġenerali jew lill-professjonisti wara s-6 ta' Diċembru 2011;

▼M6

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(c) jintużaw minn professjonisti wara s-6 ta' Ġunju 2012. Għall-finijiet ta' din l-iskrizzjoni: (i) "professjonist" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, inklużi ħaddiema u ħaddiema li jaħdmu għal rashom, li fl-attività professjonali tagħhom jagħmlu xogħol ta' tqaxxir ta' żebgħa li ma jsirx fi stabbiliment industrijali; (ii) "stallazzjoni industrijali" tfisser faċilità li tintuża għall-attivitajiet ta' tqaxxir taż-żebgħa. 2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu fuq it-territorji tagħhom, u għal ċerti attivitajiet, l-użu minn professjonisti mħarrġa apposta ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom id-diklorometan u jistgħu jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa biex jiġu pprovduti lil dawn il-professjonisti. L-Istati Membri li jagħmlu użu minn din id-deroga għandhom jiddefinixxu miżuri xierqa għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza ta' dawk il-professjonisti li jużaw prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li jkun fihom id-diklorometan u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwarhom. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu r-rekwiżit li professjonist ikollu ċertifikat li jkun aċċettat minn Stat Membru fejn jaħdem dak il-professjonist, jew jipprovdi provi dokumentati oħrajn li jixhdu dan, jew li jkollu l-approvazzjoni b'xi mod ieħor mill-Istat Membru, ħalli jkun jista' juri t-taħriġ u l-kompetenza xierqa biex juża b'mod sigur prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li jkun fihom id-diklorometan. Il-Kummissjoni għandha tħejji lista tal-Istati Membri li għamlu użu minn din id-deroga f'dan il-paragrafu u jqegħduha għad-dispożizzjoni pubblika fuq l-Internet. 3. Professjonist li jibbenefika mid-deroga li jirreferi għaliha l-paragrafu 2, għandu jopera biss fl-Istati Membri li għamlu użu minn din id-deroga It-taħriġ li jirreferi għalih l-paragrafu 2 bħala minimu għandu jkopri: (a) l-għarfien, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji għas-saħħa, inkluż informazzjoni dwar alternattivi jew proċessi eżistenti li skont il-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom huma ta' anqas periklu għas-saħħa u s-sikurezza tal- ħaddiema; (b) l-użu ta' ventilazzjoni adegwata; (c) l-użu ta' tagħmir protettiv personali xieraq konformi mad-Direttiva 89/686/KEE. Min iħaddem u ħaddiema li jaħdmu għal rasu għandhom preferibbilment jissostitwixxi d-diklorometan b'aġent jew proċess kimiku li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu tiegħu, mhuwiex perikoluż, jew huwa inqas perikoluż, għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

▼M6

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	Il-professjonisti, fil-prattika, għandhom japplikaw kull miżura tas-sikurezza relevanti, inkluż l-użu ta' tagħmir protettiv personali. 4. Bla ħsara għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema, il-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom diklorometan f'konċentrazzjonijiet daqs jew akbar minn 0,1 % skont il-piż jistgħu jintużaw biss fi stallazzjonijiet industrijali jekk, bħala minimu, jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) ventilazzjoni effettiva fl-oqsma tal-ipproċessar kollha, b'mod partikulari għall-ipproċessar bit-tixrib u t-tnixxif ta' oġġetti mqaxxra: ventilazzjoni lokali tal-egżost fit-tankijiet tat-tqaxxir issupplimentata minn ventilazzjoni forzata f'dawn iz-zoni, biex jiġi minimizzat l-esponiment u biex tiġi żgurata l-konformità, fejn ikun teknikament possibbli, mal-limiti relevanti ta' esponiment fuq ix-xogħol; (b) miżuri biex tiġi minimizzata l-evaporazzjoni minn tankijiet għat-tqaxxir, li jinkludu: għotjien biex jgħattu t-tankijiet għat-tqaxxir ħlief waqt it-tgħabbija u l-ħatt; arranġamenti xierqa għat-tgħabbija u l-ħatt ta' tankijiet għat-tqaxxir; u tankijiet għall-ħasil bl-ilma jew b'ilma mielaħ biex jitneħħa s-solvent żejjed wara l-ħatt; (c) miżuri biex jiġi mmaniġġjat b'mod sigur id-diklorometan f'tankijiet għat-tqaxxir li jinkludu: pompi u sistema ta' pajpijiet biex jittrasferixxu prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa mit-tankijiet u għal ġo fihom; u arranġamenti xierqa biex jitnaddfu t-tankijiet u jitneħħa r-residwu bla perikli; (d) tagħmir ta' protezzjoni personali li jikkonforma mad-Direttiva 89/686/KEE u li jkun jinkludi: ingwanti protettivi, maskli tas-sikurezza u lbies protettiv xierqa; kif ukoll tagħmir ta' respirazzjoni protettiv xieraq għal fejn il-konformità mal-limiti relevanti ta' esponiment fuq ix-xogħol ma tkunx jista' tinkiseb b'xi mod ieħor; (e) informazzjoni, tagħlim u taħriġ adegwati għall-operaturi fl-użu ta' dan it-tagħmir. 5. Bla ħsara għal dispożizzjonijiet Komunitarji oħra li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet, sa mhux aktar tard mis-6 ta' Diċembru 2011 il-prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa li fihom konċentrazzjoni ta' diklorometan daqs jew akbar minn 0,1 % skont il-piż għandhom jiġu mmarkati b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx kif ġej: "Ristrett għall-użu industrijali u għall-professjonisti approvati f'ċerti Stati Membri tal-UE – ivverifika fejn jista' jintuża."

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
▼M12	
60. Akrilammid CAS Nru 79-06-1	M'għandhux jitqiegħed fis-suq jew jintuża bħala sustanza jew kostitwent ta' taħlitiet f'konċentrazzjoni, daqs jew ogħla minn 0,1 % bħala piż għal applikazzjonijiet tal-mili tal-fili wara l-5 ta' Novembru 2012.
▼M16	
61. Id-dimetilfumarat (DMF) Nru CAS 624-49-7 KE 210-849-0	Ma għandux jintuża f'oġġetti jew f'ebda parti ta' oġġetti b'konċentrazzjoni ta' qawwa iżjed minn 0,1 mg/kg. L-oġġetti jew kwalunkwe parti ta' oġġett li jkun fihom id-DMF b'konċentrazzjoni ta' qawwa iżjed minn 0,1 mg/kg ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.
▼M20	
62. (a) Aċetat tal-fenilmerkurju Nru KE: 200-532-5 Nru tal-CAS: 62-38-4 (b) Propjonat tal-fenilmerkurju Nru KE: 203-094-3 Nru tal-CAS: 103-27-5 (c) Fenilmerkurju 2-etileżanoat Nru KE: *236-326-7* Nru tal-CAS: *13302-00-6* (d) Ottanoat tal-fenilmerkurju Nru KE: - Nru tal-CAS: 13864-38-5 (e) Neodekanoat tal-fenilmerkurju Nru KE: 247-783-7 Nru tal-CAS: 26545-49-3	1. Ma għandhomx jiġu manifatturati, jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet wara l-10 ta' Ottubru 2017 jekk il-konċentrazzjoni tal-merkurju fit-taħlitiet tkun ekwivalenti għal 0,01 % bil-piż jew akbar minn hekk. 2. L-oġġetti jew kwalunkwe parti ta' oġġett li jkun fihom waħda minn dawn is-sustanzi ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-10 ta' Ottubru 2017 jekk il-konċentrazzjoni tal-merkurju fl-oġġetti jew kwalunkwe parti minnhom tkun ekwivalenti għal 0,01 % bil-piż jew akbar minn hekk.
▼M18	
63. Ċomb Nru CAS 7439-92-1 Nru KE 231-100-4 u l-komposti tiegħu	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw fi kwalunkwe parti individwali tal-oġġetti tal-ġojjellerija jekk il-konċentrazzjoni taċ-ċomb (espress bħala metall) fi kwalunkwe parti tkun 0,05 % jew aktar bil-piż. 2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1: (i) "oġġetti ta' ġojjellerija" għandhom jinkludu ġojjellerija u oġġetti ta' imitazzjoni ta' ġojjellerija u aċċessorji tax-xagħar, inklużi; (a) brazzuletti, ġiżirajjen u ċrieket; (b) ġojjellerija li ttaqqab; (c) arloġġi tal-idejn u oġġetti li jintlibsu madwar il-polz; (d) labar tal-ilbies u tal-pulzieri; (ii) "kwalunkwe parti individwali" għandha tinkludi materjali li minnhom hija magħmula l-ġojjellerija, kif ukoll il-komponenti individwali tal-oġġetti ta' ġojjellerija. 3. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-partijiet individwali meta mqiegħda fis-suq jew użata sabiex issir il-ġojjellerija minnha. 4. B'deroga, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal: (a) ħġieġ tal-kristall kif iddefinit fl-Anness I (il-kategoriji 1, 2, 3 u 4) mad-Direttiva tal-Kunsill 69/493/KEE (*);

▼**M18**

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(b) komponenti interni ta' arloġġi tal-idejn inaċċessibbli għall-konsumaturi; (c) ħaġar prezzjuż u semiprezzjuż mhux sintetiku jew rikostitwit (kodiċi NM 7103, kif stabbilit mir-Regolament (KEE) Nru 2658/87), sakemm ma jkunx ġie ttrattat biċ-ċomb jew bil-komposti tiegħu jew taħlitiet li fihom dawn is-sustanzi; (d) enamel, definit bħala taħlit vitrifikabbli li jirriżulta minn fużjoni, vitrifikazzjoni jew sinterizzazzjoni ta' minerali maħlula f'temperatura ta' mill-anqas 500 °C.
	5. B'deroga, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal oġġetti ta' ġojjellerija mqiegħda fis-suq għall-ewwel darba qabel id-9 ta' Ottubru 2013 u oġġetti ta' ġojjellerija prodotti qabel l-10 ta' Diċembru 1961.
	►**M31** 6. Sad-9 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni għandha tevalwa mill-ġdid il-paragrafi 1 sa 5 ta' din l-entrata fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku l-ġdid, inkluż id-disponibbiltà tal-alternattivi u l-migrazzjoni taċ-ċomb mill-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u, jekk ikun xieraq, għandha timmodifika din l-entrata kif xieraq. ◄
	►**M31** 7. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw f'oġġetti fornuti lill-pubbliku inġenerali, jekk il-konċentrazzjoni taċ-ċomb f'dawk l-oġġetti jew fil-partijiet aċċessibbli tagħhom (mogħtija bħala metall) tkun ta' 0,05 % skont il-piż jew iktar minn hekk, u jekk it-tfal ikunu jistgħu jqiegħdu dawk l-oġġetti jew il-partijiet aċċessibbli tagħhom f'ħalqhom f'kundizzjonijiet normali jew raġonevolment prevedibbli tal-użu. Dak il-limitu ma għandux japplika fejn ikun jista' jintwera li r-rata tar-rilaxx taċ-ċomb mit-tali oġġett jew minn kwalunkwe parti aċċessibbli tal-oġġett bħal din, kemm jekk tkun miksija u kemm jekk ma tkunx, ma tkunx taqbeż iż-0,05 μg/cm^2 fis-siegħa (li hija ekwivalenti għal 0,05 μg/g/h), u, għall-oġġetti miksija, li l-kisja hija biżżejjed biex ikun żgurat li din ir-rata ta' rilaxx ma tinqabiżx għal perjodu ta' mill-inqas sentejn ta' kondizzjonijiet ta' użu normali jew raġonevolment previdibbli tal-oġġett. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, qed jitqies li t-tfal jistgħu jqiegħdu f'ħalqhom oġġett jew parti aċċessibbli ta' oġġett jekk din tkun iżgħar minn 5 cm f'dimensjoni waħda jew jekk din ikollha parti li tinqala' jew parti ħierġa 'l barra ta' dan id-daqs.
	8. B'deroga, il-paragrafu 7 ma għandux japplika għal: a. l-oġġetti tal-ġojjellerija koperti mill-paragrafu 1.

▼**M18**

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	b. il-ħġieġ tal-kristall kif iddefinit fl-Anness I (il-kategoriji 1, 2, 3 u 4) tad-Direttiva 69/493/KEE; c. il-ħaġar prezzjuż u semiprezzjuż mhux sintetiku jew rikostitwit (tal-kodiċi tan-NM 7103, kif stabbilit mir-Regolament (KEE) Nru 2658/87), sakemm ma jkunx ġie ttrattat biċ-ċomb jew bil-komposti tiegħu jew b'taħlitiet li fihom dawn is-sustanzi; d. l-enamel, iddefinit bħala taħlitiet li jistgħu jsiru ħġieġ li jkunu ġejjin mill-fużjoni, mill-vitrifikazzjoni jew mis-sinterizzazzjoni ta' mineral maħlul f'temperatura ta' mill-anqas 500 °C; e. iċ-ċwievet u s-serraturi, inklużi l-katnazzi; f. l-istrumenti mużikali; g. l-oġġetti u l-partijiet ta' oġġetti li jkun fihom ligi tar-ram isfar, jekk il-konċentrazzjoni taċ-ċomb fil-liga tar-ram isfar (mogħtija bħala metall) ma taqbiżx iż-0,5 % skont il-piż; h. il-ponot tal-istrumenti tal-kitba; i. l-oġġetti reliġjużi; j. il-batteriji portabbli tal-karbonju-żingu u l-batteriji ċellulari f'forma ta' buttuna; k. l-oġġetti li jaqgħu fi ħdan l-ambitu ta': (i) id-Direttiva 94/62/KE; (ii) ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004; (iii) id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**); (iv) iid-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) 9. Sal-1 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni għandha tevalwa mill-ġdid il-paragrafi 7 u 8(e), (f), (i) u (j) ta' din l-entrata fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku l-ġdid li jkun hemm, inkluż id-disponibbiltà tal-alternattivi u l-migrazzjoni taċ-ċomb mill-oġġetti msemmija fil-paragrafu 7, inkluż ir-rekwiżit dwar l-integrità tal-kisi, u, jekk ikun xieraq, għandha temenda din l-entrata kif xieraq. 10. B'deroga, il-paragrafu 7 ma għandux japplika għall-oġġetti mqiegħda fis-suq għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Ġunju 2016. ◄ (*) ĠU L 326, 29.12.1969, p. 36. ►**M31** (**) Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1). (***) Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikoluži fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88). ◄

▼**M18**

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	►**M63** 11. Wara l-15 ta' Frar 2023 kull wieħed minn dawn l-atti li ġejjin hu pprojbit fl-artijiet mistagħdra jew f'distanza ta' 100 metru lil hinn minnhom: (a) l-isparar ta' pritkuni li fihom konċentrazzjoni ta' ċomb (espress bħala metall) ta' 1 % jew iżjed tal-piż tagħhom; (b) il-ġarr ta' kull pritkuna ta' dan it-tip waqt ħarġa għall-isparar f'artijiet mistagħdra jew f'ħarġa li tkun parti minn ħarġa għall-isparar f'artijiet mistagħdra. Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu: (a) "inqas minn 100 metru bogħod minn art mistagħdra" tfisser inqas minn 100 metru bogħod mill-konfini kollha ta' barra ta' art mistagħdra; (b) "l-isparar f'artijiet mistagħdra" tfisser l-isparar f'artijiet mistagħdra jew fil-konfini ta' 100 metru lil hinn minnhom; (c) jekk persuna tinstab li tkun qed iġġorr il-pritkuni f'artijiet mistagħdra jew fil-konfini ta' 100 metru lil hinn minnhom meta tkun ħarġet biex tispara, jew bħala parti minn ħarġa biex isir sparar, għandu jkun preżunt li dan l-isparar qed isir f'artijiet mistagħdra sakemm dik il-persuna ma tkunx tista' tagħti provi li kien tip ieħor ta' sparar. Ir-restrizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika fi Stat Membru jekk dak l-Istat Membru javża lill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 12 li biħsiebu jieħu l-għażla mogħtija f'dak il-paragrafu. 12. Jekk Stat Membru jkun fih 20 % mit-total tat-territorju tiegħu, minbarra l-ilmijiet territorjali, li jkunu artijiet mistagħdra, dak l-Istat Membru jista', minflok ir-restrizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 11, jipprojbixxi dawn l-atti li ġejjin fit-territorju kollu tiegħu mill-15 ta' Frar 2024: (a) it-tqegħid fis-suq ta' pritkuni li fihom konċentrazzjoni ta' ċomb (espress bħala metall) ta' 1 % jew iżjed tal-piż tagħhom; (b) l-isparar ta' kull pritkuna ta' dan it-tip; (c) il-ġarr ta' pritkuni ta' dan it-tip waqt ħarġa fejn se jsir sparar jew f'ħarġa li tkun parti minn ħarġa biex isir sparar.

▼**M18**

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	Kull Stat Membru li biħsiebu jieħu l-għażla mogħtija fl-ewwel subparagrafu għandu javża lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu sal-15 ta' Awwissu 2021. L-Istat Membru għandu jibgħat it-test tal-miżuri nazzjonali li jkun adotta lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ sal-15 ta' Awwissu 2023. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tippubblika kull avviż ta' intenzjoni u t-testi tal-miżuri nazzjonali li tirċievi. 13. Għall-finijiet tal-paragrafi 11 u 12: (a) "artijiet mistagħdra" tfisser żoni ta' bur, mgħaddra, torbiera jew ilma, kemm jekk ikunu naturali, kif ukoll artifiċjali, permanenti jew temporanji, li jkun fihom ilma qiegħed jew ġieri, ħelu, salmastru jew mielaħ, inklużi ż-żoni tal-ilma baħar li l-fond tagħhom meta l-ilma jkun baxx ma jkunx iktar minn sitt metri; (b) "pritkuni" tfisser il-pritkuni li jintużaw jew li huma maħsubin biex jintużaw f'karga waħda jew fi skartoċċ f'senter; (c) "senter" tfisser arma tan-nar b'kanna lixxa, minbarra l-ixkubetti tal-arja; (d) "sparar" tfisser kull sparar b'senter; (e) "il-ġarr" tfisser kull ġarr fuq il-persuna jew il-ġarr jew trasportazzjoni b'kull mezz ieħor; (f) biex jiġi ddeterminat jekk persuna li tinqabad bil-pritkuni tkunx qed iġġorr il-pritkuni "bħala parti minn ħarġa għall-isparar": (i) għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ; (ii) il-persuna li tinqabad bil-pritkuni mhijiex bilfors l-istess persuna li tkun qed tispara. 14. L-Istati Membri jistgħu jżommu d-dispożizzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent jew tas-saħħa tal-bniedem u dispożizzjonijiet li jirrestrinġu aktar milli stipulat fil-paragrafu 11 l-użu taċ-ċomb fil-pritkuni li jkunu diġà fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2021. L-Istat Membru għandu jibgħat it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tippubblika kull test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li tirċievi. ◄

▼M5

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
▼M27	
64. 1,4-diklorobenżen Nru CAS 106-46-7 Nru tal-KE 203-400-5	Ma għandux jitqiegħed fis-suq jew jintuża, bħala sustanza jew bħala kostitwent ta' taħlitiet f'konċentrazzjoni ugwali għal 1 % jew aktar skont il-piż, meta s-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq biex tintuża bħala prodott li jfewwaħ l-arja jew prodott ta' fwieħa fit-tojlits, djar, uffiċċji jew żoni pubbliċi fuq ġewwa oħra.
▼M38	
65. Imluħa tal-ammonju inorganiku	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, f'taħlitiet ta' iżolament magħmula miċ-ċelluloża jew f'oġġetti għall-iżolament magħmula miċ-ċelluloża wara l-14 ta' Lulju 2018 sakemm l-emissjonijiet ta' ammonju minn dawk it-taħlitiet jew oġġetti ma jirriżultawx f'konċentrazzjoni ta' inqas minn 3 ppm skont il-volum (2,12 mg/m^3) taħt il-kondizzjonijiet ta' ttestjar speċifikati fil-paragrafu 4. Fornitur ta' taħlita ta' iżolament magħmula miċ-ċelluloża li fiha imluħa tal-ammonju inorganiku għandu jinforma lid-destinatarju jew lill-konsumatur dwar irrata ta' tagħbija massima permissibbli tat-taħlita ta' iżolament magħmula miċ-ċelluloża, espressa bħala ħxuna u densità. Utent aħħari ta' taħlita ta' iżolament magħmula miċ-ċelluloża li fiha imluħa tal-ammonju inorganiku għandu jiżgura li r-rata ta' tagħbija massima permissibbli komunikata mill-fornitur ma tinqabiżx. 2. B'deroga, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għat-tqegħid fis-suq ta' taħlitiet ta' iżolament magħmula miċ-ċelluloża maħsuba biex jintużaw biss għall-produzzjoni ta' oġġetti għall-iżolament magħmula miċ-ċelluloża, u lanqas ma għandu japplika għall-użu ta' dawk it-taħlitiet fil-produzzjoni ta' oġġetti għall-iżolament magħmula miċ-ċelluloża. 3. Fil-każ ta' Stat Membru li, fl-14 ta' Lulju 2016, ikollu fis-seħħ miżuri nazzjonali provviżorji li jkunu ġew awtorizzati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 129(2)(a), id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw minn dik id-data. 4. Il-konformità mal-valur ta' limitu tal-emissjonijiet speċifikat fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tintwera skont l-Ispeċifikazzjoni Teknika CEN/TS 16516, adattata kif ġej: (a) it-test għandu jsir għal perjodu ta' mill-inqas 14-il jum minflok ta' 28 jum;

▼M38

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(b) l-emissjonijiet ta' gass tal-ammonju għandhom jitkejlu mill-inqas darba kuljum tul il-perjodu ta' ttestjar; (c) il-valur ta' limitu tal-emissjonijiet ma għandux jintlaħaq jew jinqabeż tul il-perjodu ta' ttestjar; (d) l-umdità relattiva għandha tkun ta' 90 % minflok ta' 50 %; (e) għandu jintuża metodu xieraq għall-kejl tal-emissjonijiet ta' gass tal-ammonju; (f) ir-rata ta' tagħbija, espressa bħala ħxuna u densità, għandha tiġi rreġistrata waqt il-kampjunar tat-taħlitiet jew tal-oġġetti għall-iżolament magħmula miċ-ċelluloża.
▼M40 66. Bisfenol A Nru tal-CAS 80-05-7 Nru tal-KE 201-245-8	Ma għandux jitqiegħed fis-suq f'karta termali f'konċentrazzjoni ugwali għal jew ta' iktar minn 0,02 % skont il-piż wara t-2 ta' Jannar 2020.
▼M61 _____	
_____	
▼M48 ▼C7 69. Metanol Nru CAS 67-56-1 Nru KE 200-659-6	Ma għandux jitqiegħed fis-suq għall-pubbliku ġenerali wara d-9 ta' Mejju 2019 fi fluwidi għall-ħasil tal-windskrin jew biex titneħħa l-ġlata, f'konċentrazzjoni ta' 0,6 % bil-piż jew aktar.
▼M46 70. Ottametilċiklotetrasilossan (D4) Nru CAS 556-67-2 Nru KE 209-136-7 Dekametilċiklopentasilossan (D5) Nru CAS 541-02-6 Nru KE 208-764-9	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq fil-prodotti kosmetiċi li jitlaħalħu bl-ilma f'konċentrazzjoni ugwali jew aktar minn 0,1 % skont il-piż ta' kull sustanza, wara l-31 ta' Jannar 2020. 2. Għall-finijiet ta' din l-entrata, "prodotti kosmetiċi li jitlaħalħu bl-ilma" tfisser prodotti kosmetiċi kif definiti fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 li, f'kundizzjonijiet normali ta' użu, jitlaħalħu bl-ilma wara l-applikazzjoni.
▼M47 71. 1-metil-2-pirrolidon (NMP) Nru tal-CAS 872-50-4 Nru tal-KE 212-828-1	1. Ma għandhiex titqiegħed fis-suq bħala sustanza waħidha jew f'taħlitiet f'konċentrazzjoni ta' 0,3 % jew aktar wara d-9 ta' Mejju 2020 sakemm il-manifatturi, l-importaturi u l-utenti downstream ma jkunux inkludew fir-rapporti dwar is-sigurtà kimika u l-iskedi ta' dejta ta' sigurtà, il-Livelli Derivati ta' Bla Effett (DNELs) fir-rigward tal-esponiment tal-ħaddiema ta' 14,4 mg/m^3 għall-esponiment permezz tan-nifs u 4,8 mg/kg/jum għall-esponiment permezz tal-ġilda. 2. Ma għandux jiġi manifatturat, jew ma għandux jintuża, bħala sustanza waħidha jew f'taħlitiet f'konċentrazzjoni ta' 0,3 % jew aktar wara d-9 ta' Mejju 2020 sakemm il-manifatturi u l-utenti downstream ma jkunux ħadu l-miżuri xierqa għall-ġestjoni tar-riskji u ma jkunux ipprovdew il-kundizzjonijiet operattivi xierqa biex jiżguraw li l-esponiment tal-ħaddiema jkun taħt id-DNELs speċifikati fil-paragrafu 1.

▼M47

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	3. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-obbligi stabbiliti fihom għandhom japplikaw mid-9 ta' Mejju 2024 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq għall-użu, jew fir-rigward tal-użu, bħala solvent jew sustanza reattiva fil-proċess tal-kisi tal-wajers.

▼M50

72. Is-sustanzi elenkati fil-kolonna 1 tat-Tabella fl-Appendiċi 12	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara l-1 ta' Novembru 2020 fi kwalunkwe oġġett minn dawn li ġejjin: (a) ħwejjeġ jew aċċessorji relatati, (b) tessuti ħlief ħwejjeġ li, b'kundizzjonijiet normali jew raġonevolment previdibbli ta' użu, jiġu f'kuntatt mal-ġilda tal-bniedem sa livell simili għall-ħwejjeġ, (c) żraben, jekk il-ħwejjeġ, l-aċċessorju relatat, it-tessut għajr ħwejjeġ jew iż-żarbun jintuża mill-konsumaturi u s-sustanza hija preżenti f'konċentrazzjoni, imkejla f'materjal omoġenju, ugwali jew aktar minn dik speċifikata għal dik is-sustanza fl-Appendiċi 12. 2. Permezz ta' deroga, fir-rigward tat-tqegħid fis-suq tal-formaldeid [CAS Nru 50-00-0] fil-ġkieket, fil-kowtijiet jew fit-tapizzerija, il-konċentrazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-paragrafu 1 għandhom ikunu 300 mg/kg matul il-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2020 u l-1 ta' Novembru 2023. Il-konċentrazzjoni speċifikata fl-Appendiċi 12 għandha tapplika minn hemm 'il quddiem. 3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal: (a) ħwejjeġ, aċċessorji relatati jew żraben, jew partijiet minn ħwejjeġ, aċċessorji relatati jew żraben, li jkunu magħmula esklussivament mill-ġilda, mill-fer jew mill-ġlud ħoxnin naturali; (b) qfieli mhux magħmulin mit-tessuti u aċċessorji dekorattivi mhux magħmulin mit-tessuti; (c) ħwejjeġ użati, aċċessorji relatati, tessuti ħlief ħwejjeġ jew żraben (d) twapet minn ħajt sa ħajt u kisi tal-art tat-tessuti għall-użu fuq ġewwa, raggs u runners. 4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-ħwejjeġ, l-aċċessorji relatati, it-tessuti għajr ħwejjeġ jew iż-żraben fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

▼M50

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	5. Il-paragrafu 1(b) ma għandux japplika għat-tessuti mhux riutilizzabbli. "Tessuti mhux riutilizzabbli" tfisser tessuti li huma mfassla biex jintużaw darba biss jew għal żmien limitat u li mhumiex maħsuba għal użu sussegwenti għall-istess skop jew skop simili. 6. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe restrizzjoni aktar stretta stabbilita f'dan l-Anness jew f'leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni. 7. Il-Kummissjoni għanda tirrieżamina l-eżenzjoni fil-paragrafu 3(d) u, jekk xieraq, timmodifika dak il-punt kif meħtieġ. (*) Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51). (**) Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

▼M53

73. (3,3,4,4,5,5,6,6,7,7,8,8,8-tridekafluworoottil) silanetrijol Kwalunkwe derivattivi mono-, di- jew tri-O-(alkil) tiegħu (TDFAs)	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq għall-forniment tal-pubbliku ġenerali wara t-2 ta' Jannar 2021 individwalment jew fi kwalunkwe kombinazzjoni, f'konċentrazzjoni ugwali għal 2 ppb jew ogħla minn hekk skont il-piż tat-taħlitiet li fihom solventi organiċi, fi prodotti tal-isprejjar. 2. Għall-fini ta' din l-entrata, "prodotti tal-isprejjar" tfisser dispensaturi tal-aerosol, sprejs bil-pompa u sprejs bil-grillu, ikkummerċjalizzati għall-proofing jew għal-applikazzjonijiet ta' imprenjati bl-isprej. 3. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet perikoluż, l-imballaġġ ta' prodotti tal-isprejjar li fihom it-(3,3,4,4,5,5,6,6,7,7,8,8,8-tridekafluworoottil) silanetrijol u/jew TDFAs flimkien ma' solventi organiċi kif imsemmi fil-paragrafu 1 u li jitqiegħdu fis-suq għal użu professjonali għandhom ikunu mmarkati b'mod leġibbli u li ma jitħassarx: "għall-utenti professjonali biss" u "Fatali jekk jiġi inalat" bil-pittogramma GHS06. 4. It-Taqsima 2.3 tal-Iskedi tad-Data dwar is-Sikurezza għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja: "taħlitiet ta' (3,3,4,4,5,5,6,6,7,7,8,8,8-tridekafluworoottil) silanetrijol u/jew kwalunkwe derivattivi mono-, di- jew tri-O-(alkil) tiegħu f'konċentrazzjoni ugwali għal 2 ppb jew ogħla minn hekk, u solventi organiċi fi prodotti tal-isprejjar, huma għal utenti professjonali biss u huma mmarkati 'Fatali jekk jiġu inalati'."

▼M53

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	5. Is-solventi organiċi msemmija fil-paragrafi 1, 3, u 4 jinkludu solventi organiċi użati bħala propellanti tal-aerosols.

▼M59

74. Diisoċjanati, O = C=N-R-N = C=O, meta R tkun unità tal-idrokarburi alifatiċi jew aromatiċi ta' tul mhux speċifikat	1. Ma għandhomx jintużaw bħala sustanzi waħedhom, bħala kostitwent f'sustanzi oħra jew f'taħlitiet għal użu/i industrijali u professjonali wara l-24 ta' Awwissu 2023, ħlief jekk: (a) il-konċentrazzjoni tad-diisoċjanati individwalment u f'kombinazzjoni tkun inqas minn 0,1 % skont il-piż, jew (b) min iħaddem jew min jaħdem għal rasu jiżgura li l-utent(i) industrijali jew professjonali jkunu temmew b'suċċess it-taħriġ dwar l-użu sikur tad-diisoċjanati, qabel l-użu tas-sustanza/i jew tat-taħlita/iet. 2. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq bħala sustanzi waħedhom, bħala kostitwent f'sustanzi oħra jew f'taħlitiet għal użu/i industrijali u professjonali wara l-24 ta' Frar 2022, ħlief jekk: (a) il-konċentrazzjoni tad-diisoċjanati individwalment u f'kombinazzjoni tkun inqas minn 0,1 % skont il-piż, jew (b) il-fornitur jiżgura li r-riċevitur tas-sustanza/i jew tat-taħlita/iet jiġi pprovdut b'informazzjoni dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 u d-dikjarazzjoni li ġejja titqiegħed fuq l-imballaġġ, b'mod li tingħaraf viżibbilment mill-bqija tal-informazzjoni tat-tikketta: "Mill-24 ta' Awwissu 2023 huwa meħtieġ taħriġ adegwat qabel l-użu industrijali jew professjonali". 3. Għall-fini ta' din l-entrata, "utent(i) industrijali u professjonali" tfisser kwalunkwe ħaddiem jew ħaddiem li jaħdem għal rasu li jimmanipula d-diisoċjanati waħedhom, bħala kostitwent f'sustanzi oħra jew f'taħlitiet għal użu/i industrijali u professjonali jew li jissorvelja dawn il-kompiti. 4. It-taħriġ imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu jinkludi l-istruzzjonijiet għall-kontroll tal-esponiment mill-ġilda u min-nifs għad-diisoċjanati fuq il-post tax-xogħol mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valur ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali nazzjonali jew għal kwalunkwe miżura xierqa ta' ġestjoni tar-riskju fil-livell nazzjonali. Tali taħriġ għandu jitwettaq minn espert dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali b'kompetenza miksuba mit-taħriġ vokazzjonali rilevanti. Dak it-taħriġ għandu jkopri bħala minimu: (a) l-elementi ta' taħriġ fil-punt (a) tal-paragrafu 5 għal kull użu/i industrijali u professjonali.

▼M59

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(b) l-elementi ta' taħriġ fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 5 għall-użi li ġejjin: — il-manipulazzjoni ta' taħlitiet aperti f'temperatura ambjentali (inklużi tunnels tal-foam); — l-isprejjar f'kabina vventilata; — l-applikazzjoni bir-romblu; — l-applikazzjoni bil-pinzel; — l-applikazzjoni bit-tgħaddis u bit-tferrigħ; — it-trattament mekkaniku ta' segwitu (eż. qtugħ) ta' oġġetti li għadhom ma bbiesux u li ma għadhomx sħan; — it-tindif u l-iskart; — kwalunkwe użu ieħor b'esponiment simili permezz tal-ġilda u/jew tan-nifs; (c) l-elementi ta' taħriġ fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 5 għall-użi li ġejjin: — il-manipulazzjoni ta' oġġetti li għadhom ma bbiesux (eż. ikunu għadhom kif ibbiesu u li għadhom sħan); — l-applikazzjonijiet tal-funderiji; — il-manutenzjoni u t-tiswija li teħtieġ aċċess għal tagħmir; — il-manipulazzjoni fl-apert ta' formulazzjonijiet sħan jew sħan ħafna (> 45 °C); — l-isprejjar fl-apert, b'ventilazzjoni limitata jew b'ventilazzjoni naturali biss (inklużi swali tax-xogħol industrijali kbar) u l-isprejjar b'enerġija għolja (eż. foams, elastomeri); — u kwalunkwe użu ieħor b'esponiment simili permezz tal-ġilda u/jew tan-nifs. 5. Elementi tat-taħriġ: (a) it-taħriġ ġenerali, inkluż it-taħriġ online, dwar: — il-kimika tad-diisoċjanati; — ir-riskji ta' tossiċità (inkluż it-tossiċità akuta) — l-esponiment għad-diisoċjanati; — il-valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali; — kif tista' tiġi żviluppata s-sensitizzazzjoni; — ir-riħa bħala indikazzjoni tal-periklu; — l-importanza tal-volatilità għar-riskju; — il-viskożità, it-temperatura u l-piż molekulari tad-diisoċjanati;

▼M59

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
